Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' April 2022
(OR. en)

8091/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0112(NLE)

ECOFIN 326
CADREFIN 50
UEM 61
FIN 424

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż l-anness imsemmi hawn fuq għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzoni tal-Kunsill dwar il-Proposta tal-Kummissjoni COM (2022) 172.

ANNESS

TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u tal-Investimenti

A. KOMPONENT NRU 1: L-EDUKAZZJONI U L-ĦILIET

Dan il-komponent tal-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u l-effettività tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Jinkludi żewġ riformi u erba' investimenti, li jkopru l-oqsma li ġejjin:

- l-aċċess għall-edukazzjoni: il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi u ta' ċentri taż-żgħażagħ fit-territorju, l-implimentazzjoni ta' forom ta' apprendiment mill-bogħod u ibridi, u l-inklużjoni progressiva tat-tfal ta' erba' snin fis-sistema edukattiva;
- l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-promozzjoni ta' oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM) fl-iskejjel tal-Bulgarija: l-aġġornament tal-kurrikuli u l-kostruzzjoni taċ-ċentri STEM, inklużi l-laboratorji tal-iskejjel;
- ir-rilevanza tal-ħiliet u l-apprendiment għall-adulti: ir-riforma tal-oqfsa regolatorji għall-edukazzjoni u għat-taħriġ ogħla u vokazzjonali u l-iżvilupp ta' pjattaforma online għall-apprendiment għall-adulti marbuta mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż sabiex tittejjeb l-impjegabbiltà billi jittejbu l-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali u biex jitjieb l-aċċess ugwali u jiżdiedu l-kwalità, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-inklużività tal-edukazzjoni u tat-taħriġ (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 4 tal-2019 u nru 2 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C1.R1): Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li żżid il-kwalità u l-aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ. Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' pakkett leġiżlattiv, li għandu jinkludi:

1. emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u l-Edukazzjoni fl-Iskejjel, inkluża l-leġiżlazzjoni sekondarja. L-emendi għandhom jintroduċu: reviżjonijiet fil-kurrikuli, b'enfasi fuq suġġetti tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM); forom ibridi addizzjonali ta' apprendiment, li jikkombinaw għażliet wiċċ imb wiċċ u mill-bogħod; kif ukoll l-inklużjoni obbligatorja ta' tfal ta' erba' snin fl-edukazzjoni preprimarja, li għandha tiġi implimentata progressivament u titlesta sas-sena skolastika 2023/2024;
2. emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi, li għandu jespandi l-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni fit-taħriġ u jintroduċi għażliet ġodda għat-taħriġ u għall-validazzjoni tal-kompetenzi;

3. emendi għall-qafas regolatorju għall-edukazzjoni u għat-taħriġ vokazzjonali (VET), li għandhom jintroduċu bidliet fil-lista ta' professjonijiet għall-VET u fil-programmi tagħhom, f'konformità mal-ħtiġijiet tal-kompetenzi professjonali, inkluż fis-setturi ekoloġiċi u diġitali.

Ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni li jkun fih il-miżuri li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qafas Strateġiku għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni, tat-Taħriġ u tal-Apprendiment fir-Repubblika tal-Bulgarija (2021-2030). Dan il-Qafas Strateġiku għandu jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-iżvilupp tas-sistema edukattiva Bulgara sal-2030 u jipprovdi rakkomandazzjonijiet, b'enfasi partikolari fuq l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għal gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom;

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Riforma Nru 2 (C1.R2): Riforma tal-edukazzjoni għolja

L-objettiv tar-riforma huwa li tittejjeb l-effettività tal-edukazzjoni għolja madwar it-territorju tal-Bulgarija.

Ir-riforma tinkludi:

1. id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja. L-emendi għandhom jinkludu l-introduzzjoni ta' eżenzjoni mit-tariffi għal studenti li jiffirmaw ftehim ta' taħriġ ma' impjegatur; programmi ġodda mmirati lejn setturi b'nuqqasijiet mistennijin fis-suq tax-xogħol; kif ukoll sistema aġġornata ta' akkreditazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
2. l-adozzjoni tal-Mappa Nazzjonali tal-Edukazzjoni Għolja, li għandha tipprovdi analiżi tal-offerta tal-edukazzjoni għolja u tar-riżorsi disponibbli fit-territorju kollu;
3. l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni li jkun fih il-miżuri li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni Għolja fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030. L-Istrateġija għandha tistabbilixxi objettivi ewlenin u tagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jitrawwem l-aċċess għal edukazzjoni għolja ta' kwalità, tiżdied ir-rilevanza tal-edukazzjoni għolja għas-suq tax-xogħol u tiġi promossa r-riċerka, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' networks internazzjonali ta' riċerka.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment Nru 1 (C1.I1): Ċentri STEM u innovazzjoni fl-edukazzjoni

Dan l-investiment jikkomplementa r-riforma nru 1 "Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja". L-objettiv tal-investiment huwa li jiġu mmodernizzati l-għodod tal-apprendiment u li jittejjeb l-apprendiment fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM) fl-iskejjel tal-Bulgarija, permezz tal-kostruzzjoni u/jew tar-rinnovazzjoni ta' ċentru STEM nazzjonali u ta' tliet ċentri STEM reġjonali, kif ukoll permezz tal-istabbiliment ta' aktar laboratorji STEM fl-iskejjel, inklużi klassijiet tat-teknoloġija avvanzata, li huma mistennijin jikkomplementaw il-miżuri tal-programm nazzjonali "Il-bini ta' ambjent STEM fl-Iskejjel".

Il-laboratorji STEM fl-iskejjel, inklużi l-klassijiet tat-teknoloġija avvanzata, huma mistennijin jippromwovu l-litteriżmu diġitali u jtejbu l-metodi ta' tagħlim tas-suġġetti STEM. Iċ-ċentru STEM nazzjonali huwa mistenni jaġixxi bħala unità ċentralizzata li tiżviluppa l-kontenut, l-għodod u l-metodoloġiji sabiex jiġi appoġġat it-taħriġ kemm tal-għalliema kif ukoll tal-istudenti. It-tliet ċentri reġjonali huma mistennijin jappoġġaw it-taħriġ tal-għalliema u tal-istudenti, kif ukoll jorganizzaw konferenzi, kungressi u seminars.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 2 (C1.I2): Il-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi

Dan l-investiment jikkomplementa r-riforma nru 1 “Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja”. L-investiment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni u fir-rinnovazzjoni ta’ faċilitajiet edukattivi. Dawn il-faċilitajiet edukattivi għandhom jinkludu l-kindergartens, l-iskejjel, inklużi l-iskejjel vokazzjonali sekondarji tat-tieni livell, id-dormitorji tal-istudenti u l-kampusijiet universitarji.

Il-postijiet tal-infrastrutturi edukattivi mibnijin ġodda u tal-infrastrutturi edukattivi eżistenti li għandhom jiġu rrinnovati għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta’ kriterji oġġettivi, b’mod partikolari l-prijoritajiet nazzjonali ddikjarati fl-Istrateġiji Nazzjonali, u, fejn rilevanti, analiżi tal-ħtiġijiet edukattivi fit-territorju kollu u dokumenti rilevanti oħrajn, bħal Mapep u Metodoloġiji adottati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xjenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment Nru 3 (C1.I3): Il-forniment ta’ taħriġ fil-ħiliet diġitali u t-twaqqif ta’ pjattaforma għall-apprendiment għall-adulti

Dan l-investiment jikkomplementa r-riforma nru 1 “Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja”. L-objettiv tal-investiment huwa li jitjiebu l-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, b’enfasi fuq il-ħiliet diġitali. Dan għandu jinkiseb billi jiġu stabbiliti pjattaforma diġitali u riżorsi elettroniċi, sabiex jiġi promoss l-użu tal-apprendiment mill-bogħod għall-adulti. L-investiment għandu jikkonsisti f’żewġ partijiet:

1. Investiment sekondarju nru 1: pjattaforma għall-apprendiment elettroniku għall-adulti

Il-pjattaforma għall-apprendiment elettroniku għall-adulti għandha toffri aċċess għal korsijiet online u għal riżorsi ta’ apprendiment. Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni b’ħiliet diġitali baxxi u n-nuqqas ta’ konnessjoni mal-internet, dan l-investiment sekondarju għandu jinkludi wkoll l-istabbiliment ta’ network ta’ għaqdiet diġitali fil-pajjiż kollu u mgħammrin b’laptops u forniti b’biżżejjed persunal, u b’hekk jippermettu lill-utenti jaċċessaw il-pjattaforma diġitali għall-apprendiment għall-adulti mingħajr ħlas. L-għaqdiet diġitali għandhom ikunu jinsabu f’infrastrutturi eżistenti, bħal bini amministrattiv, ċentri ta’ informazzjoni reġjonali, libreriji, u Direttorati tal-Uffiċċji tax-Xogħol.

2. Investiment sekondarju nru 2: It-taħriġ dwar il-ħiliet diġitali

It-tieni investiment sekondarju għandu jkopri l-forniment ta’ taħriġ għall-ħiliet diġitali. It-taħriġ għandu jkun mingħajr ħlas u jkopri l-ħiliet diġitali bażiċi u medji, konsistenti mal-Qafas Ewropew għall-Kompetenzi Diġitali DigComp2.1, għall-persuni qiegħda u għall-persuni impjegati. It-tlestija b’suċċess tat-taħriġ għandha tiġi kkonfermata permezz ta’ ċertifikat.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment Nru 4 (C1.I4): Ċentri taż-żgħażagħ

L-objettiv tal-investiment huwa li jrawwem il-ħiliet taż-żgħażagħ, li jinkludu l-litteriżmu diġitali, intraprenditorjali u finanzjarju, sabiex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, fosthom dawk minn gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom. Dan l-investiment għandu jinkludi:

- il-kostruzzjoni ta’ ċentri taż-żgħażagħ madwar it-territorju kollu. Il-postijiet taċ-ċentri taż-żgħażagħ għandhom jinkludu bliet distrettwali u mhux distrettwali u għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta’ kriterji rilevanti, b’mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ u s-sehem ta’ żgħażagħ minn gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom;
- l-istabbiliment u l-kostruzzjoni ta’ ċentru ta’ fokus nazzjonali, li huwa mistenni jikkoordina l-attivitajiet u jistabbilixxi l-objettivi taċ-ċentri taż-żgħażagħ.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

A.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
1	C1.R1: Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u l-Edukazzjoni fl-Iskejjel u għal-leġiżlazzjoni sekondarja.	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u fl-Iskejjel u għal-leġiżlazzjoni sekondarja				Q4	2020	L-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u fl-Iskejjel u għal-leġiżlazzjoni sekondarja għandhom jinkludu: - l-aġġornament tal-kurrikuli ewlenin u tas-sillabu tal-STEM kif ġej: l-introduzzjoni ta' ħiliet ġodda tal-IT (ikkowdjar) fil-klassijiet tal-livelli ħamsa-sebgħa; iż-żieda fis-sigħat tal-matematika fil-klassijiet tal-livelli ħamsa-sebgħa; iż-żieda fis-sigħat tal-ġeografija u tal-ekonomija fil-klassi sitta; - opportunitajiet addizzjonali ta' apprendiment mill-bogħod, inklużi forom ibridi ta' apprendiment li jikkombinaw l-apprendiment wiċċ imb wiċċ u dak online; - l-inklużjoni ta' tfal ta' erba' snin fil-programm obbligatorju tal-edukazzjoni preprimarja. L-emenda għandha tipprovdi għal introduzzjoni gradwali tal-inklużjoni obbligatorja li għandha titlesta mhux aktar tard mis-sena skolastika 2023/2024.
2	C1.R1: Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi				Q4	2022	L-emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi għandhom: - jintroduċu l-possibbiltà li t-taħriġ vokazzjonali jiġi kkombinat mal-parteċipazzjoni f'kors ta' taħriġ għal persuni ta' aktar minn 16-il sena; - l-introduzzjoni tal-għażla li jiġu vvalidati l-ħiliet professjonali u l-kompetenzi ewlenin miksubin permezz ta' apprendiment mhux formali jew awtoapprendiment; - Iżidu l-flessibbiltà tal-opportunitajiet ta' taħriġ, inkluż billi jżidu l-offerta ta' taħriġ online.
3	C1.R1: Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja	Objettiv Intermedju	Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni, tat-Taħriġ u tal-Apprendiment fir-Repubblika tal-Bulgarija	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q4	2022	Il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni, tat-Taħriġ u tal-Apprendiment fir-Repubblika tal-Bulgarija (2021-2030) għandu jifformula miżuri u azzjonijiet, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, sabiex jiġu indirizzati l-objettivi tal-Qafas Strateġiku. L-objettivi tal-Qafas Strateġiku għandhom jinkludu:

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			(2021-2030)							- aċċess aħjar għal edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal minn gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom; - kopertura akbar tat-tfal fis-sistema edukattiva; - l-introduzzjoni ta' sistema riveduta tal-kwalifiki tal-għalliema u ta' prattiki effettivi ta' ġestjoni tal-istituzzjonijiet edukattivi; - l-innovazzjoni fl-iskejjel, b'enfasi fuq it-trasformazzjoni diġitali u fuq l-iżvilupp sostenibbli. Qabel l-adozzjoni, il-pjan ta' azzjoni għandu jkun ġie rrieżaminat minn Kunsill Konsultattiv responsabbli għall-monitoraġġ u għar-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku.
4	C1.R1: Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas regolatorju fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas regolatorju fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali				Q3	2023	L-emendi għall-qafas regolatorju għall-edukazzjoni u għat-taħriġ vokazzjonali (VET), f'konformità mal-ħtiġijiet tal-kompetenzi professjonali, inkluż fis-setturi ekoloġiċi u diġitali, għandhom: - jaġġornaw il-lista ta' professjonijiet għall-VET u l-istandards, il-pjanijiet u l-programmi edukattivi tal-Istat għall-kisba ta' kwalifika professjonali; - jaġġornaw il-kontenut tal-apprendiment u l-programmi ta' taħriġ, inkluż billi jintroduċu sistemi ta' taħriġ f'kooperazzjoni mal-impjegaturi (bħall-Apprendiment Imsejjes fuq ix-Xogħol) u l-VET Doppju; jintroduċu offerti ta' taħriġ flessibbli, inklużi offerti ta' taħriġ online.
5	C1.R2: Riforma tal-edukazzjoni għolja	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja				Q1	2020	L-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja għandhom: - jintroduċu sistema riveduta ta' akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll l-istatus ta' "Università tar-Riċerka"; - jippermettu l-eżenzjoni mit-tariffi fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tal-istat għal studenti jew għal gradwati reċenti li jiffirmaw ftehim ta' taħriġ ma' impjegatur;

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										- jaġġornaw il-lista ta' "speċjalizzazzjonijiet protetti" fuq il-bażi ta' nuqqasijiet mistennijin fis-suq tax-xogħol; - jintroduċu l-possibbiltà li jiġu konklużi sa żewġ ftehimiet bejn l-iskejjel ogħla tal-istat u l-iskejjel tal-istat jew muniċipali fis-sistema tal-edukazzjoni preprimarja u fl-iskejjel. Il-ftehimiet huma mistennijin jippromwovu l-kisba ta' taħriġ speċjalizzat fl-edukazzjoni sekondarja.
6	C1.R2: Riforma tal-edukazzjoni għolja	Objettiv Intermedju	Mappa Nazzjonali tal-Edukazzjoni Għolja	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q3	2021	Il-Mappa Nazzjonali tal-Edukazzjoni Għolja għandha tappoġġa l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-offerta tal-edukazzjoni għolja madwar it-territorju. Il-mappa għandha tipprovdi analiżi li tkopri: - id-distribuzzjoni territorjali tal-offerta ta' edukazzjoni għolja fir-Repubblika tal-Bulgarija, inkluża informazzjoni dwar l-iżviluppi soċjoekonomiċi u tas-suq tax-xogħol nazzjonali u reġjonali; - ir-riżorsi disponibbli fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, inklużi l-persunal akkademiku u l-istudenti.
7	C1.R2: Riforma tal-edukazzjoni għolja	Objettiv Intermedju	Pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni Għolja fir-Repubblika tal-Bulgarija (2021-2030)	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q4	2022	Il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni Għolja fir-Repubblika tal-Bulgarija (2021-2030) għandu jifformula miżuri u azzjonijiet, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, sabiex jindirizza l-objettivi tal-istrateġija. L-objettivi tal-istrateġija għandhom ikopru: - l-iżvilupp ta' mekkaniżmu għall-aġġornar ta' kurrikuli eżistenti u għall-iżvilupp ta' kurrikuli ġodda; - reviżjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-ammissjoni sussidjata kkontrollata mill-Istat lil istituzzjonijiet pubbliċi tal-edukazzjoni għolja. Il-bidliet għandhom isiru f'konformità mal-iżviluppi nazzjonali u reġjonali tas-suq tax-xogħol;

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										- it-titjib tar-riċerka u l-promozzjoni ta' edukazzjoni għolja bl-iżvilupp ta' networks xjentifiċi; - l-introduzzjoni ta' speċjalizzazzjonijiet u ta' programmi addizzjonali f'edukazzjoni għolja b'diplomi doppji; - l-istabbiliment ta' ċentri ta' taħriġ għall-apprendiment tul il-ħajja fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja
8	C1.I1: Ċentri STEM u innovazzjoni fl-edukazzjoni	Objettiv Intermedju	L-istabbiliment taċ-ċentru STEM nazzjonali	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tindika l-istabbiliment taċ-ċentru STEM nazzjonali				Q4	2022	Ir-responsabbiltajiet ewlenin taċ-ċentru STEM nazzjonali għandhom jinkludu: - l-organizzazzjoni ta' taħriġ għall-għalliema u għal professjonisti pedagoġiċi oħrajn; - l-iżvilupp ta' materjal ta' apprendiment u t-twaqqif u l-manutenzjoni ta' portal u ta' librerija elettroniċi b'riżorsi edukattivi disponibbli għall-pubbliku; - il-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-attivitajiet tal-istudenti fl-oqsma STEM, inkluża l-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet olimpiċi xjentifiċi.
9	C1.I1: Ċentri STEM u innovazzjoni fl-edukazzjoni	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għall-forniment ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni għaċ-ċentri STEM nazzjonali u reġjonali u għal-laboratorji STEM fl-iskejjel	Il-kuntratti ffirmati				Q4	2023	Il-kuntratturi għandhom jintgħażlu wara proċeduri ta' akkwist pubbliku b'suċċess. Il-kuntratti għandhom ikopru: - xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni għaċ-ċentru STEM nazzjonali u għat-tliet ċentri STEM reġjonali; - xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni għal-laboratorji STEM fl-iskejjel, inklużi klassijiet tat-teknoloġija avvanzata.
10	C1.I1: Ċentri STEM u innovazzjoni fl-edukazzjoni	Mira	Il-finalizzazzjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' rinnovazzjoni għaċ-ċentru STEM nazzjonali u għat-tliet ċentri STEM reġjonali		Numru	0	4	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju 9), għandhom jiġu ffinalizzati x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni għaċ-ċentru STEM nazzjonali u għat-tliet ċentri STEM reġjonali. Barra minn hekk, it-tagħmir u l-apparati għandhom jiġu kkonsenjati u installati f'kull ċentru.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
11	C1.I1: Ċentri STEM u innovazzjoni fl-edukazzjoni	Mira	Skejjel b'laboratorji STEM mibnijin ġodda u/jew mgħammrin, inklużi klassijiet tat-teknoloġija avvanzata		Numru	0	2 243	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju 9), għandhom jiġu ffinalizzati x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' rinnovazzjoni tal-laboratorji STEM, inklużi l-klassijiet tat-teknoloġija avvanzata. Dan għandu jkopri - ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'1980 skola. - ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni f'263 skola oħra. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkonsenjati u installati t-tagħmir u l-apparati tat-teknoloġija avvanzata.
12	C1.I2: Il-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għall-forniment ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni għall-faċilitajiet edukattivi	Il-kuntratti ffirmati				Q3	2023	Il-kuntratturi għandhom jintgħażlu wara proċeduri ta' akkwist pubbliku b'suċċess. Il-kuntratt għandu jkopri: - ir-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti ta' 57 kindergarten u ta' 59 skola; - ir-rinnovazzjoni ta' 24 skola vokazzjonali sekondarja tat-tieni livell; - xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal tmien skejjel ġodda u għal tmien kindergartens ġodda; - rinnovazzjonijiet ta' 23 dormitorju - xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal tliet kampusijiet tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja.
13	C1.I2: Il-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi	Mira	Finalizzazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-iskejjel u tal-kindergartens		Numru	0	140	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 12), għandhom jiġu ffinalizzati attivitajiet ta' rinnovazzjoni f'57 kindergarten, f'59 skola u f'24 skola vokazzjonali sekondarja tat-tieni livell. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkonsenjati u installati t-tagħmir u l-għamara.
14	C1.I2: Il-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi	Mira	Il-finalizzazzjoni tal-kostruzzjoni tal-kindergartens u tal-iskejjel		Numru	0	16	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 12), l-attivitajiet ta' kostruzzjoni għal tmien kindergartens u għal tmien skejjel għandhom jiġu ffinalizzati u għandhom jiksbu Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) tal-anqas 20 % anqas mir-rekwiżit ta' NZEB (bini b'użu ta' kważi żero enerġija, direttivi nazzjonali).

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
15	C1.I2: Il-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi	Mira	Il-finalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' rinnovazzjoni fid-dormitorji tal-istudenti		Numru	0	23	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 12), għandhom jiġu ffinalizzati l-attivitajiet ta' rinnovazzjoni fi 23 dormitorju.
16	C1.I2: Il-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi	Mira	Il-finalizzazzjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u/jew ta' rinnovazzjoni tal-kampusijiet		Numru	0	3	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 12), għandhom jiġu ffinalizzati x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni ta' tliet kampusijiet. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni jistgħu jinkludu bankini, żoni għall-persuni mixjin, għar-roti u għall-parkeġġ tal-karozzi, żoni sportivi fuq barra u fuq ġewwa.
17	C1.I3: Il-forniment ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali u t-twaqqif ta' pjattaforma għall-apprendiment għall-adulti	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għall-iżvilupp tal-pjattaforma għall-apprendiment elettroniku għall-adulti	Il-kuntratti ffirmati				Q2	2023	Il-kuntratturi għandhom jintgħażlu wara proċeduri ta' akkwist pubbliku b'suċċess. Il-kuntratt għandu jkopri l-iżvilupp tal-pjattaforma għall-apprendiment elettroniku għall-adulti. Il-funzjonalitajiet tal-pjattaforma għandhom jinkludu: - għażliet ta' taħriġ sinkroniku u mhux sinkroniku; - modulu online għar-reġistrazzjoni ta' forniturі u ta' parteċipanti tat-taħriġ; - reġistri online ta' persuni li temmew b'suċċess taħriġ billi kisbu ċertifikat, u ta' persuni li jivvalidaw b'suċċess il-ħiliet diġitali tagħhom billi jiksbu ċertifikat; - librerija ta' kontenut offline; - katalgu online tal-korsijiet ta' taħriġ disponibbli
18	C1.I3: Il-forniment ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali u t-twaqqif ta' pjattaforma għall-apprendiment għall-adulti	Mira	Għaqdiet diġitali kompletament operazzjonali		Numru	0	760	Q3	2024	L-għaqdiet diġitali għandhom jipprovdu aċċess mingħajr ħlas għall-pjattaforma għall-apprendiment elettroniku għall-adulti (l-objettiv intermedju nru 17) u l-korsijiet ta' taħriġ online tagħha. L-għaqdiet għandhom: - ikunu miftuħin għall-pubbliku u mingħajr ħlas; - ikollhom persunal u jkunu mgħammrin b'kompjuters li jiżguraw konnessjoni mal-pjattaforma għall-apprendiment elettroniku għall-adulti. Barra minn hekk, il-persunal tal-għaqdiet għandu jkun irċieva taħriġ sabiex jappoġġa l-attivitajiet tal-għaqdiet.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
19	C1.I3: Il-forniment ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali u t-twaqqif ta' pjattaforma għall-apprendiment għall-adulti	Objettiv Intermedju	Pjattaforma kompletament operazzjonali għall-apprendiment elettroniku għall-adulti	Pjattaforma żviluppata u disponibbli għall-pubbliku				Q3	2024	Il-pjattaforma għall-apprendiment elettroniku għall-adulti għandha tinkludi l-moduli li jimplimentaw il-funzjonalitajiet deskritti fl-objettiv intermedju 17.
20	C1.I3: Il-forniment ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali u t-twaqqif ta' pjattaforma għall-apprendiment għall-adulti	Mira	Għadd ta' persuni b'ċertifikat fil-ħiliet diġitali miksubin permezz tal-parteċipazzjoni f'taħriġ		Numru	0	200 000	Q2	2024	Sabiex tingħadd lejn il-kisba tal-mira, persuna qiegħda jew impjegata reġistrata jeħtiġilha tkun kisbet ċertifikat tal-ħiliet diġitali, li jattesta livell bażiku u/jew medju ta' ħiliet diġitali, wara li tkun attendiet taħriġ fil-ħiliet diġitali.
21	C1.I3: Il-forniment ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali u t-twaqqif ta' pjattaforma għall-apprendiment għall-adulti	Mira	Numru ta' persuni b'ċertifikat fil-ħiliet diġitali miksubin permezz tal-parteċipazzjoni fit-taħriġ		Numru	200 000	500 000	Q2	2026	Sabiex tingħadd lejn il-kisba tal-mira, persuna qiegħda jew impjegata reġistrata jeħtiġilha tkun kisbet ċertifikat tal-ħiliet diġitali, li jattesta livell bażiku u/jew medju ta' ħiliet diġitali, wara li tkun attendiet taħriġ fil-ħiliet diġitali.
22	C1.I4: Ċentri taż-żgħażagħ	Mira	Il-finalizzazzjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' rinnovazzjoni għaċ-ċentri taż-żgħażagħ u għal ċentru ta' fokus nazzjonali		Numru	0	21	Q1	2025	Wara l-proċeduri ta' akkwist pubbliku b'suċċess, għandhom jiġu ffinalizzati x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' rinnovazzjoni għal 10 ċentri taż-żgħażagħ li jinsabu f'ċentri distrettwali, għal 10 ċentri taż-żgħażagħ li jinsabu f'ċentri mhux distrettwali u għal ċentru ta' fokus nazzjonali wieħed.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
23	C1.I4: Ċentri taż-żgħażagħ	Mira	Studenti/żgħażagħ reġistrati f'tal-anqas waħda mill-attivitajiet taċ-ċentri taż-żgħażagħ.		Numru	0	19 500	Q2	2026	Għandhom jirreġistraw f'tal-anqas waħda mill-attivitajiet taċ-ċentri taż-żgħażagħ, inkluż taħriġ jew konsulenza fi grupp 19 500 żagħżugħ u żagħżugħa (taħt id-29 sena), fosthom dawk minn gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom. Barra minn hekk, 4 700 żagħżugħ u żagħżugħa, inklużi fil-mira ta' 19 500, għandhom ikunu temmew b'suċċess eżami tal-kompetenza diġitali wara li jipparteċipaw f'taħriġ fiċ-ċentri taż-żgħażagħ.

B. KOMPONENT NRU 2: RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Il-komponent tar-Riċerka u Innovazzjoni tal-RPP Bulgaru fih miżuri mmirati lejn it-titjib tal-output tal-innovazzjoni tal-Bulgarija, u b'hekk l-ixprunar tat-tkabbir ekonomiku tagħha fuq terminu medju u twil. Il-komponent fih riforma li għandha l-għan li tenfasizza r-riċerka u l-innovazzjoni bħala prijorità ċara tal-iżvilupp futur tal-pajjiż u l-ġbir flimkien tar-riżorsi nazzjonali u tal-UE sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni kurrenti tal-ekosistema. L-elementi ewlenin tar-riforma huma: l-adozzjoni ta' Att dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni u l-istabbiliment tal-Bord ta' Innovazzjoni. Il-komponent jinkludi wkoll investimenti sabiex titrawwem il-prestazzjoni fir-riċerka u fl-innovazzjoni tal-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u tan-negozju innovattiv. L-investimenti jintroduċu mezzi ġodda ta' finanzjament sabiex jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni u jtejbu l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi.

Il-miżuri inklużi fil-komponent jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni 3 speċifika għall-pajjiż tal-2019 ("Enfasi fuq il-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq ir-riċerka u fuq l-innovazzjoni") u r-rakkomandazzjoni 3 speċifika għall-pajjiż tal-2020 ("Simplifikazzjoni u aċċellerazzjoni tal-proċeduri sabiex jiġi pprovdut appoġġ effettiv lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju u lil dawk li jaħdmu għal rashom").

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C2.R1): Politika komuni għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni.

L-objettiv tar-riforma huwa li trawwem koordinazzjoni tal-politika effiċjenti fil-fażijiet kollha tar-riċerka u tal-innovazzjoni u li tixpruna l-eżitu tal-innovazzjoni fil-Bulgarija. Dan se jsir permezz tal-ħolqien ta' ekosistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni li tiżgura rabtiet mill-qrib bejn l-akkademja u s-setturi tan-negozju.

Ir-riforma għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni u tal-atti leġiżlattivi relatati;

L-Att dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni għandu:

- jiddefinixxi l-parametri leġiżlattivi tal-politika nazzjonali għall-iżvilupp u għall-finanzjament tar-riċerka u tal-innovazzjoni;
- jirregola r-rwol u r-responsabbiltajiet ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet involuti fil-proċess tat-tfassil tal-politika, tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni;
- jirregola l-attivitajiet tat-trasferiment tat-teknoloġija;
- jemenda l-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, filwaqt li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bank Dinji riċevuti fir-rapport tal-pajjiż

dwar it-trasferiment tal-għarfien,[1] kif ukoll fuq ir-rakkomandazzjonijiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka[2].

It-tħejjija tal-Att għandha titwettaq bl-involviment tal-ministeri, tal-aġenziji, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u r-rappreżentanti tas-settur privat.

- L-istabbiliment tal-Bord għall-Innovazzjoni;

Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jkun korp konsultattiv għall-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xjenza u l-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir, kopresedut miż-żewġ ministri.

Il-membri tal-Bord għall-Innovazzjoni għandhom jintgħażlu fost xjenzati u rappreżentanti tan-negozju tal-Bulgarija u internazzjonali. Il-Bord għandu jinkludi tal-anqas 17-il rappreżentant tas-settur tan-negozju. Dawn għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċedura trasparenti u jinħatru għal perjodu ta' mill-inqas 5 snin.

Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jkun permanenti u jiltaqa' tal-anqas 6 darbiet fis-sena. Huwa għandu jagħti pariri lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xjenza u lill-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Investiment Nru 1 (C2.I1): Programm sabiex jiġu aċċellerati l-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi permezz tar-riċerka u permezz tal-innovazzjoni

L-objettiv tal-investiment huwa li jtejjeb il-prestazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-Bulgarija u l-effettività tat-trasferiment tat-teknoloġija u jrawwem il-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-universitajiet tar-riċerka fil-Bulgarija; l-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' sistema ta' finanzjament effettiva ta' attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni li tippremja l-proposti ta' proġetti minn impriżi żgħar u ta' daqs medju innovattivi u minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

L-investiment għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

- Il-finanzjament ta' 38 proġett minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Bulgari li ngħataw it-tikketta tal-kwalità "Siġill ta' Eċċellenza" fil-qafas ta' Orizzont Ewropa;
- Il-finanzjament ta' 10 proġett mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tal-Bulgarija li ngħataw evalwazzjoni għolja "ogħla mil-limitu" (jiġifieri aktar minn 10 punti) mill-Kummissjoni Ewropea, iżda li ma rċivewx finanzjament mill-baġit Ewropew fil-qasam "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u Tixrid tal-Eċċellenza" tal-FP Orizzont Ewropa;
- Finanzjament għal żewġ Presidenti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER);
- Il-finanzjament tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' innovazzjoni minn disa' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tar-riċerka fil-Bulgarija.

[1] "Enhancing the Contribution of Bulgaria's Public Research to Innovation: A Survey-based Diagnostic BULGARIA COUNTRY NOTE", Il-Bank Dinji, 2020.
[2] "Strategic Evaluation of the Bulgarian Centres of Competence and Centres of Excellence and Recommendations for their Further Development", iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, 2021.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[3]; (ii) attivitajiet u assi skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassrin li ma humiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[4]; (iii) attivitajiet u assi relatati mal-landfills tal-iskart, mal-inċineraturi[5] u mal-impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[6]; u (iv) attivitajiet u assi meta r-rimi tal-iskart ikun jista' jikkawża ħsara lill-ambjent fit-tul; u
- jirrikjedi li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet u assi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 2 (C2.I2): Il-bini tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi

L-investiment għandu l-għan li jtejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi (BAS). L-investiment jinkludi proġetti sabiex:
- tiġi mmodernizzata l-infrastruttura fiżika u diġitali tal-BAS u b'mod partikolari sabiex jiġu rrinnovati żewġ binjiet;
- tiġi rrestawrata l-infrastruttura f'14-il post tal-BAS, jiġi aġġornat iċ-Ċentru Konġunt tal-Innovazzjoni;
- tiġi installata l-konnettività bil-fibra u jiġi varat network tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni Kwantistika (QCI) Ewropea.

Barra minn hekk, jinkludi l-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka sabiex jittejjeb l-output tal-innovazzjoni tal-BAS, b'enfasi partikolari fil-qasam tat-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali.

[3] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[4] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[5] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[6] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[7]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[8]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[9] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[10]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u
- jirrikjedi li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet u assi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

[7] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[8] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[9] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[10] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
24	C2.R1: Politika komuni għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni	Objettiv Intermedju	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-Att ġdid dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni u l-iskrinjar tal-emendi għal atti leġiżlattivi oħra meħtieġa	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tar-rapport finalizzat tal-Att dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni dwar il-ħtieġa ta' emendi għal atti leġiżlattivi oħra meħtieġa				Q2	2023	L-Att dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni (l-"Att") għandu jidħol fis-seħħ. L-Att għandu jistabbilixxi l-qafas leġiżlattiv tal-politika l-ġdida għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni. L-Att għandu: • jiddefinixxi l-parametri leġiżlattivi tal-politika nazzjonali għall-iżvilupp u għall-finanzjament tar-riċerka u tal-innovazzjoni; • jirregola r-rwol u r-responsabbiltajiet ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet involuti fil-proċess tat-tfassil tal-politika, tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni; • jiddefinixxi l-istrumenti u l-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tal-politika tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Fir-rigward tal-politika dwar it-trasferiment tat-teknoloġija, l-Att għandu jiddefinixxi: • il-prinċipji u r-regoli li jirregolaw l-iżvilupp u l-finanzjament tal-politika dwar it-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għarfien; • ir-rwol u l-funzjonijiet ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet involuti fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-politika għat-trasferiment tat-teknoloġija. L-Att għandu jissostitwixxi l-Att dwar il-Promozzjoni tar-Riċerka. L-Att għandu jemenda wkoll il-leġiżlazzjoni

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex tissaħħaħ il-koerenza tal-qafas nazzjonali għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u għat-trasferiment tat-teknoloġija filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Bank Dinji "Enhancing the Contribution of Bulgaria's Public Research to Innovation: A Survey-based Diagnostic BULGARIA COUNTRY NOTE", il-Bank Dinji, 2020 u fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka "Strategic Evaluation of the Bulgarian Centres of Competence and Centres of Excellence and Recommendations for their Further Development", iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, 2021. It-tħejjija tal-Att għandha titwettaq bl-involviment tal-ministeri, tal-aġenziji, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u r-rappreżentanti tas-settur privat. Ir-rapport dwar l-emendi għal atti leġiżlattivi oħrajn għandu jiġbor fil-qosor is-sejbiet ta' skrinjar eżawrjenti tal-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja rilevanti kollha, inkluż l-Att dwar l-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi, l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja, u l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Persunal Akkademiku, li jeħtieġu emendi għad-dħul fis-seħħ tal-Att dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni. Ir-rapport għandu jelenka l-atti leġiżlattivi li għandhom jiġu emendati, il-bidliet meħtieġa u skeda ta' żmien għall-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										emendi.
25	C2.R1: Politika komuni għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni	Objettiv Intermedju	L-istabbiliment tal-Bord għall-Innovazzjoni	Il-Bord għall-Innovazzjoni operazzjonali u l-ewwel laqgħa lesta. Ir-regolament intern tal-Bord ippubblikat				Q3	2023	Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jkun korp konsultattiv għall-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xjenza u l-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir, u kopresedut miż-żewġ ministri. Għandu jipproponi u jagħti pariri dwar politiki għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Il-membri tal-Bord għall-Innovazzjoni għandhom jintgħażlu fost xjenzati u rappreżentanti tan-negozju tal-Bulgarija u internazzjonali. Ir-rappreżentanti tas-settur tan-negozju għandhom jammontaw għal tal-anqas 1/3 mill-membri totali tal-Bord tal-Innovazzjoni. Il-membri kollha għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċedura trasparenti, u għandhom jinħatru għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin. Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jkun permanenti u r-regolament intern tiegħu għandu jispeċifika li jiltaqa' tal-anqas sitt darbiet fis-sena. Il-Bord għall-Innovazzjoni għandu jingħata l-kompitu li jappoġġa l-konsistenza tal-politika fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni ma' politiki u ma' strateġiji nazzjonali oħrajn, inklużi l-Pjan Integrat għall-Enerġija u għall-Klima, l-Istrateġija għall-Edukazzjoni Għolja, il-Pjan Direzzjonali Nazzjonali għat-Titjib tal-Potenzjal għall-Iżvilupp tat-Teknoloġiji tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Idroġenu, l-Istrateġija għall-Industrija 4.0. Il-mandat, il-kompożizzjoni, il-funzjoni u r-regoli interni tal-Bord għall-Innovazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fir-regolament intern tiegħu, li għandu jiġi ppubblikat.
26	C2.R1: Politika komuni għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni	Objettiv Intermedju	L-atti leġiżlattivi identifikati fir-rapport dwar l-emendi għal atti leġiżlattivi oħrajn emendati u mdaħħlin fis-seħħ/ atti leġiżlattivi sekondarji mdaħħlin fis-seħħ	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi kollha identifikati fir-rapport dwar l-emendi għal atti leġiżlattivi oħra (objettiv intermedju 24) u tal-atti leġiżlattivi sekondarji meħtieġa kollha marbuta mal-Att għar-Riċerka u l-Innovazzjoni				Q4	2024	L-atti leġiżlattivi rilevanti kollha identifikati fir-rapport dwar l-emendi għal atti leġiżlattivi oħrajn skont l-objettiv intermedju 24 għandhom jiġu emendati kif meħtieġ u jiddaħħlu fis-seħħ. L-atti leġiżlattivi sekondarji neċessarji kollha relatati mal-Att dwar ir-Riċerka u Innovazzjoni għandhom jiddaħħlu fis-seħħ.
27	C2.I1: Programm sabiex jiġu aċċellerati l-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi permezz tar-riċerka u permezz tal-innovazzjoni	Objettiv Intermedju	In-notifiki tal-għoti ta' proġetti minn SMEs innovattivi u minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u minn organizzazzjonijiet tar-riċerka	Notifika tal-għoti				Q2	2023	In-notifiki tal-għoti għandhom jintbagħtu għall-proposti tal-proġetti mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju innovattivi mogħtijin it-tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza u għall-proposti tal-proġetti mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għal Orizzont Ewropa. In-notifiki tal-għoti għandhom jintbagħtu għall-proposti ta' proġetti innovattivi minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u minn organizzazzjonijiet tar-riċerka Bulgari li ma rċivewx finanzjament Ewropew taħt it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u tat-tixrid tal-komponent ta' eċċellenza tal-Programm

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Qafas Ewropew għar-Riċerka u Innovazzjoni Orizzont Ewropa, jiġifieri l-Ġemellaġġ u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li tingħata prijorità lill-proġetti ekoloġiċi u diġitali kif ukoll li l-proġetti magħżulin jikkonformaw mal-Linji Gwida tekniċi "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-miżura u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-ambjent fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.
28	C2.I1: Programm sabiex jiġu aċċellerati l-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi permezz tar-riċerka u permezz tal-innovazzjoni	Mira	Il-proġetti mwettqin fis-sħuħija tagħhom minn SMEs innovattivi u minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u minn organizzazzjonijiet tar-riċerka		Numru	0	50	Q2	2026	Il-proġetti lesti f'konformità mar-rekwiżiti skont l-objettiv intermedju 27. Dawn għandhom jinkludu 38 proġett minn SMEs innovattivi, 10 proġetti ta' Ġemellaġġ, u żewġ Presidenti taż-ŻER.
29	C2.I1: Programm sabiex jiġu aċċellerati l-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi permezz tar-riċerka u permezz tal-innovazzjoni	Mira	L-iffirmar ta' kuntratti ma' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tar-riċerka		Numru	0	9	Q4	2022	L-iffirmar ta' kuntratti ma' 9 istituzzjonijiet ta' riċerka tal-edukazzjoni għolja fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri. Il-proċedura għall-għażla u għall-monitoraġġ sussegwenti tal-programmi ta' innovazzjoni, fuq il-bażi ta' rieżami bejn il-pari, għandha titwettaq minn kumitat ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni stabbilit fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xjenza. Kull kuntratt għandu jistabbilixxi l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										kundizzjonijiet għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu bil-fondi, fuq il-bażi tal-programmi ta' innovazzjoni ppreżentati mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Dawn għandhom jiddeterminaw pjan konkret għall-iżvilupp tar-riċerka u għat-trasferiment tat-teknoloġija, u għandhom jispeċifikaw il-parteċipazzjoni f'network fost id-disa' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tar-riċerka, filwaqt li jqisu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-importanza ta' innovazzjonijiet ekoloġiċi.
30	C2.I1: Programm sabiex jiġu aċċellerati l-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi permezz tar-riċerka u permezz tal-innovazzjoni	Mira	Rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Innovazzjoni		Numru	0	9	Q4	2024	Ir-rapporti għandhom jippreżentaw ir-riżultati miksubin minn kull waħda mill-istituzzjonijiet ta' riċerka ta' edukazzjoni għolja. Ir-rapporti għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-attivitajiet implimentati u l-indikaturi miksubin għal kull sottoprogramm inklużi fl-aġendi strateġiċi ta' innovazzjoni ta' kull istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Ir-rapporti għandhom jiġu approvati minn Kumitat ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni. Il-membri tal-Kumitat għandhom iħejju rapport dwar il-progress ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ta' riċerka fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' innovazzjoni tagħhom u jipprovdu rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp futur tagħhom. Ir-rapporti għandhom jiġu ppubblikati.
31	C2.I2: Il-bini tal-kapaċitajiet ta'	Objettiv Intermedju	Ċentru Konġunt tal-Innovazzjoni aġġornat fi ħdan l-	Ċentru Konġunt tal-Innovazzjoni aġġornat operazzjonali				Q1	2023	L-aġġornament taċ-Ċentru għandu jkun ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fil-Valutazzjoni

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi		Akkademja Bulgara tax-Xjenzi							Strateġika taċ-Ċentri ta' Kompetenza Bulgari u taċ-Ċentri ta' Eċċellenza u fuq ir-rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp ulterjuri tagħhom, 2021]. Iċ-Ċentru għandu jservi bħala punt fokali għall-Istituti tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi għall-kollegament ma' rappreżentanti tan-negozju. L-elementi ewlenin tal-aġġornament għandhom jinkludu: - żieda fin-numru u fil-kwalifika tal-persunal: erba' professjonisti, wieħed għal kull wieħed mill-oqsma ta' għarfien espert li ġejjin: id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjoni, wieħed għat-trasferiment tat-teknoloġija b'enfasi fuq teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali, wieħed għat-teknoloġija tal-informazzjoni, ir-relazzjonijiet man-negozju u mal-kollettittivi xjentifiċi u maċ-Ċentri ta' Eċċellenza u ta' Kompetenza; - l-istabbiliment ta' tliet kunsilli tax-Xjenza u tal-Innovazzjoni, kull wieħed bi speċjalizzazzjoni differenti u magħmul minn seba' membri, sabiex jiġu kkoordinati l-attivitajiet taċ-Ċentru. Għandhom ikunu responsabbli għall-għażla tal-proġetti ta' innovazzjoni u għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom; - it-twaqqif ta' portal elettroniku operazzjonali għall-komunikazzjoni man-negozji u mal-partijiet ikkonċernati.
32	C2.I2: Il-bini tal-kapaċitajiet ta'	Objettiv Intermedju	It-tnedija ta' network tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni	In-network kwantistiku u r-rotta ottika operazzjonali				Q2	2023	Il-varar tan-network tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni Kwantistika (QCI) Ewropea għandu jkopri t-tlestija tax-xogħlijiet u l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi		Kwantistika							operazzjonalizzazzjoni tar-rotta ottika tal-ewwel faži tal-QCI Ewropea. L-implimentazzjoni tan-Network Kwantistiku għandha tkun ibbażata fuq il-Pjan ta' Azzjoni tal-QCI Ewropea u fuq il-Pjan tal-QCI Nazzjonali.
33	C2.I2: Il-bini tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi	Objettiv Intermedju	Ir-rinnovazzjoni tal-infrastruttura tar-riċerka tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni lesti u l-liċenzja tal-operat u tal-kummissjonar maħruġa				Q3	2025	Ir-rinnovazzjoni għandha tkopri x-xogħlijiet li ġejjin: ir-rikostruzzjoni u t-titjib ta' bini tar-riċerka applikata (il-Blokka 12 fil-kampus f'BAN 4km); ir-rinnovazzjoni ta' bini ta' ċentru ta' dimostrazzjoni (b. 29a fil-kampus f'BAN 4km); ix-xiri ta' tagħmir tar-riċerka, ir-riabilitazzjoni ta' madwar 4 000 m² taż-żona tar-riċerka li tkopri 14-il istitut tar-riċerka; u t-titjib tal-kapaċità, tal-veloċità u tas-sigurtà tal-konnessjonijiet tal-internet (network tal-fibra b'veloċità għolja) u l-installazzjoni ta' pjattaforma tas-sigurtà kontra d-DDoS sabiex jiġi żgurat it-trasferiment rapidu u sikur ta' *data* kbira fi ħdan u bejn l-Istituti tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi.
34	C2.I2: Il-bini tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi	Mira	It-tlestija tal-proġetti ta' riċerka fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali		Numru	0	38	Q2	2026	Proġetti ta' riċerka lesti fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għal-Livell ta' Teknoloġika 7. L-għażla tal-proġetti għandha tkun miftuħa u kompetittiva u għandha titwettaq mill-Kunsilli Xjentifiċi u tal-Innovazzjoni maħluqin u bl-għajnuna ta' analizzaturi pari. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżulin jikkonformaw mal-Linji Gwida tekniċi "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										miżura u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-ambjent fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun ta' 9,14 miljun, bi 80 % (EUR 7,31 miljun) għal proġetti ta' tranżizzjoni ekoloġika u b'20 % (EUR 1,82 miljun) għal proġetti ta' trasformazzjoni diġitali.

C. KOMPONENT NRU 3: L-INDUSTRIJA INTELLIĠENTI

Il-komponent tal-Industrija Intelliġenti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija għandu l-għan li joħloq kundizzjonijiet favorevoli u jipprovdi inċentivi għall-investiment privat fil-Bulgarija. B'mod partikolari, il-komponent għandu l-għan li jattira l-investimenti industrijali u li jiżviluppa ekosistemi industrijali u li jappoġġa lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps) fil-modernizzazzjoni tat-teknoloġija tagħhom u fit-tranżizzjoni lejn prattiki tan-negozju ekoloġiċi, ċirkolari u orjentati lejn id-dominju diġitali.

Il-miżuri inklużi fil-komponent jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2019 ("Enfasi fuq il-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, […] u t-titjib tal-ambjent tan-negozju") u tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020 ("Simplifikazzjoni u aċċellerazzjoni tal-proċeduri sabiex jiġi pprovdut appoġġ effettiv lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lil dawk li jaħdmu għal rashom, filwaqt li jiġi żgurat ukoll l-aċċess kontinwu tagħhom għal finanzjament u għal arranġamenti ta' ħlas flessibbli" [...] Iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija u tar-riżorsi).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

- Riforma Nru 1 (C3.R1): Qafas legali sabiex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati ekosistemi industrijali

L-objettiv tar-riforma huwa li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-imprendituri, għall-investituri u għall-istituzzjonijiet tar-riċerka f'parks industrijali billi jiġi stabbilit qafas għall-iżvilupp ta' ekosistemi industrijali.

Dan għandu jinkiseb bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Parks Industrijali, li għandu jirregola l-appoġġ possibbli mill-Istat u l-inċentivi sabiex jiġi attirat l-investiment f'parks industrijali; jipprovdi għal tnaqqis tal-proċeduri meħtieġa għall-investiment industrijali; u jistabbilixxi l-istandards minimi għall-investimenti tal-parks industrijali sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ mill-Istat.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2021.

- Investiment Nru 1 (C3.I1): Programm ta' appoġġ pubbliku għall-iżvilupp ta' distretti industrijali, ta' parks industrijali u ta' territorji simili u l-attirar ta' investimenti ("AttractInvestBG")

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku, joħloq impjiegi ġodda u jżid il-kapaċità tal-esportazzjoni tal-pajjiż billi joħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-investituri fil-parks industrijali. L-investiment qiegħed jibni fuq ir-Riforma Nru 1.

L-investiment għandu jikkonsisti fi skema ta' għotjiet għall-provvista tal-infrastruttura fiżika, tar-riċerka u diġitali fil-parks industrijali.

Il-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir għandu jagħżel minimu ta' ħames parks industrijali jew żoni (ġodda, li qed jinbnew jew eżistenti) u l-operaturi tagħhom għall-appoġġ permezz ta' għotjiet. L-għażla għandha titwettaq fuq il-bażi ta' proċess pubbliku, miftuħ u kompetittiv, fuq il-bażi ta' kriterji tal-għażla ċari stabbiliti minn qabel. L-impatt ekonomiku u fuq l-impjiegi mistenni ta' kull park/żona (fuq il-bażi ta' analiżi) għandu jiġi inkluż fost il-kriterji tal-għażla ewlenin.

L-operaturi potenzjali li japplikaw għall-għotjiet għandhom jinkludu fl-applikazzjonijiet tagħhom strateġija ta' żvilupp u pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-park/għaż-żona industrijali, inkluż fost l-analiżijiet tal-kriterji tal-għażla dwar:

- L-impatt ekonomiku u fuq l-impjiegi mistenni ta' kull park/żona, inkluż l-impatt dirett u l-impatt fil-livell reġjonali jew nazzjonali;
- in-negozji diġà stabbiliti jew mistennijin li jistabbilixxu lilhom infushom fil-park/fiż-żona, fuq il-bażi ta' analiżi ċara;
- ix-xogħlijiet previsti fuq l-infrastruttura għal kull park/żona, f'livell kemm intern kif ukoll estern, b'baġit provviżorju.

Fit-tħejjija tal-applikazzjonijiet tagħhom, l-operaturi potenzjali mistennija jikkonsultaw lill-awtorità responsabbli taż-żona fejn jinsab il-park/iż-żona industrijali (muniċipalità, reġjun, oħrajn).

L-għotja għandha tappoġġa infrastruttura li għandha tkun disponibbli għall-kerrejja kollha tal-park/taż-żona u tinkludi infrastruttura teknika (bħal toroq, ilma u drenaġġ), kif ukoll infrastruttura interna komuni ekoloġika u innovattiva (bħal stazzjonijiet solari jew bini għal-laboratorji li għandhom jiġu rrinnovati mill-kerrejja tal-park/taż-żona industrijali).

Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jeżiġu li l-operaturi li jwettqu l-kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni mill-kostruzzjoni (eskluż materjal li jokkorri b'mod naturali definit fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni jitħejja għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u rkupru ieħor ta' materjal, inklużi operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid bl-użu ta' skart biex jissostitwixxi materjali oħra, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u mal-Protokoll tal-UE għall-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u tad-Demolizzjoni. L-operatur potenzjali għandu jillimita l-ġenerazzjoni tal-iskart waqt il-kostruzzjoni, f'konformità mal-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni u b'kont meħud tal-aqwa tekniki disponibbli, b'faċilitazzjoni tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja bit-tneħħija selettiva ta' materjali, bl-użu ta' sistemi ta' separazzjoni disponibbli għall-iskart tal-kostruzzjoni.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[11]; (ii) attivitajiet u assi skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassrin li ma humiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[12]; (iii) attivitajiet u assi

[11] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[12] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-

relatati mal-landfills tal-iskart, mal-inċineraturi[13] u mal-impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[14]; u (iv) attivitajiet u assi meta r-rimi tal-iskart ikun jista' jikkawża ħsara lill-ambjent fit-tul; u

- jirrikjedi li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet u assi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 2 (C3.I2): Programm ta' Trasformazzjoni Ekonomika

L-objettiv tal-Programm ta' Trasformazzjoni Ekonomika huwa li jappoġġa l-innovazzjoni u t-tkabbir tan-negozji Bulgari, b'mod partikolari billi jrawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħhom.

Il-programm għandu jappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja tal-Bulgarija permezz ta' strumenti finanzjarji u permezz ta' għotjiet. Il-programm għandu jikkonsisti fi tliet fondi:

Fond Nru 1 - Tkabbir u Innovazzjoni;

Fond Nru 2 - Tranżizzjoni Ekoloġika u Ekonomija Ċirkolari;

Fond Nru 3 - Newtralità Klimatika u Trasformazzjoni Diġitali.

Il-Fond Nru 1 għandu jkun magħmul mill-istrumenti li ġejjin:

- Investiment Nru 2.1.a - Strument ta' garanzija għat-tkabbir

L-istrument ta' garanzija għandu jiġi implimentat bħala kontribuzzjoni għal InvestEU bil-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) bħala sieħeb ta' implimentazzjoni. Billi jipprovdi garanzija tal-portafoll, l-istrument għandu l-għan li jtaffi l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-negozji fil-kisba ta' finanzjament ta' kreditu sabiex jirkupraw malajr mill-kriżi tal-COVID-19 u joħolqu opportunitajiet għall-espansjoni tan-negozji sabiex jinkisbu t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli. L-istrument ta' garanzija għandu jkun immirat lejn l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u għandu jkopri diversi prodotti finanzjarji, inklużi fondi ta' kapital operatorju, inklużi linji ta' kreditu rotanti, self għall-investiment, u lokazzjoni.

Sabiex jiġi żgurat li l-investiment jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Bulgaru għandu

- jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u

---

Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[13] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[14] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[15]; (ii) attivitajiet u assi skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[16].

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024 meta l-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU japprova operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira.

- Investiment Nru 2.1.b - Strumenti azzjonarji għat-tkabbir

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li jittaffa l-impatt negattiv ekonomiku dejjiemi tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-impriżi Bulgari. L-istrumenti għat-tkabbir tal-ekwità, inklużi l-fondi ta' kapital ta' riskju, il-fondi għat-tkabbir, il-fondi intermedji, il-fondi ta' tifdija u l-fondi ta' dejn privat, se jkunu pprovduti lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

L-istrumenti azzjonarji għandhom jiġu implimentati mill-FEI bħala sieħeb finanzjarju (sieħeb ta' implimentazzjoni) permezz ta' għoti dirett lill-FEI permezz ta' ftehim ta' finanzjament dedikat tal-RRF li għandu jiġi ffirmat bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-FEI għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' ekwità appoġġati mill-RRF.

Għal skopijiet ġenerali, l-istrumenti ta' finanzjament korporattiv, il-politika ta' investiment għandha:

- tiġi adottata mill-korpi governattivi tal-istrument finanzjarju;
- tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji;
- tinkludi l-kriterji tal-għażla biex tiżgura l-konformità tat-tranżazzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' din il-miżura mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01)
  - permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà;
  - billi tirrikjedi li l-benefiċjarji li jkunu dderivaw aktar minn 50 % tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew minn assi fil-lista ta' attivitajiet li ġejja jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[17]; (ii) attivitajiet fil-qafas tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet proġettati tal-gassijiet serra li mhumiex aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti[18]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[19] u

[15] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[16] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[17] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[18] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[19] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li

impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[20]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jagħmel ħsara lill-ambjent. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi implimentat, pereżempju, billi wieħed jibbaża fuq is-setturi ristretti l-ġodda tal-FEI (fondi tal-ekwità mhux infra – qafas ta' allinjament ta' Pariġi), aġġustat b'ċerti restrizzjonijiet addizzjonali fuq is-setturi tal-ETS u fuq ċerti attivitajiet tat-trasport; u

- billi jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju mill-FEI għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026 (approvazzjoni tal-operazzjonijiet mill-Kumitat tal-Investiment responsabbli li jammontaw għal 100 % tal-ammont globali ta' finanzjament allokat għall-istrumenti azzjonarji għat-Tkabbir).

- Investiment Nru 2.1.c - Skema ta' għotjiet għall-modernizzazzjoni teknoloġika

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tiżdied l-effiċjenza tal-proċessi tal-produzzjoni, tinkiseb produttività ogħla, jitnaqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni u tiġi ottimizzata l-katina tal-produzzjoni billi jiġu pprovduti għotjiet lill-SMEs.

Il-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir għandu jiżgura li tiġi implimentata sistema effettiva ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-livell tal-amministratur u għandu jkun jista' jieħu azzjoni korrettiva kull meta din tkun neċessarja, inkluż billi jwettaq kontrolli tal-kampjuni fil-livell tal-kumpaniji, filwaqt li l-amministratur għandu jimmonitorja u jirrapporta regolarment dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett f'konformità mal-kundizzjonijiet rispettivi kollha.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[21]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[22]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[23] u impjanti tat-trattament mekkaniku u

---

tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[20] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[21] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[22] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[23] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-

bijoloġiku[24]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u

- jirrikjedi li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet u assi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

- Investiment Nru 2.1.d - Skema ta' għotjiet għal soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u għaċ-ċibersigurtà f'impriżi żgħar u ta' daqs medju

L-investiment jikkonsisti fi skema ta' għotjiet li għandha l-għan li tappoġġa l-varar ta' teknoloġiji diġitali fl-SMEs, sabiex jintlaħqu "kompjuterizzazzjoni" tal-ewwel livell u "konnettività" tat-tieni livell tad-diġitalizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti bażiċi, inkluż fir-rigward tal-miżuri taċ-ċibersigurtà, għall-adozzjoni tal-Industrija 4.0 u għat-tranżizzjoni għal livelli ogħla ta' trasformazzjoni diġitali.

Il-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir għandu jiżgura li tiġi implimentata sistema effettiva ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-livell tal-amministratur u għandu jkun jista' jieħu azzjoni korrettiva kull meta din tkun neċessarja, inkluż billi jwettaq kontrolli tal-kampjuni fil-livell tal-SMEs, filwaqt li l-amministratur għandu jimmonitorja u jirrapporta regolarment dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett f'konformità mal-kundizzjonijiet rispettivi kollha.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[25]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[26]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[27] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[28]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u

---

irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[24] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[25] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[26] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[27] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[28] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni

- jirrikjedi li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet u assi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

- Investiment Nru 2.1.e - Riżerva ta' innovazzjoni (strumenti azzjonarji għall-innovazzjoni)

L-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' Fond sabiex jiġu implimentati strumenti azzjonarji għall-innovazzjoni bl-objettiv li tiżdied il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-kumpaniji, u jitħaffu t-titjib fil-produttività tagħhom u t-tranżizzjoni għal ekonomija tal-għarfien. L-istrumenti azzjonarji għandhom jinkludu fondi ta' kapital ta' riskju, fondi ta' trasferiment tat-teknoloġija, fondi ta' avvjament u ta' impatt soċjali.

L-istrumenti azzjonarji għandhom jiġu implimentati mill-FEI bħala sieħeb finanzjarju (sieħeb ta' implimentazzjoni) permezz ta' għoti dirett lill-FEI permezz ta' ftehim ta' finanzjament dedikat tal-RRF li għandu jiġi ffirmat bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-FEI għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' ekwità appoġġati mill-RRF.

Għal skopijiet ġenerali, l-istrumenti ta' finanzjament korporattiv, il-politika ta' investiment għandha:

- tiġi adottata mill-korpi governattivi tal-istrument finanzjarju;
- tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji;
- tinkludi l-kriterji tal-għażla biex tiżgura l-konformità tat-tranżazzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' din il-miżura mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01)
  - permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà;
  - billi tirrikjedi li l-benefiċjarji li jkunu dderivaw aktar minn 50 % tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew minn assi fil-lista ta' attivitajiet li ġejja jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[29]; (ii) attivitajiet taħt l-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassrin li ma humiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[30]; (iii) attivitajiet relatati mal-landfills tal-iskart, mal-inċineraturi[31] u mal-impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[32]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista'

anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[29] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[30] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[31] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[32] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni

jagħmel ħsara lill-ambjent. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi implimentat, pereżempju, billi wieħed jibbaża fuq is-setturi ristretti l-ġodda tal-FEI (fondi tal-ekwità mhux infra – qafas ta' allinjament ta' Pariġi), aġġustat b'ċerti restrizzjonijiet addizzjonali fuq is-setturi tal-ETS u fuq ċerti attivitajiet tat-trasport; u

- billi jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju mill-FEI għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026 (approvazzjoni tal-operazzjonijiet mill-Kumitat tal-Investiment responsabbli li jammontaw għal 100 % tal-ammont globali ta' finanzjament allokat għall-istrumenti azzjonarji għall-Innovazzjoni).

Il-**Fond Nru 2** huwa magħmul mill-istrumenti li ġejjin:

- Investiment Nru 2.2.a. - Skema ta' għotjiet għal investimenti f'sorsi tal-elettriku rinnovabbli għall-użu proprju ma' faċilitajiet ta' ħżin lokali

Din l-iskema għandha l-għan li tippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika fis-settur privat. L-iskema għandha tipprovdi għotjiet għal investimenti għall-kombinazzjoni ta' sorsi tal-elettriku rinnovabbli għall-użu proprju ma' faċilitajiet ta' ħżin lokali. Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-qasam ta' intervent 033 tal-Anness VII tar-Regolament dwar l-RRF. Tal-anqas 50 % tal-valur tal-proġett għandu jkun kofinanzjat mill-benefiċjarju.

Il-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir għandu jiżgura li tiġi implimentata sistema effettiva ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-livell tal-amministratur u għandu jkun jista' jieħu azzjoni korrettiva kull meta din tkun neċessarja, inkluż billi jwettaq kontrolli tal-kampjuni fil-livell tal-kumpaniji, filwaqt li l-amministratur għandu jimmonitorja u jirrapporta regolarment dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett f'konformità mal-kundizzjonijiet rispettivi kollha.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[33]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[34]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[35] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[36]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u

anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[33] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[34] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[35] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

- jirrikjedi li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet u assi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Marzu 2026.

- Investiment Nru 2.2.b. - Strument ta' garanzija għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli

L-istrument ta' garanzija għandu jiġi implimentat bħala kontribuzzjoni għal InvestEU bil-FEI bħala sieħeb ta' implimentazzjoni. L-istrument għandu l-għan li jindirizza l-isfidi tal-Bulgarija fl-għoti ta' appoġġ għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli. L-istrument ta' garanzija għandu jkun immirat lejn l-SMEs, il-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-individwi. Huwa maħsub sabiex ikopri firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji (eż. fondi tax-xogħol, inklużi linji ta' kreditu rotanti, self għall-investiment, lokazzjoni). Is-setturi li għandhom jiġu appoġġati għandhom ikunu konformi mar-Regolament (UE) 2021/241 u mal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-InvestEU u se jiġu ddefiniti wara valutazzjoni dettaljata tas-suq.

Sabiex jiġi żgurat li l-investiment sekondarju jikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Bulgaru għandu

- jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u
- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[37]; (ii) attivitajiet u assi skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[38].

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024 meta l-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU japprova operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira.

- Investiment Nru 2.2.c - skema ta' għotjiet għall-appoġġ tan-negozji fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari

L-objettiv ewlieni ta' din l-iskema huwa li tappoġġa lin-negozji tal-manifattura fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari billi tintroduċi xejriet ta' produzzjoni u ta' konsum ċirkolari, standardizzazzjoni ambjentali u promozzjoni ta' teknoloġiji tar-riċiklaġġ u tal-użu mill-ġdid tal-iskart, tat-tiswija u tal-użu ta' prodotti b'bażi bijo.

---

[36] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[37] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[38] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-oqsma ta' intervent 047 u 047bis tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241. Tal-anqas 50 % tal-valur tal-proġett għandu jkun kofinanzjat mill-benefiċjarju.

Il-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir għandu jiżgura li tiġi implimentata sistema effettiva ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-livell tal-amministratur u għandu jkun jista' jieħu azzjoni korrettiva kull meta din tkun neċessarja, inkluż billi jwettaq kontrolli tal-kampjuni fil-livell tal-kumpaniji, filwaqt li l-amministratur għandu jimmonitorja u jirrapporta regolarment dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett f'konformità mal-kundizzjonijiet rispettivi kollha.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom

- jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi: attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[39]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[40]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[41] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[42]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u
- jirrikjedi li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet u assi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Il-**Fond Nru 3** huwa magħmul mill-istrument li ġej:

- Strument 2.3.a Strumenti azzjonarji għall-investimenti fin-newtralità klimatika u fit-trasformazzjoni diġitali

L-istrumenti għandhom l-għan li jinvestu f'assi li jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali f'setturi prijoritarji fil-Bulgarija. Dan għandu jitwettaq billi jiġi appoġġat il-ħolqien ta' assi infrastrutturali (sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-bijomassa, il-ħżin, l-infrastruttura tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi, l-idroġenu), ta' infrastruttura diġitali (ICT, infrastruttura ottika, ċentri tad-*data*, 5G), ir-riġenerazzjoni urbana, l-effiċjenza enerġetika u l-infrastruttura soċjali.

[39] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[40] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[41] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[42] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

L-istrumenti azzjonarji għandhom jiġu implimentati mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) bħala sieħeb finanzjarju (sieħeb ta' implimentazzjoni) permezz ta' għoti dirett lill-FEI permezz ta' ftehim ta' finanzjament dedikat tal-RRF li għandu jiġi ffirmat bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-FEI għall-operazzjoni ta' ekwità appoġġata mill-RRF.

Għal skopijiet ġenerali, l-istrumenti ta' finanzjament korporattiv, il-politika ta' investiment għandha:

- tiġi adottata mill-korpi governattivi tal-istrument finanzjarju;
- tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji;
- tinkludi l-kriterji tal-għażla biex tiżgura l-konformità tat-tranżazzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' din il-miżura mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà;
- tirrikjedi li l-benefiċjarji li jkunu dderivaw aktar minn 50 % tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew minn assi fil-lista ta' attivitajiet li ġejja jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[43]; (ii) attivitajiet taħt l-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassrin li ma humiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[44]; (iii) attivitajiet relatati mal-landfills tal-iskart, mal-inċineraturi[45] u mal-impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[46]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jagħmel ħsara lill-ambjent. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi implimentat, pereżempju, billi wieħed jibbaża fuq is-setturi ristretti l-ġodda tal-FEI (fondi tal-ekwità mhux infra – qafas ta' allinjament ta' Pariġi), aġġustat b'ċerti restrizzjonijiet addizzjonali fuq is-setturi tal-ETS u fuq ċerti attivitajiet tat-trasport; u
- Il-ħtieġa tal-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju mill-FEI għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-implimentazzjoni ta' dan l-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026 (approvazzjoni tal-operazzjonijiet mill-Kumitat tal-Investiment responsabbli li jammontaw għal 100 % tal-ammont globali ta' finanzjament allokat għall-istrumenti ta' ekwità għal investimenti fin-newtralità klimatika u fit-trasformazzjoni diġitali).

C.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

[43] Ħlief proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[44] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra mbassra li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma huwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[45] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew jiġu rkuprati materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

[46] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti eżistenti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta l-azzjonijiet skont din il-miżura jkunu għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-ikkompostjar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità ta' proċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; f'liema każ tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjanti.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
35	C3.R1: Qafas legali sabiex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati ekosistemi industrijali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-Att il-ġdid dwar il-Parks Industrijali	Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Parks Industrijali				Q1	2021	L-Att il-ġdid dwar il-Parks Industrijali għandu - jirregola l-appoġġ u l-inċentivi mill-Istat sabiex jiġi attirat l-investiment f'parks industrijali; - jipprovdi għal tqassir tal-proċeduri meħtieġa għall-investiment industrijali; u - jistabbilixxi l-istandards minimi għall-investimenti tal-parks industrijali sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ mill-Istat.
36	C3.I1: AttractInvestBG	Mira	L-għoti ta' għotjiet għall-iżvilupp ta' parks /żoni industrijali u l-iffirmar tal-kuntratti		Numru	0	5	Q1	2023	Il-Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir għandu jagħżel minimu ta' ħames parks industrijali jew żoni (ġodda, li qed jinbnew jew eżistenti) u l-operaturi tagħhom għall-appoġġ permezz ta' għotja. L-għażla għandha titwettaq fuq il-bażi ta' proċess pubbliku, miftuħ u kompetittiv, fuq il-bażi ta' kriterji tal-għażla ċari. L-impatt ekonomiku u fuq l-impjiegi mistenni ta' kull park/żona (fuq il-bażi ta' analiżi) għandu jiġi inkluż fost il-kriterji tal-għażla ewlenin. Il-kriterji tal-għażla għandhom jagħtu prijorità liż-żoni industrijali u lill-parks fit-Tramuntana tal-Bulgarija. L-operaturi potenzjali li japplikaw għall-għotjiet għandhom jinkludu fl-applikazzjonijiet tagħhom strateġija ta' żvilupp u pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-park/għaż-żona

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										industrijali, inkluż l-analiżijiet dwar: - L-impatt ekonomiku u fuq l-impjiegi mistenni ta' kull park/żona, inkluż l-impatt dirett u l-impatt fil-livell reġjonali jew nazzjonali; - in-negozji diġà stabbiliti jew mistennijin li jistabbilixxu lilhom infushom fil-park/fiż-żona, fuq il-bażi ta' analiżi ċara; - ix-xogħlijiet previsti fuq l-infrastruttura għal kull park/żona, f'livell kemm intern kif ukoll estern, b'baġit provviżorju. Fit-tħejjija tal-applikazzjonijiet tagħhom, l-operaturi potenzjali mistennija jikkonsultaw lill-awtorità responsabbli taż-żona fejn jinsab il-park/iż-żona industrijali (muniċipalità, reġjun, oħrajn). L-għotja għandha tappoġġa l-infrastruttura li għandha tkun disponibbli għall-kerrejja kollha tal-park/taż-żona u tinkludi infrastruttura teknika, kif ukoll infrastruttura interna komuni ekoloġika u innovattiva. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jeskludu l-attivitajiet u l-assi fil-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-miżura u jeħtieġu li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell tal-UE u nazzjonali. L-għotjiet u l-finanzjament għandhom ikopru massimu ta' 80 % tal-investiment totali skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ppreżentat. L-20 % li jifdal għandhom jiġu pprovduti mill-operaturi tal-park/taż-żona industrijali. Il-finanzjament totali għall-proġetti approvati għandu jkun ta' mill-inqas EUR 100 miljun.
37	C3.I1: AttractInvestBG	Mira	L-iffirmar tal-kuntratti għall-infrastruttura interna u esterna tal-parks /taż-żoni industrijali		% (Perċentwal)	0	100%	Q3	2024	L-iffirmar tal-kuntratti kollha mill-operaturi tal-parks/taż-żoni industrijali magħżulin għax-xogħlijiet tal-infrastruttura esterna u interna għal 100 % tal-finanzjament propost fil-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju. Il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-akkwist għandhom jiżguraw il-konformità 1) mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u 2) mal-leġiżlazzjoni ambjentali

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										rilevanti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.
38	C3.I1: AttractInvestBG	Mira	Proġetti lesti għall-infrastruttura fil-parks/fiż-żoni industrijali magħżulin - Il-parks/iż-żoni industrijali operazzjonali		% (Perċentwal)	0	100%	Q2	2026	Il-parks/iż-żoni kollha magħżulin għandhom ikunu operazzjonali, b'tal-anqas negozju wieħed stabbilit f'kull park/żona. Il-proġetti kollha koperti fil-kuntratti taħt il-mira nru 37 għandhom jitlestew għall-parks/għaż-żoni industrijali kollha magħżulin. Fi tmiem l-investiment, għandu jiġi pprovdut rapport tekniku mħejji minn awditur indipendenti, li għandu jiċċertifika l-konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).
39	C3.I1: AttractInvestBG	Mira	Il-ħolqien ta' impjiegi ġodda fil-parks/fiż-żoni industrijali		Numru	0	200	Q2	2026	Tal-anqas 200 ekwivalenti full-time reklutati fiż-żoni/fil-parks, fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-operaturi tal-parks/taż-żoni ta' investituri privati.
40	C3.I2: Investiment Nru 2.1.a Strument ta' garanzija għat-tkabbir	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Bulgarija	Ftehim iffirmat				Q3	2022	Il-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Bulgarija għandu: a) jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; b) jeskludi l-attivitajiet u l-assi fil-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										deskrizzjoni tal-miżura mill-eliġibbiltà; c) jinkludi kriterji sabiex jiġi żgurat li l-istrument finanzjarju jkun allinjat man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji. Meta jitqies li l-istrument propost għandu jiġi implimentat wara kontribuzzjoni għal InvestEU, il-punti (a) u (b) ta' hawn fuq għandhom jiġu żgurati permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' InvestEU u tal-politika dwar is-self u l-kriterji ta' esklużjoni tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni magħżul. L-esklużjonijiet addizzjonali neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) — inkluż dwar l-iskart — għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). L-istrument finanzjarju għandu jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, implimentata mill-FEI, u għandu jappoġġa lill-SMEs billi jkopri prodotti finanzjarji differenti, inklużi l-kapital operatorju, il-linji ta' kreditu,

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										is-self għall-investiment, u l-lokazzjoni. L-istrument finanzjarju għandu jindirizza l-fallimenti attwali tas-suq li jiffaċċjaw l-intrapriżi fl-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari l-isfidi wara l-pandemija tal-COVID-19, bl-għan li jtejjeb l-aċċess għal-linji ta' kreditu. Huwa mistenni li l-istrument jappoġġa mill-inqas 615-il benefiċjarju. L-ammont totali ta' finanzjament mill-RRF għall-istrument għandu jkun ta' EUR 75 miljun. L-istruttura tal-istrument għandha tippermetti l-ingranaġġ ta' fondi privati. Kwalunkwe redditu għall-istrument finanzjarju, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksubin permezz tal-użu ta' fondi tal-RRF, wara li titnaqqas ir-remunerazzjoni tal-maniġer ta' fond u tal-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż wara l-2026.
41	C3.I2: Investiment Nru 2.1.a Strument ta' garanzija għat-tkabbir	Mira	Operazzjonijiet li jammontaw għal tal-anqas 50 % tal-finanzjament totali allokat approvat mill-		% (Perċentwal)	0	50	Q4	2023	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal tal-anqas 50 % tal-Garanzija tal-UE taħt il-Kompartiment tal-Istat Membru tal-Bulgarija, eskluż l-Kostijiet u t-Tariffi Relatati, f'konformità mar-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU							rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 40 approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU
42	C3.I2: Investiment Nru 2.1.a Strument ta' garanzija għat-tkabbir	Mira	Operazzjonijiet li jammontaw għal 100 % tal-finanzjament totali allokat approvat mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU		% (Perċentwal)	50	100	Q4	2024	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-Garanzija tal-UE taħt il-Kompartiment tal-Istat Membru tal-Bulgarija, eskluži l-Kostijiet u t-Tariffi Relatati, f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 40 approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU
43	C3.I2: Investiment Nru 2.1.b Strumenti azzjonarji għat-tkabbir	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Fond Ewropew tal-Investiment u l-Gvern tal-Bulgarija	Il-Ftehim iffirmat u l-politika ta' investiment adottata				Q3	2022	Il-ftehim ta' finanzjament bejn il-Fond Ewropew tal-Investiment u l-Gvern tal-Bulgarija, u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment tal-Fond. Il-politika ta' investiment għandha: a) tiġi adottata mill-korpi governattivi tal-istrument finanzjarju; b) tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji; c) tinkludi l-kriterji tal-għażla biex tiżgura l-konformità tat-tranżazzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' din il-miżura mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) - permezz tal-użu ta' verifika tas-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										sostenibbiltà; - billi tirrikjedi li l-benefiċjarji li jkunu dderivaw aktar minn 50 % tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew minn assi fil-lista ta' attivitajiet li ġejja jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) attivitajiet fil-qafas tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra proġettati li mhumiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jagħmel ħsara lill-ambjent. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi implimentat, pereżempju, billi wieħed jibbaża fuq is-setturi ristretti l-ġodda tal-FEI (fondi tal-ekwità mhux infra – qafas ta' allinjament ta' Pariġi), aġġustat b'ċerti restrizzjonijiet addizzjonali fuq is-setturi tal-ETS u fuq ċerti attivitajiet tat-trasport; u billi jirrikjedu l-verifika mill-FEI tal-konformità legali mal-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ bi strumenti finanzjarji (b'ekwità) għal SMEs u għal kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi negozji ġodda u kumpaniji bi tkabbir bikri. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju u permezz ta' ekwità privata. Il-ġestjoni tal-Fond għandha tiġi inkarigata lill-FEI. Għandu jiġi ffirmat ftehim ta' finanzjament dedikat tal-RRF bejn il-FEI u l-Gvern tal-Bulgarija għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet appoġġati b'ekwità tal-RRF. Kumitat ta' investiment għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni ta' operazzjonijiet ma' intermedjarji kif proposti mill-maniġer tal-fond (FEI) fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tas-suq u b'mod miftuħ u konformi mas-suq. Huwa mistenni li l-istrument jappoġġa mill-inqas 24 benefiċjarju L-ammont totali ta' finanzjament mill-RRF għandu jkun ta' EUR 75 miljun. L-istruttura tal-Fond għandha tingrana fondi privati.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Kwalunkwe redditu għall-Fond jew għall-istrumenti finanzjarji, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksubin permezz tal-użu ta' fondi tal-RRF, wara li titnaqqas ir-remunerazzjoni tal-maniġer ta' fond u tal-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż wara l-2026.
44	C3.I2: Investiment Nru 2.1.b Strumenti azzjonarji għat-tkabbir	Mira	Operazzjonijiet li jammontaw għal 50 % tal-finanzjament totali allokat approvat mill-Kumitat tal-Investiment		% (Perċentwal)	0	50	Q2	2025	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 50 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira approvat mill-Kumitat tal-Investiment maħtur mill-gvern tal-Bulgarija, f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 43.
45	C3.I2: Investiment Nru 2.1.b Strumenti azzjonarji għat-tkabbir	Mira	Operazzjonijiet li jammontaw għal 100 % tal-finanzjament totali allokat approvat mill-Kumitat tal-Investiment		% (Perċentwal)	50	100	Q2	2026	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira approvat mill-Kumitat tal-Investiment maħtur mill-gvern tal-Bulgarija, f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 43.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
46	C3.I2: Investiment Nru 2.1.c - Għotja għall-modernizzazzjoni teknoloġika	Objettiv Intermedju	Il-proċeduri tal-għażla lesti	Lista ppubblikata ta' proġetti approvati għall-finanzjament u lista ta' riżervi				Q4	2022	Il-proċeduri tal-għażla għandhom jitwettqu b'mod miftuħ u kompetittiv. Il-benefiċjarji għandhom ikunu SMEs. Il-proġetti għandhom jappoġġaw l-akkwist ta' teknoloġija ġdida b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni (ix-xiri ta' tagħmir teknoloġiku ġdid b'fokus fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni sabiex jinkisbu vantaġġ fis-suq, personalizzazzjoni tal-prodott, flessibbiltà, effiċjenza u oriġinalità sabiex tiġi estiża jew iddiversifikata l-produzzjoni tagħhom). Tal-anqas 50 % tal-kost tal-proġett għandu jkun kofinanzjat mill-benefiċjarju. Il-finanzjament totali għall-proġetti approvati għandu jkun ta' mill-inqas EUR 120 miljun. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jeskludu l-attivitajiet u l-assi fil-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-miżura u jeħtieġu li jintgħażlu biss

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell tal-UE u nazzjonali.
47	C3.I2: Investiment Nru 2.1.c - Għotja għall-modernizzazzjoni teknoloġika	Mira	Proġetti lesti sabiex tiġi appoġġata l-modernizzazzjoni teknoloġika		Numru	0	665	Q3	2024	Proġetti mwettqin permezz tal-akkwist ta' teknoloġija ġdida b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni mill-kumpaniji f'konformità mar-rekwiżiti skont l-objettiv intermedju nru 46. Fi tmiem l-investiment, għandu jintbagħat rapport tekniku mħejji minn awditur indipendenti, li għandu jiċċertifika l-konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).
48	C3.I2: Investiment Nru 2.1.d Skema ta' għotjiet għat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u għaċ-ċibersigurtà fl-SMEs	Objettiv Intermedju	Il-proċeduri tal-għażla lesti	Lista ppubblikata ta' proġetti approvati għall-finanzjament u lista ta' riżervi				Q4	2022	Il-proċeduri tal-għażla għandhom jitwettqu b'mod miftuħ u kompetittiv. Il-benefiċjarji magħżulin għandhom ikunu SMEs. Il-proġetti għandhom jappoġġaw l-akkwist u l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fil-kumpaniji fl-ewwel żewġ livelli ta' diġitalizzazzjoni bażika (il-kompjuterizzazzjoni u l-konnettività). L-għotjiet għandhom jappoġġaw attivitajiet bħall-forniment ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni diġitali tal-ICT, ta' servizzi tal-ICT ibbażati fuq l-internet għal pjattaformi, għal siti web, għal applikazzjonijiet mobbli, l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										akkwist ta' software sabiex jiġu ottimizzati l-proċessi ta' ġestjoni, ta' manifattura u ta' loġistika, l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex tiġi żgurata l-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà bħala element importanti tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni tan-negozju, ix-xiri ta' hardware meħtieġ għat-tħaddim ta' applikazzjonijiet u ta' software ġodda. Il-finanzjament totali għall-proġetti approvati għandu jkun ta' mill-inqas EUR 14 miljun. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jeskludu l-attivitajiet u l-assi fil-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-miżura u jeħtieġu li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell tal-UE u nazzjonali.
49	C3.I2: Investiment Nru 2.1.d Skema ta' għotjiet għat-teknoloġija tal-	Mira	Proġetti lesti sabiex jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni		Numru	0	1 492	Q4	2024	Proġetti lesti minn kumpaniji f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-objettiv intermedju nru 49 li għandhom jiġu rrapportati mill-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	informazzjoni u tal-komunikazzjoni u għaċ-ċibersigurtà fl-SMEs		fil-livell tal-entrati fil-kumpaniji							Ministeru tal-Innovazzjoni u tat-Tkabbir. Fi tmiem l-investiment, għandu jintbagħat Rapport Tekniku mħejji minn awditur indipendenti, li għandu jiċċertifika l-konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).
50	C3.I2: Investiment Nru 2.1.e Riżerva ta' Innovazzjoni (Strumenti Azzjonarji għall-Innovazzjoni)	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Fond Ewropew tal-Investiment u l-Gvern tal-Bulgarija	Il-Ftehim iffirmat u l-politika ta' investiment adottata				Q3	2022	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-FEI u l-Gvern tal-Bulgarija, u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment tal-Fond. Il-politika ta' investiment għandha: a) tiġi adottata mill-korpi maniġerjali tal-istrument finanzjarju; b) tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji; c) tinkludi l-kriterji tal-għażla biex tiżgura l-konformità tat-tranżazzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' din il-miżura mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01): - permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, - billi tirrikjedi li l-benefiċjarji li jkunu dderivaw aktar minn 50 % tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										attivitajiet jew minn assi fil-lista ta' attivitajiet li ġejja jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) attivitajiet fil-qafas tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra proġettati li mhumiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jagħmel ħsara lill-ambjent. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi implimentat, pereżempju, billi wieħed jibbaża fuq is-setturi ristretti l-ġodda tal-FEI (fondi tal-ekwità mhux infra – qafas ta' allinjament ta' Pariġi), aġġustat b'ċerti restrizzjonijiet addizzjonali fuq is-setturi tal-ETS u fuq ċerti attivitajiet tat-trasport; u billi jirrikjedu l-verifika mill-FEI tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ bi strumenti finanzjarji (ekwità) għall-SMEs u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (kumpaniji b'mhux aktar minn 499 impjegat), inklużi negozji ġodda u kumpaniji bi tkabbir bikri tas-setturi ewlenin li għandhom ikunu fil-mira, fosthom dawk tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, tal-awtomatizzazzjoni industrijali, tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika, tal-blockchain, tal-fintech, tax-xjenzi tal-ħajja, taċ-ċibersigurtà, tat-teknoloġiji kwantistiċi, tal-Internet tal-Oġġetti, tal-cloud computing, tat-teknoloġiji nodfa u sostenibbli, tal-intraprenditorija soċjali, u tal-bijoteknoloġija u għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw l-investimenti fil-kapital uman, fit-teknoloġija diġitali u ekoloġika, u fir-riċerka, fl-iżvilupp u fit-trasferiment tat-teknoloġija. L-istrument jista' jinkludi komponent ta' trasferiment tat-teknoloġija/ta' bini ta' riskju. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju u permezz ta' fondi ta' ekwità privata. Huwa mistenni li l-istrument jappoġġa mill-inqas 30 benefiċjarju. Il-ġestjoni tal-Fond għandha tiġi

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										inkarigata lill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Għandu jiġi ffirmat ftehim ta' finanzjament dedikat tal-RRF bejn il-FEI u l-Gvern tal-Bulgarija għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet appoġġati b'ekwità tal-RRF. Kumitat tal-investiment għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni ta' operazzjonijiet ma' intermedjarji kif proposti mill-maniġer ta' fond (FEI) fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tas-suq u b'mod miftuħ u konformi mas-suq. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun ta' EUR 75-il miljun. L-istruttura tal-Fond għandha tingrana fondi privati. Kwalunkwe redditu għall-Fond jew għall-istrumenti finanzjarji, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksubin permezz tal-użu ta' fondi tal-RRF, wara li titnaqqas ir-remunerazzjoni tal-maniġer ta' fond u tal-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż wara l-2026.
51	C3.I2: Investiment Nru 2.1.e Riżerva ta' Innovazzjoni (Strumenti Azzjonarji	Mira	Operazzjonijiet li jammontaw għal 50 % tal-finanzjament totali allokat		% (Perċentwal)	0	50	Q2	2025	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 50 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira approvat mill-Kumitat tal-Investiment,

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	għall-Innovazzjoni)		approvat mill-Kumitat tal-Investiment							f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 50.
52	C3.I2: Investiment Nru 2.1.e Riżerva ta' Innovazzjoni (Strumenti Azzjonarji għall-Innovazzjoni)	Mira	Operazzjonijiet li jammontaw għal 100 % tal-finanzjament totali allokat approvat mill-Kumitat tal-Investiment		% (Perċentwal)	50	100	Q2	2026	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira approvat mill-Kumitat tal-Investiment, f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 50.
53	C3.I2: Investiment Nru 2.2.a - Skema ta' għoṭjiet għall-kombinazzjoni ta' sorsi tal-elettriku rinnovabbli mal-ħżin lokali	Objettiv Intermedju	Il-proċeduri tal-għażla lesti	Lista ppubblikata ta' proġetti approvati għall-finanzjament u lista ta' riżervi				Q3	2023	Il-proċeduri tal-għażla għandhom jitwettqu b'mod miftuħ u kompetittiv. Il-benefiċjarji għandhom ikunu SMEs, u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja kif ukoll kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Il-proġetti magħżulin għandhom jappoġġaw l-akkwiżizzjoni u l-bidu tal-operat ta' installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u għandhom jinkludu l-kapaċità ta' ħżin lokali. Il-proġetti għandhom ikunu f'konformità mal-qasam ta' intervent 033 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ammont totali ta' kapaċità installata għal kull kumpanija ma għandux jaqbeż il-1 MW. Il-benefiċjarji għandhom ikunu kumpaniji fis-setturi NACE kollha ħlief għal D — Il-ġenerazzjoni u d-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										distribuzzjoni tal-elettriku, tal-fwar u tal-fjuwils gassużi u għal A — L-Agrikoltura, il-Forestrija u s-Sajd. Tal-anqas 50 % tal-valur tal-proġett għandu jkun kofinanzjat mill-benefiċjarju. Il-finanzjament totali għall-proġetti approvati għandu jkun ta' mill-inqas EUR 92 miljun. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jeskludu l-attivitajiet u l-assi fil-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-miżura u jeħtieġu li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell tal-UE u nazzjonali.
54	C3.I2: Investiment Nru 2.2.a - Skema ta' għotjiet għall-kombinazzjoni ta' sorsi tal-elettriku rinnovabbli mal-ħżin lokali	Mira	Il-kapaċità operazzjonali tal-faċilitajiet ta' ħżin installati		Numru (kW)	0	27 048	Q1	2025	27048 kW f'kapaċità addizzjonali ta' faċilitajiet ta' ħżin installati u operazzjonali ġodda, f'konformità mar-rekwiżiti skont l-objettiv intermedju nru 53.
55	C3.I2:	Mira	Il-kapaċità		Numru	27 048	54 096	Q1	2026	27048 kW f'kapaċità addizzjonali ta'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	Investiment Nru 2.2.a - Skema ta' għotjiet għall-kombinazzjoni ta' sorsi tal-elettriku rinnovabbli mal-ħżin lokali		operazzjonali tal-faċilitajiet ta' ħżin installati		(kW)					faċilitajiet ta' ħżin installati u operazzjonali ġodda, f'konformità mar-rekwiżiti skont l-objettiv intermedju nru 53. Fi tmiem l-investiment, Rapport Tekniku mħejji minn awditur indipendenti għandu jiċċertifika l-konformità mal-Gwida Teknika "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (2021/C58/01).
56	C3.I2: Investiment nru 2.2.b - Strument ta' garanzija għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija	Ftehim iffirmat				Q3	2022	Il-ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Bulgarija għandu: a) jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; b) jeskludi l-attivitajiet u l-assi fil-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-miżura mill-eliġibbiltà; c) jinkludi kriterji sabiex jiġi żgurat li l-istrument finanzjarju jkun allinjat man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji. Meta jitqies li l-istrument propost għandu jiġi implimentat wara kontribuzzjoni għal InvestEU, il-punti (a) u (b) ta' hawn fuq għandhom jiġu

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										żgurati permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' InvestEU u tal-politika dwar is-self u l-kriterji ta' esklużjoni tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni magħżul. L-esklużjonijiet addizzjonali neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) — inkluż dwar l-iskart — għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). L-istrument ta' garanzija għandu jieħu l-forma ta' garanzija tal-portafoll, implimentata mill-FEI, u jipprovdi finanzjament u investimenti f'titjib fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli lill-SMEs, lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u lil individwi, permezz ta' kapital operatorju, inklużi linji ta' kreditu rotanti, self għall-investiment, jew lokazzjoni. Is-setturi li għandhom jiġu appoġġati għandhom jiġu ddefiniti wara valutazzjoni dettaljata tas-suq. Huwa mistenni li l-istrument jappoġġa mill-inqas 450-il benefiċjarju. L-ammont totali ta' finanzjament mill-RRF għall-istrument għandu jkun ta' mill-inqas EUR 75 miljun.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										L-istruttura tal-istrument għandha tippermetti l-ingranaġġ ta' fondi privati. Kwalunkwe redditu għall-istrument finanzjarju, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksubin permezz tal-użu ta' fondi tal-RRF, wara li titnaqqas ir-remunerazzjoni tal-maniġer ta' fond u tal-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż wara l-2026.
57	C3.I2: Investiment nru 2.2.b - Strument ta' garanzija għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli	Mira	Operazzjonijiet li jammontaw għal tal-anqas 50 % tal-ammont totali ta' riżorsi allokati għall-istrument approvat mill-Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU.		% (Perċentwal)	0	50	Q4	2023	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU li jammontaw għal tal-anqas 50 % tal-Garanzija tal-UE taħt il-Kompartiment tal-Istat Membru tal-Bulgarija, eskluż l-Kostijiet u t-Tariffi Relatati, f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 56
58	C3.I2: Investiment nru 2.2.b - Strument ta' garanzija għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli	Mira	Operazzjonijiet finanzjarji jew ta' investiment li jammontaw għal tal-anqas 100 % tal-ammont totali ta' riżorsi allokati għall-istrument approvat mill-		% (Perċentwal)	50	100	Q4	2024	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment approvati mill-Kumitat tal-Investiment tal-InvestEU li jammontaw għal 100 % tal-Garanzija tal-UE taħt il-Kompartiment tal-Istat Membru tal-Bulgarija, eskluż l-Kostijiet u t-Tariffi Relatati, f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 56

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			Kumitat tal-Investiment ta' InvestEU.							
59	C3.I2: Investiment Nru 2.2.c Skema ta' għotjiet għall-appoġġ tan-negozji fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari	Objettiv Intermedju	Il-proċeduri tal-għażla lesti	Lista ppubblikata ta' proġetti approvati għall-finanzjament u lista ta' riżervi				Q2	2023	Il-proċeduri tal-għażla għandhom jitwettqu b'mod miftuħ u kompetittiv. Il-benefiċjarji għandhom ikunu SMEs u kumpaniji kbar fis-settur NACE C – Industrija tal-proċessar. Il-proġetti magħżulin għandhom jappoġġaw lill-kumpaniji fl-introduzzjoni ta' metodi ta' produzzjoni tal-ekonomija ċirkolari, li għandhom jappoġġaw it-tnaqqis tal-iskart, il-limitazzjoni tal-plastiks li jintużaw darba biss, l-użu tal-bijoriżorsi, it-titjib tal-istandards ekoloġiċi u tal-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, u l-provvista ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar l-impronta tal-karbonju. Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-qasam ta' intervent 047 u 047bis tal-Anness VII tar-Regolament dwar l-RRF. Tal-anqas 50 % tal-valur tal-proġett għandu jkun kofinanzjat mill-benefiċjarju. Tal-anqas 50 % tal-valur tal-proġett għandu jkun kofinanzjat mill-benefiċjarju. Il-finanzjament totali għall-proġetti approvati għandu jkun ta' mill-inqas

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										EUR 83 miljun. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jeskludu l-attivitajiet u l-assi fil-lista ta' esklużjoni speċifikata fid-deskrizzjoni tal-miżura u jeħtieġu li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell tal-UE u nazzjonali.
60	C3.I2: Investiment Nru 2.2.c Skema ta' għotjiet għall-appoġġ tan-negozji fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari	Mira	Proġetti lesti fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari		Numru	0	240	Q4	2025	Il-kumpaniji appoġġati f'konformità mar-rekwiżiti skont l-objettiv intermedju nru 59. Fi tmiem l-investiment, għandu jintbagħat Rapport Tekniku mħejji minn awditur indipendenti, li għandu jiċċertifika l-konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).
61	C3.I2: Strument 2.3.a Strumenti azzjonarji għall-investiment fin-newtralità klimatika u fit-trasformazzjoni	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' ftehim ta' finanzjament bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-	Il-ftehim iffirmat u l-politika ta' investiment adottata				Q3	2022	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-FEI u l-Gvern tal-Bulgarija, u l-adozzjoni tal-politika ta' investiment tal-Fond. Il-politika ta' investiment għandha: a) tiġi adottata mill-korpi

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	diġitali		Fond Ewropew tal-Investiment							governattivi tal-istrument finanzjarju; b) tkun konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 (SWD(2021) 12 final) relatata mal-istrumenti finanzjarji; c) tinkludi l-kriterji tal-għażla biex tiżgura l-konformità tat-tranżazzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' din il-miżura mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) - permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà; - billi tirrikjedi li l-benefiċjarji li jkunu dderivaw aktar minn 50 % tad-dħul dirett tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew minn assi fil-lista ta' attivitajiet li ġejja jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) attivitajiet fil-qafas tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet tal-gassijiet serra proġettati li mhumiex anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi u impjanti tat-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jagħmel ħsara lill-ambjent. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi implimentat, pereżempju, billi wieħed jibbaża fuq is-setturi ristretti l-ġodda tal-FEI (fondi tal-ekwità mhux infra – qafas ta' allinjament ta' Pariġi), aġġustat b'ċerti restrizzjonijiet addizzjonali fuq is-setturi tal-ETS u fuq ċerti attivitajiet tat-trasport; u billi jirrikjedu l-verifika mill-FEI tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ għall-istrumenti finanzjarji (ekwità) għal entitajiet bi skop speċjali għall-proġetti, kif ukoll għall-SMEs u għall-Kumpaniji Żgħar b'Kapitalizzazzjoni Medja u għall-Kumpaniji b'Kapitalizzazzjoni Medja għall-investiment f'assi li jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fis-setturi ta' prijorità fil-Bulgarija. Dan huwa mistenni jitwettaq billi jiġi appoġġat il-ħolqien ta' assi infrastrutturali, ta'

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										infrastruttura għall-produzzjoni u għall-ħżin tal-enerġija ekoloġika, inkluż s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-bijomassa, il-ħżin, l-infrastruttura tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi, l-idroġenu, ta' infrastruttura diġitali (ICT, infrastruttura ottika, ċentri tad-*data*, 5G), ir-riġenerazzjoni urbana, l-effiċjenza enerġetika u l-infrastruttura soċjali. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju u permezz ta' ekwità privata. Il-ġestjoni tal-Fond għandha tiġi inkarigata lill-FEI. Għandu jiġi ffirmat ftehim ta' finanzjament dedikat tal-RRF bejn il-FEI u l-Gvern tal-Bulgarija għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet appoġġati b'ekwità tal-RRF. Kumitat ta' investiment għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni ta' operazzjonijiet ma' intermedjarji kif proposti mill-maniġer tal-fond (FEI) fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tas-suq u b'mod miftuħ u konformi mas-suq. Huwa mistenni li l-istrument jappoġġa mill-inqas 3 benefiċjarju L-ammont totali ta' finanzjament mill-RRF għandu jkun ta' EUR 30 miljun. L-istruttura tal-Fond għandha tingrana fondi privati.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Kwalunkwe redditu għall-Fond jew għall-istrumenti finanzjarji, inkluż minn ripagamenti, kif ukoll profitti miksubin permezz tal-użu ta' finanzjament tal-RRF, wara li titnaqqas ir-remunerazzjoni tal-maniġer ta' fond u tal-intermedjarji finanzjarji, għandhom jintużaw għall-istess għanijiet ta' politika, inkluż wara l-2026.
62	C3.I2: Strument 2.3.a Strumenti azzjonarji għall-investiment fin-newtralità klimatika u fit-trasformazzjoni diġitali	Mira	Il-Kumitat tal-Investiment responsabbli approva operazzjonijiet li jammontaw għal 100 % tal-finanzjament totali allokat		% (Perċentwal)	0	100	Q2	2026	Operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li jammontaw għal 100 % tal-ammont totali ta' finanzjament jew ta' investiment fil-mira approvat mill-Kumitat tal-Investiment maħtur mill-gvern tal-Bulgarija, f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-objettiv intermedju nru 61.

D. KOMPONENT NRU 4: EKONOMIJA B'LIVELL BAXX TA' EMISSJONIJIET TA' KARBONJU

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija jindirizza l-isfida tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija. L-ekonomija Bulgara hija l-aktar waħda intensiva fir-riżorsi u fil-karbonju fl-UE. L-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra hija aktar minn erba' darbiet ogħla mill-medja tal-UE. Is-settur tal-enerġija huwa l-akbar emittent ta' gassijiet serra fil-Bulgarija, u jammonta għal aktar minn 70 % tal-emissjonijiet totali tal-pajjiż.

L-objettiv tal-komponent huwa li l-ekonomija tiġi ddekarbonizzata permezz ta' żieda qawwija fl-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u fl-iffrankar tal-enerġija, permezz tal-investimenti fil-grilji intelliġenti, permezz tal-interkonnessjonijiet u l-infrastruttura tal-ħżin, permezz tar-riformi tas-suq u permezz ta' governanza aħjar tas-settur tal-enerġija. B'mod partikolari, il-komponent għandu l-għan li jaċċellera d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija billi jnaqqas l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-linjite u bil-faħam u billi jiffaċilita l-użu ta' sorsi rinnovabbli u tal-enerġija alternattiva (bħall-idroġenu ekoloġiku u l-bijogass). Għandu wkoll l-għan li jnaqqas kemm il-konsum tal-enerġija primarja kif ukoll dak finali bir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat. Il-miżuri dwar il-flessibbiltà u d-diġitalizzazzjoni tal-grilja tal-elettriku u ż-żieda tal-kapaċitajiet transfruntiera tal-interkonessjonijiet mal-Istati Membri ġirien għandhom itejbu l-integrazzjoni tas-suq. Il-komponent għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi swieq kompetittivi tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-bejgħ bl-imnut permezz ta' deregolamentazzjoni gradwali tal-prezzijiet tal-elettriku sal-2025. Il-komponent jinkludi miżuri li jtejbu l-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-Istat fis-settur tal-enerġija, b'mod partikolari l-Bulgarian Energy Holding ("BEH"), billi l-operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni jiġu separati mill-istruttura tagħha.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jappoġġaw u jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 tal-Bulgarija sabiex "tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investimentu fuq […] l-infrastruttura tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 3, 2019) u "tiffoka l-investimenti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija u tar-riżorsi, l-infrastruttura ambjentali […], filwaqt li tikkontribwixxi għal dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 3, 2020).

L-ebda miżura f'dan il-komponent mhi mistennija tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C4.R1): L-istabbiliment ta' Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni

Ir-riforma għandha l-għan li tistabbilixxi l-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni u s-subfondi tiegħu.

Il-miżura tikkonsisti fil-valutazzjoni tal-qafas regolatorju nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika minn bord ta' esperti indipendenti sabiex: (i) jiġu identifikati l-ostakli għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet għat-tibdil fil-qafas regolatorju nazzjonali; (ii) jiġu identifikati l-għażliet dwar l-istruttura tal-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni, b'mod partikolari, dwar is-sjieda u r-regoli operattivi; u (iii) jiġu

identifikati sorsi potenzjali għall-kapitalizzazzjoni tal-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni, inkluż għal assistenza teknika u għal mekkaniżmi sabiex jintuża l-kapital tal-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni għat-trasformazzjoni minn għotjiet għal strumenti finanzjarji.

Il-liġi u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata li tistabbilixxi l-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni u s-subfondi tiegħu għandhom jiddefinixxu l-istruttura, il-governanza u r-regoli operattivi preċiżi tal-Fond.

Il-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni għandu jintuża sabiex jiġu offruti għotjiet u assistenza teknika flimkien ma' strumenti finanzjarji, inklużi linji ta' kreditu u garanziji u/jew taħlita tagħhom. Il-Fond għandu jipprovdi għall-ħolqien ta' punt uniku għall-assistenza teknika lill-applikanti permezz ta' punti uniċi ta' servizz jew permezz ta' mekkaniżmi simili.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

Riforma Nru 2 (C4.R2)**:** Il-faċilitazzjoni tal-investimenti fir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali

L-objettiv tar-riforma huwa li tindirizza l-ostakli għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika billi jiġi emendat l-Att dwar il-Ġestjoni tas-Sjieda tal-Kondominji sabiex jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet mis-sidien ta' bini b'diversi appartamenti; li tirregola l-ġestjoni professjonali tal-proprjetà f'kondominju f'bini b'diversi appartamenti; u li tiffaċilita l-applikazzjoni għal self kollettiv lil istituzzjonijiet finanzjarji differenti.

L-emendi għandhom jiġu kkoordinati ma' bidliet relatati ma' biċċiet oħrajn ta' leġiżlazzjoni primarja u sekondarja. L-implimentazzjoni tal-miżura hija mistennija tikkontribwixxi għall-effiċjenza tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fir-rinnovazzjoni tal-bini.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

Riforma Nru 3 (C4.R3): Id-definizzjoni u l-kriterji għall-*"faqar enerġetiku"* għall-unitajiet domestiċi

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku u għall-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli billi tintroduċi fl-Att dwar l-Enerġija u fil-leġiżlazzjoni sekondarja definizzjoni tal-"faqar enerġetiku" u kriterji għall-identifikazzjoni tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku u l-konsumaturi vulnerabbli. Ir-riforma għandha tqis il-kriterji elenkati fid-Direttiva (UE) 2019/944: introjtu baxx, nefqa għolja tal-introjtu disponibbli fuq l-enerġija u fuq effiċjenza enerġetika baxxa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment Nru 1 (C4.I1): Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini

L-objettiv tal-miżura huwa li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini billi tnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja b'medja ta' mill-inqas 30 %.

Il-miżura tikkonsisti f'investimenti ta' rinnovazzjoni tal-bini maqsumin fi tliet sottomiżuri: i) ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali; ii) ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini mhux residenzjali, inkluż bini pubbliku u iii) ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini mhux residenzjali fil-manifattura, fil-kummerċ u fis-servizzi, kif ukoll ta' bini fis-settur tat-turiżmu.

Is-sottomiżuri fil-qafas ta' dan l-investiment huma mistennija li jiġu implimentati b'mod komplementari għall-investimenti tal-politika ta' koeżjoni. Id-demarkazzjoni għandha ssir fil-

livell tal-proġett u għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' monitoraġġ biex jiġi evitat il-finanzjament doppju, b'mod partikolari bil-programm Żvilupp tar-Reġjuni 2021–2027 u bil-programm Ambjent 2021–2027.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sottomiżura nru 1: Ir-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali

Is-sottomiżura għandha tikkonsisti fir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika f'bini b'diversi appartamenti. Dan it-tip ta' bini huwa ġestit b'modalità ta' sjieda konġunta f'konformità mal-Att dwar il-Ġestjoni tas-Sjieda tal-Kondominji indirizzat mir-Riforma Nru 2 f'dan il-komponent (C4R2). Is-sottomiżura għandha twassal għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali b'erja tal-ispazju ta' art gross totali ta' mill-inqas 3,6 miljun m^2.

L-iskema taħt is-sottomiżura għandha tistipula li r-rinnovazzjonijiet huma, bħala medja, mistennijin jiksbu ffrankar minimu ta' 30 % tad-domanda għall-enerġija primarja.

Sottomiżura nru 2: Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku mhux residenzjali

Is-sottomiżura għandha tikkonsisti fil-finanzjament ta' miżuri għar-rinnovazzjoni sostenibbli tal-enerġija ta' bini tal-Istat u muniċipali (inklużi bini ta' servizzi amministrattivi, bini ta' servizz pubbliku fil-qasam tal-kultura u tal-arti u bini tal-isport, kif ukoll bini proprjetà tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi). Is-sottomiżura għandha twassal għar-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali b'erja tas-superfiċje totali ta' mill-inqas 1,4 miljun m2.

L-iskema taħt is-sottomiżura għandha tistipula li r-rinnovazzjonijiet huma, bħala medja, mistennijin jiksbu ffrankar minimu ta' 30 % tad-domanda għall-enerġija primarja.

Sottomiżura nru 3: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali fil-manifattura, fil-kummerċ u fis-servizzi, kif ukoll ta' bini mis-settur tat-turiżmu

Is-sottomiżura għandha tikkonsisti fil-finanzjament ta' miżuri għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija sostenibbli tal-bini fl-oqsma tal-manifattura, tal-kummerċ u tas-servizzi.

L-iskema taħt is-sottomiżura għandha tistipula li r-rinnovazzjonijiet huma, bħala medja, mistennijin jiksbu ffrankar minimu ta' 30 % tad-domanda għall-enerġija primarja.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom jeskludu l-finanzjament ta' installazzjonijiet koperti mis-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS).

Investiment Nru 2 (C4.I2): Appoġġ għall-enerġija rinnovabbli għall-unitajiet domestiċi

L-objettiv tal-miżura huwa li żżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur domestiku billi jiġi ffinanzjat ix-xiri ta' sistemi solari ġodda "tal-aqwa klassi" għal sistemi tal-ilma sħun domestiku u fotovoltajċi.

Il-miżura tikkonsisti fil-finanzjament ta' żewġ tipi ta' miżuri għall-użu tal-enerġija rinnovabbli mill-unitajiet domestiċi: i) l-installazzjoni ta' sistemi solari għall-provvista tal-ilma sħun domestiku u ii) l-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi sa 10 kWp, inkluż il-ħżin tal-elettriku.

L-investiment għandu jappoġġa lil tal-anqas 10 000 unità domestika b'sorsi ineffiċjenti ta' sħana mill-fjuwils solidi għas-sostituzzjoni tagħhom b'sistemi solari tal-ilma sħun domestiku (DHW) jew fotovoltajċi "tal-aqwa klassi".

L-investiment għandu jiffinanzja x-xiri ta' sistemi solari tal-ilma sħun domestiku (DHW) jew fotovoltajċi "tal-aqwa klassi" f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment Nru 3 (C4.I3): Appoġġ għal sistemi ta' tidwil tat-toroq effiċjenti fl-użu tal-enerġija

L-objettiv tal-miżura huwa li żżid l-effiċjenza enerġetika, tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija għad-dawl artifiċjali ta' barra u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien għall-popolazzjoni fil-pajjiż permezz tat-tiġdid teknoloġiku u permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' dawl artifiċjali ta' barra.

Il-miżura tikkonsisti fir-rikostruzzjoni u fil-modernizzazzjoni tas-sistemi muniċipali tad-dawl artifiċjali ta' barra. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb bħala medja tnaqqis minimu ta' 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja meta mqabbla qabel u wara l-implimentazzjoni tal-miżura.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Riforma Nru 4 (C4.R4): It-tisħiħ tal-proġetti tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli permezz tal-kontijiet tal-enerġija

L-objettiv tar-riforma huwa li twessa' l-ambitu għall-miżuri ta' implimentazzjoni u għall-proġetti sabiex jittejbu l-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli f'kuntest ta' riżorsi finanzjarji limitati.

Il-miżura tikkonsisti f'emendi għall-Att dwar l-Enerġija u għal-leġiżlazzjoni sekondarja sabiex jippermettu l-użu tal-mudelli tal-Kumpaniji tas-Servizzi tal-Enerġija (ESCO) sabiex jiġi kopert il-finanzjament għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli permezz tal-kontijiet tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma Nru 5 (C4.R5): Punt uniku ta' servizz għar-rinnovazzjonijiet

L-objettiv tar-riforma huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv marbut mal-proċess ta' rinnovazzjoni billi ċ-ċittadini u n-negozji jiġu megħjuna b'informazzjoni, b'assistenza teknika u b'pariri dwar kwistjonijiet regolatorji, tekniċi u finanzjarji relatati mal-proġetti tagħhom għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika.

Il-miżura tikkonsisti fil-pilotaġġ inizjali u fil-varar sussegwenti ta' punti uniċi ta' servizz operazzjonali fir-reġjuni kollha tal-NUTS-3 fil-pajjiż. Il-punti uniċi ta' servizz għandhom jintegraw l-informazzjoni u s-servizzi neċessarji kollha għar-rinnovazzjoni tal-enerġija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma Nru 6 (C4.R6): It-tisħiħ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-investimenti minn sorsi rinnovabbli fir-rigward tal-installazzjoni, tal-konnessjoni u tal-operat.

L-emendi għal-leġiżlazzjoni primarja u/jew sekondarja rilevanti, inklużi l-atti mir-regolatur nazzjonali, għandhom: (i) jissimplifikaw il-proċeduri ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni għall-RES (jiġifieri, l-enerġija solari u l-enerġija eolika fuq l-art), inklużi l-faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija, jiżguraw ħinijiet ta' rispons amministrattiv qosra u vinkolanti u proċeduri ta' responsabbiltà għal dewmien bla bżonn, filwaqt li jnaqqsu l-iskeda ta' żmien għall-konnessjoni mal-grilja (kemm għal-enerġija solari kif ukoll għall-enerġija eolika fuq l-art); (ii) jippermettu żoni "go-to" dedikati fejn il-parks eoliċi fuq l-art ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali; (iii) jissimplifikaw il-proċedura għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli għall-użu proprju sa 1 MW (eż. installazzjonijiet PV fuq il-bjut għall-unitajiet domestiċi u għall-SMEs) billi jeskludu mill-proċedura l-approvazzjoni teknika mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u jneħħu gradwalment l-obbligu li jiġi ddikjarat id-dazju tas-sisa għall-awtoġenerazzjoni.

Barra minn hekk, l-emendi għal-leġiżlazzjoni primarja u/jew sekondarja rilevanti għandhom jeliminaw l-ostakli, jintroduċu qafas regolatorju speċifiku u ta' appoġġ għall-kostruzzjoni, għall-konnessjoni u għat-tħaddim tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-elettriku. Dan l-element tar-riforma huwa mistenni jappoġġa l-implimentazzjoni tal-investiment nru 8 fuq il-ħżin.

B'riżultat ta' dawn l-azzjonijiet, tal-anqas 3 500 MW ta' kapaċità rinnovabbli (eolika u solari) addizzjonali meta mqabbla mal-kapaċità (eolika u solari) installata eżistenti għandha tibda topera u tiġi konnessa mal-grilja sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma Nru 7 (C4.R7): L-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji tal-idroġenu u tal-produzzjoni u tal-provvista tal-idroġenu

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tneħħi l-impedimenti ewlenin identifikati fil-pjan direzzjonali għall-iżvilupp tat-teknoloġija tal-idroġenu u jimplimentaw miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tal-katina tal-valur kollha tal-idroġenu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Investiment Nru 4 (C4.I4): It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied il-penetrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, li jiżdiedu l-flessibbiltà fil-ġestjoni operazzjonali u fil-monitoraġġ tas-sistema tal-elettriku u l-kapaċità netta ta' trażmissjoni transfruntiera fil-fruntieri mal-Istati Membri (jiġifieri r-Rumanija u l-Greċja).

L-investiment jinkludi programm komprensiv għat-trasformazzjoni diġitali ġenerali tas-sistemi u tal-proċessi tal-Operatur tas-Sistema tal-Elettriku li jkopri l-ġestjoni awtomatizzata tas-substazzjonijiet, l-aġġornament tas-sistema superviżorja ta' kontroll u ta' akkwist tad-*data* (SCADA) bl-introduzzjoni ta' backup mill-bogħod, ta' estensjoni u ta' aġġornament tan-network tat-telekomunikazzjoni, inkluża s-sistema komprensiva taċ-ċibersigurtà u l-aġġornament tas-sistemi ta' amministrazzjoni tas-swieq tal-elettriku.

Bħala riżultat ta' dawk l-azzjonijiet, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-fattibbiltà teknika tas-sistema tat-trażmissjoni tal-elettriku għandhom jiġu ssodisfati sabiex tiġi integrata kapaċità tal-produzzjoni kumulattiva ġdida ta' 4 500 MW minn sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku sal-31 ta' Marzu 2026. Barra minn hekk, sat-30 ta' Ġunju 2025 għandha ssir disponibbli għas-

suq kapaċità ta' interkonnessjoni netta supplimentari ta' 1 200 MW b'kollox mar-Rumanija u mal-Greċja meta mqabbla mal-kapaċità disponibbli eżistenti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment Nru 5 (C4.I5): Proġetti pilota għall-produzzjoni ta' idroġenu ekoloġiku u ta' bijogass

L-objettiv tal-investiment huwa li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-suq tal-enerġija Bulgaru billi jipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti pilota sabiex tkun tista' ssir il-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u tal-bijogass. L-investiment għandu jikkonsisti f'għotjiet għall-installazzjoni ta': (i) il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku ta' mill-inqas 55 MW f'elettrolizzaturi, li jipproduċu tal-anqas 7 800 tunnellata idroġenu fis-sena minn sorsi rinnovabbli u (ii) faċilitajiet tal-produzzjoni tal-bijogass ta' mill-inqas 9 MW, li jipproduċu tal-anqas 7 ktoe bijogass fis-sena.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma Nru 8 (C4.R8): Il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li titlesta l-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku, inklużi s-swieq bl-ingrossa u bl-imnut. Din ir-riforma għandha tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:

- L-ewwel element għandu l-għan li jilliberalizza bis-sħiħ is-suq tal-elettriku bl-ingrossa sal-2022. Dan l-element għandu jiġi implimentat permezz tal-emendi għall-Att dwar l-Enerġija u għal-leġiżlazzjoni sekondarja, li għandhom itemmu r-rwol tal-fornitur pubbliku għan-Natsionalna Elektricheska Kompania EAD (NEK) u jabolixxu l-kwoti għas-suq regolat. Għandu jipprojbixxi wkoll kuntratti fit-tul, bħal ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija, jew kwalunkwe miżura simili li jkollha għan jew effett identiku jew ekwivalenti bl-eċċezzjoni ta' dawk għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli jew konklużi fis-suq spot tal-kambju tal-enerġija. Il-kuntratti ta' xiri tal-elettriku fit-tul għal Maritsa East 1 u għal Maritsa East 3 li jiskadu fl-2024 u fl-2026, rispettivament, ma għandhomx jiġu estiżi u/jew jibbenefikaw minn kwalunkwe appoġġ ġdid mill-Istat.
- It-tieni element għandu jtejjeb is-suq tal-ibbilanċjar tal-elettriku billi jiżgura li: (i) il-kapaċità ta' bbilanċjar għandha tinxtara skont it-termini tas-suq; (ii) il-prezz tal-forniturі tal-enerġija tal-ibbilanċjar għandu jiġi ppubblikat f'temp ta' 30 minuta wara l-għeluq tas-suq tal-istess ġurnata; (iii) għandu jiġi introdott prezz tal-ibbilanċjar uniku għal perjodi mingħajr attivazzjoni tal-enerġija tal-ibbilanċjar; (iv) għandu jiġi introdott perjodu tal-issetiljar tal-iżbilanċ ta' 15-il minuta; u (v) ma għandu jiġi stabbilit l-ebda limitu massimu fuq il-prezzijiet għall-ibbilanċjar tal-elettriku.
- It-tielet element għandu jilliberalizza s-suq bl-imnut tal-elettriku billi jipprovdi deregolamentazzjoni progressiva sħiħa tal-prezzijiet bl-imnut għall-unitajiet domestiċi, b'mod parallel mal-kapaċità sħiħa ta' bdil tal-fornitur. L-eliminazzjoni gradwali tal-prezzijiet regolati għall-klijenti domestiċi għandha sseħħ f'żewġ stadji suċċessivi fl-2023 u fl-2025, li jkopru rispettivament sehem sinifikanti tas-suq domestiku.

L-emendi għall-Att dwar l-Enerġija għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2022, bid-dħul fis-seħħ fl-istess jum għall-miżura li tikkonċerna s-suq tal-operaturi tal-elettriku, sal-31 ta' Diċembru 2022 għall-miżuri li jikkonċernaw is-suq tal-ibbilanċjar tal-elettriku u sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-miżura li tikkonċerna s-suq tal-bejgħ bl-imnut tal-elettriku.

L-akkoppjament tas-swieq fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem fil-fruntiera mar-Rumanija kif ukoll mal-Greċja fis-suq tal-istess ġurnata għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2021 u sal-31 ta' Diċembru 2022, rispettivament.

Investiment Nru 6 (C4.I6): Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku

L-objettiv tal-investiment huwa li jikkontribwixxi għall-għan tal-Bulgarija li żżid is-sehem tal-enerġija nadifa fit-taħlita tal-enerġija tagħha lejn in-newtralità klimatika billi tappoġġa l-installazzjoni ta' kapaċità ġdida ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli flimkien mal-ħżin tal-elettriku permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva teknoloġikament newtrali bejn teknoloġiji differenti. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom jirreferu biss għal teknoloġiji solari u eoliċi.

L-investiment għandu jikkonsisti f'għotjiet għall-kostruzzjoni tal-installazzjonijiet magħżulin, għall-installazzjoni u għat-tħaddim ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 1 425 MW kolokalizzata ma' sistemi ta' ħżin tal-enerġija ta' mill-inqas 350 MW.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma Nru 9 (C4.R9): Il-Pjan Direzzjonali għan-Newtralità Klimatika

L-objettiv tar-riforma huwa li tipprovdi qafas strateġiku aġġornat għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. Ir-riforma tkopri żewġ miżuri ewlenin: l-istabbiliment ta' "Kummissjoni għat-Tranżizzjoni Enerġetika għat-tħejjija ta' xenarji u ta' rakkomandazzjonijiet għal pjan direzzjonali għan-Newtralità Klimatika u l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni parlamentari.

Il-Kummissjoni għandha tiġi stabbilita fil-livell ta' esperti b'involviment wiesa' tal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu żgurati l-għarfien espert, l-indipendenza u l-pluraliżmu. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta xenarji differenti għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam/tal-linjite, inkluż għall-eliminazzjoni gradwali aċċellerata, f'konformità ma' Stati Membri ġirien komparabbli. Ir-rapport tax-xenarju u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Gvern u jsiru pubbliċi. Ix-xenarji u r-rakkomandazzjonijiet żviluppati għandhom jinkludu passi għat-tlestija tal-eliminazzjoni gradwali tal-faħam/tal-linjite mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2038.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

Riforma Nru 10 (C4.R10): Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija

L-objettiv tar-riforma huwa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, b'enfasi fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija. Ir-riforma tkopri żewġ miżuri ewlenin: miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju assoċjati mal-ġenerazzjoni tal-elettriku b'40 % taħt il-livelli tal-2019, li għandu jintlaħaq sal-2025, u leġiżlazzjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni, inkluż kalendarju għall-eliminazzjoni gradwali tal-impjanti tal-enerġija tal-faħam u tal-linjite u limitu regolatorju fuq l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju applikabbli mill-1 ta' Jannar 2026.

L-emissjonijiet verifikati totali fl-2019 għas-settur tal-enerġija ammontaw għal 21 182 433 tunnellata ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju li, fosthom, l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-linjite u bil-faħam ammontaw għal 19 437 716-il tunnellata ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju. Il-miżura hija mistennija tnaqqas l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju relatati mal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam u bil-linjite b'tal-anqas 8 455 406 tunnellati.

It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju għandu jkopri: TPP Maritsa 3 EAD, TPP Maritsa East 2 EAD, TPP Bobov dol EAD, AES-3C Maritza East 1, TPP Contour Global Maritsa East 3, TEC BRIKEL EAD, TEC Republika, TPP Russe East, u Toplofikacia Sliven.

Meta jimplimentaw il-miri ta' dekarbonizzazzjoni stabbiliti taħt l-objettivi intermedji nri 54-57, l-awtoritajiet għandhom iqisu kif xieraq il-prestazzjoni ambjentali kumplessiva tal-installazzjonijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja bħat-trab u d-diossidu tal-kubrit, kif ukoll il-konformità mal-istandards tal-UE għall-kwalità tal-arja ambjentali fiż-żoni kollha tal-kwalità tal-arja fejn jinsabu l-installazzjonijiet

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 7 (C4.I7): Proġett pilota dwar is-sħana u l-enerġija kombinati minn sorsi ġeotermali

L-objettiv tal-investiment huwa li jippromwovi l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli minn sorsi ġeotermali billi jibda jopera impjant tal-enerġija ġeotermali pilota għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana.

L-investiment għandu jikkonsisti f'għotjiet għall-kostruzzjoni tal-installazzjonijiet magħżulin, bl-objettiv li jiġu installati tal-anqas 10 MW ta' elettriku u 30 MW ta' sħana. L-investiment għandu jipprovdi wkoll immappjar sismiku 3D ta' riżervi ġeotermali fondi li jipprovdu kundizzjonijiet għall-produzzjoni u għall-elettriku u għandu jibni laboratorju speċjalizzat fil-livell universitarju għar-riċerka u għat-taħriġ dwar is-sistema tal-enerġija ġeotermali kombinata. L-emendi għall-qafas regolatorju għandhom ineħħu l-impedimenti ewlenin identifikati fil-pjan direzzjonali għall-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali bħala sors tal-enerġija rinnovabbli, u jirregolaw l-użu tal-enerġija ġeotermali.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti pendenti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: kwalunkwe esplorazzjoni jew estrazzjoni taż-żejt jew tal-gass u l-ebda tagħmir mixtri jew użat għal skopijiet bħal dawn; appoġġ għal sistemi ta' tisħin distrettwali li jużaw sorsi tal-enerġija fossili u lanqas kwalunkwe investiment f'installazzjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS). Għandu jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda emissjoni ta' metan. Għandu jiġi żgurat ukoll li t-tħaffir ġeotermiku ma jkollu l-ebda impatt dannuż fuq l-iskarsezza tal-ilma u fuq il-kwalità tal-ilma. Barra minn hekk, it-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 8 (C4.I8): Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (RESTORE)

L-objettiv tal-investiment huwa li jippermetti żieda sinifikanti fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli (eolika u solari) fit-taħlita enerġetika u li jiżgura s-sigurtà, l-istabbiltà u t-tħejjija tas-sistema tal-elettriku Bulgara.

L-investiment għandu jikkonsisti f'appoġġ għall-installazzjoni u l-ikkummissjonar ta' infrastruttura nazzjonali ta' faċilitajiet għall-ħżin tal-elettriku fi skala tal-grilja b'kapaċità tal-enerġija utilizzabbli ta' 6 000 MWh. Il-faċilitajiet (li jikkonsistu f'batteriji, f'invertituri, fi transformers, f'elettronika tal-potenza/f'apparati elettroniċi intelliġenti u f'awtomatizzazzjoni tal-kontrolli) se jiġu ddistribwiti madwar it-territorju tal-Bulgarija u jiġu stabbiliti qrib il-

kapaċità ta' ġenerazzjoni rinnovabbli. L-implimentazzjoni għandha titwettaq permezz ta' proċessi ta' offerti miftuħa u kompetittivi fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji. Se jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' grilji intelliġenti, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' bbilanċjar u ta' ġestjoni tal-konġestjoni tal-grilji, li hija neċessarja sabiex jiġi integrat l-elettriku ġġenerat mill-enerġija rinnovabbli.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Ir-Riforma Nru 11 (C4.R11). It-titjib tal-governanza korporattiva tal-kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-enerġija

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb it-trasparenza u l-kompetittività tal-kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-enerġija. Il-miżura għandha tikkonsisti fis-separazzjoni tas-sjieda u tal-kontroll tal-Istat taż-żewġ operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-gass naturali u l-elettriku (jiġifieri Bulgartransaz EAD u ESO EAD) mill-istruttura korporattiva ta' Bulgarian Energy Holding EAD. Barra minn hekk, għandu jiġi ppreżentat rapport tal-awditjar indipendenti lill-Kummissjoni Ewropea, li jippreżenta valutazzjoni dettaljata dwar il-konformità mas-suq tas-sussidju inkroċjat bejn l-impriżi tal-enerġija tal-Istat jew kontrollati mill-Istat fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam, jekk ikun hemm, inkluż kwalunkwe trasferiment ta' kapital fost attivitajiet separati u fost impriżi tal-istess grupp fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam. Ir-rapport għandu jiġi sottomess kull sena, fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

D.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
63	C4.R1: L-istabbiliment ta' Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni	Objettiv Intermedju	Il-valutazzjoni tal-qafas regolatorju nazzjonali dwar l-effiċjenza enerġetika ppubblikata minn bord ta' esperti indipendenti	Il-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tal-qafas regolatorju nazzjonali dwar l-effiċjenza enerġetika fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Enerġija				Q3	2022	Għandha titwettaq valutazzjoni tal-qafas regolatorju nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika minn bord ta' esperti indipendenti u din għandha: 1. Tidentifika l-ostakli għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika; 2. tipprovdi rakkomandazzjonijiet għat-tibdil fil-qafas regolatorju nazzjonali; 3. Tidentifika l-għażliet dwar l-istruttura tal-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni, b'mod partikolari, dwar is-sjieda u l-governanza; 4. Tidentifika sorsi potenzjali għall-kapitalizzazzjoni tal-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni.
64	C4.R1: L-istabbiliment ta' Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni u s-subfondi tiegħu u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata.	Dispożizzjoni f'kull liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha u dik tal-leġiżlazzjoni sekondarja				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi u tal-leġiżlazzjoni sekondarja relatata għall-istabbiliment tal-Fond Nazzjonali ta' Dekarbonizzazzjoni u tas-subfondi tiegħu. Il-liġi għandha tiddefinixxi l-istruttura, il-governanza u r-regoli operattivi tal-Fond. Il-governanza għandha tkun allinjata mal-linji gwida rilevanti tal-OECD għall-governanza korporattiva, inklużi l-għażla u l-ħatra tal-maniġer tal-fond u tal-maniġers tas-subfondi permezz ta' proċedura trasparenti, miftuħa u bbażata fuq il-mertu. Ir-regoli operattivi għandhom jinkludu l-istrateġija ta' investiment, il-miżuri ta' implimentazzjoni, il-prodotti finanzjarji, ir-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										riċevituri finali, il-kombinazzjoni ta' strumenti finanzjarji u ta' għotjiet, kif ukoll il-proġetti eliġibbli, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, l-użu ta' sorsi rinnovabbli u t-tnaqqis tat-tniġġis.
65	C4.R1: L-istabbiliment ta' Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni	Objettiv Intermedju	Il-Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni u s-subfondi tiegħu jkunu operazzjonali	Ftehim kuntrattwali ffirmat bejn il-gvern Bulgaru u l-maniġer tal-Fond				Q3	2024	Il-ftehim bejn il-gvern Bulgaru u l-maniġer tal-Fond għandu jkun fih: 1. il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-investimenti u l-benefiċjarji finali; 2. id-dettalji fuq ir-regoli dwar il-governanza u l-fondi, l-ingranaġġ, is-sorsi ta' finanzjament inklużi l-fondi privati, l-arranġamenti ta' implimentazzjoni, il-prodotti finanzjarji, il-politika tar-riskju u politiki rilevanti oħrajn.
66	C4.R3: Id-definizzjoni ta' "faqar enerġetiku" u tal-kriterji għall-identifikazzjoni tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku u tal-konsumaturi vulnerabbli	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Enerġija u għal-leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-"faqar enerġetiku"	Dispożizzjoni fl-Att dwar l-Enerġija li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Enerġija u tal-leġiżlazzjoni sekondarja				Q4	2022	L-emendi għall-Att dwar l-Enerġija u l-leġiżlazzjoni sekondarja sussegwenti għandhom jirregolaw id-definizzjoni ta' "faqar enerġetiku" u jiddefinixxu kriterji għall-identifikazzjoni tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku u l-konsumaturi vulnerabbli. L-emendi għandhom iqisu l-kriterji elenkati fid-Direttiva 2019/944: introjtu baxx, kostijiet għoljin tal-enerġija bħala sehem mill-introjtu disponibbli u effiċjenza enerġetika baxxa.
67	C4.R2: Il-faċilitazzjoni tal-investimenti fir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Ġestjoni tas-Sjieda tal-Kondominji	Dispożizzjoni fl-Att dwar il-Ġestjoni tas-Sjieda tal-Kondominji li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q3	2022	L-emendi tal-Att dwar il-Ġestjoni tas-Sjieda tal-Kondominji għandhom: 1. jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet mis-sidien ta' siti individwali f'bini b'diversi appartamenti billi jitnaqqas il-limitu meħtieġ sabiex tiġi appoġġata r-rinnovazzjoni tal-bini. 2. jirregolaw il-ġestjoni professjonali billi

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										jinħolqu l-kundizzjonijiet għat-titjib tal-kwalità tagħha. 3. jiffaċilitaw l-applikazzjoni għal krediti kollettivi mill-kondominju permezz tal-istabbiliment ta' kont bankarju konġunt f'isem il-kondominju.
68	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini	Objettiv Intermedju	L-istabbiliment ta' skema ta' appoġġ nazzjonali għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika għal bini residenzjali u mhux residenzjali	Il-pubblikazzjoni tad-digriet Ministerjali li jistabbilixxi l-iskema				Q3	2022	L-iskema għandha tinkludi tliet sottomiżuri: 1. sottomiżura nru 1: Rinnovazzjoni enerġetika ta' mill-inqas 3,6 miljun m² ta' spazju ta' art gross totali ta' bini residenzjali; 2. sottomiżura nru 2: Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' mill-inqas 1,4 miljun m² ta' bini pubbliku mhux residenzjali; u 3. sottomiżura nru 3: Ir-rinnovazzjoni enerġetika ta' 866 binja mhux residenzjali fil-manifattura, fil-kummerċ u fis-servizzi, kif ukoll bini mis-settur tat-turiżmu. L-iskema għandha tiżgura ffrankar minimu ta' 30 % tad-domanda għall-enerġija primarja meta mqabbla mal-istat ta' qabel ir-rinnovazzjoni u l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
69	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini Sottomiżura nru 1: Ir-rinnovazzjoni ta'	Objettiv Intermedju	Sejħa għal proposti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika għal bini residenzjali	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa				Q3	2022	Is-sejħa għall-proposti għandha tiġi ppubblikata mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li huwa l-awtorità responsabbli għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali. Is-sejħa għandha tinkludi ż-żewġ stadji ta' applikazzjoni li ġejjin:

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	bini residenzjali									1. stadju nru 1 – miftuħ għal applikazzjonijiet b'finanzjament mill-għotjiet ta' 100 %; 2. stadju nru 2 – miftuħ għal applikazzjonijiet b'finanzjament mill-għotjiet ta' 80 % u b'finanzjament propju ta' 20 % mis-sidien tad-djar. Iż-żewġ stadji ta' applikazzjoni għandhom jimxu b'mod konsekuttiv u mhux b'mod parallel.
70	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini Sottomiżura nru 1: Ir-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għarrinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika għal bini b'diversi familji	Kuntratti ffirmati mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tax-Xogħlijiet Pubbliċi u mill-benefiċjarji				Q2	2024	L-iffirmar tal-lott finali ta' kuntratti. Il-kuntratti kollha taħt l-iskema għandhom isiru f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-objettivi intermedji nri 68 u 69.
71	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini Sottomiżura nru 1: Ir-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali	Mira	Ir-rinnovazzjoni kompluta tal-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali b'diversi familji – infrastruttura ta' abitazzjoni rinnovata (erja tal-art grossa)		Erja tal-art grossa rinnovata ta' bini residenzjali (m2)	0	3,6 miljun	Q2	2026	It-tlestija tar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali b'diversi familji. Bħala medja, ir-rinnovazzjoni għandha tnaqqas tal-anqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja.
72	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini Sottomiżura nru 2: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali, inkluż	Objettiv Intermedju	Sejħiet għal proposti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika għal bini mhux residenzjali	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħiet għas-sejħa nru 1 (bini pubbliku) u għas-sejħa nru 2 (bini fil-manifattura, fil-				Q3	2022	Iż-żewġ sejħiet għal proposti li ġejjin għandhom jiġu ppubblikati mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tax-Xogħlijiet Pubbliċi għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini mhux residenzjali: 1. sejħa għal bini pubbliku; 2. sejħa għal bini fil-manifattura, fil-kummerċ

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	bini pubbliku u s-sottomiżura 3: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali fil-manifattura, fil-kummerċ u fis-servizzi, kif ukoll ta' bini mis-settur tat-turiżmu			kummerċ u fis-servizzi)						u fis-servizzi.
73	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini Sottomiżura nru 2: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali, inkluż bini pubbliku u Sottomiżura 3: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali fil-manifattura, fil-kummerċ u fis-servizzi, kif ukoll ta' bini mis-settur tat-turiżmu	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika għal bini mhux residenzjali	Il-kuntratti ffirmati mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tax-Xogħlijiet Pubbliċi u mill-istituzzjonijiet pubbliċi/mis-sidien tal-bini				Q4	2023	Il-kuntratti kollha taħt l-iskema għandhom isiru f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-objettivi intermedji nri 68 u 69.
74	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-	Mira	Rinnovazzjoni kompluta tal-effiċjenza enerġetika		Erja rinnovata tal-art gross ta'	0	1,4 miljun	Q2	2026	It-tlestija tar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali, f'konformità mal-kundizzjonijiet fl-objettiv intermedju nru

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	istokk tal-bini Sottomiżura nru 2: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali, inkluż bini pubbliku		ta' bini mhux residenzjali – superfiċje rinnovata ta' bini pubbliku (sottomiżura nru 2)		bini pubbliku (m2)					73. Bħala medja, ir-rinnovazzjoni għandha tnaqqas tal-anqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja.
75	C4.I1: Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini Sottomiżura nru 2: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali, inkluż bini pubbliku u s-sottomiżura 3: Ir-rinnovazzjoni ta' bini mhux residenzjali fil-manifattura, fil-kummerċ u fis-servizzi, kif ukoll ta' bini mis-settur tat-turiżmu	Mira	Rinnovazzjoni kompluta tal-enerġija ta' bini mhux residenzjali – in-numru ta' bini rinnovat (sottomiżuri 2 u 3)		Numru	0	866	Q2	2026	It-tlestija tar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali, f'konformità mal-kundizzjonijiet fl-objettiv intermedju nru 10. Bħala medja, ir-rinnovazzjoni għandha tnaqqas tal-anqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja.
76	C4.I2: Appoġġ għall-enerġija rinnovabbli għall-unitajiet domestiċi	Objettiv Intermedju	L-istabbiliment ta' skema nazzjonali ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli għall-unitajiet domestiċi	Il-pubblikazzjoni tad-digriet Ministerjali li jistabbilixxi l-iskema				Q4	2022	L-iskema għandha tiffinanzja x-xiri ta' sistemi solari tal-ilma sħun domestiku (DHW) jew fotovoltajċi sa 10 kWp "tal-aqwa klassi" u tiżgura l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
77	C4.I2: Appoġġ għall-	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għall-	Il-kuntratti ffirmati mal-applikanti				Q1	2024	Jiġu ffirmati mill-inqas 6 000 kuntratt mal-benefiċjarji għal miżuri għall-enerġija

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	enerġija rinnovabbli għall-unitajiet domestiċi		installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli (RES)	magħżulin						rinnovabbli.
78	C4.I2: Appoġġ għall-enerġija rinnovabbli għall-unitajiet domestiċi	Mira	In-numru ta' unitajiet domestiċi megħjunin li jibbenefikaw minn RES		Numru	0	10 000	Q4	2025	L-installazzjoni ta' mill-anqas 10 000 unità domestika b'sorsi ineffiċjenti ta' sħana mill-fjuwil solidu ta' sistemi solari tal-ilma sħun domestiku (DHW) jew fotovoltajċi tal-aqwa klassi.
79	C4.I3: Appoġġ għal sistemi ta' tidwil tat-toroq effiċjenti fl-użu tal-enerġija	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-kuntratti ta' għotja għar-rinnovazzjoni tas-sistemi pubbliċi kontra s-sajjetti (is-sejħa nru 1)	Il-kuntratti ffirmati mill-Ministeru tal-Enerġija mal-applikanti magħżulin				Q3	2022	Il-kuntratti ta' għotja għar-rinnovazzjoni tas-sistemi ta' tidwil pubbliku għandhom jispeċifikaw li għandu jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fil-konsum tal-enerġija primarja.
80	C4.I3: Appoġġ għal sistemi ta' tidwil tat-toroq effiċjenti fl-użu tal-enerġija	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-kuntratti ta' għotja għar-rinnovazzjoni tas-sistemi pubbliċi kontra s-sajjetti (is-sejħa nru 2)	Il-kuntratti ffirmati mill-Ministeru tal-Enerġija mal-applikanti magħżulin				Q3	2023	Il-kuntratti ta' għotja għar-rinnovazzjoni tas-sistemi ta' tidwil pubbliku għandhom jispeċifikaw li għandu jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fil-konsum tal-enerġija primarja.
81	C4.I3: Appoġġ għal sistemi ta' tidwil tat-toroq effiċjenti fl-użu tal-enerġija	Mira	It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija		L-iffrankar tal-enerġija f'Megawatt sigħat (MWh) fis-sena	0	127 885	Q2	2025	Il-mira għandha tinkiseb mat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija bħala eżitu tar-rinnovazzjoni tat-tidwil pubbliku, li għandha tintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment tal-enerġija. L-ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika.
82	C4.R4: It-tisħiħ tal-proġetti tal-effiċjenza enerġetika u tal-	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Enerġija u tal-leġiżlazzjoni sekondarja sabiex	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Enerġija u				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Enerġija u tal-leġiżlazzjoni sekondarja sabiex jippermettu l-implimentazzjoni ta' metodu ta' finanzjament tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika bl-użu tal-kont tal-utilitajiet bħala l-veikolu ta'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	enerġija rinnovabbli permezz tal-kontijiet tal-enerġija		jippermettu titjib fl-effiċjenza enerġetika u proġetti tal-enerġija rinnovabbli skont il-mudell tal-Kumpaniji tas-Servizzi tal-Enerġija (ESCO).	għal-leġiżlazzjoni sekondarja						ripagament. Il-mekkaniżmu ma għandux jippermetti l-finanzjament ta' bojlers tal-gass bħala alternattiva għas-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin taż-żejt.
83	C4.R5: Punt Uniku ta' Servizz għar-rinnovazzjonijiet	Objettiv Intermedju	L-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz pilota għar-rinnovazzjoni tal-enerġija	Punti uniċi ta' servizz operazzjonali				Q4	2022	Sitt punti uniċi fiżiċi u pilota ta' servizz għandhom ikunu operazzjonali fuq bażi reġjonali sabiex jipprovdu pariri u jnaqqsu l-piż amministrattiv kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għan-negozji. Il-punt uniku ta' servizz għandu jintegra l-informazzjoni u s-servizzi neċessarji kollha għar-rinnovazzjoni tal-enerġija, inkluż dwar is-sorsi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli tal-UE.
84	C4.R5: Punt Uniku ta' Servizz għar-rinnovazzjonijiet	Mira	L-istabbiliment ta' punti uniċi fiżiċi ta' servizz f'kull reġjun NUTS-3 (jew żona funzjonali);		Numru	0	28	Q4	2023	Tal-anqas uffiċċju uniku fiżiku ta' servizz f'kull reġjun NUTS-3 għandu jkun operazzjonali. Il-punt uniku ta' servizz għandu jintegra l-informazzjoni u s-servizzi neċessarji kollha għar-rinnovazzjoni tal-enerġija, inkluż dwar is-sorsi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli tal-UE.
85	C4.I4: It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-kuntratti għall-aġġornament, għall-modernizzazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' trażmissjoni	Il-kuntratt(i) iffirmat(i) mill-EAD tal-ESO mal-offerent(i) magħżul(in)				Q3	2022	L-aġġornament, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' trażmissjoni kif speċifikati fil-kuntratti ffirmati għandhom jinkludu l-varar ta' Sistemi ta' Awtomatizzazzjoni tas-Substazzjonijiet (SAS) f'171 substazzjon fil-livell ta' vultaġġ ta' 110 kV li joħolqu l-kundizzjonijiet tekniċi għall-integrazzjoni ta' kapaċità tal-produzzjoni ġdida ta' 2 500 MW minn sorsi rinnovabbli fis-sistema

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										tal-elettriku sar-raba' trimestru tal-2024.
86	C4.I4: It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku	Mira	Il-kundizzjonijiet tekniċi ppermettew l-integrazzjoni f'kapaċità tal-produzzjoni ġdida ta' 2 500 MW minn sorsi rinnovabbli (eoliċi u solari) fis-sistema tal-elettriku		Megawatts (MW)	1 842	4 342	Q4	2024	Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti kollha għall-fattibbiltà teknika tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku għandhom jiġu ssodisfati sabiex jiġu integrati tal-anqas 2 500 MW f'kapaċità tal-produzzjoni ġdida, meta mqabbla mal-livelli tal-2020, minn sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku.
87	C4.I4: It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku	Mira	Iż-żieda ta' 600 MW fil-kapaċità netta ta' trażmissjoni transfruntiera		Megawatts (MW)	1 400	2 000	Q2	2024	Tal-anqas 600 MW f'kapaċità netta ta' trażmissjoni transfruntiera addizzjonali mar-Rumanija u mal-Greċja, meta mqabbla mal-livelli tal-2020, għandhom jiġu kkummissjonati u mqegħdin għad-dispożizzjoni tas-suq.
88	C4.I4: It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku	Mira	Iż-żieda ta' 600 MW addizzjonali fil-kapaċità netta ta' trażmissjoni transfruntiera		Megawatts (MW)	1 400	2 600	Q2	2025	Tal-anqas 1200 MW ta' kapaċità ta' interkonnessjoni netta addizzjonali mar-Rumanija u mal-Greċja meta mqabbla mal-livelli tal-2020 għandhom jiġu kkummissjonati u magħmulin disponibbli fis-suq.
89	C4.I4: It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku	Mira	Il-kundizzjonijiet tekniċi ppermettew l-integrazzjoni ta' 2 500 MW addizzjonali minn sorsi rinnovabbli (eoliċi u solari) fis-sistema tal-elettriku		Megawatts (MW)	4 342	6 342	Q1	2026	Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti kollha għall-fattibbiltà teknika tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku għandhom jiġu ssodisfati sabiex jiġu integrati 2 000 MW għal kisba kumulattiva ġdida ta' 4 500 MW f'kapaċità ta' produzzjoni, meta mqabbla mal-livelli tal-2020, minn sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku.
90	C4.R7: L-isfruttar tal-potenzjal tat-	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas leġiżlattiv, li	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas regolatorju bbażat fuq il-Pjan Direzzjonali Nazzjonali.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	teknoloġiji tal-idroġenu u tal-produzzjoni u tal-provvista tal-idroġenu		jimplimentaw il-Pjan Direzzjonali Nazzjonali	emendi għall-qafas leġiżlattiv						L-emendi għandhom ineħħu l-impedimenti ewlenin identifikati fil-pjan direzzjonali għall-iżvilupp tat-teknoloġija tal-idroġenu ekoloġiku u jimplimentaw miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tal-katina tal-valur kollha tal-idroġenu ekoloġiku.
91	C4.R8: Il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Enerġija li jippromulgaw ir-riforma tas-swieq tal-elettriku (bl-ingrossa, tal-ibbilanċjar u bl-imnut)	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi l-ġodda għall-Att dwar l-Enerġija				Q3	2022	L-emendi għal-Liġi dwar l-Enerġija (u għal kwalunkwe leġiżlazzjoni sekondarja meħtieġa) għandhom: 1. jilliberalizzaw is-suq tal-operaturi tal-elettriku sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2022. Dan għandu jinkludi: - it-tneħħija tal-obbligi tal-kwoti għal Natsionalna Elektricheska Kompania EAD (NEK) u t-terminazzjoni tar-rwol tagħha bħala fornitur pubbliku; - il-projbizzjoni ta' kuntratti fit-tul, bħal ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija, jew kwalunkwe ftehim simili ieħor li jkollu għan jew effett identiku jew ekwivalenti bl-eċċezzjoni ta' ftehimiet tali għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli jew dawk konklużi fis-suq spot tal-kambju tal-enerġija. Mal-iskadenza jew mat-terminazzjoni bikrija tal-ftehimiet kurrenti dwar ix-xiri tal-enerġija, l-impjanti li bbenefikaw minn tali ftehimiet ma għandhomx jirċievu għajnuna mill-Istat ġdida b'appoġġ tal-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam jew mil-linjite; 2. jirriformaw is-suq tal-ibbilanċjar tal-elettriku

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022. Dan għandu jinkludi: a. ix-xiri tal-kapaċità tal-ibbilanċjar hu bbażat fuq is-suq; b. il-prezz tal-enerġija tal-ibbilanċjar għandu jiġi ppubblikat f'temp ta' 30 minuta wara l-għeluq tas-suq tal-istess ġurnata; c. għandu jiġi introdott prezz tal-ibbilanċjar uniku għal perjodi mingħajr attivazzjoni tal-enerġija tal-ibbilanċjar; d. għandu jiġi introdott perjodu tal-issettiljar tal-iżbilanċ ta' 15-il minuta; e. ma għandu jiġi stabbilit l-ebda limitu massimu fuq il-prezzijiet għall-ibbilanċjar tal-elettriku. 3. jilliberalizzaw is-suq tal-bejgħ bl-imnut tal-elettriku mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025 billi jipprovdu deregolamentazzjoni progressiva sħiħa tal-prezzijiet bl-imnut għall-unitajiet domestiċi b'mod parallel mal-kapaċità sħiħa ta' bdil tal-fornitur. L-eliminazzjoni gradwali tal-prezzijiet regolati għall-klijenti domestiċi għandha sseħħ f'żewġ stadji suċċessivi fl-2023 u fl-2025, li jkopru rispettivament sehem sinifikanti tas-suq domestiku.
92	C4.R8: Il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku	Objettiv Intermedju	L-integrazzjoni tas-suq tal-elettriku	It-tlestija tal-akkoppjament tas-swieq tal-elettriku ta' ġurnata bil-quddiem u tal-				Q4	2022	L-akkoppjament tas-swieq tal-elettriku ta' ġurnata bil-quddiem mar-Rumanija għandu jitlesta u jibda jopera sal-31 ta' Diċembru 2021. L-akkoppjament tas-swieq tal-elettriku tal-istess

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
				istess ġurnata mar-Rumanija u mal-Greċja						ġurnata mal-Greċja għandu jitlesta u jkun operazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2022.
93	C4.R11: It-titjib tal-governanza korporattiva tal-kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-enerġija	Objettiv Intermedju	Separazzjoni tas-sjieda u tal-kontroll mill-Istat tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni Bulgartransgaz EAD u ESO EAD	Entitajiet korporattivi separati stabbiliti taħt sjieda pubblika				Q1	2024	L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni Bulgartransgaz and ESO għandhom ikunu separati mill-istruttura korporattiva tal-Bulgarian Energy Holding. Dawn għandhom jiġu stabbiliti bħala impriżi pubbliċi separati. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida, il-Ministeru għall-Enerġija għandu jħejji u jadotta pjan ta' azzjoni dwar il-proċess ta' separazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022. L-entitajiet il-ġodda għandhom jiġu organizzati bħala intrapriżi tal-Istat fil-forma ġuridika ta' kumpaniji kummerċjali f'konformità sħiħa mal-liġi dwar il-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-Istat (il-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi Nru 79/2019).
94	C4.R11: It-titjib tal-governanza korporattiva tal-kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-enerġija	Objettiv Intermedju	L-ebda sussidju inkroċjat bejn l-impriżi tal-enerġija tal-Istat	Rapport tal-awditjar dwar is-sussidju inkroċjat				Q2	2023	Ir-rapporti tal-awditjar indipendenti għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi annwali fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti. Għandhom jippreżentaw valutazzjoni dettaljata dwar il-konformità tas-suq tas-sussidju inkroċjat bejn l-impriżi tal-enerġija tal-Istat jew kontrollati mill-Istat li jkun seħħ fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam, jekk ikun hemm. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess sat-30 ta' Ġunju 2023. Ir-rapporti għandhom jivvalutaw: - il-konformità mas-suq ta' kwalunkwe sussidju

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										inkroċjat fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam bejn kumpaniji miżmumin direttament mill-Istat Bulgaru, iżda wkoll bejn kumpaniji differenti fi ħdan il-Bulgarian Energy Holding. - il-konformità mas-suq ta' sussidju inkroċjat, inkluż kwalunkwe trasferiment ta' kapital fost attivitajiet separati u fost impriżi tal-istess grupp fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam.
95	C4.R6: It-tisħiħ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-qafas leġiżlattiv nazzjonali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas leġiżlattiv nazzjonali				Q4	2022	L-emendi għal-leġiżlazzjoni primarja jew sekondarja rilevanti, inklużi l-atti mir-regolatur nazzjonali għandhom ineħħu l-ostakli għall-installazzjoni u għall-konnessjoni mal-grilja ta' faċilitajiet tal-enerġija rinnovabbli, bħar-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni. B'mod partikolari, l-emendi għandhom jinkludu: 1. is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli (jiġifieri solar u eolika fuq l-art), jistabbilixxu skadenzi għar-rispons iqsar u obbligatorji mill-awtoritajiet amministrattivi u mill-operaturi tal-grilja u jimplimentaw proċeduri ta' responsabbiltà għal dewmien bla bżonn. 2. it-tnaqqis tal-iskeda ta' żmien għall-konnessjoni mal-grilja (għall-enerġija kemm solari kif ukoll eolika fuq l-art) għal massimu ta' 6 xhur mid-data ta'

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta. 3. l-abilitazzjoni ta' żoni "go-to" dedikati fejn il-parks eoliċi fuq l-art ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali. 4. is-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli għall-użu proprju sa 1 MW (bħal installazzjonijiet fotovoltajċi fuq il-bjut għall-unitajiet domestiċi u għall-SMEs) meta l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tkun ugwali għall-kapaċità konnessa billi tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 631/2016 u billi: a. tiġi eskluża mill-proċedura l-approvazzjoni teknika mid-DSO u jintalbu biss rapport tekniku u pjan iddettaljat tal-proġett. b. l-eliminazzjoni gradwali tal-obbligu li jiġi ddikjarat id-dazju tas-sisa għall-awtoġenerazzjoni, flimkien mar-rekwiżit ta' maħżen tat-taxxa għall-produtturi kollha tal-elettriku li ma jbigħux elettriku lill-klijenti finali permezz ta' emendi leġiżlattivi għal-Liġi dwar id-Dazji tas-Sisa u l-Imħażen tat-Taxxa. 5. it-tneħħija tal-ostakli għall-iżvilupp tal-awtokonsum ta' enerġija rinnovabbli u ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, fid-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										dawl tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.
96	C4.R6: It-tisħiħ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas leġiżlattiv nazzjonali sabiex jiġi appoġġat il-varar rapidu tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas leġiżlattiv nazzjonali				Q4	2023	Emendi għal-leġiżlazzjoni primarja jew sekondarja rilevanti, inklużi l-atti mir-regolatur nazzjonali għandhom jintroduċu qafas regolatorju u ta' appoġġ speċifiku għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, inklużi iżda mhux limitati għal dawn: 1. ippjanar speċjali dettaljat dwar l-enerġija lil hinn mill-kosta, b'żoni "go-to" dedikati fejn il-parks eoliċi lil hinn mill-kosta jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali; 2. pjan ta' żvilupp tal-grilja għaż-żona kostali.
97	C4.I8: Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku minn RES (RESTORE)	Objettiv Intermedju	Emenda tal-qafas leġiżlattiv nazzjonali sabiex jappoġġa l-varar rapidu tal-ħżin tal-elettriku	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q4	2022	L-emendi għal-leġiżlazzjoni primarja jew sekondarja rilevanti għandhom jeliminaw l-ostakli, jintroduċu qafas regolatorju speċifiku u ta' appoġġ għall-kostruzzjoni, għall-konnessjoni u għat-tħaddim tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-elettriku.
98	C4.I6: Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku	Objettiv Intermedju	It-tnedija ta' sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' kapaċità tal-produzzjoni ta' elettriku ta' 285 MW minn sorsi rinnovabbli (enerġija eolika u solari)	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa				Q4	2022	Tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti kompetittiva għall-għażla ta' proġetti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kollokati mal-ħżin tal-elettriku. Il-mekkaniżmu tal-irkant għandu jitfassal f'konsultazzjoni ma' istituzzjoni finanzjarja internazzjonali ta' implimentazzjoni u fuq il-bażi tal-aħjar prattiki.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			kolokalizzata ma' 75 MW ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija							Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
99	C4.I6: Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku	Objettiv Intermedju	Tnedija ta' sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' 285 MW f'kapaċità ta' produzzjoni ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli (enerġija eolika u solari) kolokalizzata ma' 75 MW ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa				Q2	2023	Tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti kompetittiva għall-għażla ta' proġetti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kollokati mal-ħżin tal-elettriku. Il-mekkaniżmu tal-irkant għandu jitfassal f'konsultazzjoni ma' istituzzjoni finanzjarja internazzjonali ta' implimentazzjoni u fuq il-bażi tal-aħjar prattiki. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
100	C4.I6: Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku	Objettiv Intermedju	It-tnedija ta' sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' kapaċità tal-produzzjoni ta' elettriku ta' 285 MW minn sorsi rinnovabbli (enerġija eolika u solari) kolokalizzata ma' 75 MW ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa				Q4	2023	Tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti kompetittiva għall-għażla ta' proġetti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kollokati mal-ħżin tal-elettriku. Il-mekkaniżmu tal-irkant għandu jitfassal f'konsultazzjoni ma' istituzzjoni finanzjarja internazzjonali ta' implimentazzjoni u fuq il-bażi tal-aħjar prattiki. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
101	C4.I6: Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda	Objettiv Intermedju	It-tnedija ta' sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta'	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet				Q2	2024	Tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti kompetittiva għall-għażla ta' proġetti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kollokati mal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku		kapaċità tal-produzzjoni ta' elettriku ta' 285 MW minn sorsi rinnovabbli (enerġija eolika u solari) kolokalizzata ma' 75 MW ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija	tas-sejħa						ħżin tal-elettriku. Il-mekkaniżmu tal-irkant għandu jitfassal f'konsultazzjoni ma' istituzzjoni finanzjarja internazzjonali ta' implimentazzjoni u fuq il-bażi tal-aħjar prattiki. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
102	C4.I6: Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku	Objettiv Intermedju	It-tnedija ta' sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' kapaċità tal-produzzjoni ta' elettriku ta' 285 MW minn sorsi rinnovabbli (enerġija eolika u solari) kolokalizzata ma' 75 MW ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa				Q4	2024	Għandha tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti kompetittiva għall-għażla ta' proġetti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kollokata mal-ħżin tal-elettriku. Il-mekkaniżmu tal-irkant għandu jitfassal f'konsultazzjoni ma' istituzzjoni finanzjarja internazzjonali ta' implimentazzjoni u fuq il-bażi tal-aħjar prattiki. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
103	C4.I6: Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku	Mira	Kapaċità tal-produzzjoni ġdida addizzjonali tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (enerġija eolika u solari) kolokalizzata ma' kapaċità ta' ħżin tal-elettriku		Megawatts (MW)	1 704	3 129	Q2	2026	Kapaċità kumulattiva ta' 1 425 MW ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli b'minn tal-anqas 350 MW ta' ħżin tal-elettriku kkummissjonat u konness mal-grilja, meta mqabbla mal-livelli tal-kapaċità installata tal-2022, f'konformità mal-kundizzjonijiet fl-objettivi intermedji nri 98-102.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			kummissjonata							
104	C4.R6: It-tisħiħ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli	Mira	Kapaċità ġdida kumplessiva tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (enerġija eolika u solari) kummissjonata		Megawatts (MW)	1 704	5 204	Q2	2026	Tal-anqas 3 500 MW f'kapaċità addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli (eolika u solari) meta mqabbla mal-livelli tal-2022 tal-kapaċità installata (eolika u solari) għandhom jiġu kkummissjonati u konnessi mal-grilja.
105	C4.I7: Proġett pilota dwar is-sħana u l-enerġija kombinati minn sorsi ġeotermali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Ilma, għall-Att dwar l-Enerġija u għall-Att dwar il-Konċessjonijiet fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' tip ġdid ta' impjant tal-enerġija u tal-użu tal-enerġija ġeotermali.	Dispożizzjoni fl-Atti li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Ilma, għall-Att dwar l-Enerġija u għall-Att dwar il-Konċessjonijiet				Q4	2022	L-emendi għall-qafas regolatorju (l-Att dwar l-Ilma, l-Att dwar l-Enerġija u l-Att dwar il-Konċessjonijiet u ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sekondarja meħtieġa) għandhom: 1. ineħħu l-impedimenti ewlenin identifikati fil-pjan direzzjonali għall-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali bħala sors ta' enerġija rinnovabbli; 2. jistabbilixxu li ma jkun hemm l-ebda tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art u tal-uċuħ tal-ilma, kemm fl-istudji dwar l-enerġija ġeotermali kif ukoll matul it-tħaddim tal-installazzjoni; 3. jirregolaw l-użu tal-enerġija ġeotermali bħala riżorsa.
106	C4.I7: Proġett pilota dwar is-sħana u l-enerġija kombinati minn sorsi ġeotermali	Objettiv Intermedju	It-twaqqif ta' laboratorju speċjalizzat għar-riċerka u għat-taħriġ fil-qasam tal-enerġija ġeotermali	Laboratorju speċjalizzat operazzjonali				Q3	2023	Għandu jitwaqqaf laboratorju speċjalizzat mgħammar għar-riċerka u għat-taħriġ dwar teknoloġiji għall-konverżjoni tal-enerġija ġeotermali kombinati b'effiċjenza għolja u dwar sistemi tal-enerġija ġeotermali.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
107	C4.I7: Proġett pilota dwar is-sħana u l-enerġija kombinati minn sorsi ġeotermali	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratt(i) għall-iżvilupp ta' proġett pilota għall-ġenerazzjoni kombinata tas-sħana u tal-elettriku minn sorsi ġeotermali.	Il-kuntratt(i) iffirmat(i) mill-Ministeru tal-Enerġija mal-offerent(i) magħżul(in)				Q4	2023	L-iffirmar tal-kuntratt(i) għall-produzzjoni ta' mill-inqas 10 MW ta' elettriku minn sorsi ġeotermali wara proċess kompetittiv ta' offerti. Tali proċess ta' offerti għandu jkun miftuħ, nondiskriminatorju u jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-impriżi kollha interessati. Il-kuntratti għandhom ikopru l-inġinerija, id-disinn u l-kostruzzjoni ta' impjant tal-enerġija ġeotermali pilota ta' dimostrazzjoni. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
108	C4.I7: Proġett pilota dwar is-sħana u l-enerġija kombinati minn sorsi ġeotermali	Mira	Impjant pilota ta' dimostrazzjoni tal-enerġija ġeotermali jkun operazzjonali.		Megawatts (MW)	0	10	Q2	2026	Id-dħul fis-seħħ tal-impjant pilota tal-enerġija ġeotermali għall-produzzjoni ta' 10 MW elettriku u ta' 30 MW sħana mill-enerġija ġeotermali, f'konformità mal-Gwida Teknika "la ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
109	C4.I5: Proġetti pilota għall-produzzjoni ta' idroġenu ekoloġiku u ta' bijogass	Objettiv Intermedju	It-tnedija ta' sejħa għal proġetti għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u tal-bijogass.	Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti (inklużi linji gwida u kriterji tal-għażla) għall-proposti tal-proġetti				Q1	2023	Is-sejħa għall-offerti għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u tal-bijogass għandha titnieda u għandha tkopri l-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku ta' mill-inqas 55 MW tal-kapaċità tal-elettrolizzaturi ġodda u tal-bijogass ta' kapaċità tal-produzzjoni ta' mill-inqas 9 MW. Il-kriterji tal-għażla tas-sejħa għall-offerti għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
110	C4.I5: Proġetti pilota għall-produzzjoni ta' idroġenu ekoloġiku u ta' bijogass	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-kuntratt(i) għall-kostruzzjoni tal-kapaċità tal-elettrolizzaturi u tal-bijogass	Il-kuntratt(i) iffirmat(i) mill-Ministeru tal-Enerġija mal-offerent(i) magħżul(in)				Q3	2023	Il-kuntratt(i) għall-kostruzzjoni għandu/għandhom jiġi/u ffirmat(i) mill-Ministeru tal-Enerġija mal-offerent(i) rebbieħ(a) u għandu/għandhom ikopri/u: 1) kapaċità ġdida tal-elettrolizzaturi, ta' mill-inqas 55 MW, b'volum mistenni ġġenerat ta' mill-inqas 7 800 tunnellata/sena ta' idroġenu ekoloġiku prodott mill-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli; 2) faċilità ġdida għall-produzzjoni tal-bijogass ta' mill-inqas 9 MW, b'volum mistenni ġġenerat ta' mill-inqas 7 ktoe/sena ta' bijogass.
111	C4.I5: Proġetti pilota għall-produzzjoni ta' idroġenu ekoloġiku u ta' bijogass	Mira	Il-produzzjoni ta' idroġenu ekoloġiku		Megawatts (MW)	0	55	Q4	2025	Il-bidu tal-operat ta' 55 MW f'kapaċità installata tal-elettrolizzaturi li kapaċi jipproduċu tal-anqas 7 800 tunnellata fis-sena ta' idroġenu ekoloġiku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.
112	C4.I5: Proġetti pilota għall-produzzjoni ta' idroġenu ekoloġiku u ta' bijogass	Mira	Il-produzzjoni tal-bijogass		Megawatts (MW)	0	9	Q4	2025	Il-bidu tal-operat ta' faċilità ta' produzzjoni tal-bijogass ta' 9 MW, li kapaċi tiġġenera tal-anqas 7 ktoe bijogass/sena.
113	C4.R9: Il-Pjan Direzzjonali għan-Newtralità Klimatika	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi l-Kummissjoni għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija Ekoloġika	Dispożizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern u l-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-				Q2	2022	Id-Deċiżjoni tal-Gvern għandha tistabbilixxi l-Kummissjoni u tagħtiha mandat sabiex tħejji xenarji u rakkomandazzjonijiet għal Pjan Direzzjonali għan-Newtralità Klimatika. Il-Kummissjoni għandha tiġi stabbilita fil-livell ta' esperti b'involviment wiesa' tal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu żgurati l-għarfien

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
				Tranżizzjoni tal-Enerġija Ekoloġika						espert, l-indipendenza u l-pluraliżmu. Ir-rapport tax-xenarju u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Gvern u jsiru pubbliċi. Ix-xenarji u r-rakkomandazzjonijiet żviluppati għandhom jinkludu passi għat-tlestija tal-eliminazzjoni gradwali tal-faħam/tal-linjite mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2038. L-iżvilupp tax-xenarji u tar-rapport dwar mistenni jikkontribwixxi għall-finalizzazzjoni f'waqtha tal-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta għar-reġjuni tal-faħam. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta xenarji differenti għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam/tal-linjite, inkluż għall-eliminazzjoni gradwali aċċellerata li għandha titlesta sal-2030, f'konformità ma' Stati Membri ġirien komparabbli.
114	C4.R9: Il-Pjan Direzzjonali għan-Newtralità Klimatika	Objettiv Intermedju	Is-sottomissjoni tar-rapport tax-xenarju u tar-rakkomandazzjonijiet u tal-approvazzjoni mill-Assemblea Nazzjonali ta' Pjan Direzzjonali għan-Newtralità Klimatika.	Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Nazzjonali				Q3	2022	Il-Gvern għandu jissottometti proposta għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam lill-Assemblea Nazzjonali fuq il-bażi tar-rapport tax-xenarju u tar-rakkomandazzjonijiet żviluppati mill-Kummissjoni għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija. L-Assemblea Nazzjonali għandha tadotta riżoluzzjoni li tapprova Pjan Direzzjonali għan-newtralità klimatika, fuq il-bażi tar-rapport u

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern. Ir-riżoluzzjoni għandha tistabbilixxi d-data finali għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam/tal-linjite kif identifikata f'wieħed mix-xenarji żviluppati mill-Kummissjoni għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija.
115	C4.R10: Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tadotta l-kalendarju tal-eliminazzjoni gradwali tal-faħam u tal-linjite u li tintroduċi limitu massimu tal-emissjonijiet ta' CO2 għall-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-linjite u bil-faħam.	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjonijiet li jistabbilixxu regoli għall-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam jew mil-linjite. Il-liġi għandha: a. tinkludi projbizzjoni fuq: o il-bini u t-tħaddim ta' installazzjonijiet ġodda għall-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam jew mil-linjite; o il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam jew mil-linjite li tidħol fis-seħħ mhux aktar tard mill-2038, inkluża skeda ta' żmien vinkolanti għall-eliminazzjoni gradwali. b. l-iffissar ta' limitu ġenerali fuq l-ammont annwali totali ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO2) kif irreġistrat fir-Reġistru tal-Emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) għall-impjanti tal-enerġija eżistenti li jaħdmu bil-faħam u bil-linjite ("Limitu Massimu tal-Emissjonijiet"). Il-Limitu Massimu tal-Emissjonijiet għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2026 u jkun implimentat bil-mekkaniżmu previst fl-objettiv intermedju 116. Il-Limitu Massimu tal-Emissjonijiet għandu jiżgura li l-emissjonijiet annwali tal-impjanti kollha

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										tal-enerġija li jaħdmu bil-linjite u bil-faħam kif imsemmi fid-deskrizzjoni tal-komponent fil-Bulgarija ma jaqbżux l-10 983 000 tunnellata ta' CO2 sakemm titlesta l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam u tal-linjite. Il-limitu massimu annwali tal-emissjonijiet għandu japplika fuq il-bażi ta' sena kalendarja, f'konformità maċ-ċiklu annwali għall-monitoraġġ, għar-rapportar u għall-verifika tal-emissjonijiet skont l-EU ETS kif previst fid-Direttiva ETS 2003/87/KE. L-emissjonijiet annwali rrapportati għall-finijiet tal-EU ETS għandhom jintużaw mir-regolatur għall-verifika tal-konformità. c. Tipprovdi għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni li għandha tistipula arranġamenti regolatorji dettaljati għall-implimentazzjoni, u għall-infurzar tal-limitu tal-emissjonijiet li għandu jiġi stabbilit mill-gvern Bulgaru. Dan għandu jinkludi l-ħatra ta' regolatur u mekkaniżmu għall-implimentazzjoni tal-limitu globali tal-emissjonijiet f'limiti fil-livell tal-installazzjonijiet individwali fuq bażi annwali. Il-liġi għandha tipprovdi wkoll għal miżuri mmirati sabiex jindirizzaw l-impatti soċjoekonomiċi fil-komunitajiet affettwati. Dawn il-miżuri għandhom ikunu konsistenti mal-pjan territorjali rilevanti ta' tranżizzjoni

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										ġusta, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.
116	C4.R10: Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni(jiet) ta' implimentazzjoni li tinforza/jinforzaw il-limitu tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju għall-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam u mil-linjite	Dispożizzjoni fid-deċiżjoni(jiet) ta' implimentazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ				Q2	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mill-gvern Bulgaru, li għandha tistabbilixxi: a. regolatur: għandha tinħatar awtorità kompetenti sabiex timplimenta, tivverifika u tinforza l-limitu massimu tal-emissjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam u mil-linjite. b. arranġamenti ta' implimentazzjoni: għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-limitu massimu annwali tal-emissjonijiet, inklużi l-mekkaniżmi li bihom ir-Regolatur għandu jistabbilixxi l-limiti annwali tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-installazzjonijiet individwali. c. arranġamenti ta' rapportar, ta' monitoraġġ u ta' konformità: l-arranġamenti ta' rapportar għandhom ikunu dawk użati taħt l-EU ETS sabiex jimminimizzaw il-piż fuq l-operaturi; il-konformità mal-limitu massimu tal-emissjonijiet għandha titwettaq billi jitqabblu l-emissjonijiet annwali verifikati tal-karbonju tal-installazzjoni rrapportati skont l-EU ETS mal-limiti stabbiliti mir-Regolatur skont il-limitu massimu tal-emissjonijiet. d. infurzar u sanzjonar: ir-Regolatur għandu jkollu aċċess għal mekkaniżmi ta' infurzar xierqa sabiex jiżgura li ma jkun hemm l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										ebda inċentiv finanzjarju sabiex jinkiser il-limitu massimu tal-emissjonijiet u għandu jkun meħtieġ jimponi multi f'każ li operatur ta' impjant jikser il-limitu massimu tal-emissjonijiet; il-livell ta' kwalunkwe penali finanzjarja maħruġa b'rabta ma' ksur tal-limitu massimu tal-emissjonijiet għandu jkun biżżejjed sabiex jitneħħa kwalunkwe benefiċċju derivat minn operatur minn tali ksur.
117	C4.R10: Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mis-settur tal-enerġija (I)		Tunnellati ta' CO2	19 438 000	17 883 000	Q2	2023	L-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju tal-impjanti kollha tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam jew bil-linjite għandhom ikunu tnaqqsu b'tal-anqas 1 555 000 tunnellata fl-2022 meta mqabblin mal-livelli tal-2019. It-tnaqqis għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-emissjonijiet verifikati annwali tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam u mil-linjite kif reġistrati fir-Reġistru tal-Emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) operat mill-Kummissjoni Ewropea. It-tnaqqis għandu jitkejjel bid-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju mis-sorsi tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam jew bil-linjite għall-2022 u s-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-2019 mill-faħam u mil-linjite.
118	C4.R10: Id-dekarbonizzazzjoni	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-		Tunnellati ta' CO2	19 438 000	15 939 000	Q2	2024	L-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju tal-impjanti kollha tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tas-settur tal-enerġija		diossidu tal-karbonju mis-settur tal-enerġija (II)							jew bil-linjite għandhom ikunu tnaqqsu b'tal-anqas 3 499 000 tunnellata fl-2023 meta mqabblin mal-livelli tal-2019. It-tnaqqis għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-emissjonijiet verifikati annwali tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam u mil-linjite kif reġistrati fir-Reġistru tal-Emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) operat mill-Kummissjoni Ewropea. It-tnaqqis għandu jitkejjel bid-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju mis-sorsi tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam jew bil-linjite għall-2023 u s-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-2019 mill-faħam u mil-linjite.
119	C4.R10: Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mis-settur tal-enerġija (III)		Tunnellati ta' CO2	19 438 000	13 607 000	Q2	2025	L-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju tal-impjanti kollha tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam jew bil-linjite għandhom ikunu tnaqqsu b'tal-anqas 5 831 000 tunnellata fl-2024 meta mqabblin mal-livelli tal-2019. It-tnaqqis għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-emissjonijiet verifikati annwali tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam u mil-linjite kif reġistrati fir-Reġistru tal-Emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) operat mill-Kummissjoni Ewropea. It-tnaqqis għandu jitkejjel bid-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju mis-sorsi tal-enerġija li

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										jaħdmu bil-faħam jew bil-linjite għall-2024 u s-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-2019 mill-faħam u mil-linjite.
120	C4.R10: Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mis-settur tal-enerġija (IV)		Tunnellati ta' CO2	19 438 000	10 983 000	Q2	2026	L-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju tal-impjanti kollha tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam jew bil-linjite għandhom ikunu tnaqqsu b'tal-anqas 8 455 000 tunnellata fl-2025 meta mqabblin mal-livelli tal-2019. It-tnaqqis għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-emissjonijiet verifikati annwali tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam u mil-linjite kif reġistrati fir-Reġistru tal-Emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) operat mill-Kummissjoni Ewropea. It-tnaqqis għandu jitkejjel bid-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju mis-sorsi tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam jew bil-linjite għall-2025 u s-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha tad-diossidu tal-karbonju għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-2019 mill-faħam u mil-linjite.
ok121	C4.R10: Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni mir-regolatur li timponi limiti annwali fuq l-emissjonijiet tal-karbonju għal installazzjonijiet individwali	Dispożizzjoni fid-deċiżjonijiet li tindika d-dħul fis-seħħ				Q2	2025	Ir-regolatur għandu jikkalkola l-livell tal-Limitu Massimu tal-Emissjonijiet għall-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam u bil-linjite li jkunu għadhom qegħdin joperaw u jinnotifika lill-operaturi.
122	C4.I8: Infrastruttura nazzjonali għall-	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratt(i) għall-konsenja, għall-	Iffirmar tal-kuntratti				Q2	2023	L-iffirmar ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' sistemi għall-ħżin f'batteriji bi skala ta' grilja b'kapaċità tal-enerġija ta' mill-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	ħżin tal-elettriku minn RES (RESTORE)		installazzjoni, għall-konnessjoni u għall-ikkummissjonar ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-enerġija f'batteriji bi skala ta' grilja b'kapaċità tal-enerġija ta' mill-inqas 6 000 MWh.							inqas 6 000 MWh wara proċess kompetittiv ta' offerti. Dan il-proċess ta' offerti għandu jkun miftuħ, mhux diskriminatorju u jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-impriżi interessati kollha. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01),
123	C4.I8: Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku minn RES (RESTORE)	Mira	Ħżin tal-elettriku (I)		Megawatts sigħat (MWh)	0	2 000	Q1	2024	L-ikkummissjonar ta' 2000MWh ta' kapaċità tal-enerġija tas-sistemi tal-ħżin tal-elettriku, f'konformità mal-kundizzjonijiet La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti stabbiliti fil-Gwida Teknika "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (2021/C58/01)
124	C4.I8: Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku minn RES (RESTORE)	Mira	Ħżin tal-elettriku (II)		Megawatts sigħat (MWh)	2 000	4 000	Q1	2025	L-ikkummissjonar ta' 4000MWh ta' kapaċità tal-enerġija utilizzabbli tas-sistemi tal-ħżin tal-elettriku, f'konformità mal-kundizzjonijiet La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti stabbiliti fil-Gwida Teknika "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (2021/C58/01)
125	C4.I8: Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku minn RES (RESTORE)	Mira	Ħżin tal-elettriku (III)		Megawatts sigħat (MWh)	4 000	6 000	Q1	2026	L-ikkummissjonar ta' 6 000 MWh ta' kapaċità tal-enerġija utilizzabbli tas-sistemi tal-ħżin tal-elettriku, f'konformità mal-kundizzjonijiet La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti stabbiliti fil-Gwida Teknika "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (2021/C58/01)

E. KOMPONENT NRU 5: IL-BIJODIVERSITÀ

Dan il-komponent tal-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jiżgura ġestjoni effettiva tan-Network Ekoloġiku Nazzjonali bl-għan li jipproteġi u jerġa' jistabbilixxi l-ekosistemi u l-ħabitats naturali u l-ispeċijiet ta' importanza Ewropea u nazzjonali.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-enfasi tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura ambjentali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż Nru 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C5.R1): L-istabbiliment tal-istruttura ta' governanza tan-Network Natura 2000

L-objettiv tal-miżura huwa li jinbnew strutturi effettivi ta' ġestjoni ta' Natura 2000.

Il-miżura tikkonsisti f'bidliet leġiżlattivi, li jistabbilixxu strutturi għall-ġestjoni tan-network Natura 2000 fil-livell nazzjonali u reġjonali u jintroduċu rekwiżiti għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ġestjoni tan-network. It-tibdil leġiżlattiv għandu jintroduċi wkoll ir-rekwiżit li ż-żoni protetti kollha jiġu ġestiti fuq il-bażi ta' dokumenti ta' ppjanar, li għandhom jiddefinixxu objettivi u miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

Investiment Nru 1 (C5.I1): L-integrazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fil-ħarsien tas-siti ta' Natura 2000

L-objettiv tal-miżura huwa li tiżgura ġestjoni ta' kwalità għolja tal-bijodiversità u tan-network Natura 2000 fil-Bulgarija.

Il-miżura tikkonsisti f'sensiela ta' azzjonijiet, li jinkludu, fost l-oħrajn, l-iżvilupp ta' objettivi u ta' miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi għas-siti ta' Natura 2000 u r-restawr ta' ekosistemi relatati mal-klima permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura bħala parti mill-ġestjoni ta' Natura 2000.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment Nru 2 (C5.I2): Ir-restawr tal-ekosistemi ewlenin tal-klima f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi rrestawrat il-potenzjal tal-qbid tal-karbonju tal-ekosistemi u li jiġu ġġenerati aktar oġġetti u servizzi tal-ekosistemi fil-Bulgarija.

Il-miżura tikkonsisti f'serje ta' attivitajiet maqsumin fil-linji li ġejjin: L-iżgurar tal-konnettività tan-network Natura 2000 permezz tar-restawr ta' pajsaġġi tradizzjonali u permezz tal-ħolqien ta' kurituri ekoloġiċi; Ir-restawr ta' artijiet mistagħdra u l-konnettività max-xmajjar (xmajjar, artijiet mistagħdra, pjanuri tal-għargħar, torbiera u marġi); Iż-żieda tal-perċentwal ta' żoni protetti, b'mod allinjat mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità

għall-2030; L-integrazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' edukazzjoni għall-konservazzjoni ta' speċijiet indiġeni protetti u għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoos.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

E.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
126	C5.R1: L-istabbiliment tal-istruttura ta' governanza tan-Network Natura 2000	Objettiv Intermedju	Emendi għall-Att dwar il-Bijodiversità	Id-dħul fis-seħħ				Q3	2022	L-emendi għall-Att dwar il-Bijodiversità għandhom jintroduċu r-rekwiżit li jinħolqu strutturi għall-ġestjoni tan-network Natura 2000 fil-livell nazzjonali u reġjonali u li jiġu żviluppati pjanijiet ta' ġestjoni tan-network. L-emendi għandhom jintroduċu wkoll ir-rekwiżit li ż-żoni protetti kollha jiġu ġestiti fuq il-bażi ta' dokumenti ta' ppjanar, li għandhom jiddefinixxu objettivi u miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit.
127	C5.I1: L-integrazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fil-ħarsien tas-siti ta' Natura 2000	Mira	L-iżvilupp ta' objettivi u ta' miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi għas-siti ta' Natura 2000		Numru	0	341	Q4	2023	It-341 sit ta' Natura 2000 kollha fil-Bulgarija għandu jkollhom objettivi u miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi għas-siti b'mod allinjat mad-Direttivi tal-UE dwar in-Natura (id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-Ħabitats tal-21 ta' Mejju 1992 u d-Direttiva dwar l-Għasafar 2009/147/KE tat-30 ta' Novembru 2009). Dan jinkludi l-iżvilupp ta' objettivi u ta' miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi għas-siti għal 255 sit protett u ta' miżuri ta' konservazzjoni għal 86 sit protett addizzjonali, li għalihom diġà qed jiġu żviluppati objettivi speċifiċi għas-siti. B'mod parallel ma' dan l-investiment, għandha titlesta d-dežinjazzjoni pendenti ta' Siti ta'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Importanza Komunitarja bħala Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) f'konformità mad-Direttiva dwar il-Ħabitats (id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992). B'riżultat ta' dan, għandhom jiġu ddeżinjati t-341 sit ta' Natura 2000 kollha fil-Bulgarija.
128	C5.I1: L-integrazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fil-ħarsien tas-siti ta' Natura 2000	Mira	Ir-restawr tal-ekosistemi relatati mal-klima permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura		Ettari	0	150	Q2	2025	Ir-restawr ta' 150 ettaru ta' ħabitats permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura f'konformità mal-pjanijiet tekniċi approvati għat-tisġir.
129	C5.I2: Ir-restawr tal-ekosistemi ewlenin tal-klima f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew	Mira	Ir-restawr tal-artijiet mistagħdra		Numru	0	6	Q3	2024	L-attivitajiet ta' konservazzjoni ta' Ġestjoni tal-Ħabitats għandhom jikkonsistu fit-titjib fil-fluss tal-ilma, fir-restawr tal-ħabitats, fit-tnaqqis tal-frammentazzjoni u fl-ikklerjar tal-veġetazzjoni f'6 żoni protetti (Żona protetta tal-Għadira tal-Ħut ta' Hadji Dimitrovo, is-Sit Protett ta' Dragoman, il-Gżira ta' Vardim, is-Sit Protett ta' Choklyovo Blato, iż-Żona Protetta ta' Kamimok Brash, it-torbiera fil-Park Nazzjonali ta' Vitosha) f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Artijiet Mistagħdra l-Aktar

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Sinifikanti tal-Bulgarija għall-2013-2022 u mal-pjanijiet ta' ġestjoni għall-artijiet mistagħdra rispettivi.
130	C5.I2: Ir-restawr tal-ekosistemi ewlenin tal-klima f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew	Mira	It-trasformazzjoni ta' pjantaġġuni koniferi (dejjem iħaddru)		Ettari	0	30 000	Q4	2025	It-trasformazzjoni ta' 30 000 ettaru ta' pjantaġġuni koniferi (dejjem iħaddru) billi jinbidlu f'foresti ta' siġar li jinżgħu (tal-weraq wiesa') ta' speċijiet indiġeni bħala parti mir-restawr ta' pajsaġġi tradizzjonali.

F. KOMPONENT NRU 6: AGRIKOLTURA SOSTENIBBLI

Dan il-komponent tal-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jtejjeb il-ġestjoni sostenibbli u l-kompetittività tas-settur agrikolu Bulgaru fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għas-snin 2019 u 2020 li jirrakkomandaw l-enfasi fuq l-investiment u fuq il-politiki relatati mal-investiment dwar it-tranżizzjoni ekoloġika (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C6.R1): L-aġġornament tal-qafas strateġiku tas-settur agrikolu

L-objettiv tal-miżura huwa li tadatta l-qafas strateġiku tas-settur agrikolu Bulgaru sabiex isir kompatibbli mal-impenji tal-pajjiż li jirriżultaw mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni Nazzjonali li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt 2030 li għandha l-għan li tippromwovi l-investiment ekoloġiku, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali (ilma, ħamrija, arja), l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu. Il-programm għandu jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni u għall-ħarsien tal-ambjent u tar-riżorsi naturali fil-qasam tal-agrikoltura.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 1 (C6.I1): Fond għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tal-agrikoltura

L-objettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-kwistjonijiet li jxekklu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu Bulgaru u sabiex jitħaffu l-adattament tas-settur għat-tibdil fil-klima, l-ekoloġizzazzjoni tal-produzzjoni tiegħu u t-trasformazzjoni diġitali tiegħu.

Il-miżura tikkonsisti fl-istabbiliment ta' Fond għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tal-agrikoltura. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ lill-bdiewa għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet għall-iżgurar tal-ħarsien tal-ambjent u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi tal-produzzjoni u diġitali, u ta' teknoloġiji tal-produzzjoni agrikola u tal-organizzazzjoni, għall-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tax-xogħol, għat-tqassir tal-ktajjen tal-provvista u għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi. Il-Fond għandu jippromwovi l-investimenti f'erba' fergħat: 1) il-modernizzazzjoni teknoloġika u ambjentali; 2) iċ-ċentri ta' tħejjija għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-ħżin tal-frott u tal-ħxejjex; 3) il-kostruzzjoni/ir-rikostruzzjoni u t-tagħmir ta' azjendi għat-trobbija u għall-evalwazzjoni ta' annimali maskili għat-tnissil, inkluż il-ħsad ta' materjal bijoloġiku minnhom u 4) il-ġestjoni effettiva tal-ilma fil-farms.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżura u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari is-sejħa għal proposti taħt il-Fond għandha tinkludi kriterji tal-għażla li jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) ta' proġetti appoġġati permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali. Il-fergħa dwar il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma fl-azjendi agrikoli għandha tipprovdi biss appoġġ għall-investimenti, li jiżguraw li l-impatt fuq il-korpi tal-ilma jkun tali li dawn ikunu mistennijin iżommu status tajjeb wara l-investimenti filwaqt li jqisu l-projezzjonijiet futuri tal-impatt tat-tibdil fil-klima f'medda ta' xenarji.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 2 (C6.I2): Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi mill-għalqa sal-platt

L-objettiv tal-miżura huwa li tiffaċilita l-iskambju awtomatizzat tad-*data* bejn l-amministrazzjoni u l-bdiewa bl-għan li jiġi żgurat fluss aktar effiċjenti u uniformi tad-*data* u tiġi evitata l-ħtieġa li jinżammu formati tad-dokumenti inutli.

Il-miżura tikkonsisti fl-istabbiliment ta' sistema elettronika ċentralizzata ta' informazzjoni agrikola b'diversi moduli li jippermettu: 1) l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ta' fertilizzanti billi jiġu ddiġitalizzati ġurnali ta' abbord għall-użu tagħhom; 2) il-kontroll tal-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi; 3) it-traċċabilità mill-produzzjoni primarja sal-konsum finali fuq il-bażi ta' identifikatur uniku sabiex jinforma lill-konsumaturi u jistimola l-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità u affordabbli; 4) it-taħriġ online, inkluż il-kontenut ta' moduli ta' taħriġ u pariri lill-bdiewa. Il-miżura tinkludi wkoll l-istabbiliment ta' network ta' komunikazzjoni ta' sensuri tal-għelieqi u tax-xita sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-umdità tal-ħamrija, it-temperatura tal-arja u tal-ħamrija u l-ammont ta' xita.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

F.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
131	C6.R1: L-aġġornament tal-qafas strateġiku tas-settur agrikolu	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni Nazzjonali li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt 2030	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q4	2023	Il-Programm ta' Azzjoni Nazzjonali li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt 2030 għandu jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni u għall-ħarsien tal-ambjent u tar-riżorsi naturali fil-qasam tal-agrikoltura. Il-programm għandu jkollu l-għan li jippromwovi l-investiment ekoloġiku, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali (l-ilma, il-ħamrija, l-arja), l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu. Il-Programm ta' Azzjoni għandu jkun akkumpanjat mill-istabbiliment ta' mekkaniżmu dedikat għall-monitoraġġ u għar-rapportar dwar l-implimentazzjoni tiegħu.
132	C6.R1: L-aġġornament tal-qafas strateġiku tas-settur agrikolu	Mira	Iż-żieda fis-sehem tal-biedja organika li tħaddan it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali		% (Perċentwal)	2,3	5	Q2	2026	Il-Programm ta' Azzjoni Nazzjonali li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt 2030 għandu jinċentiva lill-bdiewa jadattaw il-prattiki tagħhom u jwassal għal żieda fis-sehem tal-biedja organika. Il-perċentwal ta' erja organika fl-erja agrikola totali utilizzata f'ettari għandu jiżdied minn 2,3 % fl-2019 għal 5 % fl-2025 fuq il-bażi tal-istatistika tal-Eurostat dwar il-biedja organika li għandha tinħareġ fl-2026.
133	C6.I1: Fond għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tal-	Objettiv Intermedju	L-għoti ta' ftehimiet ta' għotja għall-appoġġ mill-Fond għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni	Il-komunikazzjoni tal-għotjiet mill-Ministeru tal-Agrikoltura				Q3	2023	Il-komunikazzjoni tal-għotjiet ta' ftehimiet ta' għotja taħt l-erba' fergħat tal-Fond: - il-modernizzazzjoni teknoloġika u ambjentali - ċentri ta' tħejjija għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-ħżin tal-frott

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	agrikoltura		teknoloġika u ekoloġika tal-agrikoltura							u l-ħxejjex - il-kostruzzjoni/ir-rikostruzzjoni u t-tagħmir ta' stabbilimenti għat-trobbija u għall-evalwazzjoni ta' annimali maskili għat-tnissil, inkluż il-ħsad ta' materjal bijoloġiku minnhom; - il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma fl-azjendi agrikoli. Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà skont is-sejħiet rispettivi għal proposti li jiżguraw li l-proġetti magħżulin jikkonformaw mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Il-fergħa dwar il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma fl-azjendi agrikoli għandha tipprovdi biss appoġġ għall-investimenti, li jiżguraw li l-impatt fuq il-korpi tal-ilma jkun tali li dawn ikunu mistennijin iżommu status tajjeb wara l-investimenti filwaqt li jqisu l-projezzjonijiet futuri tal-impatt tat-tibdil fil-klima f'medda ta' xenarji.
134	C6.I1: Fond għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tal-agrikoltura	Mira	In-numru ta' benefiċjarji tal-proġetti appoġġati permezz tal-Fond		Numru	0	636	Q4	2025	Il-fond għandu jkollu l-għan li jappoġġa numru minimu ta' 636 benefiċjarju tal-proġett. Il-benefiċjarji tal-proġetti tal-ftehimiet ta' għotja mogħtijin għandhom isegwu l-objettivi tal-Fond u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-DNSH stabbiliti fl-objettiv intermedju nru 133.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
135	C6.I2: Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi mill-għalqa sal-platt	Objettiv Intermedju	L-għoti tal-kuntratti għal 1) soluzzjonijiet ta' software għas-sistema ta' informazzjoni elettronika għas-settur agrikolu u 2) in-network ta' komunikazzjoni tas-sensuri tal-għelieqi u tax-xita	Il-komunikazzjoni tal-għotjiet mill-Ministeru tal-Agrikoltura				Q4	2023	Iż-żewġ kuntratti għandhom jipprevedu: 1) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' software sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni amministrattiva fi Pjattaforma Unika għall-iskambju awtomatizzat ta' *data* bejn l-amministrazzjoni u l-bdiewa u 2) l-istabbiliment ta' network ta' komunikazzjoni ta' sensuri tal-għelieqi u tax-xita sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-umdità tal-ħamrija, it-temperatura tal-arja u tal-ħamrija u l-ammont ta' xita. Il-Pjattaforma żviluppata taħt il-kuntratt nru 1 għandha tinkludi l-moduli li ġejjin li jippermettu 1) l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ta' fertilizzanti billi jiġu diġitalizzati l-ġurnali ta' abbord għall-użu tagħhom; 2) il-kontroll tal-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi; 3) it-traċċabbiltà mill-produzzjoni primarja sal-konsum finali; 4) it-taħriġ online, inkluż il-kontenut ta' moduli ta' taħriġ u pariri lill-bdiewa.
136	C6.I2: Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi mill-għalqa sal-platt	Objettiv Intermedju	It-tlestija u l-konsenja 1) ta' sistema elettronika ta' informazzjoni agrikola kompletament operazzjonali u 2) ta' network ta' komunikazzjoni ta'	Il-ħruġ taċ-ċertifikati tal-aċċettazzjoni mill-awtorità kontraenti li jikkonfermaw li s-sistema elettronika ta' informazzjoni agrikola u n-network ta'				Q4	2025	Is-sistema elettronika ta' informazzjoni agrikola u n-network ta' komunikazzjoni tas-sensuri tal-għelieqi u tax-xita għandhom jinkludu l-moduli u l-funzjonalitajiet stabbiliti fl-objettiv intermedju nru 136.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			sensuri tal-għelieqi u tax-xita kompletament operazzjonali	komunikazzjoni tas-sensuri tal-għelieqi u tax-xita huma kompletament operazzjonali.						

G. KOMPONENT NRU 7: KONNETTIVITÀ DIĠITALI

Dan il-komponent tal-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li għandhom l-għan li jibnu infrastruttura diġitali moderna u sigura u li jimmassimizzaw l-aċċess għas-servizzi online għaċ-ċittadini, għall-intrapriżi, għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għall-istituzzjonijiet, speċjalment fiż-żoni rurali u remoti.

L-investimenti inklużi taħt dan il-komponent jikkonċernaw l-użu fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali, it-trasformazzjoni diġitali tal-posta Bulgara u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi, kif ukoll il-kostruzzjoni, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni tas-sistema diġitali TETRA u tan-network tar-radju tar-rilej.

Ir-riformi inklużi taħt dan il-komponent għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' politika u ta' qafas regolatorju effettivi, għall-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju għall-iżvilupp ta' networks 5G u ta' servizzi u għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-investiment.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 u tal-2020 tal-Kunsill u se jikkontribwixxi direttament jew indirettament sabiex jiġu indirizzati aspetti tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż għall-2019 u għall-2020. B'mod partikolari, ir-riformi u l-investimenti inklużi f'dan il-komponent jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-"impjegabbiltà permezz tat-tisħiħ tal-ħiliet diġitali" (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 4, 2019), għat-titjib tal-aċċess għal xogħol mill-bogħod u għall-promozzjoni tal-ħiliet diġitali u tal-aċċess ugwali għall-edukazzjoni (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 2, 2020), u għall-iffokar tal-investimenti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 3, 2020), filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji billi tittejjeb l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u jissaħħaħ il-gvern diġitali (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 4, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).

G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C7.R1): L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika effettiva u ta' qafas regolatorju

Ir-riforma għandha ttejjeb il-qafas strateġiku, ta' politika u regolatorju permezz ta' emendi fl-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi bl-għan li jiġi żgurat użu aktar effettiv, effiċjenti u koordinat tal-ispettru tar-radju; l-iżvilupp tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi; iż-żamma tal-kundizzjonijiet għal kompetizzjoni effettiva; il-faċilitazzjoni tal-istabbiliment u tal-iżvilupp ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna, inklużi networks 5G; it-titjib tal-protezzjoni tal-interessi taċ-ċittadini u tad-drittijiet tal-utenti finali, inklużi l-persuni b'diżabilità.

Ir-riforma tikkomplementa azzjonijiet oħrajn tal-passat, bħal:

- Il-Pjan Nazzjonali aġġornat dwar il-Broadband għall-Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss *"Il-Bulgarija Konnessa". Il-pjan aġġornat ġie adottat f'Awwissu 2020,* li jiddeskrivi l-objettivi u l-prijoritajiet nazzjonali fil-livell Ewropew sal-2025 u lil hinn minnha;
- L-approċċ strateġiku għat-trasformazzjoni diġitali permezz tal-qafas *"It-trasformazzjoni Diġitali tal-Bulgarija 2020-2030"*, stabbilit f'Lulju 2020.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma Nru 2 (C7.R2): L-użu effiċjenti tal-ispettru tar-radju

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-isfidi tat-tħejjija għall-5G u tippromwovi l-varar aċċellerat tan-networks 5G. Huma previsti l-attivitajiet li ġejjin:

- It-tnaqqis fit-tariffi tal-ispettru, effettiv mill-1 ta' Jannar 2021 (l-ammont tat-tariffa ta' darba tnaqqas b'50 % u t-tariffa annwali għall-użu tal-ispettru b'35 %);
- Proċess aċċellerat tal-assenjament tal-ispettru fil-baned ta' 700 MHz, ta' 2,6 GHz, ta' 3,6 GHz u ta' 26 GHz.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma Nru 3 (C7.R3): Il-ħolqien ta' ambjent favorevoli ta' investiment

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tas-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività[47], u għandha:

- Tissimplifika l-proċeduri tal-permessi għall-kostruzzjoni, għall-manutenzjoni, għat-tagħmir u/jew għat-titjib tas-sistemi ta' trażmissjoni bir-radju, kif ukoll għas-sostituzzjoni jew għat-tlestija tagħhom bl-assemblaġġ jew biż-żarmar ta' elementi tas-sistema ta' trażmissjoni bir-radju;
- Testendi d-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti kkontrollata minn korpi tas-settur pubbliku għal operaturi kummerċjali meta dawn tal-aħħar ma jkollhom l-ebda interess fil-bini ta' tali networks jew jikkunsidraw l-użu kondiviż bħala opportunità sabiex jitnaqqsu l-kostijiet ta' investiment tagħhom;

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

Investiment Nru 1 (C7.I1): Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali

L-azzjonijiet taħt dan l-investiment għandhom l-għan li:

- Jiżviluppaw in-network ewlieni tal-Istat (in-Network Uniku għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi tal-Istat – "SECN") billi jżidu l-kapaċità ta' trażmissjoni tiegħu u jiżguraw il-konnettività maċ-ċentri muniċipali kollha.
- Ifornu konnettività tal-internet ultraveloċi għall-universitajiet u għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka.
- Jappoġġaw il-varar ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna ("VHCN") f'żoni rurali u skarsament popolati.

[47] https://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=75185

Pilastru A – Żvilupp tan-network ewlieni tal-Istat billi tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni tiegħu u tiġi żgurata l-konnettività maċ-ċentri muniċipali kollha

L-azzjonijiet taħt dan il-Pilastru għandhom itejbu l-SECN tal-amministrazzjoni pubblika u jestendu n-network għal 185 ċentru muniċipali addizzjonali, jipprovdu komunikazzjonijiet siguri b'reżiljenza ċibernetika u internet "clean pipe" għall-ħtiġijiet tal-gvern u tas-sigurtà nazzjonali, u jipprovdu kapaċità ta' trasferiment ottika liċ-ċentri muniċipali u lill-insedjamenti f'"żoni bojod" fejn is-servizzi tal-broadband għaċ-ċittadini u għan-negozji ma humiex disponibbli minħabba "falliment tas-suq".

L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett għandha tippermetti aċċess għall-forniturі ta' servizzi ta' interess pubbliku għall-internet broadband u/jew għat-trażmissjoni tad-*data* f'punti ta' aċċess, sabiex jiġu pprovduti servizzi elettroniċi liċ-ċittadini u lin-negozji, kif ukoll servizzi edukattivi, soċjali u tas-saħħa oħrajn. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li jiġu pprovduti veloċitajiet sa 100 Gbps għal utenti speċifiċi bħall-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka li jeħtieġ li jkunu konnessi man-network xjentifiku Ewropew GEANT u maċ-Ċentru Nazzjonali tas-Supercomputing fil-Park HighTech ta' Sofija.

Pilastru B - It-tisħiħ tal-konnettività f'żoni skarsament popolati, remoti u rurali

L-attivitajiet taħt il-Pilastru B għandhom jappoġġaw il-varar ta' VHCNs f'żoni skarsament popolati, remoti u rurali. L-investiment għandu l-għan li joħloq kundizzjonijiet għall-użu ta' VHCNs f'żoni b'falliment tas-suq identifikat fejn, kieku, l-operaturi kummerċjali ma jinvestux minħabba n-nuqqas ta' vijabbiltà ekonomika. L-azzjoni għandha tippermetti kopertura għal 350 000 persuna sabiex ikollhom aċċess għal servizzi b'veloċità ta' mill-inqas 1Gbps.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 2 (C7.I2): Il-kostruzzjoni, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni tas-sistema diġitali TETRA u tan-network tar-radju tar-rilej

Din l-azzjoni għandha tikseb kopertura nazzjonali tas-sistema TETRA tal-Ministeru għall-Intern, iżżid in-numru ta' abbonati tas-sistema mill-istituzzjonijiet kollha tal-Istat u ttejjeb il-kapaċità u l-kwalità tas-servizzi. Il-kopertura tar-radju prevista tas-sistema ta' komunikazzjoni TETRA għandha tilħaq id-90 % għat-terminali tar-radju portabbli TETRA u l-95 % għat-terminali tar-radju mobbli TETRA fit-territorju tal-Bulgarija.

Is-sistema TETRA għandha tintuża bħala sistema ta' komunikazzjoni bir-radju unifikata sabiex tipprovdi ambjent ta' komunikazzjoni għall-ġestjoni, għall-interazzjoni u għall-koordinazzjoni fil-Ministeru għall-Intern kif ukoll fi strutturi oħrajn tal-gvern responsabbli għal inċidenti ta' prevenzjoni ta' kriżijiet, għal diżastri u għal kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment Nru 3 (C7.I3): It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi

L-azzjonijiet taħt dan l-investiment għandhom ikunu mmirati lejn: (1) ir-rinnovazzjoni ta' uffiċċji postali magħżulin f'żoni rurali remoti sabiex itejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom u joħolqu kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi

kumplessi ta' amministrazzjoni u bażiċi ta' telemediċina, (2) il-modernizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tal-Posta Bulgara, (3) l-implimentazzjoni ta' sistema pilota għal servizzi dijanjostiċi bażiċi tat-telemediċina, u (4) il-varar pilota tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Sottomiżura nru 1: Ir-rinnovazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-uffiċċji postali

Din is-sottomiżura għandha tinkludi r-rinnovazzjoni ta' 536 uffiċċju postali li jinsabu barra miċ-ċentri muniċipali, f'insedjamenti żgħar b'popolazzjoni ta' aktar minn 500 abitant. Ir-rinnovazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini permezz ta' modernizzazzjoni esterna u interna u permezz tas-sostituzzjoni ta' apparat tat-tisħin li jniġġes u/jew ineffiċjenti fl-enerġija b'ieħor aktar effiċjenti.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sottomiżura nru 2: Il-modernizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tal-Posta Bulgara

Il-modernizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tal-Posta Bulgara għandhom jiżguraw li l-Posta Bulgara tipprovdi servizzi amministrattivi u tal-gvern elettroniku b'assistenza minn persunal fl-2100 uffiċċju postali kollha f'żoni remoti u rurali fejn ma hijiex preżenti l-amministrazzjoni pubblika.

Dan l-investiment għandu jinkludi wkoll il-bini ta' Network sigur Definit b'Software, it-titjib u l-unifikazzjoni tat-tagħmir tal-kompjuter u tal-uffiċċju fl-uffiċċji kollha tal-Posta Bulgara, iż-żieda fil-kapaċità taċ-ċentri tal-informazzjoni, l-implimentazzjoni ta' sistemi tat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) b'ġestjoni u b'kontroll ċentralizzati, l-implimentazzjoni ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-konsenji minn bieb sa bieb, l-implimentazzjoni ta' sistemi integrati tal-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi (ERP) u tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti (CRM), u l-implimentazzjoni ta' sistema unifikata ta' servizzi tal-front-office.

Taħt dan l-investiment, stazzjonijiet bijometriċi għad-Dokumenti tal-Identità tal-Bulgarija (BIDs) għandhom jiġu varati f'450 insedjament f'uffiċċji postali barra ċ-ċentri muniċipali u postijiet b'uffiċċji tal-Ministeru għall-Intern. Il-miżura tipprevedi wkoll it-taħriġ tal-persunal tal-uffiċċji postali.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Sottomiżura nru 3: Sistema pilota għas-servizzi dijanjostiċi tat-telemediċina

Din is-sottomiżura għandha tinkludi l-implimentazzjoni ta' sistema pilota għas-servizzi dijanjostiċi bażiċi tat-telemediċina fl-uffiċċji postali f'450 insedjament remot magħżul. It-terminali tat-telemediċina għandhom jipprovdu kejl tal-parametri bażiċi (eż. il-polz, it-temperatura, il-livelli taz-zokkor fid-demm eċċ.) u għandhom jinkludu komunikazzjoni sikura permezz ta' kanal kriptat f'ħin reali għat-trażmissjoni tad-*data* lis-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa u l-fajl elettroniku tal-pazjent u għandhom jippermettu komunikazzjoni sigura mal-forniturі tas-servizz tas-saħħa. L-uffiċjali tal-Posta Bulgara għandhom jirċievu taħriġ online għall-bijoassistenti sabiex jgħinu lill-klijenti jwettqu teledijanjożi u jikkomunikaw mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa għat-telekonsulenza u għall-aċċess għad-*data*.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Sottomiżura nru 4: Proġett pilota għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi

Din l-attività tinkludi proġett pilota għall-varar ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi qrib l-uffiċċji postali f'minimu ta' 100 insedjament magħżul f'żoni rurali ta' valur turistiku. Għandhom jiġu installati stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'kapaċità sa 22 kW DC (wieħed għal kull insedjament).

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

G.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
137	C7.R2: L-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tad-digriet dwar it-tnaqqis tat-tariffi tal-ispettru	Dispożizzjoni fid-digriet tal-Kunsill tal-Ministri li tindika d-dħul fis-seħħ tat-tnaqqis tat-tariffi tal-ispettru				Q1	2021	Id-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri għandu jistabbilixxi t-tnaqqis tat-tariffa ta' darba għall-użu tal-ispettru tar-radju b'50 % u t-tnaqqis tat-tariffa annwali għall-użu tal-ispettru b'35 %. Dan jikkonċerna t-tariffi skont il-Liġi dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi imposti mill-Kummissjoni għar-Regolamentazzjoni tal-Komunikazzjonijiet.
138	C7.R2: L-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju	Objettiv Intermedju	It-tlestija tal-assenjament tal-ispettru fil-banda ta' 26 GHz	Il-komunikazzjoni tal-assenjament tad-drittijiet tal-użu fil-banda tal-ispettru ta' 26 GHz u l-iffirmar tal-kuntratti				Q4	2022	L-iffirmar tal-kuntratti għandu jkun ippreċedut mit-tnedija u mit-tlestija tal-irkanti u mill-komunikazzjoni tal-assenjament tal-ispettru lill-operaturi fil-banda ta' 26 GHz. Il-banda ta' frekwenzi għandha tiġi assenjata fuq il-bażi ta' kriterji li jiżguraw it-trasparenza u l-promozzjoni tal-kompetizzjoni fin-networks u fis-servizzi sottostanti.
139	C7.R2: L-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju	Objettiv Intermedju	It-tlestija tal-assenjament tal-ispettru disponibbli fil-baned ta' 700 MHz u ta' 800 MHz	Il-komunikazzjoni tal-assenjament tad-drittijiet tal-użu fil-baned ta' 700 MHz u ta' 800 MHz u l-iffirmar tal-kuntratti				Q1	2023	L-iffirmar tal-kuntratti għandu jkun ippreċedut mit-tnedija u mit-tlestija ta' rkant kif ukoll min-notifika tal-assenjament tad-drittijiet tal-użu lill-operaturi fil-baned tal-ispettru ta' 700 MHz u ta' 800 MHz. L-irkant għandu

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										jkopri tal-anqas il-kapaċità ta' 3x2x10 MHz fil-banda tal-ispettru ta' 700 MHz, u l-kapaċità ta' 3x2x10 MHz fil-banda tal-ispettru ta' 800 MHz, soġġett għall-istabbiliment ta' żoni sanitarji madwar ajruporti militari. Il-kapaċità għall-użu militari u għaż-żoni sanitarji għandha tiġi miftiehma u rrikonoxxuta mill-awtoritajiet tal-Istat rilevanti u mill-operaturi tas-servizzi mobbli. Kull wieħed mit-tliet operaturi tas-servizzi mobbli fil-Bulgarija għandu jkollu uplink u downlink ta' 10+10 MHz fil-banda kemm ta' 700 MHz kif ukoll ta' 800 MHz. Il-banda ta' frekwenzi għandha tiġi assenjata fuq il-bażi ta' kriterji li jiżguraw it-trasparenza u l-promozzjoni tal-kompetizzjoni fin-networks u fis-servizzi sottostanti. Il-proċess għandu jinkludi rieżami minn qabel tat-termini tal-irkant mill-Kummissjoni Ewropea.
140	C7.R3: Il-ħolqien ta' ambjent favorevoli ta' investiment	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' tibdil leġiżlattiv li jimplimenta r-rakkomandazzjonij	Dispożizzjoni fil-Liġi dwar l-ippjanar spazjali u fid-deċiżjoni 558				Q4	2020	It-tibdil leġiżlattiv għandu jiżgura li: - Ma jkun meħtieġ l-ebda permess għall-bini għall-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			iet skont is-Sett ta' Għodod għall-Konnettività	tal-Kunsill tal-Ministri li tindika d-dħul fis-seħħ tat-tibdil leġiżlattiv						manutenzjoni, għat-tagħmir u/jew għat-titjib tal-elementi tas-sistemi ta' trażmissjoni bir-radju, kif ukoll għas-sostituzzjoni tagħhom; - Il-kapaċità libera tan-networks tal-fibra kkontrollati minn korpi tas-settur pubbliku tista' tiġi pprovduta għall-użu mill-operaturi kummerċjali; - Proġetti ta' infrastruttura ffinanzjati pubblikament għandhom ifasslu b'mod awtomatiku l-kostruzzjoni ta' pajpijiet protettivi u ta' trunks tal-kejbils b'mod li għandu jkun miftuħ għall-użu mill-operaturi kollha.
141	C7.I1: Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali	Mira	Punti ta' aċċess ta' 1Gbps għan-network tal-Istat għall-forniturі ta' servizzi ta' interess ġenerali		Numru	0	1 200	Q4	2023	1 200 fornitur ta' servizzi ta' interess ġenerali għandhom jingħataw aċċess għal punti ta' aċċess ta' 1 Gbps. Il-forniturі ta' servizzi ta' interess ġenerali għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, awtoritajiet amministrattivi, awtoritajiet tas-sigurtà u tas-sikurezza, istituzzjonijiet edukattivi, aġenziji tax-xogħol, korpi tal-assistenza soċjali,

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u korpi tal-protezzjoni ċivili.
142	C7.I1: Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali	Mira	Punti ta' aċċess ta' 10Gbps għan-network tal-Istat għall-fornituri ta' servizzi ta' interess ġenerali		Numru	0	300	Q2	2024	300 fornitur ta' servizzi ta' interess ġenerali għandhom jingħataw aċċess għal punti ta' aċċess ta' 10 Gbps. Il-fornituri ta' servizzi ta' interess ġenerali għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, awtoritajiet amministrattivi, awtoritajiet tas-sigurtà u tas-sikurezza, istituzzjonijiet edukattivi, aġenziji tax-xogħol, korpi tal-assistenza soċjali, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u korpi tal-protezzjoni ċivili.
143	C7.I1: Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali	Mira	Punti ta' aċċess ta' 200Gbps fl-Universitajiet u fl-Istituti Xjentifiċi interkonnessi man-Network GEANT		Numru	10	24	Q2	2024	24 università u istitut xjentifiku għandhom jingħataw aċċess għal punti ta' aċċess ta' 200 Gbps. Il-punti ta' aċċess għall-universitajiet u għall-istituti xjentifiċi għandhom jiġu varati f'kampusijiet magħżulin u għandhom jipprovdu aċċess ta' 2x100Gbps għall-gateway tan-network GEANT fl-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi u għaċ-Ċentru Nazzjonali tas-Supercomputing fil-Park High Tech ta' Sofija.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
144	C7.I1: Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali	Mira	Ċentri muniċipali b'nodi ta' aċċess ġodda għal networks b'kapaċità għolja ħafna		Numru	0	100	Q4	2024	In-nodi ta' aċċess (PoP -Punti ta' Preżenza) mibnijin fiċ-ċentri tal-muniċipalità għandhom ikunu parti min-network tal-Istat u għandhom ikunu konnessi ma' siti ta' aggregazzjoni jew ta' preaggregazzjoni permezz ta' uplinks ta' 2x40Gbps jew ta' 2x100Gbps. Kull PoP għandha tippermetti aċċess bl-ingrossa effettiv għall-fornituri ta' servizzi ta' interess ġenerali u għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni.
145	C7.I1: Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali	Mira	Popolazzjoni b'aċċess għal networks b'kapaċità għolja ħafna b'veloċità ta' 1Gbps jew ogħla		Numru	0	100000	Q4	2024	Il-mira għandha tippermetti lil 100 000 persuna addizzjonali jkollhom aċċess għal servizzi b'veloċità ta' mill-inqas 1Gbps. L-insedjamenti kkonċernati minn din il-miżura għandhom ikunu f'żoni rurali u skarsament popolati, fejn ma jkun hemm l-ebda interess tas-suq għall-kostruzzjoni ta' VHCN.
146	C7.I1: Il-varar fuq skala kbira tal-	Mira	Ċentri muniċipali b'nodi ta' aċċess ġodda għal		Numru	100	185	Q2	2026	In-nodi ta' aċċess (PoP - Punti ta' Preżenza) mibnijin fiċ-ċentri tal-muniċipalità għandhom ikunu parti

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	infrastruttura diġitali		networks b'kapaċità għolja ħafna							min-network tal-Istat u għandhom ikunu konnessi ma' siti ta' aggregazzjoni jew ta' preaggregazzjoni permezz ta' uplinks ta' 2x40Gbps jew 2x100Gbps. Kull PoP għandu jippermetti aċċess bl-ingrossa effettiv għall-fornituri ta' servizzi ta' interess ġenerali u għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni.
147	C7.I1: Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali	Mira	Popolazzjoni b'aċċess għal networks b'kapaċità għolja ħafna b'veloċità ta' 1Gbps jew ogħla		Numru	100000	350000	Q2	2026	Il-mira għandha tippermetti lil 250 000 persuna addizzjonali jkollhom aċċess għal servizzi b'veloċità ta' mill-inqas 1Gbps, minbarra l-100 000 diġà miksubin bil-mira nru 145. L-insedjamenti kkonċernati minn din il-miżura għandhom ikunu f'żoni rurali u skarsament popolati, fejn ma jkun hemm l-ebda interess tas-suq għall-kostruzzjoni ta' VHCN.
148	C7.I2: Il-kostruzzjoni, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni tas-sistema diġitali	Objettiv Intermedju	L-għoti ta' kuntratti għall-iżvilupp tas-sistema TETRA u tan-network tar-	Komunikazzjoni tal-għotjiet				Q2	2022	Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku għandhom isiru permezz ta' offerta miftuħa u kompetittiva. Għandhom jitwettqu żewġ proċeduri ta' akkwist pubbliku

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	TETRA u tan-network tar-radju tar-rilej		rilej tar-radju							bis-suġġetti li ġejjin: - Il-bini, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni tas-sistema diġitali TETRA u tan-network tal-microwaves ġestit mill-Ministeru għall-Intern meħtieġa għall-bini tiegħu bħala sistema unifikata ta' komunikazzjoni bir-radju sabiex jiġi pprovdut ambjent ta' komunikazzjoni għall-ġestjoni, għall-interazzjoni u għall-koordinazzjoni tal-unitajiet tal-Istat; - It-twassil ta' apparati u ta' tagħmir terminali meħtieġa għaż-żieda ta' 14 000 abbonat mill-istituzzjonijiet kollha tal-Istat man-network TETRA.
149	C7.I2: Il-kostruzzjoni, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni tas-sistema diġitali TETRA u tan-network tar-radju tar-rilej	Mira	Apparati u tagħmir tal-utenti finali kkonsenjato		Numru	20000	34000	Q2	2024	L-apparati u s-software tal-utenti finali għandhom jiġu pprovduti għall-konnessjoni tat-terminali tar-radju TETRA għall-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet tal-Istat kollha għall-operat fis-sistema TETRA. L-apparat tal-utenti finali għandu jintuża sabiex jiżdiedu abbonati ġodda mill-istituzzjonijiet tal-Istat. Ix-xenarju ta' referenza ta' 20 000

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										jirreferi għan-numru ta' terminali/apparati tal-utenti finali kkonsenjati sal-ewwel nofs tal-2022.
150	C7.I2: Il-kostruzzjoni, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni tas-sistema diġitali TETRA u tan-network tar-radju tar-rilej	Mira	Stazzjonijiet bażi stazzjonarji, kumpatti u mobbli ġodda kkonsenjati, installati, integrati, u mħaddmin		Numru	0	109	Q4	2024	Għandhom jiġu kkonsenjati, jiġu installati, jitħaddmu u jiġu integrati fis-sistema diġitali eżistenti tar-radju ċellulari tal-Ministeru għall-Intern stazzjonijiet bażi stazzjonarji, kumpatti u mobbli ġodda bl-istandard TETRA jew ekwivalenti. Dan għandu jinkludi d-disinn, il-kostruzzjoni, il-konnessjoni u l-integrazzjoni.
151	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u l-implimentazzjoni ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' tibdil leġiżlattiv sabiex il-Posta Bulgara tiġi assenjata servizz ġdid ta' interess ġenerali	Dispożizzjoni fil-Liġi dwar is-servizzi postali u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Istat				Q3	2022	It-tibdil leġiżlattiv fil-Liġi dwar is-servizzi postali għandu jiżgura li: - il-Posta Bulgara tiġi assenjata servizz ġdid ta' interess pubbliku sabiex issir intermedjarju għal ħwienet ta' aċċess pubbliku bil-persunal għat-twassil ta' servizzi amministrattivi u tal-Gvern elettroniku u ta' verifika tal-eID għal livell "għoli" ta' dikjarazzjoni.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										- il-Posta Bulgara tiġi assenjata servizz ġdid ta' interess pubbliku sabiex issir intermedjarju għal servizzi dijanjostiċi bażiċi tat-telemediċina.
152	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Objettiv Intermedju	Tagħmir tal-ICT modernizzat u unifikat	It-tagħmir fornit, installat u integrat				Q4	2023	Dan għandu jkopri l-provvista, l-installazzjoni u l-integrazzjoni fl-uffiċċji postali tal-Bulgarija ta': - tagħmir tan-network u tal-komunikazzjoni għan-network tal-fergħat; - tagħmir speċjalizzat sabiex tiżdied il-kapaċità taċ-ċentru tal-informazzjoni; - tagħmir tal-kompjuter u tal-uffiċċju għall-back offices u għall-front offices; sistemi ta' sorveljanza bil-video b'ġestjoni u b'kontroll ċentralizzati f'ċentri postali distrettwali.
153	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi	Mira	Il-finalizzazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-uffiċċji postali fdati b'servizz ta' interess ekonomiku ġenerali		Numru	0	268	Q2	2024	L-attivitajiet għandhom ikopru r-rinnovazzjoni ta' 268 uffiċċju postali li jinsabu barra miċ-ċentri muniċipali, f'insedjamenti żgħar b'popolazzjoni ta' aktar minn 500 abitant sabiex tinkiseb effiċjenza

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	kumplessi									enerġetika ogħla. Dan jinkludi: - il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini tal-uffiċċji postali. - il-provvista u l-installazzjoni ta' sistemi tal-arja kondizzjonata iperinventilata sabiex jissostitwixxu apparati li jniġġsu u/jew ineffiċjenti fl-enerġija.
154	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Objettiv Intermedju	Is-sistemi integrati ta' servizzi varati	Il-varar komplut ta' sistema integrata u ċentralizzata tal-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi u tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-konsenji minn bieb sa bieb, u ta' sistema tal-front office b'diversi kanali				Q4	2024	Għandha tintuża sistema integrata u ċentralizzata tal-ERM u tas-CRM sabiex jiġu ġestiti l-proċessi b'mod ċentrali mingħajr il-ħtieġa ta' amministrazzjoni territorjali/reġjonali. Għandha tiġi integrata mas-sistema tal-front office b'diversi kanali sabiex tipprovdi interfaċċa unifikata għall-utenti (inklużi applikazzjonijiet tal-kaxxiera tal-fergħa, web u għall-apparati mobbli). Sistema ta' traċċabbiltà għall-konsenji minn bieb sa bieb għandha tiġi implimentata fis-sistema ta' separazzjoni tal-Posta Bulgara u integrata mas-sistema tas-CRM li għandha tippermetti t-traċċar minn bieb sa bieb għall-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										oġġetti kollha.
155	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Mira	Insedjamenti mingħajr front offices tal-gvern, li għandhom stazzjonijiet postali li jaġixxu bħala intermedjarji għall-forniment ta' servizzi amministrattivi u tal-Gvern elettroniku f'isem l-awtoritajiet tal-gvern ċentrali, reġjonali u lokali		Numru	0	1100	Q4	2024	Il-Posta Bulgara għandha tipprovdi servizzi amministrattivi u elettroniċi b'assistenza bil-persunal fl-istazzjonijiet postali modernizzati kollha. Il-varar tas-servizzi l-ġodda ta' interess ġenerali għandu jkun allinjat mal-introduzzjoni tan-network SD-WAN il-ġdid, mal-varar tad-diġitalizzazzjoni u tal-modernizzazzjoni tat-tagħmir u mal-programmi ta' taħriġ tal-persunal. Id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tat-tagħmir għandhom jinkludu t-tagħmir fornit, installat u integrat (SD-WAN, LAN u WiFi, PCs, apparati b'diversi funzjonijiet, eċċ.), u l-varar tas-sistema l-ġdida tal-front-office b'diversi kanali. Il-programm ta' taħriġ tal-persunal għandu jinkludi 1730 persuna min-numru totali ta' 4 535 membru tal-persunal tal-front-office. Tal-anqas 225 stazzjon postali għandhom jipprovdu servizzi għall-ġbir tad-*data* bijometrika meħtieġa għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ID tal-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Bulgarija u ta' dokumenti tal-ivvjaġġar tal-UE sabiex jikkomplementaw/jestendu n-network eżistenti tal-Ministeru għall-Intern bi front-offices li jinsabu fl-istazzjonijiet tal-pulizija. Total ta' 450 insedjament li jipprovdu servizzi għall-ġbir tad-*data* bijometrika għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' analiżi minn qabel tan-network tad-distanzi tal-ivvjaġġar, tad-disponibbiltà tat-trasport pubbliku, u fuq il-bażi tal-istatistika mis-Sistema ta' Dokumenti ta' Identifikazzjoni tal-Bulgarija għar-rata ta' ħruġ mistennija ta' dokumenti tal-ID ġodda skont l-insedjamenti.
156	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Mira	L-insedjamenti mingħajr Ċentri Mediċi, li għandhom stazzjonijiet postali mgħammrin u li jaġixxu bħala intermedjarji għal servizzi dijanjostiċi bażiċi tat-telemediċina		Numru	0	225	Q4	2024	Il-Posta Bulgara għandha tipprovdi servizzi bażiċi tat-telemediċina f'225 stazzjoni postali rinnovat magħżul sabiex tikkomplementa/testendi n-network eżistenti tal-Ministeru tas-Saħħa u privat taċ-ċentri dijanjostiċi. Total ta' 450 insedjament koperti minn din il-miżura għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' analiżi minn qabel tan-network tad-distanzi tal-ivvjaġġar, id-disponibbiltà tat-trasport pubbliku, dwar in-nuqqas ta' fornituri mediċi fl-insedjamenti

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										rispettivi u fl-istatistika demografika. Il-varar tas-servizz il-ġdid ta' interess ġenerali għandu jkun allinjat mal-modernizzazzjoni tal-istazzjonijiet postali, mal-varar tan-network SD-WAN il-ġdid u mal-programmi ta' taħriġ tal-persunal. Il-programm ta' taħriġ tal-persunal għandu jinkludi kors ta' livell bażiku jew kors estiż għall-impjegati sabiex joperaw tagħmir dijanjostiku tat-telemediċina u jaġixxu bħala bijoassistenti.
157	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Mira	L-insedjamenti b'punt ta' ċċarġjar elettroniku għall-awtoservizz b'aċċess pubbliku, installati qrib stazzjon postali		Numru	0	100	Q4	2024	Il-Posta Bulgara għandha tipprovdi punti ta' awtoservizz ta' ċċarġjar ta' 22kW DC b'aċċess pubbliku fil-100 insedjament magħżul (punt ta' ċċarġjar 1 għal kull insedjament), qrib stazzjonijiet postali eżistenti, minbarra l-10 000 punt ta' ċċarġjar previsti fil-komponent tat-Trasport. Il-100 insedjament speċifiku għandhom jintgħażlu wara analiżi tan-network ibbażata fuq rotot turistiċi popolari fir-reġjuni rurali / remoti, tad-distanzi tal-ivvjaġġar, tad-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettroniku, tal-istatistika tat-traffiku fit-triq għall-karozzi bi pjanċi tar-reġistrazzjoni minn reġjuni oħrajn jew bi pjanċi

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										barranin, u l-kapaċità tal-enerġija disponibbli. Il-varar tas-servizz il-ġdid ta' interess ġenerali għandu jiġi allinjat mal-modernizzazzjoni tal-istazzjonijiet postali.
158	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Mira	L-insedjamenti mingħajr Ċentri Mediċi, li għandhom stazzjonijiet postali mgħammrin u li jaġixxu bħala intermedjarji għal servizzi dijanjostiċi bażiċi tat-telemediċina		Numru	225	450	Q4	2025	Il-Posta Bulgara għandha tipprovdi servizzi bażiċi tat-telemediċina f'225 stazzjoni postali rinnovat magħżul addizzjonali għal total ta' 450 sabiex tikkomplementa/testendi n-network eżistenti tal-Ministeru tas-Saħħa u privat taċ-ċentri dijanjostiċi. Il-varar tas-servizz il-ġdid ta' interess ġenerali għandu jkun allinjat mal-modernizzazzjoni tal-istazzjonijiet postali, mal-varar tan-network SD-WAN il-ġdid u mal-programmi ta' taħriġ tal-persunal.
159	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi	Mira	Insedjamenti mingħajr front offices tal-gvern, li għandhom stazzjonijiet postali li jaġixxu bħala intermedjarji għall-forniment ta' servizzi		Numru	1100	2100	Q4	2025	Il-Posta Bulgara għandha tipprovdi servizzi amministrattivi u elettroniċi b'assistenza bil-persunal fl-istazzjonijiet postali modernizzati kollha. Il-varar tas-servizzi l-ġodda ta' interess ġenerali għandu jkun allinjat mal-introduzzjoni tan-network SD-WAN il-ġdid, mal-varar tad-diġitalizzazzjoni u tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			amministrattivi u tal-Gvern elettroniku f'isem l-awtoritajiet tal-gvern ċentrali, reġjonali u lokali							modernizzazzjoni tat-tagħmir u mal-programmi ta' taħriġ tal-persunal. Id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tat-tagħmir għandhom jinkludu t-tagħmir fornit, installat u integrat (SD-WAN, LAN u WiFi, PCs, apparati b'diversi funzjonijiet, eċċ.), u l-varar tas-sistema l-ġdida tal-front-office b'diversi kanali. Il-programm ta' taħriġ tal-persunal għandu jinkludi 1730 persuna min-numru totali ta' 4 535 membru tal-persunal tal-front-office. Tal-anqas 225 stazzjon postali addizzjonali minbarra l-225 diġà milħuqin mill-mira nru 155, sabiex jilħqu total ta' 450, għandhom jipprovdu servizzi għall-ġbir tad-*data* bijometrika meħtieġa għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ID tal-Bulgarija u ta' dokumenti tal-ivvjaġġar tal-UE sabiex jikkomplementaw/jestendu n-network eżistenti tal-Ministeru għall-Intern bi front-offices li jinsabu fl-istazzjonijiet tal-pulizija.
160	C7.I3: It-trasformazzjoni diġitali tal-Posta	Mira	Il-finalizzazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-uffiċċji postali		Numru	268	536	Q2	2026	L-attivitajiet għandhom ikopru r-rinnovazzjoni ta' 268 uffiċċju postali addizzjonali sabiex jilħqu total ta' 536. Għandhom ikunu

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tal-Bulgarija u t-twassil ta' servizzi amministrattivi kumplessi		fdati b'servizz ta' interess ekonomiku ġenerali							jinsabu barra miċ-ċentri muniċipali, f'insedjamenti żgħar b'popolazzjoni ta' aktar minn 500 abitant, sabiex tinkiseb effiċjenza enerġetika ogħla. Dan jinkludi: - il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini tal-uffiċċji postali. - il-provvista u l-installazzjoni ta' sistemi tal-arja kondizzjonata iperinventilata sabiex jissostitwixxu apparati li jniġġsu u/jew ineffiċjenti fl-enerġija.

H. KOMPONENT NRU 8: TRASPORT SOSTENIBBLI

L-objettiv ewlieni tal-komponent huwa li jtejjeb is-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport billi jirriforma s-setturi tat-toroq u tal-ferroviji, jippromwovi vetturi b'emissjonijiet żero, itejjeb is-sikurezza fit-toroq, u jinvesti fil-ferroviji, fit-trasport intermodali u fil-mobilità urbana sostenibbli. Dan jinkludi l-investimenti fil-modernizzazzjoni u fid-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji, materjal fuq ir-roti ġdid b'emissjonijiet żero, il-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju, u t-trasport pubbliku nadif. Il-komponent huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll lejn tkabbir territorjali aktar ibbilanċjat.

Ir-riformi u l-investimenti tal-Komponent Nru 8 dwar it-Trasport Sostenibbli huma mistennijin jikkontribwixxu sabiex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż li ntbagħtu lill-Bulgarija fl-2019 u fl-2020, dwar il-ħtieġa li l-investimenti jiġu ffokati fuq it-trasport sostenibbli.

L-ebda miżura f'dan il-komponent ma hi mistennija tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C8.R1): Qafas strateġiku tat-trasport

Ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb is-sostenibbiltà tat-trasport, permezz tal-aġġornament tal-qafas strateġiku nazzjonali, f'konformità mal-Programm ta' Żvilupp Nazzjonali tal-Bulgarija 2030, u d-definizzjoni ta' miri speċifiċi għall-implimentazzjoni tiegħu.

Din ir-riforma tinkludi s-sottomiżuri li ġejjin bħala l-oqsma ewlenin ta' intervent li ġejjin:

1.1 Trasport kombinat

Il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp tat-Trasport Kombinat fil-Bulgarija sal-2030 għandu jiġi żviluppat bl-objettiv ewlieni li tiġi implimentata politika li tistimula u tappoġġa t-trasferiment tal-merkanzija lejn modi tat-trasport aktar ekoloġiċi. Il-pjan għandu jinkludi pakkett ta' miżuri mmirati sabiex jippromwovu trasport aktar sostenibbli u li jniġġes anqas, li jkopri (1) kwistjonijiet organizzazzjonali u amministrattivi, (2) kwistjonijiet operazzjonali u appoġġ għas-servizz, u (3) titjib tal-infrastruttura, inkluż it-tagħmir terminali.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

1.2 Is-settur ferrovjarju

Ir-riforma għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tat-trasport ferrovjarju stabbiliti skont il-Programm Nazzjonali ta' Żvilupp tal-Bulgarija għall-2030 u l-pjanijiet ta' azzjoni ta' tliet snin tagħha.

L-objettiv tar-riforma huwa li tinkiseb kwalità ogħla, kopertura usa' u użu tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri.

Ir-riforma għandha tinkludi rieżami tal-kuntratti pubbliċi ta' servizz (public service contracts, PSC) eżistenti għall-forniment ta' servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri, inkluża valutazzjoni tas-suq bħala bażi għall-ambitu tal-obbligi ta' servizz pubbliku, u s-sejħa għall-offerti tal-kuntratti pubbliċi ta' servizz li jiskadu bejn l-2021 u t-tieni trimestru tal-2026 permezz ta' proċedura ta' għoti ġusta, mhux diskriminatorja u kompetittiva f'konformità mal-qafas legali applikabbli tal-UE f'dak iż-żmien. Dan jikkonċerna b'mod partikolari s-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri li l-kuntratt pubbliku l-ġdid tagħhom ta' servizz għandu jiġi ffirmat sal-31 ta' Diċembru 2024 wara proċedura ta' għoti kompetittiva, ġusta, miftuħa u mhux diskriminatorja.

Ir-riforma għandha tirriżulta wkoll f'kapaċità teknika ogħla sabiex jitħejjew u jiġu implimentati proġetti fuq in-network ferrovjarju tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) (li l-livell ta' tlestija tiegħu huwa ta' 12 % fl-aħħar tal-2021 vs il-mira tal-UE ta' 100 % sal-2030), l-installazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) fuq in-network TEN-T sabiex tintlaħaq kopertura ta' 707 km sat-tieni trimestru tal-2026, żieda ta' 15 % fin-numru totali ta' passiġġieri li jużaw it-trasport ferrovjarju sa tmiem l-2025, u tnaqqis fil-ħin tal-ivvjaġġar bil-ferroviji bejn l-akbar bliet tal-Bulgarija.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma Nru 2 (C8.R2): Is-sikurezza fit-toroq

L-objettiv tar-riforma huwa t-titjib tas-sikurezza fit-toroq u t-tnaqqis tal-vittmi tal-inċidenti tat-triq, peress li l-Bulgarija għandha waħda mill-ogħla rata ta' fatalitajiet minn inċidenti tat-triq fl-UE.

Ir-riforma tinkludi l-istabbiliment ta' qafas kunċettwali għal ġestjoni ġdida tas-sikurezza fit-toroq f'dokument strateġiku integrat uniku għall-2021-2030 u l-implimentazzjoni tal-ewwel pjan ta' azzjoni tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2023.

Ir-riforma għandha tirriżulta fit-tneħħija ta' mill-inqas 50 % tan-numru totali ta' blackspots/hotspots tas-sikurezza fit-toroq u hija mistennija twassal għal tnaqqis ta' 30 % fl-imwiet annwali u fil-korrimenti serji minn aċċidenti tas-sikurezza fit-toroq sal-2025 (meta mqabblin mal-2019).

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma Nru 3 (C8.R3): Mobilità urbana sostenibbli

L-objettiv tar-riforma huwa li tippromwovi l-mobilità urbana sostenibbli, permezz tal-użu ta' Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli integrati fi strateġiji territorjali għall-iżvilupp ta' reġjuni tal-ippjanar tal-NUTS 2 (Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika) u integrati fil-pjanijiet muniċipali tal-iżvilupp kif ukoll fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom. Għandha tirriżulta wkoll f'20 muniċipalità bi Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli approvati li għandhom jiġu appoġġati bix-xiri ta' vetturi nodfa b'emissjonijiet żero tat-trasport pubbliku u bl-installazzjoni ta' infrastruttura ta' ċċarġjar.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Riforma Nru 4 (C8.R4): Trasport pubbliku integrat

L-objettiv tar-riforma huwa li tikkontribwixxi għal integrazzjoni aħjar tat-trasport pubbliku, u, b'hekk, għaż-żieda tal-kwalità, tal-konnettività, tal-affidabbiltà u tal-effiċjenza tas-servizz tat-trasport ipprovdut.

Ir-riforma tinkludi l-analiżi tas-sistema tat-trasport pubbliku kif ukoll ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju eżistenti. Fuq il-bażi tar-riżultati, għandu jiġi adottat Att ġdid dwar it-Trasport Pubbliku, li jistabbilixxi qafas regolatorju ċar li jiddefinixxi t-trasport pubbliku kif ukoll ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-entitajiet li jwettquh. Għandu joħloq ukoll il-qafas legali għall-introduzzjoni ta' sistema unika ta' biljetti tat-trasport sa mhux aktar tard mill-ewwel trimestru tal-2026 u skema unika integrata tat-trasport li għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza tat-trasport pubbliku fil-Bulgarija.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma Nru 5 (C8.R5): Mobilità elettrika

Ir-riformi għandhom l-għan li jistimolaw l-iżvilupp ta' trasport b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi fil-Bulgarija, billi joħolqu żoni b'emissjonijiet baxxi fl-akbar bliet l-aktar imniġġsin, jipprovdu inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero, u jiżviluppaw network wiesa' ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi (stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku).

B'mod partikolari, ir-riforma għandha tintroduċi qafas leġiżlattiv ġdid sabiex tippromwovi l-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku u ta' vetturi b'emissjonijiet żero u tillimita l-użu tal-vetturi li jniġġsu l-aktar.

Għandha tinkludi miżuri leġiżlattivi li jippromwovu l-mobilità b'emissjonijiet żero. Għandha tinkludi inċentivi u tibdil fir-regolamentazzjoni għall-bini ta' infrastruttura tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku u inċentivi sabiex jiżdiedu l-vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero (kemm akkwistati minn entitajiet pubbliċi kif ukoll mixtrijin/mikrijin/proprjetà ta' entitajiet privati jew ta' individwi) f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", bħal skemi ta' skrappjar għall-vetturi li jniġġsu l-aktar (EURO 3 u anqas) u aġġustament tat-taxxi tas-sjieda/tar-reġistrazzjoni fuq il-bażi tal-livelli tal-emissjonijiet. Ir-riforma għandha tirriżulta wkoll fl-installazzjoni ta' 10 000 stazzjon tal-iċċarġjar elettriku, inklużi dawk veloċi, fil-Bulgarija kollha, u fin-numru totali ta' 30 000 vettura b'emissjonijiet żero (karozzi ġodda jew użati) reġistrati fil-Bulgarija, kif ukoll fl-introduzzjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi fl-akbar bliet l-aktar imniġġsin tal-pajjiż.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 1 (C8.I1): Materjal fuq ir-roti ferrovjarju

L-investiment jinkludi l-akkwist ta' ferroviji ġodda proprjetà tal-Istat Bulgaru u mħaddmin taħt il-Kuntratt Pubbliku ta' Servizz (PSC) mill-impriża/i magħżula bħala trasportatur(i): 42 unità multipla elettrika interoperabbli b'emissjonijiet żero b'veloċità massima ta' 160 km/h mgħammrin bis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) – 7 b'żewġ sulari u 35 b'sular wieħed – għat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri suburban u 20 trainset riversibbli interoperabbli b'sular wieħed u b'emissjonijiet żero, inklużi lokomottivi b'veloċità massima ta' 200 km/h mgħammrin bl-ERTMS għat-trasport interreġjonali (tħaddim fuq distanzi medji u twal). Xiri bħal dan

għandu jtejjeb il-kompetittività tat-trasport ferrovjarju u jippermetti bidla modali sinifikanti tal-passiġġieri mit-triq għall-ferroviji.

Barra minn hekk, għandhom jinxtraw 18-il shunter bil-batterija elettrika kontrollati mill-bogħod.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment Nru 2 (C8.I2): Tagħmir abbord tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji

L-objettiv ewlieni tal-proġett huwa li jgħammar il-parti abbord ta' lokomottivi elettriċi b'emissjonijiet żero u ta' unitajiet multipli elettriċi b'emissjonijiet żero bis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) - Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji (ETCS), sistema unika Ewropea ta' sinjalar u ta' kontroll tal-veloċità, li tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistemi ferrovjarji nazzjonali. Din it-teknoloġija tnaqqas il-kostijiet tal-manutenzjoni tas-sistemi ta' sinjalar u żżid il-veloċità tal-ferrovija, il-kapaċità tal-infrastruttura u s-sikurezza ferrovjarja.

Dan l-investiment għandu jinkludi l-installazzjoni ta' tagħmir interoperabbli tal-ERTMS maġenb il-binarji fuq 108 lokomottivi elettriċi u unitajiet multipli elettriċi, żieda sinifikanti vs iż-2 lokomottivi kurrenti mgħammrin b'tali teknoloġija. Jinvolvi l-passi li ġejjin:

- l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' allokazzjoni ta' finanzjament li jqis l-informazzjoni tal-impriżi ferrovjarji eliġibbli, inkluż in-numru ta' tren-kilometru fl-aħħar 5 snin, pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' 10 snin għat-tħaddim tal-unitajiet mgħammrin u informazzjoni dwar il-forniment ta' finanzjament proprju (peress li l-benefiċjarji huma mistennijin jiffinanzjaw 50 % tal-kost totali);
- fuq il-bażi tar-riżultati tal-punt preċedenti, se titħabbar proċedura skont l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku għall-implimentazzjoni, għall-installazzjoni, għall-ikkummissjonar, għall-ittestjar u għall-kisba ta' permessi u ta' taħriġ mill-Ministeru tat-Trasport. Il-parteċipant rebbieħ iwassal it-tagħmir tal-ETCS u jwettaq l-installazzjoni fir-rolling stock magħżul.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment Nru 3 (C8.I3): Id-diġitalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju u fl-ERTMS

L-investiment għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tas-servizzi tat-trasport bil-ferrovija billi jimmonitorja l-parametri operazzjonali u jżid l-affidabbiltà, is-sigurtà u s-sikurezza tat-trasport bil-ferrovija fit-taqsima Ruse – Kaspichan fin-Network Komprensiv TEN-T (in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport). Għandu jinkludi l-varar tal-Livell 2 tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) fuq in-network ewlieni TEN-t (li jikkonsisti fis-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji u s-Sistema Globali għall-Komunikazzjonijiet Mobbli – Ferroviji) bħala sistema ta' sinjalar u ta' kontroll tal-veloċità għall-monitoraġġ u għall-kontroll tal-parametri tal-materjal fuq ir-roti fl-infrastruttura tal-moviment u tal-ferroviji.

L-investiment jinkludi d-dispaċċ ta' sistemi ċentrali b'kontroll awtomatiku ta' movimenti tal-ferroviji li jinsabu f'ċentru ta' spedizzjoni wieħed, f'network tal-kejbil fibrottiku u f'sistemi diġitali tat-telekomunikazzjoni bit-tagħmir. Barra minn hekk, għandha tinbena infrastruttura ġdida ta' passaġġi invell awtomatiċi kif ukoll ta' sistemi

ta’ informazzjoni dwar l-ivvjaġġar tal-passiġġieri u ta’ sorveljanza bil-video fiż-żona tal-istazzjonijiet ferrovjarji.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment Nru 4 (C8.I4): Terminal intermodali f’Ruse

L-investiment jinkludi l-kostruzzjoni ta’ terminal intermodali ġdid (IMT) - li jintegra modi differenti tat-trasport (passaġġi fuq l-ilma interni, ferroviji u toroq) - u l-infrastruttura tiegħu għal kontejners f’Ruse (ir-Reġjun tal-Ippjanar Ċentrali tat-Tramuntana fil-Bulgarija). Ruse huwa ċentru/intersezzjoni intermodali importanti (fin-network tat-trasport intermodali ewlieni TEN-t skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 bħala parti mill-Kuritur tat-Trasport tar-Renu-Danubju tal-UE).

L-ambitu tal-proġett għandu jkopri l-kostruzzjoni tal-infrastruttura bażika u abilitanti. It-tagħmir li jifdal għat-tagħbija u għall-ħatt se jiġi pprovdut mill-operatur tat-terminal futur. L-Istat Bulgaru se jkollu s-sjieda tal-infrastruttura tat-terminal, iżda l-Kumpanija Nazzjonali tal-Infrastruttura tal-Ferroviji għandha tagħmel sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni.

L-objettivi u l-benefiċċji ewlenin tal-implimentazzjoni tal-proġett Ruse IMT huma li: jiżdied it-traffiku intermodali internazzjonali ma’ pajjiżi tal-Kuritur ta’ Trasport Ewropa-Kawkasu-Asja (li jgħaqqad l-Asja ċentrali u l-Ewropa tal-Lvant u Ċentrali); jiġu pprovduti konnessjonijiet ferrovjarji regolari mat-Turkija, mal-Ewropa Ċentrali u tal-Punent, mal-Greċja u ma’ Sofija; it-titjib tal-provvista tat-trasport tal-Park Industrijali ta’ Shumen (li jinsab 120 km minn Ruse IMT).

L-IMT għandu jkollu kapaċità ta’ 115 200 TEU/sena, li tirrappreżenta żieda ta’ 150% vs il-kapaċità intermodali attwali fil-Bulgarija.

L-investiment għandu jsir f’konformità mal-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B’mod partikolari, ma għandu jagħmel l-ebda ħsara lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b’kunsiderazzjoni tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta’ mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan. B’mod partikolari, 70 % tal-iskart mill-kostruzzjoni u mid-demolizzjoni ġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għal irkupru ta’ materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta’ mili tal-vojt li jużaw l-iskart sabiex jissostitwixxi materjali oħrajn, f’konformità mal-ġerarkija tal-iskart u mal-Protokoll tal-UE dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart mill-Kostruzzjoni u mid-Demolizzjoni. Id-Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tistabbilixxi r-rendiment tal-enerġija tal-bini li jirriżulta mill-kostruzzjoni ma għandhiex taqbeż il-limitu stabbilit għar-rekwiżiti ta’ bini b’użu ta’ kważi żero enerġija (NZEB) fir-regolament nazzjonali li jimplimenta d-Direttiva 2010/31/UE.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025 u t-tnedija tas-sejħa għall-offerti għall-għażla tal-operatur tal-IMT għandha titlesta sal-31 ta’ Marzu 2026.

Investiment Nru 5 (C8.I5): Is-sikurezza fit-toroq

L-investiment għandu l-għan li jtejjeb l-attivitajiet ta’ ġestjoni tas-sikurezza fit-toroq nazzjonali u muniċipali. Għandhom jitwettqu proċeduri ta’ stħarriġ dwar is-sikurezza fit-toroq madwar in-network kollu, sabiex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet immirati tas-sikurezza fit-toroq u jittieħdu azzjonijiet korrettivi diretti.

L-ewwel nett, għandu jinkludi l-akkwist ta’ tagħmir speċjalizzat għall-valutazzjoni dwar l-istat tas-sikurezza fit-toroq (bħall-prestazzjoni tas-superfiċe u l-kundizzjoni funzjonali

tagħhom). It-tieni, għandu jinkludi l-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-applikazzjonijiet tas-software għall-ġestjoni u għall-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet tas-sikurezza fit-toroq, flussi aħjar tat-traffiku ta' vetturi tqal tal-merkanzija fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, kif ukoll l-istabbiliment ta' sistema elettronika nazzjonali għar-rapportar u għall-proċessar ta' sinjali relatati mas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment Nru 6. Linja 3 tal-metro ta' Sofija

L-investiment jirreferi għall-kostruzzjoni ta' taqsima tal-linja 3 tal-metro ta' Sofija għal tul totali ta' 3 km u bi 3 stazzjonijiet, li tipprovdi servizz tat-trasport pubbliku nadif, rapidu u effiċjenti lill-passiġġieri b'konnessjonijiet intermodali.

L-investiment għandu jippermetti t-trasport ta' medja ta' 7,6 miljun passiġġier fis-sena mill-2026; huwa mistenni jwassal għal tnaqqis fil-gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja fil-belt, fin-numru ta' karozzi fiċ-ċirkolazzjoni fil-belt u jtejjeb it-trasport pubbliku għall-abitanti tal-belt.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 7 (C8.I7): Mobilità ekoloġika — skema pilota għall-appoġġ tal-mobilità urbana sostenibbli

L-investiment għandu l-għan li jappoġġa miżuri ta' mobilità urbana sostenibbli taħt skema pilota.

Jinkludi 68 vettura tat-trasport pubbliku b'emissjonijiet żero (urbani u interurbani), 27 stazzjon ta' ċċarġjar elettriku għall-vetturi tat-trasport pubbliku, l-iżvilupp ta' Sistemi tat-Trasport Intelliġenti f'10 muniċipalitajiet, u soluzzjonijiet diġitali integrati sabiex itejbu l-effiċjenza u l-effettività tat-trasport pubbliku kif ukoll l-infrastruttura għal mobilità urbana sikura mmirata lejn utenti vulnerabbli tat-triq - persuni bil-mixi u ċiklisti.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

H.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
161	C8.R1: Qafas strateġiku tat-trasport	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp tat-Trasport Kombinat fil-Bulgarija sal-2030	Id-dħul fis-seħħ tal-pjan permezz tal-approvazzjoni tal-gvern				Q2	2022	#
162	C8.R1: Qafas strateġiku tat-trasport	Objettiv Intermedju	Il-bini tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' proġetti ferrovjarji tat-TEN-T	Awditu indipendenti lest				Q4	2022	Il-korpi responsabbli għall-investimenti fit-trasport, bħall-Kumpanija Nazzjonali tal-Infrastruttura Ferrovjarja (NRIC), l-Aġenzija tal-Infrastruttura tat-Toroq, flimkien mal-Ministeru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni, għandhom ikunu soġġetti għal awditu indipendenti tal-kapaċità tal-organizzazzjoni, amministrattiva u teknika tagħhom sabiex iwettqu l-ġestjoni u l-koordinazzjoni, il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, il-ġestjoni finanzjarja, il-monitoraġġ, u l-kontroll intern u r-rapportar tal-kwalità. L-awditu għandu jinkludi d-definizzjoni tal-organizzazzjoni, tal-koordinazzjoni, tal-qsim tar-responsabbiltajiet u tar-riżorsi (il-kwantità u l-profil tal-persunal, riżorsi tekniċi oħrajn) meħtieġa għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-proġetti tat-TEN-T fid-dawl tal-objettiv li jitlesta n-network ewlieni TEN-T sal-2030.
163	C8.R1: Qafas strateġiku tat-trasport	Objettiv Intermedju	Il-bini tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' proġetti ferrovjarji tat-TEN-T	Miżuri ta' bini tal-kapaċità ta' implimentazzjoni wara awditu indipendenti				Q4	2023	Sabiex jiġi appoġġat u aċċellerat l-iżvilupp tan-network TEN-T, għandhom jiġu implimentati miżuri mmirati fil-livell nazzjonali sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-korpi responsabbli, bħall-Kumpanija Nazzjonali tal-Infrastruttura Ferrovjarja (NRIC), l-Aġenzija tal-Infrastruttura tat-Toroq, flimkien mal-Ministeru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni sabiex jimmaniġġaw u jimplimentaw il-proġetti tat-TEN-T fid-dawl tal-objettiv li jitlesta n-network ewlieni TEN-T sal-2030. Il-miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet adottati għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tal-awditu indipendenti u jinkludu: • l-assenjazzjoni ta' numru xieraq ta' persunal tas-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										sengħa (kif indikat fl-awditu) magħżul fuq il-bażi ta' proċedura trasparenti u kompetittiva dedikata għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-proġetti tat-TEN-T; • id-definizzjoni ta' mandat ċar għal kull entità responsabbli sabiex jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' effiċjenza fuq terminu medju u fit-tul jiġu implimentati u kkoordinati tajjeb ma' entitajiet oħrajn; • metodi u proċeduri sabiex jiġu żgurati l-kontinwità fil-ġestjoni tal-investimenti u t-trasferiment tal-għarfien sabiex tissaħħaħ il-memorja istituzzjonali.
164	C8.R1: Qafas strateġiku tat-trasport	Objettiv Intermedju	Valutazzjoni tas-suq ferrovjarju sottostanti għall-ambitu tal-obbligu ta' servizz pubbliku skont il-kuntratt pubbliku l-ġdid ta' servizz għas-servizz pubbliku tat-trasport bil-ferrovija	Il-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tas-suq fis-sit web tal-Ministeru għat-Trasport				Q2	2023	Qabel ma titfassal il-proċedura ta' sejħa għall-offerti għall-għoti l-ġdid tal-kuntratt pubbliku ta' servizz ferrovjarju msemmi fl-objettiv intermedju nru 165, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tkejjel l-ambitu tal-obbligu ta' servizz pubbliku għall-kuntratt pubbliku ta' servizz (PSC) il-ġdid bl-użu tal-hekk imsejjaħ "test SNCM" fuq tliet binarji li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (valutazzjoni tad-domanda, stima ta' liema servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn operaturi ta' aċċess miftuħ/kummerċjali, valutazzjoni ta' jekk tistax tintuża miżura li toħloq anqas distorsjoni minn għotja ta' PSC sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika) bl-għan li jiġi żgurat li jingħata spazju xieraq għal servizzi potenzjali ta' aċċess miftuħ/kummerċjali konsistenti mal-PSC (eż. f'każ li jkun hemm servizzi ferrovjarji profittabbli fuq in-network ferrovjarju tal-BG).
165	C8.R1: Qafas strateġiku tat-trasport	Objettiv Intermedju	Kuntratt pubbliku ġdid ta' servizz (PSC) għas-servizzi	Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni				Q4	2024	Il-kuntratt pubbliku l-ġdid ta' servizz għall-forniment ta' servizzi tat-trasport pubbliku bil-ferrovija fil-Bulgarija għandu jiġi konkluż wara proċedura ta' għoti ġusta, mhux diskriminatorja u kompetittiva. It-tfassil tas-sejħa għall-offerti għandu jkun allinjat mal-qafas ġuridiku applikabbli tal-Unjoni fiż-żmien tas-sejħa

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			pubbliċi tat-trasport bil-ferrovija							għall-offerti u għandu jirrifletti kif xieraq ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-suq inklużi fl-objettiv intermedju nru 164. It-tfassil tal-offerta għandu jqis il-miżuri xierqa kollha sabiex tiġi żgurata t-tneħħija ta' kwalunkwe ostaklu potenzjali għall-aċċess għas-suq inkluża d-diviżjoni tas-sejħa għall-offerti f'diversi lottijiet ta' volum limitat kull wieħed. Il-materjal fuq ir-roti mmexxi taħt il-PSC u li jkun proprjetà tal-operatur kurrenti għandu jinbiegħ lill-operatur li jmiss bil-prezz tas-suq eskluża l-għajnuna riċevuta/nett mill-għajnuna riċevuta. Il-kuntratt il-ġdid għandu jinkludi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li ġejjin: - L-operaturi għandhom ikunu obbligati jirritornaw il-materjal fuq ir-roti lis-sid fil-kundizzjoni li fiha jkun ġie riċevut, filwaqt li jqisu r-rata normali ta' deprezzament, sabiex l-Istat ikun jista' jipprovdih lill-operatur tas-servizz pubbliku li jmiss. - Meta jiġi kkalkolat il-kumpens għall-operaturi tat-trasport, għandu jitqies il-finanzjament pubbliku tal-vetturi għall-ħajja ekonomika utli kollha tagħhom.
166	C8.R1: Qafas strateġiku tat-trasport	Mira	Il-varar tal-ERTMS fuq it-TEN-T		Linji tan-network ferrovjarju tat-TEN-T mgħammrin bl-ERTMS (km)	217	707	Q2	2026	Il-mira tirreferi għat-tul tal-linji ferrovjarji (imkejjel f'km) mgħammrin bl-ERTMS – li minnhom 123 km tal-istandard ta' livell 2 - li jinsabu fin-network ferrovjarju TEN-T fil-Bulgarija, kif speċifikat fir-Regolament TEN-T.
167	C8.R1: Qafas strateġiku	Mira	Iż-żieda fin-numru ta' passiġġieri ttrasportati		Numru	21339500	24540425	Q2	2026	Il-mira tirreferi għal żieda ta' 15 % tan-numru annwali ta' passiġġieri ttrasportati bil-ferrovija fl-2025 meta mqabbel mas-sena baži 2019 (sors tad-*data*: l-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika).

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tat-trasport		bit-trasport bil-ferrovija							
168	C8.R1: Qafas strateġiku tat-trasport	Mira	Il-ħin tal-ivvjaġġar għat-taqsima ferrovjarja Sofija-Plovdiv - Burgas		Numru ta' sigħat	6h40'	4h48'	Q1	2026	Il-vjaġġi tal-passiġġieri bil-ferroviji bejn Sofija, Plovdiv u Burgas għandhom ikunu ta' 4 sigħat u 48 minuta fuq is-sezzjoni tal-linja b'tul ta' 448 km.
169	C8.R2: Is-sikurezza fit-toroq	Objettiv Intermedju	Strateġija ġdida għas-sikurezza fit-toroq u l-pjan ta' azzjoni tagħha	L-adozzjoni mill-gvern				Q4	2020	Għandhom jidħlu fis-seħħ l-Istrateġija Nazzjonali għas-sikurezza fit-toroq fir-Repubblika tal-Bulgarija għall-perjodu 2021-2030 u l-Pjan ta' Azzjoni (2021-2023). L-istrateġija l-ġdida dwar is-sikurezza fit-toroq għandha tinkludi l-objettivi li ġejjin: • it-tnaqqis ta' 50 % tal-imwiet u tal-korrimenti serji minħabba inċidenti tat-triq sal-2030 vs ix-xenarju bażi tal-2019, f'konformità mal-Qafas tal-Istrateġija dwar it-Toroq u l-viżjoni Żero tal-UE; • il-ġestjoni integrata tal-kwistjonijiet kollha relatati mas-sikurezza fit-toroq - il-koordinazzjoni fil-fond tal-istituzzjonijiet rilevanti u t-titjib tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni tas-sikurezza fit-toroq (fuq il-bażi ta' studji, ta' analiżi, ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet, ta' prijoritizzazzjoni u ta' ppjanar, ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar); • ir-responsabbiltà soċjali u t-tibdil fl-imġiba tal-utenti tat-triq; • l-appoġġ għall-infurzar tal-liġi, il-prevenzjoni effettiva tal-ksur tar-regoli dwar is-sikurezza fit-triq, u ż-żieda ta' sanzjonijiet għal reati tas-sikurezza fit-toroq; • iż-żieda fis-sikurezza tal-vetturi; • il-protezzjoni ta' utenti vulnerabbli tat-triq, eż. persuni bil-mixi u ċiklisti; • it-titjib fir-rispons għall-korrimenti wara inċidenti tat-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										traffiku fit-triq.
170	C8.R2: Is-sikurezza fit-toroq	Objettiv Intermedju	L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni l-ġdid għas-sikurezza fit-toroq	Il-pubblikazzjoni ta' rapport ta' progress bl-azzjonijiet implimentati				Q2	2023	Għandu jiġi implimentat sett ta' attivitajiet ewlenin skont il-pjan ta' azzjoni tal-istrateġija nazzjonali għas-sikurezza fit-toroq imsemmi fl-objettiv intermedju nru 169. Dan jinkludi: • it-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni annwali settorjali, ta' 28 pjan/programmi annwali reġjonali għas-sikurezza fit-toroq u ta' 265 pjan/programm muniċipali għas-sikurezza fit-toroq għal kull waħda mit-tliet snin, bil-prijoritizzazzjoni u bl-ippjanar ta' miżuri infrastrutturali bl-akbar impatt fuq is-sikurezza fit-toroq; • l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-infrastruttura tas-sikurezza fit-toroq fit-28 provinċja/reġjun, b'enfasi fuq utenti vulnerabbli tat-toroq f'żoni urbani; • it-tħejjija ta' 28 rapport reġjonali u sommarju tar-rapport nazzjonali għal kull waħda mit-tliet snin dwar l-istat tal-elementi tas-sikurezza fit-toroq nazzjonali u muniċipali, kif ukoll fit-toroq urbani. Dan il-proċess għandu jiġi kkoordinat u mmonitorjat mill-Aġenzija tal-Istat għas-Sikurezza fit-Toroq, b'persunal magħmul minn professjonisti mħarrġin. Għandu jiġi introdott obbligu li jingħata segwitu regolari għall-proċeduri ta' valutazzjoni tas-sikurezza fit-toroq madwar in-network kollu f'termini ta' ppjanar, billi jitwettqu spezzjonijiet immirati dwar is-sikurezza fit-toroq u jittieħdu azzjonijiet korrettivi diretti.
171	C8.R2: Is-sikurezza fit-toroq	Mira	It-tneħħija ta' hotspots/ta' blackspots tas-sikurezza		Tnaqqis perċentwali (%) meta mqabbel	0	50	Q1	2026	Għandu jinkiseb it-tnaqqis ta' 50 % fil-perċentwal ta' hotspots/blackspots tas-sikurezza fit-toroq fil-Bulgarija bejn tmiem l-2019 u tmiem l-2025 (sors tad-*data*: il-Ministeru għall-Intern). L-amministrazzjonijiet tat-toroq (l-Aġenzija tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			fit-toroq		mal-2019					Infrastruttura tat-Toroq u l-muniċipalitajiet) għandhom jieħdu azzjoni fuq bażi annwali sabiex ineħħu tali taqsimiet permezz ta' stħarriġ imwettaq fuq kull taqsima tat-toroq u permezz tal-programmi bil-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet neċessarji kollha. Il-miżuri għandhom jiġu ppjanati fuq bażi annwali fil-pjanijiet/fil-programmi tal-amministrazzjonijiet ikkonċernati u għandhom jiġu rrapportati lill-Aġenzija tal-Istat għas-Sikurezza fit-Toroq. Il-lista ta' blackspots għandha tiġi kondiviża mas-servizzi tal-Kummissjoni.
172	C8.R2: Is-sikurezza fit-toroq	Mira	Tnaqqis fin-numru ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku		Tnaqqis perċentwali meta mqabbel mal-2019 (%)	0	30	Q1	2026	Għandu jitnaqqas in-numru annwali ta' fatalitajiet u ta' korrimenti serji minħabba inċidenti tat-traffiku bejn l-2019 (*data* tax-xenarju ta' referenza) u l-2025. Id-*data* għandha tiġi rrapportata f'forma aggregata mill-Aġenzija tal-Istat dwar is-Sikurezza fit-Toroq.
173	C8.R3: Mobilità urbana sostenibbli	Objettiv Intermedju	L-integrazzjoni tal-mobilità urbana sostenibbli fl-istrateġiji territorjali u fl-ippjanar tal-iżvilupp	Id-dħul fis-seħħ ta' Strateġiji Territorjali Integrati u ta' Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati				Q3	2022	L-objettiv intermedju jirreferi għat-tħejjija u għad-dħul fis-seħħ ta': • Strateġiji Territorjali Integrati għall-iżvilupp tar-reġjuni ta' ppjanar tal-NUTS 2 (Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika) bl-inklużjoni ta' elementi ta' mobilità urbana sostenibbli • Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati bi pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli inklużi fihom. L-Istrateġiji Territorjali Integrati tar-reġjuni ta' ppjanar fil-livell tal-NUTS 2 għandhom jiddefinixxu l-objettivi u l-prijoritajiet ta' żvilupp ta' kull wieħed mis-sitt reġjuni ta' ppjanar kif ukoll il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tagħhom. L-Istrateġiji Territorjali Integrati għandhom jinkludu elementi għall-ippjanar sostenibbli tal-mobilità urbana fil-livell reġjonali. Il-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										muniċipalitajiet għandhom ikunu parti mill-pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati.
174	C8.R3: Mobilità urbana sostenibbli	Objettiv Intermedju	Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli	Il-pubblikazzjoni ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu				Q2	2025	L-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli msemmijin fl-objettiv intermedju nru 173 għandha tiġi evalwata mill-awtorità kompetenti. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta sa liema punt il-pjanijiet ta' żvilupp integrati tal-muniċipalitajiet u l-pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli tagħhom jiġu implimentati u kemm laħqu l-objettivi tagħhom. L-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għandha tiġi vvalutata bħala parti mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Pjanijiet Integrati ta' Żvilupp Urban u għandha tinkludi *data* dwar kemm-il muniċipalità qed jimplimentaw Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Pjanijiet ta' Żvilupp Integrati tal-muniċipalitajiet għandha tinkludi: • valutazzjoni tar-riżultati inizjali tal-implimentazzjoni; • valutazzjoni tal-punt sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi rilevanti; • valutazzjoni tal-effettività u tal-effiċjenza tar-riżorsi użati; • it-tagħlimiet meħudin u r-rakkomandazzjonijiet.
175	C8.R4: Trasport pubbliku integrat	Objettiv Intermedju	Analiżi tas-sistema tat-trasport pubbliku u rieżami tal-qafas regolatorju tagħha	Il-pubblikazzjoni tal-analiżi mill-awtorità kompetenti				Q1	2023	L-objettiv intermedju jirreferi għal analiżi tas-sistema tat-trasport pubbliku fil-Bulgarija sabiex tinforma l-proposta tal-gvern għal Att ġdid dwar it-Trasport Pubbliku msemmi fl-objettiv intermedju nru 176. L-analiżi għandha tidentifika l-problemi u d-dgħufijiet fis-sistema tat-trasport pubbliku u tipproponi soluzzjonijiet regolatorji xierqa, inkluż tibdil amministrattiv jew leġiżlattiv sabiex jiġi żgurat it-titjib tas-servizz tat-trasport.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Għandha tinkludi analiżi tal-prattiki tajbin minn Stati Membri oħrajn tal-UE u titħejja f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti rilevanti tal-amministrazzjoni, tan-negozju, tal-NGOs u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati fil-qasam tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri.
176	C8.R4: Trasport pubbliku integrat	Objettiv Intermedju	Qafas regolatorju ġdid għat-trasport pubbliku	Id-dħul fis-seħħ ta' Att ġdid dwar it-Trasport Pubbliku				Q1	2024	Għandha jidħol fis-seħħ il-leġiżlazzjoni ġdida li tirregola l-għoti, it-tħaddim u l-ġestjoni tat-trasport pubbliku bl-objettiv li jiġi integrat fi skema nazzjonali unika tat-trasport. Il-liġi l-ġdida għandha tqis ir-riżultati tal-analiżi msemmija fl-objettiv intermedju nru 175. Il-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi kollha tat-trasport pubbliku u trasparenza fl-għażla tal-operaturi tat-trasport pubbliku mill-awtoritajiet pubbliċi, jespandi l-possibbiltajiet għall-ħolqien ta' suq tat-trasport kompetittiv għas-servizzi tat-trasport pubbliku, jappoġġa d-diġitalizzazzjoni u jżid l-użu tat-trasport pubbliku. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tistabbilixxi qafas regolatorju ċar li jiddefinixxi t-trasport pubbliku, l-entitajiet legali li jikkummissjonawh u jwettquh, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tagħhom, inkluži l-prinċipji u r-regoli għall-ħidma tagħhom, il-proċess ta' kummissjonar u ta' koordinazzjoni fil-forniment ta' servizzi tat-trasport. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tipprovdi għal dawn: - il-karatteristiċi kwantitattivi u kwalitattivi relatati mal-prestazzjoni tas-servizz pubbliku tat-trasport tal-passiġġieri fit-territorju tal-pajjiż, li jkopru l-modi kollha tat-trasport pubbliku; - id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kontraenti, tal-operaturi u tal-passiġġieri;

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										- regoli uniformi għat-trasport tal-passiġġieri fuq it-trasport pubbliku bħala sistema waħda, bi skema tat-trasport nazzjonali integrata kif ukoll bi standard uniku ta' servizz tat-trasport ta' kwalità; - il-qafas legali għall-introduzzjoni sa mhux aktar tard mill-ewwel trimestru tal-2026 ta' biljett uniku u ta' skema tat-trasport integrata unika, li tinkludi l-linji komplementari operati mill-modi kollha tat-trasport; - sistema ta' finanzjament għall-konservazzjoni u għall-manutenzjoni tal-infrastrutturi pubbliċi li tinternalizza l-kostijiet ambjentali.
177	C8.R4: Trasport pubbliku integrat	Objettiv Intermedju	L-introduzzjoni tas-servizz tal-biljetti uniċi għat-trasport pubbliku	L-introduzzjoni fis-suq				Q1	2026	Il-biljett uniku msemmi fl-objettiv intermedju 176 għandu jiġi introdott għall-pubbliku. Il-biljett għandu jippermetti lil kwalunkwe persuna li tkun qed tivvjaġġa fil-Bulgarija tixtri dokument tal-ivvjaġġar wieħed għat-tipi kollha ta' trasport pubbliku f'perjodu ta' żmien iddeterminat minn qabel.
178	C8.R5: Mobilità elettrika	Objettiv Intermedju	Il-liġi dwar il-promozzjoni tal-mobilità elettrika	Id-dħul fis-seħħ				Q2	2023	Il-liġi għandu jkollha l-għan li taċċellera l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq fil-Bulgarija u li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja relatati. Il-liġi għandha tippermetti u tinċentiva l-espansjoni tal-infrastruttura tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku madwar il-pajjiż. Din għandha tinkludi: - is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-konnessjoni tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar man-network tal-elettriku, u tal-proċeduri ta' kostruzzjoni għall-bini ta' tali stazzjonijiet, - obbligu regolatorju għall-muniċipalitajiet sabiex jipprovdu postijiet għaċ-ċarġers f'tal-anqas żewġ spazji ta' parkeġġ; - inċentiv regolatorju għall-utilitajiet elettriċi sabiex jipprovdu aċċess faċli għall-grilja tal-enerġija; - l-introduzzjoni ta' strumenti finanzjarji preferenzjali għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jinvestu fil-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										kostruzzjoni u fil-ġestjoni tal-infrastruttura ta' ċċarġjar elettriku. Il-liġi għandha tintroduċi wkoll inċentivi għall-użu ta' vetturi elettriċi (EVs) u tkun allinjata mal-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas", inklużi miżuri dedikati bħal sussidji għal vetturi b'emissjonijiet żero, differenzjazzjoni tat-taxxi tar-reġistrazzjoni/tas-sjieda skont il-livell tal-emissjonijiet, u skemi ta' skrappjar għall-vetturi li l-aktar li jniġġsu (EURO 3 jew anqas).
179	C8.R5: Mobilità elettrika	Mira	Stazzjonijiet pubbliċi ġodda tal-iċċarġjar elettriku		Numru	340	4 000	Q4	2024	Fil-Bulgarija għandhom jiġu installati u mħaddmin stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku 24 siegħa kuljum u l-akkwist tagħhom għandu jsir fuq il-bażi ta' sejħiet għall-offerti miftuħin u kompetittivi. L-allokazzjoni reġjonali għandha tkun ibbilanċjata u tiffoka fuq żoni b'konġestjoni ogħla. Il-postijiet għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tat-toroq, tal-kapaċità tal-ivvjaġġar fit-toroq, tal-livell ta' konġestjoni fit-toroq jew tal-każijiet ta' żvilupp tan-negozju. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar il-ġodda għandhom jinkludu: - tal-anqas 20 stazzjon tal-iċċarġjar rapidu li jinsabu f'ċentri tal-awtostradi fit-TEN-T b'1-2 MW DC; - tal-anqas 150 stazzjon tal-iċċarġjar rapidu - b'output minimu tal-enerġija ta' 50 kW - mibnijin f'network interurban tat-toroq u fl-ibliet.
180	C8.R5: Mobilità elettrika	Mira	Stazzjonijiet pubbliċi ġodda tal-iċċarġjar elettriku		Numru	4000	10000	Q2	2026	Fil-Bulgarija għandhom jiġu installati u mħaddma stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku 24 siegħa kuljum u l-akkwist tagħhom għandu jsir fuq il-bażi ta' sejħiet għall-offerti miftuħin u

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										kompetittivi. L-allokazzjoni reġjonali għandha tkun ibbilanċjata u tiffoka fuq żoni b'konġestjoni ogħla. Il-postijiet għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tat-toroq, tal-kapaċità tal-ivvjaġġar fit-toroq, tal-livell ta' konġestjoni fit-toroq jew tal-każijiet ta' żvilupp tan-negozju. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar il-ġodda għandhom jinkludu: - tal-anqas 30 stazzjon tal-iċċarġjar rapidu li jinsabu f'ċentri tal-awtostradi fit-TEN-T b'1-2 MW DC - tal-anqas 325 stazzjon tal-iċċarġjar rapidu - b'output minimu tal-enerġija ta' 50 kW - mibnijin fin-network interurban tat-toroq u l-ibliet.
181	C8.R5: Mobilità elettrika	Mira	Żoni b'emissjoniji et baxxi		Numru	0	3	Q2	2025	Iż-żoni b'emissjonijiet baxxi għandhom jiġu introdotti f'tal-anqas tliet bliet distrettwali, kull waħda b'popolazzjoni ta' aktar minn 100 000 abitant u b'popolazzjoni kombinata ta' mill-inqas 1,5 miljun persuna. Dawn iż-żoni b'emissjonijiet baxxi għandhom jimmiraw bliet distrettwali bl-ogħla livelli ta' tniġġis, u jkopru ż-żona usa' taċ-ċentru tal-ibliet. Id-dħul u ċ-ċirkolazzjoni ta' karozzi li jniġġsu l-aktar (bl-istandards tal-emissjonijiet EURO 3 jew anqas) għandu jkun ipprojbit f'dawk iż-żoni.
182	C8.R5: Mobilità elettrika	Mira	Vetturi b'emissjoniji et żero u b'livell baxx ta' emissjonijiet reġistrati		Numru	2500	15000	Q2	2024	Vetturi ġodda jew użati b'emissjonijiet żero u b'livell baxx ta' emissjonijiet (jiġifieri elettriċi u tal-idroġenu, inklużi vetturi ibridi rikarikabbli) (M1 - karozzi tal-passiġġieri, N1 - vetturi kummerċjali ħfief; N2 u N3 - vetturi tqal, ibbażati fuq l-istandards tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti) għandhom ikunu reġistrati fil-Bulgarija sa nofs l-2024. Ix-xenarju ta' referenza jirreferi għan-numru ta' dawn il-vetturi reġistrati fi tmiem l-2020. Id-*data* uffiċjali għandha tiġi rrapportata mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika lill-Osservatorju Ewropew tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Fjuwils Alternattivi għal finijiet ta' monitoraġġ.
183	C8.R5: Mobilità elettrika	Mira	Vetturi b'emissjoniji et żero u b'livell baxx ta' emissjonijiet reġistrati		Numru	15000	30000	Q2	2026	Vetturi ġodda jew użati b'emissjonijiet żero u b'livell baxx ta' emissjonijiet (elettriċi u tal-idroġenu, inklużi vetturi ibridi rikarikabbli) (M1 - karozzi tal-passiġġieri, N1 - vetturi kummerċjali ħfief; N2 u N3 - vetturi tqal, ibbażati fuq l-istandards tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti) għandhom ikunu reġistrati fil-Bulgarija sa nofs l-2026. Id-*data* uffiċjali għandha tiġi rrapportata mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika lill-Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi għal finijiet ta' monitoraġġ.
184	C8.I1: Materjal fuq ir-roti ferrovjarju	Objettiv Intermedju	Kuntratt(i) dwar il-provvista ta' materjal fuq ir-roti ġdid b'emissjoniji et żero għat-trasport suburban u interreġjonali u għax-shunters	L-iffirmar tal-kuntratt(i) wara sejħa/sejħiet għall-offerti miftuħa u kompetittiva/i				Q1	2023	Il-kuntratt(i) għandu/għandhom jiġi/u ffirmat(i), wara sejħa/sejħiet għall-offerti kompetittiva/i miftuħa, pubblika/pubbliċi u mhux diskriminatorja/i għax-xiri ta': - 42 unità elettrika multipla (EMUs) għas-servizzi tal-passiġġieri fit-trasport suburban b'veloċità massima ta' 160 km/h u mgħammrin bl-ERTMS abbord jiġifieri 7 EMUs b'żewġ sulari tal-kapaċità minima ta' sits għal 300 persuna u 35 EMU b'sular wieħed b'kapaċità minima ta' sits għal 200 persuna; - 20 trainset riversibbli għat-trasport interreġjonali inklużi lokomottivi b'veloċità massima ta' 200 km/h u mgħammrin bl-ERTMS abbord; - 18-il shunter bil-batterija b'kontroll diġitali mill-bogħod. Il-materjal fuq ir-roti l-ġdid għandu jkun b'emissjonijiet żero, f'konformità mal-prinċipju La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti. Il-Ministeru Bulgaru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										għandu jsir is-sid tat-trainsets (jiġifieri l-EMUs, il-ferroviji riversibbli u x-shunters tal-batterija). Is-sjieda ma għandhiex tkun trasferibbli lill-impriża ferrovjarja magħżula skont il-kuntratt ta' obbligu ta' servizz pubbliku. L-impriża ferrovjarja bħala operatur għandha ssir biss utent/gwardjan temporanju.
185	C8.I1: Materjal fuq ir-roti ferrovjarju	Mira	Materjal fuq ir-roti ferrovjarju ġdid b'emissjoniji et żero operattiv (I)		Numru	0	35	Q1	2025	Il-mira tirreferi għall-provvista u għall-ikkummissjonar u għad-dħul fis-seħħ ta' materjal fuq ir-roti ġdid bħala l-ewwel parti kkonsenjata skont il-kuntratt(i) imsemmi(jin) fl-objettiv intermedju nru 184: 35 unità multipla elettrila b'sular wieħed b'veloċità massima ta' 160 km/h u b'kapaċità minima ta' sits għal 200 persuna. L-impriża/i ferrovjarja/i tal-passiġġieri għandha/għandhom topera/joperaw il-ferroviji skont kuntratt pubbliku ta' servizz (PSC) għall-perjodu ta' wara l-2024. Is-sejħa għall-offerti tal-PSC għandha tkun kompetittiva f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni fiż-żmien tas-sejħa għall-offerti. Il-materjal fuq ir-roti ferrovjarju l-ġdid li jkun proprjetà tal-awtorità kompetenti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas għall-operaturi tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri skont kuntratti pubbliċi ta' servizz mogħtijin f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. L-operaturi għandhom ikunu obbligati jirritornaw il-materjal fuq ir-roti lis-sid fil-kundizzjoni li fiha jkun ġie riċevut, filwaqt li jqisu r-rata normali ta' deprezzament, sabiex l-Istat ikun jista' jipprovdih lill-operatur tas-servizz pubbliku li jmiss.
186	C8.I1:	Mira	Materjal fuq ir-roti		Numru	35	80	Q1	2026	Il-mira tirreferi għall-provvista u għall-ikkummissjonar u għall-bidu tal-operat ta' rolling stock ġdid ikkonsenjat

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	Materjal fuq ir-roti ferrovjarju		ferrovjarju ġdid b'emissjoniji et żero operattiv (II)							skont il-kuntratt(i) imsemmi(jin) fl-objettiv intermedju nru 184: - 42 unità elettrika multipla (EMUs) għas-servizzi tal-passiġġieri fit-trasport suburban b'veloċità massima ta' 160 km/h u mgħammrin bl-ERTMS abbord jiġifieri 7 EMUs b'żewġ sulari tal-kapaċità minima ta' sits għal 300 persuna u 35 EMU b'sular wieħed b'kapaċità minima ta' sits għal 200 persuna; - 20 ferrovija riversibbli għat-trasport interreġjonali (inklużi lokomottivi b'veloċità massima ta' 200 km/h u mgħammrin bl-ERTMS) ippubblikati; - 18-il shunter bil-batterija b'kontroll diġitali mill-bogħod. Il-materjal fuq ir-roti l-ġdid għandu jkun b'emissjonijiet żero, f'konformità mal-prinċipju La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti. L-impriża/i ferrovjarja/i tal-passiġġieri għandha/għandhom topera/joperaw il-ferroviji skont kuntratt pubbliku ta' servizz (PSC) għall-perjodu ta' wara l-2024. Il-PSC għandu jiġi offrut b'mod kompetittiv f'konformità mal-qafas applikabbli tal-Unjoni fiż-żmien tas-sejħa għall-offerti. Il-materjal fuq ir-roti ferrovjarju l-ġdid li jkun proprjetà tal-awtorità kompetenti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas għall-operaturi tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri skont kuntratti pubbliċi ta' servizz mogħtijin f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. L-operaturi għandhom ikunu obbligati jirritornaw il-materjal fuq ir-roti lis-sid fil-kundizzjoni li fiha jkun ġie

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										riċevut, filwaqt li jqisu r-rata normali ta' deprezzament, sabiex l-Istat Bulgaru jkun jista' jipprovdih lill-operatur tas-servizz pubbliku li jmiss.
187	C8.I2: Tagħmir abbord tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji	Objettiv Intermedju	Mekkaniżmu tal-għażla tal-operaturi ferrovjarji appoġġati għat-tagħmir abbord tal-ERTMS/tal-ETCS	L-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-impriżi ferrovjarji eliġibbli għall-installazzjoni abbord ta' tagħmir abbord tal-ETCS				Q3	2022	Il-mira tirreferi għall-proċess tal-għażla għad-distribuzzjoni tal-fondi fost l-impriżi ferrovjarji (benefiċjarji) li jinkludi l-passi li ġejjin: i) konsultazzjoni mas-suq sabiex tinkiseb *data* mit-trasportaturi ferrovjarji relatata mal-materjal fuq ir-roti li jista' jiġi aġġornat bit-tagħmir abbord tal-ERTMS; ii) l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ċar għad-distribuzzjoni tal-fondi fost il-benefiċjarji, fuq il-bażi tal-kriterji ta' effiċjenza u ta' kosteffettività; iii) l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji eliġibbli, u l-klassifikazzjoni bbażata fuq il-kriterji ta' effiċjenza u ta' kosteffettività. Għandha titwettaq proċedura ta' sejħa għall-offerti kompetittiva, miftuħa, pubblika u mhux diskriminatorja għall-għażla tal-impriżi ferrovjarji li jibbenefikaw mill-programm. F'dan il-kuntest, kull benefiċjarju għandu jipprovdi pjan ta' direzzjoni tan-negozju, li jiġġustifika n-numru minimu ta' tren-kilometri fis-sena li għandhom jinstaqu bl-użu tat-tagħmir. Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar l-għoti ta' finanzjament proprju (peress li l-benefiċjarji huma mistennijin jiffinanzjaw 50 % tal-kost totali). L-impriżi ferrovjarji liċenzjati u ċċertifikati kollha fil-Bulgarija għandhom ikunu eliġibbli sabiex jipparteċipaw fil-proċedura. Kull impriża ferrovjarja magħżula għandha tiddikjara li l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										materjal fuq ir-roti eliġibbli għall-installazzjoni ta' tagħmir abbord tal-ERTMS skont dan il-programm għandhom ikunu qed joperaw b'mod regolari għal tal-anqas 10 snin wara l-installazzjoni. Għandu jkun mgħammar biss materjal fuq ir-roti elettriku eżistenti b'emissjonijiet żero u b'ħajja ekonomika residwa ta' mill-inqas 10 snin. Jekk ikun hemm raġuni ġustifikata għan-nuqqas ta' tħaddim ta' unità għal minimu ta' 10 snin, il-benefiċjarji għandu jieħu impenn li jittrasferixxi t-tagħmir abbord għal materjal fuq ir-roti ieħor b'emissjonijiet żero akkont proprju, li għandu jitħaddem tal-anqas għaż-żmien li jifdal sa tmiem l-10 snin. Il-materjal fuq ir-roti magħżul għall-appoġġ għandu jiġi ttrasferit lill-operatur tal-kuntratt ta' servizz pubbliku li jmiss bil-prezz tas-suq eskluż/nett mill-għajnuna riċevuta mill-benefiċjarju.
188	C8.I2: Tagħmir abbord tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji	Objettiv Intermedju	Kuntratti dwar l-installazzjoni ta' tagħmir abbord tal-ERTMS (ETCS)	L-iffirmar tal-kuntratt(i)_ wara sejħa/sejħiet għall-offerti miftuħa u kompetittiva/i				Q4	2022	Il-kuntratti għandhom jiġu ffirmati, wara proċedura ġusta u mhux diskriminatorja ta' sejħa għall-offerti għall-għażla tal-fornitur(i) tat-tagħmir tal-Livell 2 tal-ERTMS / tal-ETCS (konformi man-norma 3/mal-Linja Bażi 3) abbord, mal-kuntrattur(i) għall-konsenja, għall-installazzjoni, għall-ikkummissjonar fl-operat, għall-ittestjar u għall-kisba tal-permessi u għat-taħriġ tal-persunal tal-operaturi għat-tagħmir tal-ERTMS/ETCS.
189	C8.I2: Tagħmir abbord tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji	Mira	Il-konsenja u l-installazzjoni tat-tagħmir abbord tal-ERTMS/tal-ETCS		Numru ta' unitajiet	2	36	Q4	2024	Din il-mira intermedja tirreferi għan-numru ta' materjal fuq ir-roti (lokomottivi u railcars) li fihom għandu jiġi installat u jkun operazzjonali tagħmir tal-Livell 2 tal-ERTMS /tal-ETCS. Il-materjal fuq ir-roti magħżul għall-appoġġ għandu jinbiegħ lill-operatur li jmiss bil-prezz tas-suq eskluża l-għajnuna riċevuta/nett mill-għajnuna riċevuta mill-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										benefiċjarju.
190	C8.I2: Tagħmir abbord tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji	Mira	Il-konsenja u l-installazzjoni tat-tagħmir abbord tal-ERTMS / tal-ETCS		Numru ta' unitajiet	36	108	Q3	2025	Il-mira finali tirreferi għan-numru ta' materjal fuq ir-roti (lokomottivi u railcars) li fihom għandu jiġi installat u jkun operazzjonali tagħmir tal-Livell 2 tal-ERTMS/tal-ETCS. Il-materjal fuq ir-roti magħżul għall-appoġġ għandu jiġi ttrasferit lill-operatur li jmiss bil-prezz tas-suq eskluża l-għajnuna riċevuta/nett mill-għajnuna riċevuta mill-benefiċjarju.
191	C8.I3: Id-diġitalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju u fl-ERTMS	Objettiv Intermedju	Kuntratti għad-disinn tekniku u għall-kostruzzjoni ta' sistemi diġitali fis-sezzjoni ferrovjarja Ruse – Kaspichan	L-iffirmar tal-kuntratti wara sejħiet għall-offerti miftuħin u kompetittivi				Q4	2022	Għandhom jiġu ffirmati l-kuntratti ma' kuntratturi magħżulin, wara sejħiet għall-offerti kompetittivi miftuħin, pubbliċi u mhux diskriminatorji għall-modernizzazzjoni tas-sistema ta' dispaċċ u tat-telekomunikazzjoni u tas-sistema ta' sinjalar u ta' kontroll tal-veloċità fuq il-ferroviji għall-monitoraġġ u għall-kontroll tal-parametri tal-materjal fuq ir-roti fil-moviment u tal-infrastruttura ferrovjarja bil-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju tal-Livell 2 (is-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji u s-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli – Ferroviji jew is-sistema tal-ġenerazzjoni iġded) fis-sezzjoni ferrovjarja Ruse – Kaspichan fin-Network Komprensiv TEN-T. Il-kuntratti għandhom jinkludu d-disinn, il-provvista, il-kostruzzjoni u/jew l-ikkummissjonar ta': - sistemi ċentrali ta' dispaċċ b'kontroll awtomatiku tat-thaddim tal-ferrovija u tal-unità taċ-ċentru tar-radju li jinsabu f'ċentru tad-dispaċċ wieħed f'Gorna Oryahovitsa; - ċentralizzazzjoni tal-kompjuter tal-binarji b'interfaċċa għall-unità taċ-ċentru tad-dispaċċ u tar-radju f'10 stazzjoniet fis-sezzjoni

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										- awtolokks bl-għadd tal-fusien; - apparat ġdid ta' 20 passaġġ invell awtomatiku bl-għadd tal-fusien; - sistemi tat-telekomunikazzjoni diġitali b'tagħmir ibbażat fuq network tal-fibra/tal-kejbil fibrottiku; - il-passaġġi invell, is-sistemi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar tal-passiġġieri u s-sorveljanza bil-video fiż-żona tal-istazzjonijiet ferrovjarji.
192	C8.I3: Id-diġitalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju u fl-ERTMS	Objettiv Intermedju	Il-varar tal-ERTMS tal-Livell 2 (ETCS) fis-sezzjoni ferrovjarja Ruse – Kaspichan	Il-bidu tat-tħaddim tas-sistemi ta' dispaċċ, ta' telekomunikazzjoni, ta' sinjalar ferrovjarju u ta' kontroll tal-veloċità u tal-faċilitajiet tal-istazzjonijiet (informazzjoni u sigurtà)				Q2	2026	Għandhom jiddaħħlu fis-seħħ u jkunu operazzjonali s-sistema modernizzata ta' dispaċċ u tat-telekomunikazzjoni u s-sistema ta' sinjalar u ta' kontroll tal-veloċità fuq il-ferroviji għall-monitoraġġ u għall-kontroll tal-parametri tar-rolling stock fil-moviment u tal-infrastruttura ferrovjarja bil-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju tal-Livell 2 (is-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji u s-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli – Ferroviji jew is-sistema tal-ġenerazzjoni iġded) fis-sezzjoni ferrovjarja Ruse – Kaspichan fin-Network Komprensiv TEN-T (tul ta' 123 km). Is-sistema għandha tinkludi: - sistemi ċentrali ta' dispaċċ b'kontroll awtomatiku tat-tħaddim tal-ferrovija u tal-unità taċ-ċentru tar-radju li jinsabu f'ċentru tad-dispaċċ wieħed f'Gorna Oryahovitsa; - ċentralizzazzjoni tal-kompjuter tal-binarji b'interfaċċa għall-unità taċ-ċentru tad-dispaċċ u tar-radju f'10 stazzjoniet fis-sezzjoni - awtolokks bl-għadd tal-fusien; - apparat ġdid ta' 20 passaġġ invell awtomatiku bl-għadd tal-fusien; - sistemi tat-telekomunikazzjoni diġitali b'tagħmir ibbażat fuq network tal-fibra/tal-kejbil fibrottiku; - il-passaġġi invell, is-sistemi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar tal-passiġġieri u s-sorveljanza bil-video fiż-żona

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										tal-istazzjonijiet ferrovjarji.
193	C8.I4: Terminal intermodali f'Ruse	Objettiv Intermedju	Kuntratti għad-disinn tekniku u għall-kostruzzjoni tat-terminal intermodali l-ġdid	L-iffirmar tal-kuntratti mogħtijin mill-Kumpanija Nazzjonali tal-Infrastruttura Ferrovjarja				Q4	2022	Il-kuntratturi għall-kostruzzjoni tat-terminal intermodali f'Ruse għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa, pubblika u mhux diskriminatorja. L-entità magħżula fl-offerta għandha tkun responsabbli għall-attivitajiet li ġejjin: • Id-disinn u l-kostruzzjoni tekniċi; • Valutazzjoni tal-konformità skont l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà; • Valutazzjoni tar-riskju; • Assistenza Teknika. Il-kostruzzjoni tal-infrastruttura bażika u abilitanti tat-terminal intermodali f'Ruse għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kuntrattur(i), iżda t-tagħmir tiegħu (bħal makkinarju mobbli, krejnijiet, sistema ta' maniġġar, tagħmir tal-kompjuters u tal-uffiċċju) għandu jiġi installat mill-operatur futur. L-Istat Bulgaru għandu jsir is-sid tat-terminal intermodali. L-investiment għandu jirriżulta fil-kostruzzjoni ta' terminal intermodali fuq erja ta' 12,4-il ettaru, b'kapaċità ta' 115 200 TEU/sena. It-terminal għandu jintegra modi tat-trasport differenti: passaġġi fuq l-ilma interni, ferroviji u toroq. L-ilħuq tal-objettiv intermedju attwali, inklużi t-twaqqigħ u l-kostruzzjoni ta' bini ġdid, għandu jkun konformi mal-gwida teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C 58/01).

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
194	C8.I4: Terminal intermodali f'Ruse	Objettiv Intermedju	Il-kuntratt għas-superviżjoni skont l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Ispazju konkluż	L-iffirmar tal-kuntratt mogħti mill-Kumpanija Nazzjonali tal-Infrastruttura Ferrovjarja				Q1	2023	Għandu jiġi ffirmat il-kuntratt ma' entità magħżula, fuq il-bażi ta' proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa, pubblika u mhux diskriminatorja. Il-kuntrattur magħżul għandu jkun responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità u għas-superviżjoni tal-kostruzzjoni tat-terminal intermodali f'Ruse skont l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Ispazju.
195	C8.I4: Terminal intermodali f'Ruse	Objettiv Intermedju	It-tlestija tal-kostruzzjoni tat-terminal intermodali	Terminal intermodali lest				Q4	2025	It-terminal intermodali għandu jkun operazzjonali, fuq il-bażi tal-permessi maħruġin għall-użu tiegħu u għall-finalizzazzjoni tal-proċeduri għall-konċessjoni. Fil-livell tal-utenti, aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju għandu jiġi żgurat permezz ta' att ġuridikament eżegwibbli għall-utenti potenzjali kollha li jħallsu prezz tas-suq għall-aċċess għat-terminal. It-terminal intermodali l-ġdid għandu jinbena fuq żona ta' 12,4-il ettaru u għandu jkollu kapaċità ta' 115 200 TEU/sena. Għandu jintegra modi tat-trasport differenti: passaġġi fuq l-ilma interni, ferroviji u toroq. L-attivitajiet kollha, inklużi t-twaqqigħ u l-kostruzzjoni ta' bini ġdid, għandu jkun konformi mal-gwida teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C 58/01).
196	C8.I4: Terminal intermodali f'Ruse	Objettiv Intermedju	L-għażla tal-operatur tat-terminal intermodali	Il-varar tas-sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva				Q1	2026	Is-sejħa għall-offerti għandha tiġi varata għall-għażla ta' entità għall-operat tat-terminal intermodali f'Ruse, fuq il-bażi ta' sejħa għall-offerti kompetittiva, miftuħa, pubblika u mhux diskriminatorja, li għandha titlesta sal-2026. Il-kuntratt għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-konċessjoni tal-operazzjoni, ir-responsabbiltà għall-manutenzjoni u l-kopertura tal-kostijiet relatati.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
197	C8.I5: Is-sikurezza fit-toroq	Mira	Applikazzjoni tas-software u vetturi speċjalizzati li jippermettu ġestjoni mtejba tas-sikurezza fit-toroq inkl. valutazzjoni tal-infrastruttura tat-toroq		Numru	0	34	Q4	2024	Il-mira tirreferi għall-akkwist u għall-bidu tal-operat ta' tagħmir għall-prijoritizzazzjoni u għall-ippjanar ta' miżuri infrastrutturali għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq fuq il-bażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet u ta' valutazzjoni orjentata lejn ir-riskji. Dan għandu jinkludi: - il-provvista ta' 27 vettura speċjalizzata modulari multifunzjonali ġdida; - il-provvista ta' 2 vetturi speċjalizzati ġodda għall-kontroll awtomatizzat tat-traffiku; - il-provvista ta' 2 vetturi speċjalizzati ġodda fil-forma ta' laboratorju mobbli għall-valutazzjoni tal-istat tas-sikurezza fit-toroq bħall-prestazzjoni tas-superfiċe tat-toroq u l-kundizzjoni funzjonali; - l-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' 3 applikazzjonijiet ġodda tas-software 1) għall-ġestjoni, għall-ippjanar u għall-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet (l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura) fit-toroq (nazzjonali u muniċipali), 2) għas-sistema elettronika nazzjonali għar-rapportar, għat-trażmissjoni u għall-proċessar tas-sinjali relatati mas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq, 3) għall-ġestjoni ta' flussi tat-traffiku aktar mexxejja ta' vetturi tqal tal-merkanzija f'punti ta' qsim tal-fruntiera. Il-vetturi għandhom ikunu b'emissjonijiet żero (elettriċi/tal-idroġenu) jew ikollhom emissjoni ta' anqas minn 50g CO2/km, f'konformità mal-gwida teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti. Il-vetturi u l-applikazzjonijiet tas-software previsti kollha għandhom jintużaw mill-Aġenzija tal-Istat għas-Sikurezza fit-Toroq, mill-Aġenzija tal-Infrastruttura tat-Toroq jew mill-muniċipalitajiet esklussivament għall-monitoraġġ tas-sikurezza fit-toroq u għall-manutenzjoni tat-toroq.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
198	C8.I5: Is-sikurezza fit-toroq	Mira	Stħarriġ dwar is-sikurezza fit-toroq madwar in-network kollu		Numru ta' kilometri mistħarrġin fuq in-network tat-toroq (km)	0	13 000	Q4	2024	Għandu jitwettaq stħarriġ dwar is-sikurezza fit-toroq fin-network ta' toroq kollu madwar il-Bulgarija (tul totali ta' 13 000 km) sabiex jiġu vvalutati l-istat tekniku tal-infrastruttura tat-toroq u s-sikurezza tagħha - kif ukoll sabiex jitwettqu spezzjonijiet immirati dwar is-sikurezza fit-toroq. Valutazzjoni madwar in-network kollu tal-istat tan-network tat-toroq fil-forma ta' stħarriġ għandha tidentifika l-aktar sezzjonijiet kritiċi fejn, jekk jittieħdu miżuri infrastrutturali xierqa, għandu jinkiseb l-akbar titjib fis-sikurezza.
199	C8.I6: Linja 3 tal-metrò ta' Sofija	Objettiv Intermedju	Kuntratti dwar il-kostruzzjoni ta' sezzjonijiet ġodda tal-linja 3 tal-metrò ta' Sofija wara sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva	L-iffirmar ta' kuntratti fuq ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni				Q2	2022	Għandhom jiġu ffirmati l-kuntratti għal-linja 3 tal-metro ta' Sofija, wara sejħa għall-offerti miftuħa, pubblika u kompetittiva. Il-kuntratti għandhom jinkludu l-kostruzzjoni ta' 3 km ta' linji tal-metro u 3 stazzjonijiet fis-sezzjoni tal-linja l-ġdida Hadzhi Dimitar – Levski. Il-kuntratti għandhom jipprovdu għal infrastruttura tat-trasport urban nadif għat-tħaddim ta' materjal fuq ir-roti b'emissjonijiet żero, u b'hekk l-infrastruttura għandha tintuża esklussivament minn materjal fuq ir-roti b'emissjonijiet żero.
200	C8.I6: Linja 3 tal-metro ta' Sofija	Mira	Progress fit-tlestija tal-kostruzzjoni ta' sezzjonijiet ġodda tal-linja 3 tal-		Il-perċentwal (%) tax-xogħlijiet bil-kostruzzjoni lesta	0	60	Q3	2024	Il-progress fit-tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' sezzjoni ġdida tal-linja tal-metro 3 f'Sofija fir-rigward kemm tal-linja ta' 3 km kif ukoll tat-3 stazzjonijiet għandu jilħaq is-60 % (iċċertifikat mir-rapport ta' superviżjoni). L-infrastruttura tas-sezzjoni l-ġdida tal-linja tal-metro 3 f'Sofija għandha tintuża biss għal vetturi ferrovjarji

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			metro f'Sofija		għal-linja 3 il-ġdida					b'emissjonijiet żero.
201	C8.I6: Linja 3 tal-metro ta' Sofija	Mira	Sezzjoni ġdida tal-linja 3 tal-metro f'Sofija		Numru ta' km ta' linji ġodda u ta' stazzjonijiet ġodda li jibdew joperaw	0	3 / 3	Q4	2025	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-linja 3 il-ġdida tal-metro ta' Sofija għandhom jitlestew u s-sezzjoni l-ġdida tal-linja 3 tal-metro ta' Sofija, għal tul totali ta' 3 km u 3 stazzjonijiet ġodda għandha tibda topera. L-investiment għandu jikkonsisti fit-taqsima 3 l-ġdida tal-linja tal-metro Hadzhi Dimitar – Levski u jkollha kapaċità annwali ta' 7,6 miljun passiġġier. L-infrastruttura għandha tintuża biss għal materjal fuq ir-roti b'emissjonijiet żero.
202	C8.I7: Mobilità ekoloġika - skema pilota għall-appoġġ tal-mobilità urbana sostenibbli	Objettiv Intermedju	Kuntratti għall-vetturi ġodda tat-trasport pubbliku b'emissjonijiet żero	L-iffirmar ta' kuntratti għall-provvista ta' vetturi ġodda tat-trasport pubbliku b'emissjonijiet żero wara proċeduri ta' akkwist pubbliku				Q3	2023	Għandhom jiġu ffirmati l-kuntratti għall-provvista ta' 68 vettura ġdida b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku urban u interurban, wara sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva. Skont il-kuntratti ffirmati, il-vetturi b'emissjonijiet żero (xarabanks u / jew trolleybuses) għandhom jiġu kkonsenjati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-vetturi forniti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin f'konformità mal-gwida teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti: (a) xarabanks b'"art baxxa" (kategoriji M2 u M3) - elettriċi u ibridi plug-in biss. (b) xarabanks "b'art għolja" (kategoriji M2 u M3) - ix-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										xarabanks kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal (Euro VI). Meta jiġi kkalkolat il-kumpens għall-operaturi tat-trasport fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, għandu jitqies il-finanzjament pubbliku tal-vetturi għall-ħajja ekonomika utli kollha tagħhom. Wara l-iskadenza tal-kuntratt pubbliku ta' servizz, il-vetturi ffinanzjati għandhom jiġu ttrasferiti jew lill-awtorità kompetenti (il-muniċipalità) jew lill-operatur tat-trasport pubbliku li jmiss mingħajr ħlas jew bil-prezz tas-suq wara li jitnaqqas l-appoġġ pubbliku (eskluża l-għajnuna riċevuta/nett mill-għajnuna riċevuta mill-impriża ta' kuntratt pubbliku ta' servizz) - f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. L-operaturi għandhom ikunu obbligati jirritornaw il-materjal fuq ir-roti lis-sid fil-kundizzjoni li fiha jkun ġie riċevut, filwaqt li jqisu r-rata normali ta' deprezzament, sabiex l-Istat ikun jista' jipprovdih lill-operatur tas-servizz pubbliku li jmiss.
203	C8.I7: Mobilità ekoloġika - skema pilota għall-appoġġ tal-mobilità urbana sostenibbli	Mira	Vetturi ġodda b'emissjoniji et żero		Numru ta' vetturi li bdew jaħdmu	0	68	Q2	2024	Vetturi ġodda b'emissjonijiet żero (xarabanks u/jew trolleybuses) għat-trasport pubbliku urban u interurban għandhom jinxtraw u jibdew jiġu operati. Il-benefiċjarji eliġibbli għandhom ikunu sħubijiet ta' muniċipalitajiet urbani u ta' operaturi tat-trasport pubbliku li joperaw fiż-żoni barra mill-kapital u f'reġjuni anqas żviluppati – fit-territorju tal-40 muniċipalità urbana l-kbar eskluż l-akbar 10, mill-2021. Il-muniċipalitajiet rurali għandhom ikunu eliġibbli wkoll bħala sħab assoċjati tal-proġetti. Il-kriterji tal-għażla għandhom jinkludu: a) l-eżistenza ta' proġetti/prijoritajiet identifikati fil-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati u fl-Istrateġiji ta' Żvilupp Territorjali Integrati għar-reġjuni NUTS 2; b) il-konformità mal-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (integrati fi Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati jew aġġornati skont dawn). Għandu jintgħażel tal-anqas proġett wieħed fit-territorju ta' kull wieħed mis-sitt reġjuni - livell NUTS 2. Il-vetturi b'emissjonijiet żero (xarabanks u/jew trolleybuses) għandhom jiġu kkonsenjati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-vetturi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin, f'konformità mal-gwida teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti: (a) xarabanks b'"art baxxa" (kategoriji M2 u M3) - elettriċi u ibridi plug-in biss. (b) xarabanks "b'art għolja" (kategoriji M2 u M3) - ix-xarabanks kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal (Euro VI). Meta jiġi kkalkolat il-kumpens għall-operaturi tat-trasport, għandu jitqies il-finanzjament pubbliku tal-vetturi għall-ħajja ekonomika utli kollha tagħhom. Wara l-iskadenza tal-kuntratt pubbliku ta' servizz, il-vetturi ffinanzjati b'appoġġ għandhom jiġu ttrasferiti jew lill-awtorità kompetenti (muniċipalità) jew lill-operatur tat-trasport pubbliku li jmiss mingħajr ħlas jew bil-prezz tas-suq wara t-tnaqqis tal-appoġġ pubbliku (eskluża l-għajnuna riċevuta/nett mill-għajnuna riċevuta mill-impriża ta' kuntratt pubbliku ta' servizz) - f'konformità

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. L-operaturi għandhom ikunu obbligati jirritornaw il-materjal fuq ir-roti lis-sid fil-kundizzjoni li fiha jkun ġie riċevut, filwaqt li jqisu r-rata normali ta' deprezzament, sabiex l-Istat ikun jista' jipprovdih lill-operatur tas-servizz pubbliku li jmiss.
204	C8.I7: Mobilità ekoloġika - skema pilota għall-appoġġ tal-mobilità urbana sostenibbli	Mira	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi tat-trasport pubbliku		Numru ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar li bdew joperaw	0	27	Q3	2024	L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi tat-trasport pubbliku (elettriċi u/jew tal-idroġenu) għandhom jinbnew f'postijiet pubbliċi u għandhom ikunu operazzjonali. Il-benefiċjarji eliġibbli għandhom ikunu sħubijiet ta' muniċipalitajiet urbani u ta' operaturi tat-trasport pubbliku li joperaw fiż-żoni barra mill-kapitali u f'reġjuni anqas żviluppati – fit-territorju tal-40 muniċipalità urbana l-kbar eskluża l-akbar 10, mill-2021. Il-muniċipalitajiet rurali għandhom ikunu eliġibbli wkoll bħala sħab assoċjati tal-proġetti. Il-kriterji tal-għażla għandhom jinkludu dawn li ġejjin: - l-eżistenza ta' proġetti/prijoritajiet identifikati fil-Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati u fl-Istrateġiji ta' Żvilupp Territorjali Integrati għar-reġjuni NUTS 2; - il-konformità mal-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (integrati fi Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati jew aġġornati skont dawn). Għandu jintgħażel tal-anqas proġett wieħed fit-territorju ta' kull wieħed minn sitt reġjuni - il-livell NUTS 2.
205	C8.I7: Mobilità ekoloġika - skema pilota għall-appoġġ tal-mobilità	Mira	Soluzzjonijiet diġitali intelliġenti għat-trasport fil-muniċipalitajiet		Numru ta' muniċipalitajiet b'Sistemi tat-Trasport Intelliġenti varati	0	10	Q3	2024	Għandhom jiġu żviluppati muniċipalitajiet b'sistemi tat-Trasport Intelliġenti varati ġodda jew għal miżuri dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport – soluzzjoni diġitali intelliġenti sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tat-trasport pubbliku permezz ta' kontroll awtomatizzat tat-traffiku u sistemi ta' kontroll, id-detezzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-vetturi jew il-prijoritizzazzjoni tal-vetturi tat-trasport urban pubbliku.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	urbana sostenibbli				ġodda u/jew soluzzjoni jiet diġitali intelliġent i oħrajn					
206	C8.I7: Mobilità ekoloġika - skema pilota għall-appoġġ tal-mobilità urbana sostenibbli	Objettiv Intermedju	Infrastruttura għal mobilità urbana sikura mmirata lejn utenti vulnerabbli tat-triq — persuni bil-mixi u ċiklisti	Ġew stabbiliti miżuri infrastrutturali ġodda dwar is-sikurezza tat-traffiku fit-toroq għall-persuni bil-mixi u għaċ-ċiklisti				Q2	2024	Għandhom jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri infrastrutturali l-ġodda sabiex tittejjeb is-sikurezza għall-utenti vulnerabbli tat-triq - il-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti f'żoni urbani. L-infrastruttura għandha tinkludi: - il-kostruzzjoni ta' 5 passaġġi għall-persuni bil-mixi b'aċċess għal persuni b'mobilità mnaqqsa; - it-tidwil tal-passaġġi għall-persuni bil-mixi b'170 biċċa ta' faċilità; - il-kostruzzjoni ta' infrastruttura taċ-ċikliżmu b'tul ta' 110 km; - miżuri tal-infrastruttura tat-traffiku tat-triq sabiex jikkalmaw it-traffiku f'daħliet urbani fi 15-il muniċipalità. Il-kriterji tal-għażla għall-post għandhom jinkludu dawn li ġejjin: - l-istat tas-sikurezza fit-toroq fil-muniċipalitajiet rilevanti (mill-aspett tal-infrastruttura għall-protezzjoni ta' utenti vulnerabbli tat-triq) u l-impatt stmat f'termini ta' titjib fis-sikurezza fit-toroq (tnaqqis ta' mwiet u ta' korrimenti serji); - l-eżistenza ta' proġetti/prijoritajiet identifikati fil-Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati u fl-Istrateġiji ta' Żvilupp Territorjali Integrati għar-reġjuni NUTS 2; - il-konformità mal-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (integrati fi Pjanijiet ta' Żvilupp Muniċipali Integrati jew aġġornati skont dawn).

I. KOMPONENT NRU 9: ŻVILUPP LOKALI

Dan il-komponent tal-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jistabbilixxi l-qafas għat-titjib tal-kompetittività u tal-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni tal-pajjiż u għall-promozzjoni tal-iżvilupp lokali. Il-komponent għandu wkoll fil-mira l-ġestjoni tal-ilma, li hija aspett importanti tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għas-snin 2019 u 2020 li jirrakkomandaw li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali u l-enfasi fuq l-investiment u l-politiki relatati mal-investiment fuq l-ilma u fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura ambjentali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C9.R1): Approċċ reġjonali ġdid bl-involviment dirett tal-komunitajiet lokali fil-ġestjoni tal-fondi u tal-istrumenti Ewropej

L-objettiv tal-miżura huwa li tippromwovi l-involviment dirett tal-komunitajiet lokali f'kull reġjun tal-pajjiż fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE. Dan huwa mistenni li jagħti spinta lis-sens ta' sjieda fil-livell lokali u li jżid l-effettività tal-politika billi jindirizza l-ħtiġijiet identifikati lokalment b'mod aktar immirat.

Il-miżura tikkonsisti f'tibdil leġiżlattiv li jsaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji u ta' proġetti territorjali integrati ffinanzjati minn fondi tal-UE.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma Nru 2 (C9.R2): Kontinwazzjoni tar-riforma tas-settur tal-ilma

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi ottimizzat il-qafas regolatorju għas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ.

Il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni ta' liġi ġdida, l-Att dwar il-Provvista tal-Ilma u d-Drenaġġ, li għandu jipprovdi l-kundizzjonijiet għall-konsolidazzjoni fil-provvista ta' servizzi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ u jintroduċi kundizzjonijiet uniformi għall-kriterji tal-kwalità u tal-effiċjenza tas-servizz li għandhom jiġu ssodisfati mill-operaturi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ. Il-leġiżlazzjoni għandha tirfina l-mekkaniżmi tal-iffissar tat-tariffi, filwaqt li tiżgura prezzar abbażi tal-kost għall-użu tas-sistemi u tas-servizzi kkonsmati filwaqt li tiżgura wkoll is-sostenibbiltà finanzjarja tal-operaturi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Investiment Nru 1 (C9.I1): Programm għall-kostruzzjoni/għat-tlestija/għar-rikostruzzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ, inklużi l-impjanti għat-trattament tal-ilma mormi għall-agglomerazzjonijiet b'ekwivalenti tal-popolazzjoni ta' bejn 5 000 u 10 000

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi żgurat użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali dwar l-ilma.

Il-miżura tikkonsisti fil-kostruzzjoni, fir-rikostruzzjoni u fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ, u tal-impjanti tat-trattament tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi fi 13-il agglomerazzjoni u fl-insedjamenti inklużi tagħhom b'ekwivalenti tal-popolazzjoni ta' bejn 5 000 u 10 000. F'konformità mar-riforma tas-settur tal-ilma, il-proġett għandu jkopri biss l-investimenti f'agglomerazzjonijiet fit-territorju ta' operatur tal-ilma reġjonali konsolidat li għalihom ikunu tħejjew studji tal-fattibbiltà reġjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 2 (C9.I2): Id-diġitalizzazzjoni għall-ġestjoni integrata, għall-kontroll u għall-użu effiċjenti tal-ilma

L-objettiv tal-miżura huwa li ttejjeb il-ġestjoni tal-kwantità tal-ilma billi tiddiġitalizzaha u ttejjeb il-kontroll tal-użu tal-ilma.

Il-miżura tikkonsisti fl-istabbiliment u fit-tħaddim ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-kwantità tal-ilma. Is-sistema għandha tiġbor *data* għall-monitoraġġ tal-livelli tal-ilma, tal-konsum tal-ilma, tat-tifrigħ, tal-fluss ekoloġiku u għandha tuża *data* mill-istazzjonijiet meteoroloġiċi u idrometriċi u tar-radars għall-valutazzjoni tar-riżorsi tal-ilma disponibbli u tal-fatturi meteoroloġiċi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

I.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
207	C9.R1: Approċċ reġjonali ġdid bl-involviment dirett tal-komunitajiet lokali fil-ġestjoni tal-fondi u tal-istrumenti Ewropej	Objettiv Intermedju	Emendi għall-qafas regolatorju fir-rigward tal-ġestjoni tal-finanzjament tal-UE	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi Finanzjarji tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej				Q2	2022	L-emendi għall-Ġestjoni tar-Riżorsi Finanzjarji tal-Att Ewropew dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment għandhom itejbu l-involviment dirett tal-livell reġjonali u lokali fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE billi jsaħħu r-rwol tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji u ta' proġetti territorjali integrati. Skont dan il-qafas legali rivedut, il-Kunsilli għall-Iżvilupp Reġjonali (li jinkludu rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali) għandhom jiffunzjonaw bħala korpi territorjali responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dokumenti strateġiċi fil-livell ta' ppjanar reġjonali u għall-prekwalifikazzjoni ta' proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati b'fondi tal-UE fil-livell lokali fuq il-bażi ta' strateġiji integrati ta' żvilupp territorjali.
208	C9.R2: Kontinwazzjoni tar-riforma tas-settur tal-ilma	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-Att il-ġdid dwar l-Ilma u d-Drenaġġ	Id-dħul fis-seħħ				Q1	2023	L-Att dwar l-Ilma u d-Drenaġġ għandu jorqom il-mekkaniżmi tal-iffissar tat-tariffi, filwaqt li jiggarantixxi prezzar abbażi tal-kost għall-użu tas-sistemi u tas-servizzi kkonsmati filwaqt li jiżgura wkoll is-sostenibbiltà finanzjarja tal-operaturi. Il-liġi għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet għall-konsolidazzjoni fil-provvista ta' servizzi ta' provvista tal-ilma u tad-drenaġġ. Il-liġi għandha tintroduċi kundizzjonijiet identiċi fil-pajjiż kollu għall-kriterji tal-kwalità u tal-effiċjenza tas-servizz, li għandhom jiġu ssodisfati mill-operaturi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ fi skedi ta' żmien definiti bil-liġi. Il-kwalità tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ għandha tiġi mmonitorjata minn regolatur indipendenti bi rwoli u b'responsabbiltajiet definiti fil-liġi.
209	C9.I1: Programm għall-kostruzzjoni/għat-tlestija/għar-rikostruzzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ,	Objettiv Intermedju	Għoti ta' kuntratti għad-disinn u għall-kostruzzjoni ta' impjanti tat-trattament tal-ilma	Il-komunikazzjoni tal-għotjiet mill-Azjenda Bulgara tal-Provvista tal-Ilma u tad-Drenaġġ				Q4	2023	L-għoti ta' kuntratti wara proċeduri ta' akkwist pubbliku li jirnexxu għad-disinn u għall-kostruzzjoni ta' impjanti għat-trattament tal-ilma mormi u n-network ta' provvista tal-ilma u tad-drenaġġ fi 13-il agglomerazzjoni (Devnya, General Toshevo, Pavel Banya, Dulovo, Ahtopol, Krumovgrad, Devin, Galabovo, Straldzha, Dolni Chiflik, Saedinenie, Kotel, Rogosh-Skutare). Għal kull agglomerazzjoni, konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE (jiġifieri d-Direttiva dwar

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	inklużi l-impjanti għat-trattament tal-ilma mormi għall-agglomerazzjoniji et b'ekwivalenti tal-popolazzjoni ta' bejn 5 000 u 10 000		mormi u tan-network tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ							il-VIA, id-Direttiva dwar il-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u d-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb) għandha tiġi speċifikata fil-kuntratt bħala rekwiżit li għandu jiġi ssodisfat mill-kuntrattur. F'konformità mar-riforma tas-settur tal-ilma, il-kuntratti għat-13-il agglomerazzjoni għandhom ikopru territorji moqdijin minn operaturi ta' servizzi tal-ilma reġjonali konsolidati u għandhom ikunu bbażati fuq studji tal-fattibbiltà reġjonali mħejjin aktar kmieni għal dawn it-territorji.
210	C9.I1: Programm għall-kostruzzjoni/għat-tlestija/għar-rikostruzzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ, inklużi l-impjanti għat-trattament tal-ilma mormi għall-agglomerazzjoniji et b'ekwivalenti tal-popolazzjoni ta' bejn 5 000 u 10 000	Mira	Network tal-provvista tal-ilma mibni ġdid / mibni mill-ġdid konness ma' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi mibnijin ġodda/mibniji n mill-ġdid		Km	0	250	Q2	2026	In-network tal-provvista tal-ilma mibni ġdid / mibni mill-ġdid għandu jkun konness ma' impjanti għat-trattament tal-ilma mormi li għandhom jinbnew/jinbnew mill-ġdid bħala parti mill-istess investiment. L-investiment għandu jiżgura t-trattament tal-ilma mormi minn 13-il agglomerazzjoni (Devnya, General Toshevo, Pavel Banya, Dulovo, Ahtopol, Krumovgrad, Devin, Galabovo, Straldzha, Dolni Chiflik, Saedinenie, Kotel, Rogosh-Skutare), għandu jnaqqas it-telf tul in-network tal-provvista tal-ilma u jtejjeb il-kwalità tal-ilma tax-xorb f'dawn l-agglomerazzjonijiet. Il-forniment u t-tħaddim tal-infrastruttura tal-ilma tax-xorb identifikata għandhom ikunu f'konformità mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (id-Direttiva (UE) 2020/2184).
211	C9.I2: Id-diġitalizzazzjoni għall-ġestjoni integrata, għall-kontroll u għall-użu effiċjenti tal-ilma	Objettiv Intermedju	Għoti ta' kuntratt għal disinn tekniku u għall-bini tas-sistema ta' informazzjoni	Il-komunikazzjoni tal-għotja				Q3	2023	L-għoti ta' kuntratt għall-iżvilupp tad-disinn tekniku (fuq il-bażi ta' disinn kunċettwali żviluppat aktar kmieni bħala parti mill-investiment) u għall-bini tas-sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni integrata tal-kwantità tal-ilma bil-moduli u bil-funzjonalitajiet kollha stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Is-sistema integrata ta' ġestjoni tal-kwantità tal-ilma għandha tikkonsolida d-*data* mis-sistemi ta' informazzjoni tal-Ministeru tal-Ambjent u tal-Ilma, tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			għall-ġestjoni integrata tal-kwantità tal-ilma							Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tax-Xogħlijiet Pubbliċi, tal-Bulgarian Water and Sewerage Holding EAD, tal-Irrigation Systems EAD, tan-National Electric Company EAD u tal-Istitut Nazzjonali tal-Idroloġija u tal-Meteoroloġija. Is-sistema għandha tiġbor *data* f'ħin reali minn infrastruttura addizzjonali (apparati u sistemi ta' kejl) li għandha tinbena bħala parti mill-proġett u li għandha tintuża għas-sorveljanza u għall-monitoraġġ tal-livelli tal-ilma, il-konsum tal-ilma, tat-tifrigħ u tal-flussi ekoloġiċi. Is-sistema għandha tinkludi wkoll l-awtomatizzazzjoni tal-istazzjonijiet meteoroloġiċi u idrometriċi u tar-radars tad-*data* għall-valutazzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-fatturi meteoroloġiċi.
212	C9.I2: Id-diġitalizzazzjoni għall-ġestjoni integrata, għall-kontroll u għall-użu effiċjenti tal-ilma	Objettiv Intermedju	It-tlestija u l-konsenja ta' sistema ta' informazzjoni integrata ta' ġestjoni tal-kwantità tal-ilma kompletament operazzjonali	Il-ħruġ taċ-ċertifikat tat-teħid tal-kontroll għall-konsenja ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-kwantità tal-ilma				Q3	2025	Sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni integrata tal-kwantità tal-ilma żviluppata, ikkonsenjata u kompletament operazzjonali

J. KOMPONENT NRU 10: L-AMBJENT TAN-NEGOZJU

Dan il-komponent għandu l-għan li jsaħħaħ il-potenzjal għal tkabbir sostenibbli u jżid ir-reżiljenza ġenerali tal-ekonomija Bulgara billi jindirizza l-isfidi fl-ambjent tan-negozju ġenerali u jtejjeb il-qafas istituzzjonali. Jinkludi riformi u investimenti f'oqsma bħall-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, il-governanza tal-intrapriżi tal-Istat, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-kwalità tal-proċess leġiżlattiv, l-akkwist pubbliku, u l-mekkaniżmi ta' awditjar u ta' kontroll.

Il-miżuri inklużi fil-komponent jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2019 fir-rigward tat-titjib tal-ambjent tan-negozju, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 tal-2020 fir-rigward tal-minimizzazzjoni tal-piż amministrattiv għall-kumpaniji billi tittejjeb l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u jissaħħaħ il-gvern diġitali, filwaqt li jiġi żgurat funzjonament effettiv tal-qafas ta' insolvenza, u t-tisħiħ tal-isforzi sabiex jiġu żgurati valutazzjoni tar-riskju adegwata, mitigazzjoni, superviżjoni effettiva u infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C10.R1): Ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb l-aċċessibbiltà, l-effettività u l-prevedibbiltà tas-sistema tal-ġustizzja.

Ir-riforma għandha tinkludi analiżijiet annwali tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-ġustizzja elettronika stabbiliti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, inklużi r-regoli dwar in-notifika u ċ-ċitazzjonijiet għal indirizz elettroniku, il-possibbiltà ta' ħlas ta' tariffi u ta' obbligi oħrajn lill-qorti b'mezzi elettroniċi, l-abbozzar ta' atti ġudizzjarji bħala dokumenti elettroniċi u l-iffirmar tagħhom b'firma elettronika kwalifikata, l-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali u t-twettiq ta' azzjonijiet proċedurali f'forma elettronika, kif ukoll it-tmexxija ta' sessjonijiet tal-qorti mill-bogħod.

Barra minn hekk, ir-riforma għandha tinkludi emendi leġiżlattivi għall-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva, li jippermettu li l-atti ġudizzjarji jiġu abbozzati bħala dokumenti elettroniċi u li jiġu ffirmati b'firma elettronika kwalifikata. Barra minn hekk, għandha tippermetti s-sottomissjoni elettronika ta' dokumenti u li jsiru sessjonijiet tal-qorti mill-bogħod.

Dawn il-miżuri huma mistennijin jikkontribwixxu għall-investimenti nri 1 u 2 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja.

Sabiex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, ir-riforma għandha tinkludi miżuri leġiżlattivi li jwessgħu l-ambitu tal-assistenza legali mingħajr ħlas u tal-eżenzjonijiet mit-tariffi tal-qorti.

Fl-aħħar nett, ir-riforma tinkludi l-adozzjoni ta' pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għandu jinkludi l-miżuri speċifiċi, l-iskedi ta' żmien, u l-istituzzjonijiet responsabbli.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma Nru 2 (C10.R2): Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tkompli tiġi miġġielda l-korruzzjoni fil-livelli kollha tas-sistemi tal-amministrazzjoni pubblika, tal-ġustizzja u tal-prosekuzzjoni.

B'mod partikolari, ir-riforma għandha:

- tiżgura li l-membri tal-Kunsill Ċivili tal-Kunsill Nazzjonali dwar il-Politiki kontra l-Korruzzjoni jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan Direzzjonali assoċjat tagħha;
- tistabbilixxi pjattaforma elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni sabiex jiġu ffaċilitati l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi u l-identifikazzjoni tal-kunflitti ta' interess;
- ittejjeb ir-rwol tal-Ispettorat tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura fil-prevenzjoni u fit-teħid ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni permezz ta' linji gwida u taħriġ etiċi riveduti. Dan ma għandux iwassal għal żieda fis-setgħat dixxiplinari tal-Ispettorat. Il-Kummissjoni ta' Venezja għandha tiġi kkonsultata qabel ma l-Ispettorat jirrevedi l-linji gwida u jorganizza t-taħriġ;
- ittejjeb l-integrità tal-impjegati taċ-ċivil bl-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' verifika tal-integrità għall-impjegati taċ-ċivil li jokkupaw karigi li għandhom riskju għoli ta' korruzzjoni;
- tintroduċi għodod għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għall-promozzjoni tal-integrità fl-Intrapriżi tal-Istat permezz tal-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Etika, l-introduzzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tar-riskju ta' korruzzjoni u miżuri sabiex tissaħħaħ it-trasparenza;
- tistabbilixxi Korp Kontra l-Korruzzjoni, ibbażat fuq il-Kummissjoni eżistenti Kontra l-Korruzzjoni u tal-Konfiska tal-Assi Illegali, bl-awtorità li tinvestiga u tuża l-evidenza li tiġbor fi proċedimenti kriminali, soġġetta għal salvagwardji legali xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwi u tan-negozji.

Bl-objettiv li jiġu ggarantiti l-effettività tal-investigazzjonijiet kriminali u d-dover ta' rendikont u r-responsabbiltà kriminali tal-Prosekutur Ġenerali, ir-riforma għandha:

- tintroduċi l-possibbiltà ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni ta' prosekutur li ma jiftaħx investigazzjoni u miżuri oħrajn;
- tintroduċi obbligu tal-Prosekutur Ġenerali li jwieġeb għall-mistoqsijiet imqajmin fir-rapport dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, tillimita s-setgħat tal-Prosekutur Ġenerali fir-rigward tas-sorveljanza tal-legalità tal-attivitajiet tal-prosekuturi billi tintroduċi l-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti ta' prosekuzzjoni, u tintroduċi rapportar annwali mill-Prosekutur Ġenerali dwar l-investigazzjonijiet u l-kundanni f'każijiet ta' korruzzjoni;
- tipprovdi għas-salvagwardji u għall-garanziji neċessarji għal investigazzjoni indipendenti tal-Prosekutur Ġenerali u tad-deputati tiegħu.

Fl-aħħar nett, ir-riforma għandha tinkludi miżuri leġiżlattivi sabiex jiġu protetti l-informaturi u sabiex jiġu rregolati l-attivitajiet ta' lobbjar fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma Nru 3 (C10.R3): L-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tintroduċi medjazzjoni obbligatorja f'ċerti kawżi ċivili u kummerċjali.

Dan għandu jinkiseb billi jiġu adottati emendi legali għall-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u għal-Liġi dwar il-Medjazzjoni, li għandhom jipprevedu obbligu legali sabiex il-partijiet f'ċertu tilwim ċivili u kummerċjali jieħdu sehem f'medjazzjoni ġudizzjarja.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma Nru 4 (C10.R4): It-tisħiħ tal-proċeduri ta' insolvenza

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li żżid l-effiċjenza tal-proċeduri ta' insolvenza u ta' ristrutturar.

Dan għandu jinkiseb bl-adozzjoni ta' emendi leġiżlattivi għal-Liġi Kummerċjali fit-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023 sabiex jiġu rriformati l-proċeduri ta' insolvenza u ta' ristrutturar u jiġi żgurat l-użu ta' mezzi elettroniċi fil-proċeduri ta' insolvenza, ta' ristrutturar u ta' ħelsien mid-dejn, kif ukoll jiġu pprovduti regolamentazzjoni aktar stretta tal-professjoni ta' prattikanti tal-insolvenza, għodod ta' twissija bikrija, dmirijiet tad-diretturi f'każ ta' probabbiltà ta' insolvenza u garanziji legali għall-kummerċjanti sabiex jirreġistraw l-indirizzi tal-maniġment attwali meta jirreġistraw il-kumpaniji.

Ir-riforma għandha tkopri wkoll miżuri ta' implimentazzjoni, inklużi taħriġ dwar il-qafas il-ġdid ta' insolvenza għall-prattikanti tal-insolvenza u għall-imħallfin, għodod elettroniċi għall-fini ta' komunikazzjoni matul il-proċedimenti ta' insolvenza u ta' ristrutturar, l-adozzjoni ta' manwali, ta' kodiċijiet, ta' mudelli u ta' linji gwida dwar il-proċeduri differenti, kif ukoll il-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' *data* statistika.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma Nru 5 (C10.R5): Riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tistabbilixxi l-pedament għat-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni fil-Bulgarija.

Dan għandu jinkiseb permezz tal-iżvilupp u permezz tal-adozzjoni ta' strateġija fit-tul sabiex jiġi introdott l-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini fit-tfassil, fl-eżekuzzjoni u fil-manutenzjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, kif ukoll pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tiegħu. L-abbozzi tal-istrateġija u l-pjan direzzjonali għandhom jitħejjew bl-appoġġ tal-proġett REFORM/SC2020/089 "Tħejjija u tnedija tar-riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru".

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma Nru 6 (C10.R6): Riforma tar-reġistri sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Gvern elettroniku

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb l-organizzazzjoni, il-kwalità u s-sigurtà tar-reġistri fl-amministrazzjoni pubblika, ittejjeb il-potenzjal tal-Gvern elettroniku u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi l-qafas legali neċessarju għall-istabbiliment, għaż-żamma u għall-użu ta' reġistri elettroniċi permezz ta' emendi fil-liġijiet li ġejjin:

- il-Liġi dwar il-Governanza Elettronika, li għandha tintroduċi l-obbligu għall-korpi tal-fergħat eżekuttivi kollha li jżommu, imantnu u jaġġornaw ir-reġistri f'forma elettronika;

- il-Liġi dwar il-Katasti u r-Reġistru tal-Proprjetà, li għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kontenut tal-kontijiet tal-proprjetà fir-reġistru tal-proprjetà u r-responsabbiltajiet tal-imħallfin tar-reġistru għall-istabbiliment tagħhom;
- il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni Ċivili, li għandha tipprojbixxi lill-awtoritajiet amministrattivi pubbliċi milli jirrikjedu dokumenti relatati mal-istatus ċivili taċ-ċittadini.

Hu mistenni li din ir-riforma tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-investiment nru 9 dwar id-diġitalizzazzjoni tad-*data* tar-reġistrazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Riforma Nru 7 (C10.R7): It-titjib tal-qafas ta' governanza għall-intrapriżi tal-Istat

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-governanza tal-intrapriżi tal-Istat.

Għal dak l-għan, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta:

- politika ta' sjieda tal-Istat, li għandha tinkludi l-ġustifikazzjoni u l-objettivi għall-parteċipazzjoni tal-Istat f'intrapriżi tal-Istat (SOEs), kif ukoll ir-rwol tal-Istat fil-ġestjoni tal-SOEs u fl-implimentazzjoni tal-politika;
- rapporti sommarji annwali dwar l-attivitajiet tal-intrapriżi tal-istat mis-sena 2020;
- programm ta' trasformazzjoni għal intrapriżi statutorji tal-istat ibbażat fuq l-analiżi tan-natura tal-attivitajiet tagħhom - primarjament funzjonijiet kummerċjali jew pubbliċi.

  Barra minn hekk, l-Aġenzija tal-Intrapriżi Pubbliċi u l-Kontroll għandha tadotta rapport li jivvaluta u jikkonferma l-konformità tal-kompożizzjoni tal-bordijiet ta' intrapriżi kbar tal-Istat mal-proċeduri tal-għażla stabbiliti mil-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma Nru 8 (C10.R8): It-tisħiħ tal-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ssaħħaħ il-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus billi tiżgura l-implimentazzjoni korretta tiegħu, l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni sabiex jittaffew ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu identifikati permezz tal-valutazzjoni tar-riskju kif ukoll l-aġġornament tal-valutazzjoni nazzjonali tar-riskju.

Dan għandu jinkiseb bil-miżuri li ġejjin:

- l-adozzjoni ta' strateġiji superviżorji u ta' gwida dwar l-approċċ għal persuni politikament esposti, kif ukoll reviżjoni tal-proċeduri superviżorji mill-awtoritajiet superviżorji skont il-Liġi dwar il-Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus sabiex jittaffew ir-riskji tal-ħasil tal-flus u tiżdied l-implimentazzjoni tal-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus mill-entitajiet obbligati taħt is-superviżjoni tagħhom;
- l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni mill-Kunsill tal-Ministri sabiex jittaffew ir-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu identifikati permezz tal-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali;
- l-adozzjoni ta' aġġornament għar-rapport nazzjonali dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu flimkien ma' valutazzjonijiet settorjali tar-riskju tat-tielet settur, ta' assi virtwali u ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma Nru 9 (C10.R9): It-titjib tal-kwalità tal-proċess leġiżlattiv

Din ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità u l-prevedibbiltà tal-proċess leġiżlattiv fl-Assemblea Nazzjonali.

Dan għandu jinkiseb permezz ta' dispożizzjonijiet fir-Regoli għall-Organizzazzjoni u għall-Attività tal-Assemblea Nazzjonali li jiżguraw li:

- l-abbozzi kollha ta' leġiżlazzjoni proposti mill-Membri tal-Parlament ikunu akkumpanjati minn raġunament u minn valutazzjoni tal-impatt preliminari;
- ħarsa fil-qosor lejn l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u l-opinjoni fil-qosor tal-kumitat huma inklużi fir-rapporti tal-kumitat parlamentari dwar l-abbozzi tal-liġijiet; u
- il-proposti għal emendi u s-supplimenti għal abbozz ta' att leġiżlattiv adottat fl-ewwel votazzjoni ma jistgħux jirreferu għal atti leġiżlattivi, differenti minn dawk li l-emenda jew is-suppliment tagħhom ikun ġie propost fl-abbozz ta' att leġiżlattiv ippreżentat inizjalment, ħlief f'ċirkostanzi speċifiċi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma Nru 10 (C10.R10): L-akkwist pubbliku

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb it-trasparenza u żżid il-kompetizzjoni fil-proċess tal-akkwist pubbliku.

Fir-rigward tal-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ("offerti mingħajr sejħa") u l-kuntrattar b'offerti uniċi, l-emendi leġiżlattivi għandhom jiżguraw rapportar regolari, aktar kontrolli mill-aġenziji rilevanti, u sanzjonijiet effettivi u dissważivi f'każ ta' ksur tar-regoli. Barra minn hekk, il-kontrolli *ex ante* fuq l-akkwist pubbliku fir-rigward tal-fondi tal-Unjoni għandhom jiżdiedu u għandhom jiġu introdotti formoli elettroniċi standard ġodda għall-akkwist pubbliku.

B'riżultat ta' dan, is-sehem tal-proċeduri negozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti, filwaqt li jiġi żgurat ukoll tnaqqis separat tas-sehem tal-kuntratti b'offerti uniċi.

Barra minn hekk, l-emendi leġiżlattivi għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-proċeduri ta' akkwist "interni" billi jintroduċu projbizzjoni fuq l-assenjazzjoni mill-ġdid ta' kompiti lil sottokuntratturi, rekwiżiti ta' trasparenza u sanzjonijiet effettivi u dissważivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità mat-tali rekwiżiti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma Nru 11 (C10.R11): Il-Bulgarija Intraprenditorjali

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li trawwem l-iżvilupp tas-settur tat-teknoloġija avvanzata fil-pajjiż billi ttejjeb l-aċċess għall-kapital u għat-talent, ittejjeb l-ambjent tal-amministrazzjoni tan-negozju u tippromwovi l-intraprenditorija.

L-elementi ewlenin tar-riforma huma dawn li ġejjin:

- l-introduzzjoni ta' proċedura u ta' rekwiżiti għall-ħruġ ta' viża għall-imprendituri ta' negozji ġodda;
- l-adozzjoni ta' liġi dwar il-falliment personali;
- l-introduzzjoni ta' tip aktar flessibbli ta' kumpanija kummerċjali fid-Dritt Kummerċjali;
- l-adozzjoni ta' qafas li jippermetti likwidazzjoni aċċellerata tal-entitajiet legali;
- l-għoti ta' aktar flessibbiltà fil-kundizzjonijiet regolatorji għax-xogħol mill-bogħod.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma Nru 12 (C10.R12): Il-kunsill tal-analiżi ekonomika

L-objettiv tar-riforma huwa li tistabbilixxi l-pedamenti għal proċess ta' forniment gradwali u sostenibbli ta' għarfien espert ekonomiku u akkademiku fil-fond lill-gvern Bulgaru, li huwa mistenni jkun punt tat-tluq għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u ekonomiċi fit-tul.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi Kunsill tal-Analiżi Ekonomika bħala korp konsultattiv, li għandu jkun appoġġat minn segretarjat. L-output ewlieni tal-Kunsill tal-Analiżi Ekonomika għandu jkun rapport annwali dwar l-istat tal-ekonomija Bulgara.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment Nru 1 (C10.I1): It-tisħiħ, l-iżvilupp ulterjuri u l-bini tas-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid id-diġitalizzazzjoni fs-sistema tal-ġustizzja billi jibni fuq is-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati.

Is-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati għandha tiġi aġġornata sabiex:

- tipprovdi għal moduli ġodda għall-allokazzjoni elettronika u għad-diġitalizzazzjoni tal-ordni għal kawżi ta' ħlas u għall-amministrazzjoni ta' proċeduri ta' medjazzjoni;
- tiżgura l-kapaċità teknika tal-qrati sabiex joperaw kompletament online; u
- tistabbilixxi ċentri tad-*data* addizzjonali.

Huwa mistenni li l-investiment jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riforma nru 1 dwar il-ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment Nru 2 (C10.I2): Id-diġitalizzazzjoni ta' proċessi ewlenin ta' litigazzjoni fil-ġustizzja amministrattiva

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied id-diġitalizzazzjoni fil-qrati amministrattivi permezz tat-titjib tas-Sistema ta' Informazzjoni Maniġerjali Unika tal-Kawżi.

L-aġġornament għandu jippermetti numru ta' funzjonalitajiet ġodda għas-sistema, inklużi l-varar u l-awtomatizzazzjoni tal-proċess tan-notifika ta' taħrikiet elettroniċi, l-aċċess mill-bogħod għad-dokumenti elettroniċi għaċ-ċittadini u s-sottomissjoni tagħhom, u l-kapaċità għal seduti tal-qorti mill-bogħod fit-28 qorti amministrattiva. Dan għandu jkun appoġġat mid-dħul fis-seħħ ta' hardware għall-ħżin tad-*data* f'ċentru tad-*data*.

Huwa mistenni li l-investiment jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riforma nru 1 dwar il-ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025

Investiment Nru 3 (C10.I3): Trasformazzjoni tal-infrastruttura tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid id-diġitalizzazzjoni u s-sigurtà tal-iskambju tal-informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku permezz tat-titjib tal-infrastruttura interna tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

L-aġġornament għandu jikkonsisti f'dawn:

- żieda fl-iskambju ta' *data* interna f'forma elettronika;
- aċċess mill-bogħod u identifikazzjoni elettronika siguri;

- l-iskambju awtomatiku ta' *data* elettronika ma' awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi fil-Bulgarija;
- l-integrazzjoni tal-infrastruttura interna mal-Portal Uniku tal-Ġustizzja Elettronika; u
- livell akbar ta' ċibersigurtà u l-faċilitazzjoni tal-konformità mal-protezzjoni tad-*data*.

Huwa mistenni li l-investiment jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riforma nru 2 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment Nru 4 (C10.I4): It-titjib tal-kwalità u tas-sostenibbiltà tas-servizzi tas-sigurtà

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb il-kwalità u l-effettività tal-politiki kontra l-korruzzjoni u s-sigurtà billi jappoġġa t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tagħhom.

Dan l-investiment għandu:

- jistabbilixxi sistema intelliġenti ta' sigurtà nazzjonali billi jimmodernizza u jibni fuq is-sistemi eżistenti fil-Ministeru għall-Intern;
- jistabbilixxi u jintegra s-sistemi ta' sorveljanza bil-video b'funzjonalità ta' rikonoxximent tan-numru tal-vettura f'numru ta' postijiet;
- jipprovdi vetturi tal-pulizija ġodda u ekoloġiċi b'tagħmir ta' sorveljanza bil-video sabiex jissostitwixxu 300 mill-eqdem vetturi tal-pattulja li qegħdin jintużaw.

Huwa mistenni li l-investiment jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riforma nru 2 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment Nru 5 (C10.I5): L-appoġġ għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja f'ċerti kawżi ċivili u kummerċjali billi jestendi n-network ta' ċentri ta' medjazzjoni u l-għoti ta' taħriġ.

L-investiment għandu jappoġġa l-istabbiliment ta' 15-il ċentru ta' medjazzjoni ġdid fil-qrati distrettwali u ta' 113-il diviżjoni territorjali fil-qrati reġjonali.

Għandu jingħata taħriġ għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja lill-imħallfin, lill-medjaturi u lill-koordinaturi tal-qorti fiċ-ċentri ta' medjazzjoni.

Huwa mistenni li l-investiment jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riforma nru 3 dwar l-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment Nru 6 (C10.I6): L-appoġġ ta' fażi pilota għall-introduzzjoni tal-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jibni l-kapaċità tal-komunità tal-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini fil-Bulgarija.

L-investiment għandu jinkludi taħriġ speċjalizzat għall-esperti fl-amministrazzjoni tal-Istat, il-ħolqien ta' sit web b'korsijiet u b'materjali online għall-esperti mis-settur privat, il-ħolqien ta' modulu integrat tal-BIM għas-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata għall-Ġestjoni tat-Territorju, għat-Tfassil tal-Investiment u għall-Awtorizzazzjoni tal-

Kostruzzjoni u l-forniment ta' tagħmir tal-IT (hardware u software) għal esperti mill-amministrazzjonijiet muniċipali, reġjonali u tal-Istat.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 7 (C10.I7): Sistema ta' Informazzjoni Unifikata għall-Ġestjoni tat-Territorju, għat-Tfassil tal-Investiment u għall-Awtorizzazzjoni tal-Kostruzzjoni

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv taċ-ċittadini u tan-negozji fir-rigward tal-kostruzzjoni billi tiġi stabbilita pjattaforma għall-forniment ta' servizzi ta' ppjanar amministrattiv elettroniku u għall-awtorizzazzjoni tal-kostruzzjoni.

Il-proġett huwa mistenni jqassar b'mod sinifikanti ż-żmien sabiex jiġu pprovduti servizzi fil-ġestjoni tat-territorju, fid-disinn tal-investiment u fl-ikkummissjonar ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni kompluti billi jiġu jkunu jistgħu jiġu offruti servizzi kumplessi tal-gvern elettroniku.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 8 (C10.I8): Monitoraġġ, kontroll u ġestjoni tat-territorju permezz tat-titjib taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju (AMC)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa t-tfassil tal-politika bbażat fuq id-*data* fl-indirizzar tal-isfidi tas-settur pubbliku u privat, inkluż fil-kuntest ta' emerġenzi pubbliċi.

Dan għandu jinkiseb permezz ta':

- titjib tal-hardware taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju fil-Ministeru għall-Intern sabiex tkun tista' tiġi riċevuta *data* minn aktar satelliti u sensuri, kif ukoll minn sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord, flimkien mat-tħaddim ta' software għall-proċessar tad-*data* riċevuta;
- l-espansjoni tal-kapaċità taċ-ċentri tad-*data* tal-Ministeru għall-Intern.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment Nru 9 (C10.I9): Id-diġitalizzazzjoni tad-*data* fl-amministrazzjoni li fiha reġistri stampati

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.

Dan għandu jinkiseb permezz tad-diġitalizzazzjoni tar-reġistri stampati tal-Aġenzija tar-Reġistru, u tal-Aġenzija għall-Ġeodesija, għall-Kartografija u għall-Katasti, u permezz tad-diġitalizzazzjoni tar-rekords dwar l-istat ċivili miżmumin mill-amministrazzjonijiet muniċipali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 10 (C10.I10): Sistema mtejba ta' ppjanar strateġiku

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb il-proċessi ta' ppjanar strateġiku tal-gvern ċentrali.

Dan għandu jinkiseb billi s-sistema ta' informazzjoni ta' monitoraġġ tal-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika tiġi aġġornata f'għodda ta' ppjanar strateġiku li timmonitorja l-implimentazzjoni tad-dokumenti strateġiċi kollha fil-livell tal-gvern ċentrali. Minbarra li jkopri d-dokumenti strateġiċi eżistenti kollha, is-sistema ta' informazzjoni għandha tappoġġa wkoll l-allinjament ta' tali strateġiji mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 11 (C10.I11): L-iżgurar ta’ ambjent ta’ informazzjoni u amministrattiv adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

L-objettiv ta’ dan l-investiment huwa li jtejjeb l-informazzjoni u l-kapaċità amministrattiva għat-twettiq ta’ proġetti importanti fil-kuntest ta’ finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, b’enfasi fuq il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija.

Dan għandu jinkiseb permezz ta’ titjib ulterjuri għas-Sistema ta’ Informazzjoni Maniġerjali Unifikata, li għandha tinkludi forniment u analiżi mtejbin tad-*data* lil ARACHNE, u l-għoti ta’ taħriġ dwar l-akkwist pubbliku għar-riċevituri finali ta’ fondi b’enfasi fuq il-benefiċjarji bi dgħufijiet identifikati. Barra minn hekk, għandha tiġi ppubblikata mappa amministrattiva li tanalizza l-kapaċità tal-benefiċjarji.

Sabiex jiġi stabbilit qafas legali u istituzzjonali għall-funzjonament adegwat tas-sistemi ta’ kontroll u ta’ awditjar għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija, ir-riforma għandha tinkludi:

- it-twaqqif ta’ sistema ta’ repożitorju bil-funzjonalitajiet kollha meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija;
- it-twaqqif ta’ sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll fil-kuntest tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija;
- analiżi tal-volum ta’ xogħol tad-Direttorat tal-Fondi Nazzjonali u tal-Unità Ċentrali ta’ Koordinazzjon, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti addizzjonali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija;
- modifiki tar-regolamenti strutturali tal-Aġenżija Eżekuttiva responsabbli għall-“Awditjar tal-Fondi tal-UE”.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

J.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
213	C10.R1: Ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni ta' Pjan Direzzjonali mill-Kunsill tal-Ministri għall-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem	Pjan direzzjonali żviluppat u adottat				Q3	2021	L-adozzjoni ta' Pjan Direzzjonali dwar l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-ippjanar ta' miżuri konkreti u ta' skadenzi, kif ukoll l-istituzzjonijiet responsabbli għall-infurzar tagħhom.
214	C10.R1: Ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għall-Att dwar l-Assistenza Legali	Dispożizzjoni jiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għall-Att dwar l-Assistenza Legali				Q4	2022	L-emendi għandhom ikunu bbażati fuq analiżi dwar l-estensjoni tat-tipi ta' assistenza legali mingħajr ħlas, ir-raġunijiet għall-għoti ta' assistenza legali u l-eżenzjonijiet mit-tariffi tal-qorti għall-individwi li jkunu ngħataw assistenza legali. Għandhom iwessgħu l-ambitu tal-assistenza legali sabiex ikopru r-rappreżentanza: - quddiem il-qrati ta' arbitraġġ; - quddiem korpi amministrattivi speċjali, inkluża l-Aġenzija tal-Istat għar-Refuġjati, il-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni, il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi; - għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u għall-medjazzjoni. L-emendi għandhom iwessgħu wkoll iċ-ċirku ta' persuni eliġibbli għall-assistenza legali sabiex jinkludi: - persuni b'diżabilità li jirċievu allowance ta' kull xahar f'konformità mal-Liġi dwar l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità; u - individwi li għalihom tkun ġiet ippreżentata talba għal tqegħid taħt kustodja. L-emendi għandhom jipprevedu eżenzjonijiet mit-tariffi tal-qorti għall-individwi li ngħataw assistenza legali.
215	C10.R1: Ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għall-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva, li jistabbilixxi l-qafas legali għall-Ġustizzja Elettronika f'każijiet amministrattivi	Dispożizzjoni jiet fil-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi				Q4	2024	L-emendi leġiżlattivi għall-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva għandhom jiżguraw il-possibbiltà li: - att ġudizzjarju li għandu jitfassal bħala dokument elettroniku u jiġi ffirmat b'firma elettronika kwalifikata; - l-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali u t-twettiq ta' azzjonijiet proċedurali f'forma elettronika mill-partijiet fi proċedimenti legali billi jippreżentaw dokumenti amministrattivi f'forma elettronika permezz ta' identifikazzjoni sigura; - l-organizzazzjoni ta' seduti virtwali miftuħin mill-bogħod.
216	C10.R1: Ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli	Mira	Pubblikazzjoni ta' erba' analiżi annwali tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-ġustizzja elettronika fil-Kodiċi tal-		Numru	0	4	Q1	2026	Fuq il-bażi ta' monitoraġġ regolari, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Kunsill Ġudizzjarju Suprem għandhom ilestu u jippubblikaw erba' analiżijiet annwali dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-ġustizzja elettronika fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u fil-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, inklużi r-regoli dwar: - in-notifika u ċ-ċitazzjoni fuq indirizz elettroniku;

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			Proċedura Ċivili u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali							- il-possibbiltà ta' ħlas ta' tariffi u ta' obbligi oħrajn lill-qorti b'mezzi elettroniċi; - l-abbozzar ta' atti ġudizzjarji bħala dokument elettroniku fis-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati u l-iffirmar tagħhom b'firma elettronika kwalifikata; - l-eżerċitar tad-drittijiet proċedurali u t-twettiq ta' azzjonijiet proċedurali f'forma elettronika mill-partijiet fi proċedimenti legali; - l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet tal-qorti mill-bogħod. L-analiżi għandha tiġi ppubblikata fl-ewwel trimestru tas-sena ta' wara, li jibda mill-ewwel trimestru tal-2023 għall-analiżi li tirrigwarda l-2022.
217	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għall-qafas legali relatati mal-iżvelar ta' informazzjoni protetta	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi rilevanti				Q3	2022	L-emendi tal-qafas legali rilevanti għandhom jinkludu: - l-introduzzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2019/1937, b'mod partikolari: il-ħolqien ta' mezzi kunfidenzjali interni u esterni għar-rapportar ta' irregolaritajiet u ta' korruzzjoni; l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' verifika tas-senjalazzjonijiet sottomessi; l-għoti ta' miżuri ta' protezzjoni u ta' appoġġ lill-informaturi; l-iżgurar tal-għoti ta' feedback u ta' pubbliċità dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet imwettqin fuq il-bażi tas-senjalazzjonijiet; - rekwiżit li r-riżultati tal-attività tal-kumitati tal-etika li jittrattaw senjalazzjonijiet ta' mġiba mhux etika, ta' kunflitti ta' interess u senjalazzjonijiet oħrajn dwar imġiba korrotta ta' membri tal-kunsilli muniċipali jsiru pubbliċi;

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										- emendi għar-regoli fil-Kodiċi Kriminali li jirregolaw ir-reati kriminali ta' insult u ta' malafama sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill tal-Ewropa u mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan għandu jillimita l-possibbiltajiet għall-prosekuzzjoni privata fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet mill-ġurnalisti u tar-rapporti mill-informaturi.
218	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi li jirriformaw il-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni u Kontra l-Konfiska tal-Assi Illegali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom				Q3	2022	L-emendi leġiżlattivi għandhom jirriformaw il-Kummissjoni eżistenti Kontra l-Korruzzjoni u Kontra l-Konfiska tal-Assi Illegali billi jipprevedu t-twaqqif ta' Korp politikament u finanzjarjament indipendenti għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-emendi għandhom jipprevedu li l-Korp kontra l-korruzzjoni: - għandu jkollha l-maniġment tiegħu maħtur skont proċess trasparenti li jiżgura l-indipendenza politika; - għandu jkollu l-awtorità li jinvestiga u juża l-evidenza li jiġbor fi proċedimenti kriminali, soġġett għal salvagwardji legali xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwi u tan-negozji; - għandu jirreferi lill-Korp tal-Konfiska tal-Assi Illegali każijiet ta' diskrepanzi sinifikanti fl-assi jew kunflitt ta' interess; - għandu jkun involut ukoll fit-twettiq tal-kontrolli tal-integrità; - għandu jikkoopera mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										L-abbozz tal-leġiżlazzjoni għandu jiġi diskuss mal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO) qabel ma jidħol fis-seħħ.
219	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	It-titjib tar-rwol tal-Ispettorat fil-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ġudikatura	Linji gwida etiċi riveduti distribwiti għall-imġiba tal-maġistrati u sommarju ta' prattiki tajbin u ħżiena dwar il-konformità b'regoli etiċi; taħriġ kontra l-korruzzjoni organizzat; mudelli u proċeduri introdotti għar-rapportar u għall-pubblikazzjoni regolari tal-eżiti dwar it-tlestija tal-każijiet				Q4	2022	L-Ispettorat għall-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura għandu: - jirrevedi l-linji gwida etiċi għall-imġiba tal-maġistrati, f'kooperazzjoni mal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, u għandu jiġbor fil-qosor il-prattiki tajbin u ħżiena fir-rigward tal-konformità mar-regoli etiċi, f'konformità mal-istandards Ewropej u Internazzjonali rilevanti; - jorganizza u jagħti taħriġ kontra l-korruzzjoni kif ukoll taħriġ dwar l-integrità u l-kunflitt ta' interess; - Jintroduċi mudell għar-rapportar dwar it-tlestija tal-kawżi fil-limiti ta' żmien speċifikati legalment; u - jintroduċi proċedura għar-rapportar u għall-pubblikazzjoni regolari tal-eżiti dwar it-tlestija tal-kawżi. Il-miżuri proposti ma għandhomx iwasslu għal żieda fis-setgħat dixxiplinari tal-Ispettorat u għandhom jiġu diskussi mal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa qabel ma jiġu implimentati.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
220	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Entità Kontra l-Korruzzjoni stabbilita u operattiva	Entità kontra l-korruzzjoni kompletament operattiva				Q1	2023	L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata sabiex il-Korp kontra l-korruzzjoni jsir kompletament operazzjonali. L-implimentazzjoni għandha tkopri l-elementi neċessarji kollha, jiġifieri l-ħatra tal-maniġment u l-għażla, l-allokazzjoni u l-varar attwali tar-riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi xierqa.
221	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-pjattaforma elettronika u tal-emendi leġiżlattivi ta' appoġġ sabiex jissaħħu l-korpi u l-unitajiet kontra l-korruzzjoni	Id-dħul fis-seħħ tal-pjattaforma elettronika u tad-dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi ta' appoġġ				Q2	2023	Il-pjattaforma elettronika għandha tiġbor u tissintetizza l-informazzjoni statistika mill-awtoritajiet tal-għażla u tal-ħatra fir-rigward tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi u tal-identifikazzjoni tal-kunflitti ta' interess. L-emendi leġiżlattivi għandhom jintroduċu obbligu għall-awtoritajiet tal-għażla u tal-ħatra li jippreżentaw informazzjoni lill-pjattaforma elettronika dwar il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi tal-persuni skont il-Paragrafu 2 tad-Dispożizzjonijiet addizzjonali tal-Liġi dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-konfiska ta' proprjetà miksuba illegalment. Il-miżuri proposti għandhom jiġu diskussi mal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO) qabel l-implimentazzjoni tagħhom.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
222	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għas-salvagwardja tal-effettività tal-proċedimenti kriminali u għat-titjib tad-dover ta' rendikont u tar-responsabbiltà kriminali tal-Prosekutur Ġenerali	Dispożizzjoni jiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi				Q2	2023	1. Il-miżuri li jiggarantixxu proċedimenti kriminali effettivi għandhom jinkludu: 1.1. L-introduzzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar id-deċiżjoni tal-prosekutur li ma jiftaħx investigazzjoni, id-determinazzjoni tal-ambitu u tal-kundizzjonijiet li fihom għandu jitwettaq tali kontroll ġudizzjarju u d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi evitat piż eċċessiv fuq l-imħallfin u fuq il-prosekuturi; 1.2 Miżuri li jżidu l-effiċjenza tal-proċess kriminali, inkluż il-ħolqien tal-possibbiltà għad-diviżjoni ta' kawżi kontra diversi konvenuti fil-faża tal-proċess u t-titjib tal-prattika tal-prosekuturi b'rabta mal-preżentazzjoni tal-akkużi; 1.3 L-introduzzjoni tad-dritt tal-vittma (possibbilment il-mittent tas-senjalazzjoni li tniedi l-proċess) li titlob l-aċċellerazzjoni tal-proċedimenti kriminali anki qabel ma jiġu ppreżentati l-akkużi; 1.4 L-introduzzjoni ta' raġunijiet ċari u ta' sitwazzjonijiet ammissibbli għat-tkomplija tal-proċedimenti kriminali, inkluż fil-każijiet skont l-Artikolu 243(10) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali fuq talba tal-Prosekutur Ġenerali bl-introduzzjoni ta' kontroll ġudizzjarju msaħħaħ. 2. Il-miżuri għat-titjib tad-dover ta' rendikont tal-Prosekutur Ġenerali u tad-deputati tiegħu għandhom jinkludu: 2.1 L-introduzzjoni ta' proċedura għas-smigħ tal-Prosekutur Ġenerali b'rabta mal-kwistjonijiet imsemmijin fir-rapport dwar l-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										attivitajiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur dwar l-infurzar tal-liġi, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-implimentazzjoni tal-politika penali u dwar kwistjonijiet li ssemmew matul id-diskussjoni pubblika tar-rapport, b'rispett sħiħ tal-Artikolu 6(2) tal-KEDB, tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva (UE) 2016/343, tal-Kostituzzjoni tal-Bulgarija, u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza; 2.2 L-introduzzjoni tar-rapportar annwali (mill-2023 'il quddiem, u l-ewwel rapport għandu jkopri s-sena 2022) dwar l-investigazzjonijiet u l-kundanni f'każijiet ta' korruzzjoni, li jipprovdi l-indikaturi ewlenin, inkluż in-numru ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli ppreżentati, in-numru ta' każijiet konklużi, deskrizzjonijiet dettaljati tar-raġunijiet għall-konklużjoni kemm fl-istadju investigattiv kif ukoll fl-istadju tal-proċess, in-numru ta' kundanni u ta' liberazzjonijiet u ta' indikaturi li jiddefinixxu l-każijiet għal korruzzjoni ta' livell għoli (jiġifieri l-pożizzjoni tal-individwu fil-ġerarkija tal-korpi tal-Istat, il-firxa tal-interess affettwat, il-livell tal-importanza pubblika u l-kopertura tal-każ fid-dominju pubbliku). Ir-rapport annwali jinkludi wkoll analiżijiet tal-eżiti, speċjalment relatati mal-iskadenzi għat-twettiq tal-investigazzjonijiet, mal-kwalità tal-akkużi u mar-raġunijiet għall-eżitu speċifiku tal-każ. 2.3 Il-limitazzjoni tas-setgħat tal-Prosekutur Ġenerali fir-rigward tas-sorveljanza tal-legalità tal-attivitajiet tal-prosekuturi billi jiġi introdott stħarriġ ġudizzjarju tal-atti ta'

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										prosekuzzjoni, f'konformità mal-qafas kostituzzjonali u mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa. 3. L-introduzzjoni ta' mekkaniżmu effettiv ta' dover ta' rendikont u ta' responsabbiltà kriminali għall-Prosekutur Ġenerali u għad-deputati tiegħu billi jiġu stabbiliti garanziji għall-indipendenza prattika, istituzzjonali u ġerarkika tal-investigazzjoni kontrihom, inkluża l-introduzzjoni, fil-qafas tal-kostituzzjoni Bulgara, tal-miżuri li ġejjin: 3.1. Regolament dwar is-sospensjoni tal-Prosekutur Ġenerali u tad-deputati tiegħu fil-każ ta' proċedimenti kriminali kontrihom b'maġġoranza ta' 13 minn 25 membru tal-laqgħa plenarja tal-KSM; 3.2 Il-limitazzjoni tas-setgħa *de facto* tal-Prosekutur Ġenerali fil-KSM billi jiġu esklużi r-rappreżentanti tal-prosekuzzjoni u tal-investigazzjoni mill-kwota tal-Assemblea Nazzjonali. 3.3 L-iżgurar tal-għażla u tal-ħatra indipendenti mill-KSM ta' mħallef bil-kwalifika professjonali minima meħtieġa tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u b'esperjenza fil-ġustizzja kriminali, maħtur tal-anqas għal kariga bħala mħallef fil-qorti distrettwali, iddeterminat b'għażla aleatorja. L-imħallef magħżul għandu jinħatar għall-kariga ta' prosekutur fl-Uffiċċju ta' Kassazzjoni tal-Prosekutur Suprem waqt l-iżvolġiment tal-proċedimenti kriminali kontra l-Prosekutur Ġenerali jew id-deputati tiegħu. Wara

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										riferiment minn kwalunkwe persuna jew korp, il-KSM għandu jniedi l-proċedura tal-għażla meta jkun hemm informazzjoni ta' reat imwettaq mill-Prosekutur Ġenerali jew mid-deputati tiegħu. Il-proċedura hija mistennija tkun simili għal dik użata fl-allokazzjoni tal-każijiet, bl-użu ta' sistema elettronika ta' allokazzjoni aleatorja. Il-KSM għandu jkollu biss l-obbligu li jħabbar ir-riżultat, mingħajr ma jkun jista' jibdlu. Is-sistema elettronika għandha tkun soġġetta għal awditi indipendenti perjodiċi. Sabiex tiġi żgurata t-tmexxija indipendenti tal-azzjonijiet investigattivi, dawn għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet eżekuttivi bis-superviżjoni tal-imħallef maħtur bħala prosekutur nominat mill-KSM. 3.4. L-istabbiliment ta' garanziji għall-istabbiltà tal-karriera u għall-indipendenza li jiżguraw l-iżvilupp normali tal-karriera tal-imħallef li jkun fetaħ u wettaq investigazzjoni kontra l-Prosekutur Ġenerali jew id-deputati tiegħu. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li jinħatar bħala imħallef tal-istess grad wara l-proċess, f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u mal-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. Bħala garanzija addizzjonali, għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li tingħata immunità mill-prosekuzzjoni lil din il-persuna matul il-mandat tal-Prosekutur Ġenerali; 3.5. Il-limitazzjoni tas-sorveljanza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fuq l-atti ta' prosekuzzjoni ta' investigazzjoni tal-Prosekutur Ġenerali jew

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										tad-deputati tiegħu; 3.6. Is-superviżjoni tal-legalità u l-gwida metodoloġika ma għandhomx jirreferu għall-atti ta' prosekuzzjoni ta' investigazzjoni tal-Prosekutur Ġenerali jew tad-deputati tiegħu; 3.7. Protezzjoni u salvagwardji effettivi għall-membri tat-tim ta' investigazzjoni minn kwalunkwe influwenza indebita potenzjali mill-Prosekutur Ġenerali derivata mill-kariga tiegħu fl-Uffiċċju tal-Prosekutur u fil-KSM, inklużi proċedimenti dixxiplinari, attestazzjonijiet u sekondar, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-mekkaniżmu. 4. Il-kooperazzjoni mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-abbozzar tal-emendi taħt il-punt 3. Konsultazzjoni dwar l-abbozzi ta' emendi skont il-punt 3 mal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa qabel ma jiġu ppreżentati lill-Assemblea Nazzjonali.
223	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri leġiżlattivi li jirregolaw l-attivitajiet ta' lobbjar	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' miżuri leġiżlattivi sabiex jirregolaw l-attivitajiet ta' lobbjar				Q4	2023	Għandha titħejja nota kunċettwali dwar ir-regolamentazzjoni tal-lobbjar, ibbażata fuq prattiki tajbin ta' Stati Membri oħra. Għandhom jiġu adottati miżuri leġiżlattivi sabiex jiġu rregolati l-attivitajiet ta' lobbjar fir-Repubblika tal-Bulgarija fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
224	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	L-introduzzjoni ta' għodod għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għat-tisħiħ tal-integrità fl-attività tal-intrapriżi tal-Istat	Il-Kodiċi ta' Etika adottat imqassam lill-impjegati tal-intrapriżi tal-Istat; il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju ta' korruzzjoni; miżuri sabiex tiżdied it-trasparenza fil-ħidma tal-intrapriżi tal-istat introdotti.				Q1	2024	L-għodod għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għat-tisħiħ tal-integrità fl-attività tal-intrapriżi tal-Istat għandhom jinkludu: 1. L-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Etika għall-Persuni impjegati fl-intrapriżi tal-Istat. Il-Kodiċi għandu jistabbilixxi li l-impjegati tal-intrapriżi tal-Istat għandhom iwettqu dmirijiethom f'konformità mal-liġi, filwaqt li jirrispettaw in-newtralità politika, il-*bona fide*, l-onestà u l-imparzjalità, u b'hekk jipprevjenu interess privat milli jinfluwenza t-twettiq ta' dmirijiethom. 2. L-introduzzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tar-riskju ta' korruzzjoni li jiffunzjonaw bħala parti mis-sistemi ġenerali ta' ġestjoni tal-kwalità fl-intrapriżi kollha tal-Istat. B'mod partikolari, kull sistema għandha tkopri: l-għażla ta' uffiċjali anzjani fl-intrapriżi pubbliċi; mekkaniżmi ta' dover ta' rendikont għal miżuri li jipprevjenu l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess; l-iżvilupp tal-kapaċità sabiex jiġu vvalutati u kkontrollati r-riskji ta' korruzzjoni u l-awditi finanzjarji indipendenti perjodiċi fuq bażi annwali. Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) għandu jiġi kkonsultat dwar il-miżuri proposti qabel l-approvazzjoni tagħhom. 3. L-introduzzjoni ta' miżuri sabiex tiżdied it-trasparenza tal-intrapriżi tal-Istat. Il-miżuri għandhom jiffokaw fuq: -l-attività kummerċjali u l-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi; - il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati,

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										bħal: sottokuntratturi, konsulenti, fornituri, sussidjarji; - l-appoġġ finanzjarju mill-Istat u l-infiq tal-fondi pubbliċi permezz tal-akkwist pubbliku mill-intrapriżi pubbliċi; - it-tħeġġiġ tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta mill-impjegati; - it-taħriġ tal-uffiċjali fil-qasam tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess u l-introduzzjoni ta' uffiċjal tal-integrità.
225	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Il-mekkaniżmu ta' verifika għat-tisħiħ tal-integrità tal-impjegati taċ-ċivil ikun operazzjonali	Is-sistema ta' verifika tal-integrità għall-impjegati taċ-ċivil tkun adottata u operazzjonali.				Q1	2025	Għandha tiġi adottata u tibda titħaddem sistema effettiva għall-verifika u għat-titjib tal-integrità tal-impjegati taċ-ċivil li jokkupaw karigi b'riskji għoljin ta' korruzzjoni. Sabiex tiġi stabbilita s-sistema ta' verifika, għandhom jitwettqu l-passi li ġejjin: • L-identifikazzjoni ta' dawk il-karigi li għandhom riskju għoli ta' korruzzjoni u li jistħoqqilhom verifiki tal-integrità; • L-iżvilupp, il-validazzjoni u l-implimentazzjoni tat-testijiet tal-integrità u l-bini tal-kapaċità istituzzjonali għall-implimentazzjoni tagħhom; • It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskju ta' mġiba korrotta; • L-għoti ta' miżuri għar-rotazzjoni tal-impjegati li jaħdmu f'karigi b'riskju ta' korruzzjoni; • L-analiżi tal-leġiżlazzjoni rilevanti u l-allinjament tagħha mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, kif ukoll l-Avviż tal-Kummissjoni li jipprovdi Gwida dwar kif jiġu evitati l-kunflitti ta' interess u l-ġestjoni tagħhom skont ir-Regolament Finanzjarju (ĠU C 121/9.04.2021); Il-konsultazzjoni dwar l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-miżura mal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) qabel l-implimentazzjoni tagħhom.
226	C10.R2: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni	Objettiv Intermedju	Analiżijiet annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni (2021-2027) u l-Pjan Direzzjonali assoċjat magħha u r-rapportar annwali dwar il-progress tal-implimentazzjoni fil-kuntest tal-mekkaniżmu	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tad-Digriet emendat dwar l-istabbiliment tal-Kunsill Nazzjonali għall-Politiki Kontra l-Korruzzjoni; Analiżijiet annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda kontra l-				Q1	2026	1. Il-Membri tal-Kunsill Ċivili tal-Kunsill Nazzjonali dwar il-Politiki dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni għandhom jadottaw rapporti annwali (b'seħħ mill-2022 'il quddiem) li janalizzaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni (2021-2027) u l-Pjan Direzzjonali assoċjat tagħha u, jekk ikun neċessarju, jagħmlu proposti għall-inklużjoni ta' miżuri ġodda. Għal dan l-għan, għandhom isiru emendi għad-Digriet Nru 136 tal-Kunsill tal-Ministri tal-2015, li stabbilixxa Kunsill Nazzjonali għall-Politiki dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni. 2. Għandu jiġi ggarantit ir-rapportar annwali dwar il-progress tal-implimentazzjoni fil-kuntest tal-mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt. •

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			Ewropew tal-Istat tad-Dritt	Korruzzjoni (2021-2027) u l-Pjan Direzzjonali assoċjat tagħha adottat mill-Kunsill Nazzjonali dwar il-Politiki kontra l-Korruzzjoni u r-rapportar annwali dwar il-progress tal-implimentazzjoni fil-kuntest tal-mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt						
227	C10.R3: L-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għall-atti legali rilevanti għall-introduzzjoni tal-medjazzjoni ġudizzjarja	Dispożizzjoni jiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q4	2022	L-emendi għandhom jipprevedu obbligu legali għall-partijiet f'ċertu tilwim ċivili u kummerċjali sabiex jieħdu sehem fil-medjazzjoni ġudizzjarja. L-emendi għall-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u għal-Liġi dwar il-Medjazzjoni għandhom jipprovdu għar-regolamentazzjoni rilevanti tal-medjazzjoni obbligatorja. L-emendi għandhom jipprevedu wkoll għal eċċezzjonijiet għall-medjazzjoni obbligatorja. Il-medjazzjoni għandha titwettaq fiċ-ċentri ta' medjazzjoni fil-qrati u fid-diviżjonijiet

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			obbligatorja f'ċertu tilwim ċivili u kummerċjali							territorjali tagħhom. L-emendi għandhom jirregolaw l-organizzazzjoni u l-operat taċ-ċentri u l-istatus tal-persunal tagħhom sabiex jiżguraw l-uniformità kif ukoll il-proċedura għall-għażla tal-medjaturi. Għal dan l-għan, għandha tiġi emendata l-Liġi dwar il-Ġudikatura, għar-Regoli għall-Amministrazzjoni tal-Qorti u għall-Klassifikazzjoni tal-Pożizzjonijiet fl-Amministrazzjoni tal-Qorti. Barra minn hekk, għandhom jiġu adottati Ordinanza dwar l-Istruttura taċ-Ċentri għall-Medjazzjoni fil-Qrati u Ordinanza dwar l-Għażla u l-Kontroll tal-Attivitajiet tal-Medjaturi fiċ-Ċentri ta' Medjazzjoni fil-Qrati.
228	C10.R4: It-tisħiħ tal-proċeduri ta' insolvenza	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għad-Dritt Kummerċjali fir-rigward tal-proċeduri ta' insolvenza u ta' ristrutturar	Dispożizzjoni jiet fid-Dritt Kummerċjali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q3	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għad-Dritt Kummerċjali għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023, li għandhom jipprovdu għal: - għodod ta' twissija bikrija; - l-iffaċilitar tal-ftuħ u tat-twettiq ta' proċeduri ta' insolvenza u ta' ristrutturar; - id-dmirijiet tad-diretturi f'każ ta' probabbiltà ta' insolvenza; - possibbiltà għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni u ta' dokumenti fil-proċeduri ta' insolvenza, ta' ristrutturar u ta' ħelsien mid-dejn; - garanziji legali għan-negozjanti sabiex jirreġistraw l-indirizzi ta' ġestjoni attwali meta jirreġistraw il-kumpaniji; - regolamentazzjoni aktar stretta tal-professjoni tal-prattikanti tal-insolvenza sabiex jiġi żgurat li jkollhom l-għarfien espert neċessarju u li l-kundizzjonijiet għall-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										eliġibbiltà, kif ukoll il-proċess għall-ħatra, għat-tneħħija u għar-riżenja tal-prattikanti jkunu ċari, trasparenti u ġusti.
229	C10.R4: It-tisħiħ tal-proċeduri ta' insolvenza	Objettiv Intermedju	Miżuri għall-implimentazzjoni tar-riforma għall-qafas ta' insolvenza mwettqin	1. Taħriġ ipprovdut lill-prattikanti tal-insolvenza u lill-imħallfin; 2. Għodod elettroniċi speċjalizzati operazzjonali; 3. L-adozzjoni ta' manwali, ta' kodiċijiet, ta' mudelli u ta' linji gwida mill-Ministeru tal-Ġustizzja; 4. Il-pubblikazzjoni ta' *data* statistika				Q2	2023	L-implimentazzjoni għandha tkopri l-elementi li ġejjin: 1. L-għoti ta' taħriġ dwar il-qafas il-ġdid ta' insolvenza lill-prattikanti tal-insolvenza u lill-imħallfin. 2. L-introduzzjoni ta' għodod elettroniċi speċjalizzati sabiex jiġu żgurati mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni tista' tintuża mill-partijiet matul il-proċedimenti ta' insolvenza u ta' ristrutturar. 3. L-adozzjoni tal-manwali, tal-kodiċijiet, tal-mudelli u tal-linji gwida meħtieġa sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u effettiv tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn mill-Ministeru tal-Ġustizzja. 4. Il-ġbir tad-*data* statistika fis-seħħ u l-ewwel sett ta' *data* ppubblikat sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effiċjenti tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn. Il-miżuri għandhom jitwettqu f'konformità mal-emendi għad-Dritt Kummerċjali għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023.
230	C10.R5: Riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru	Objettiv Intermedju	Strateġija u pjan direzzjonali għall-introduzzjoni tal-Immudellar tal-	L-istrateġija għall-implimentazzjoni tal-Immudellar tal-Informazzjoni				Q1	2023	L-istrateġija għall-introduzzjoni tal-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini (BIM) għandha tistabbilixxi: • liema mill-erba' livelli attwali tal-BIM għandhom jinkisbu f'terminu qasir u li għandhom jinkisbu f'terminu twil; • viżjoni ċara għall-iżvilupp tas-settur tal-kostruzzjoni u għall-introduzzjoni tal-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			Informazzjoni dwar il-Bini (Building Information Modelling, BIM) fid-disinn, fl-eżekuzzjoni u fil-manutenzjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni	dwar il-Bini u l-Pjan Direzzjonali għall-implimentazzjoni tagħha adottati mill-Kunsill tal-Ministri						BIM; • l-objettivi strateġiċi tal-politika settorjali, ir-rwol ewlieni tas-settur pubbliku u l-iżvilupp ta' politiki għall-implimentazzjoni tal-viżjoni; • l-analiżi tal-qafas regolatorju neċessarju għad-diġitalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni, tal-istandards u tal-gwida ta' appoġġ settorjali f'konformità mal-politiki relatati mal-BIM; • miżuri ta' appoġġ għall-SMEs f'konformità mal-istudju tal-Kummissjoni tal-2019 "Report: Supporting digitalisation of the construction sector and SMEs - Including Building Information Modelling"; • il-livell ta' kompetenza li għandu jinkiseb mill-amministrazzjoni, min-negozju tal-kostruzzjoni u mill-akkademja sabiex jiġi implimentat il-BIM. Il-pjan direzzjonali għandu jinkludi: • il-passi ewlenin u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-BIM, kif ukoll ir-riżorsi neċessarji; • ir-responsabbiltajiet tad-diversi atturi involuti fl-implimentazzjoni tal-BIM; • il-passi lejn l-introduzzjoni gradwali tal-BIM fir-rekwiżiti tal-akkwist pubbliku għad-disinn u għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni; • il-passi sabiex jinħolqu l-infrastruttura, il-bażijiet ta' data u l-istandards tal-IT neċessarji li jistgħu jiġu rrikonċiljati ma'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										dawk Ewropej. L-abbozzi tal-istrateġija u l-pjan direzzjonali għandhom jitħejjew bl-appoġġ tal-proġett REFORM/SC2020/089 "Tħejjija u tnedija tar-riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru".
231	C10.R6: Riforma tar-reġistri sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Gvern elettroniku	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-Liġi dwar il-Governanza Elettronika	Dispożizzjoni jiet fil-Liġi dwar il-Governanza Elettronika li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q3	2022	L-emendi għal-Liġi dwar il-Governanza Elettronika għandhom jintroduċu: • ir-regoli għall-istabbiliment ta' reġistri tal-awtoritajiet amministrattivi u r-rekwiżiti tagħhom; • id-definizzjonijiet ta' "reġistru", ta' "sistema ta' informazzjoni", ta' "amministratur ċentrali tad-*data*"; definizzjoni tal-Ispazju ta' Informazzjoni Kondiviż Protett tal-Gvern Elettroniku.
232	C10.R6: Riforma tar-reġistri sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-gvern elettroniku	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għal-Liġi dwar il-Katasti u r-Reġistru tal-Proprjetà	Dispożizzjoni jiet fil-Liġi dwar il-Katasti u r-Reġistru tal-Proprjetà li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q3	2022	L-emendi għal-Liġi dwar il-Katasti u r-Reġistru tal-Proprjetà għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-kontenut tal-kontijiet tal-proprjetà fir-reġistru tal-proprjetà u l-proċess għall-holqien tagħhom fuq il-bażi tal-kontijiet personali eżistenti, minbarra li jispeċifikaw ir-responsabbiltajiet tal-imħallfin tar-reġistru u tal-Aġenzija tar-Reġistru fil-proċess tal-istabbiliment tal-kontijiet tal-proprjetà fir-reġistru. •

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
233	C10.R6: Riforma tar-reġistri sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Gvern elettroniku	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għal-Liġi dwar il-Governanza Elettronika u l-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni Ċivili	Dispożizzjoni jiet fil-Liġi dwar il-Governanza Elettronika u fil-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni Ċivili li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q1	2024	L-emendi għal-Liġi dwar il-Governanza Elettronika għandhom jintroduċu obbligu għall-korpi tal-fergħat eżekuttivi kollha li jżommu, imantnu u jaġġornaw ir-reġistri kollha f'forma elettronika, f'format strutturat b'garanziji suffiċjenti għall-manutenzjoni ta' logs ta' aċċess u ta' rekords tal-awditjar immutabbli. L-emendi għal-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni Ċivili għandhom jintroduċu obbligu għall-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiċċertifikaw iċ-ċirkostanzi tat-twelid, taż-żwieġ u tal-mewt permezz tar-Reġistru Elettroniku Nazzjonali tad-Dokumenti tal-Istat Ċivili. Għandhom jipprojbixxu wkoll lill-awtoritajiet amministrattivi milli jirrikjedu informazzjoni jew dokumenti relatati mal-istat ċivili (mat-twelid, maż-żwieġ u mal-mewt) miċ-ċittadini.
234	C10.R7: It-titjib tal-qafas ta' governanza għall-intrapriżi tal-Istat	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni ta' politika dwar is-sjieda mill-Istat	Dokument adottat mill-Kunsill tal-Ministri li jistabbilixxi politika dwar is-sjieda mill-Istat				Q3	2022	Il-politika dwar is-sjieda mill-Istat għandha tiġi żviluppata mill-Aġenzija għall-Intrapriżi Pubbliċi u għall-Kontroll u tiġi adottata mill-Kunsill tal-Ministri. Għandha tinkludi l-ġustifikazzjoni u l-objettivi għall-parteċipazzjoni tal-Istat f'intrapriżi tal-Istat (SOEs), kif ukoll ir-rwol tal-Istat fil-ġestjoni tal-SOEs u fl-implimentazzjoni tal-politika.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
235	C10.R7: It-titjib tal-qafas ta' governanza għall-intrapriżi tal-Istat	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni tar-Rapportar Sommarju annwali dwar il-Prestazzjoni tal-Intrapriżi tal-Istat	L-adozzjoni tar-rapporti sommarji annwali tal-2020 u tal-2021 dwar l-attivitajiet tal-intrapriżi tal-Istat mill-Kunsill tal-Ministri				Q4	2022	Rapporti sommarji annwali dwar l-attivitajiet tal-intrapriżi tal-Istat għandhom jiġu adottati mill-Kunsill tal-Ministri. Ir-rapporti sommarji għandhom jirrieżaminaw ir-riżultati tal-attività tal-intrapriżi tal-Istat, inklużi dawk statutorji, kif ukoll janalizzaw il-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-Istat skont is-settur u l-prestazzjoni individwali tal-intrapriżi kollha tal-Istat kategorizzati bħala "kbar" f'konformità mal-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi. Ir-rapporti sommarji għandhom jivvalutaw ukoll il-konformità tal-intrapriżi tal-Istat mal-istandards applikabbli dwar il-governanza korporattiva u d-divulgazzjoni.
236	C10.R7: It-titjib tal-qafas ta' governanza għall-intrapriżi tal-Istat	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni ta' programm ta' trasformazzjoni għall-intrapriżi statutorji tal-Istat	Il-programm ta' trasformazzjoni adottat mill-Kunsill tal-Ministri				Q1	2023	Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta programm għat-trasformazzjoni ta' intrapriżi statutorji tal-Istat f'konformità mal-Paragrafu 2(2) tad-Dispożizzjonijiet Tranżitorji u Finali tal-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi tat-8 ta' Ottubru 2019. Il-programm ta' trasformazzjoni għandu jkun ibbażat fuq l-analiżi tan-natura tal-attivitajiet tal-intrapriżi statutorji tal-Istat - primarjament funzjonijiet kummerċjali jew pubbliċi, u għandu jipprovdi għal dawn: - - it-trasformazzjoni tal-impriżi statutorji tal-Istat b'attivitajiet primarjament kummerċjali f'kumpaniji kummerċjali, u - ir-riorganizzazzjoni tal-impriżi statutorji tal-Istat b'funzjonijiet primarjament pubbliċi fi strutturi amministrattivi jew l-inklużjoni tagħhom fil-programm fiskali konsolidat, sakemm ma jkunx assolutament neċessarju *status* differenti sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-ordni pubbliku tagħhom f'konformità mal-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Linji Gwida tal-OECD dwar il-Governanza Korporattiva tal-Impriżi tal-Istat.
237	C10.R7: It-titjib tal-qafas ta' governanza għall-intrapriżi tal-Istat	Objettiv Intermedju	Il-konformità tal-kompożizzjoni tal-bordijiet ta' intrapriżi kbar tal-Istat mal-proċeduri tal-għażla stabbiliti fil-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi kkonfermata	Rapport adottat mill-Aġenzija għall-Intrapriżi Pubbliċi u għall-Kontroll li jivvaluta u jikkonferma li l-bordijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi				Q2	2023	Il-bordijiet tal-SOEs il-kbar kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar il-proċeduri tal-għażla stabbiliti fil-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi. - Ir-rapport għandu jivvaluta u jikkonferma l-konformità tal-kompożizzjoni tal-bordijiet maniġerjali u superviżorji ta' intrapriżi kbar tal-Istat mal-proċeduri tal-għażla stabbiliti mil-Liġi dwar l-Intrapriżi Pubbliċi. Ir-rapport għandu jinkludi *data* għal kull SOE kbira, inklużi n-numru u l-kompożizzjoni tal-bordijiet tagħhom u informazzjoni importanti dwar il-proċedura li biha jkun inħatar kull membru indipendenti u rappreżentant tal-Istat.
238	C10.R8: It-tisħiħ tal-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni sabiex jittaffew ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu identifikati fil-	Pjan ta' azzjoni adottat mill-Kunsill tal-Ministri bħala segwitu għall-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali				Q3	2021	Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi adottat mill-Kunsill tal-Ministri u għandu jkollu l-għan li jtejjeb il-kapaċità tal-istituzzjonijiet kompetenti tal-Bulgarija sabiex inaqqsu b'mod effettiv ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun fih spjegazzjoni tal-azzjonijiet imwettqin fil-perjodu 2019-2021 għall-mitigazzjoni tar-riskji identifikati fir-Rapport Nazzjonali tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			valutazzjoni tar-riskju nazzjonali							2019 ta' Valutazzjoni tar-Riskju, inklużi azzjonijiet leġiżlattivi, istituzzjonali, regolatorji, superviżorji u operazzjonali. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkompli jiddeskrivi azzjonijiet addizzjonali sabiex jiġu indirizzati t-theddidiet u l-vulnerabbiltajiet li jifdal, li għadhom għaddejjin, kif ukoll ir-riżultati mistennijin tal-implimentazzjoni tagħhom, il-prijorità, l-iskadenza għall-eżekuzzjoni, l-istadju u l-awtorità responsabbli. Il-pjan ta' azzjoni għandu jitħejja f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet riċevuti taħt il-proġett SRSP 19BG17 "It-tishiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Bulgari sabiex inaqqsu b'mod effettiv ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu".
239	C10.R8: It-tishiħ tal-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni ta' aġġornament għall-valutazzjoni nazzjonali tar-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, inklużi valutazzjonijiet settorjali tar-riskju tas-settur tal-organizzazzjonijiet mingħajr	L-aġġornament tal-valutazzjoni nazzjonali tar-riskju adottata, inklużi valutazzjonijiet tar-riskju settorjali tas-settur tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, ta' assi virtwali u				Q4	2022	L-adozzjoni ta' aġġornament tal-valutazzjoni nazzjonali tar-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu skont l-Artikolu 95(1) tal-Liġi dwar Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus, inklużi valutazzjonijiet tar-riskju settorjali tas-settur tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, ta' assi virtwali u ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment f'konformità mal-gwida riċevuta taħt il-proġett SRSP 19BG17 "It-tishiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Bulgari sabiex inaqqsu b'mod effettiv ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu". L-aġġornament għall-valutazzjoni nazzjonali tar-riskju u l-valutazzjonijiet settorjali tar-riskju tas-settur tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, ta' assi virtwali u ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment għandhom

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			skop ta' qligħ, ta' assi virtwali u ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment	ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment iffinalizzati mill-grupp ta' ħidma interdipartimentali permanenti stabbilit permezz ta' att tal-Kunsill tal-Ministri						jitwettqu mill-grupp ta' ħidma interdipartimentali permanenti stabbilit permezz ta' att tal-Kunsill tal-Ministri f'konformità mal-Artikolu 96 tal-Liġi dwar Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus.
240	C10.R8: It-tisħiħ tal-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus	Objettiv Intermedju	It-titjib tal-kapaċità u tal-ħiliet tas-superviżuri sabiex itaffu r-riskji tal-ħasil tal-flus u ż-żieda tal-implimentazzjoni tal-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus mill-entitajiet obbligati	1. L-adozzjoni ta' strateġija superviżorja u ta' proċedura ta' rapportar tal-prestazzjoni minn kull awtorità superviżorja; 2. L-adozzjoni ta' emendi għall-manwal tal-proċeduri superviżorji				Q1	2023	Kull awtorità superviżorja skont il-Liġi dwar il-Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus – id-Direttorat tal-Intelligence Finanzjarja tal-Aġenzija tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali, il-Bank Nazzjonali Bulgaru, il-Kummissjoni għas-Superviżjoni Finanzjarja u l-Aġenzija Nazzjonali għad-Dħul, għandha fir-rigward tal-entitajiet obbligati taħt is-superviżjoni tagħha: - tadotta strateġija superviżorja sabiex tistabbilixxi miri għas-superviżjoni tal-entitajiet obbligati, sabiex talloka riżorsi lill-entitajiet obbligati f'konformità mal-profil tar-riskju tagħhom u sabiex tistabbilixxi proċedura ta' rapportar tal-prestazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija; - tirrevedi l-manwal tal-proċeduri superviżorji

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
				minn kull awtorità superviżorja; 3. L-adozzjoni ta' gwida dwar l-approċċ għal persuni politikament esposti; 4. Dispożizzjoni jiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi						tagħha sabiex tiżgura approċċ konsistenti u effettiv għall-monitoraġġ, inklużi regoli dwar iż-żamma tar-rekords tal-fajls u tad-dokumenti eżaminati matul l-ispezzjonijiet fuq il-post u tal-azzjonijiet ta' segwitu sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet obbligati jikkonformaw mal-obbligi tagħhom tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; - tadotta gwida dwar l-approċċ għal persuni politikament esposti. Barra minn hekk, għandhom jiġu adottati emendi leġiżlattivi sabiex jipprovdu għal proċeduri ta' verifika għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus ta' persuni li jipprovdu servizzi professjonali ta' kumpaniji, inklużi kontabilisti u konsulenti tat-taxxa.
241	C10.R9: It-titjib tal-kwalità tal-proċess leġiżlattiv	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tar-Regoli għall-Organizzazzjoni u għall-Attività tal-Assemblea Nazzjonali	Dispożizzjoni jiet fir-Regoli għall-Organizzazzjoni u għall-Attività tal-Assemblea Nazzjonali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				Q4	2021	Ir-Regoli għall-Organizzazzjoni u għall-Attività tal-Assemblea Nazzjonali għandhom jiżguraw li: • l-abbozzi kollha ta' leġiżlazzjoni proposti mill-Membri tal-Parlament ikunu akkumpanjati minn raġunament u minn valutazzjoni tal-impatt preliminari; • l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi sottomessi lill-Assemblea Nazzjonali jiddaħħlu fir-reġistru pubbliku dwar l-abbozzi tal-liġijiet u l-opinjonijiet bil-miktub kollha taċ-ċittadini jew tal-entitajiet legali jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-kumitat

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										parlamentari responsabbli; • ir-rapport tal-kumitat parlamentari dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv jinkludi sommarju tal-fehmiet tal-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u opinjoni fil-qosor tal-kumitat; • proposti għal emendi ppreżentati bejn l-ewwel u t-tieni votazzjoni jsiru pubbliċi permezz ta' reġistru pubbliku; u il-proposti għal emendi u s-supplimenti għal abbozz ta' att leġiżlattiv adottat fl-ewwel votazzjoni ma jistgħux jirreferu għal atti leġiżlattivi, differenti minn dawk li l-emenda jew is-suppliment tagħhom ikun ġie propost fl-abbozz ta' att leġiżlattiv ippreżentat inizjalment, ħlief għal emendi editorjali jew legali-tekniċi.
242	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku sabiex jitnaqqas in-numru ta' kuntratti mingħajr sejħa għall-offerti ("ebda sejħa għall-offerti")	Dispożizzjoni jiet fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku li jipprovdu għad-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q4	2022	It-tibdil leġiżlattiv għandu l-għan li jnaqqas l-użu tal-akkwist innegozjat (mingħajr pubblikazzjoni minn qabel) u ta' kuntratti b'offerta waħda. Għandu jiżgura: - ġbir regolari (tal-anqas darba fis-sena) ta' informazzjoni u ta' rapportar dwar l-użu ta' tali proċeduri sabiex jiġi vvalutat il-progress, ġustifikazzjoni għall-perċentwal milħuq kull darba u spjegazzjoni dwar kif sar il-progress lejn l-objettiv; - it-tisħiħ tal-kontrolli *ex ante* u *ex post* u tal-kontrolli mill-aġenziji rilevanti; - iż-żieda fl-ambitu tar-responsabbiltà amministrattiva u tas-sanzjonijiet

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			u ta' offerti b'sejħa waħda							effettivi u disswaživi għal ksur tar-regoli għall-użu ta' tali proċeduri; - ir-rapportar regolari dwar l-użu ta' sanzjonijiet effettivi fil-proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja għan-nuqqas ta' konformità mal-proċeduri tal-akkwist pubbliku mill-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll u għall-awditjar tal-fondi tal-UE. Barra minn hekk, l-emendi leġiżlattivi għandhom jinkludu: - il-projbizzjoni tal-"assenjament mill-ġdid" tal-kompiti minn kuntratti "interni" (kif definiti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku) lil sottokuntrattur; - rekwiżit legali għal pubblikazzjoni f'waqtha ta' kuntratti ta' akkwist "interni" ffirmati u tal-annessi tagħhom; - rekwiżit legali għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-pagamenti skont it-tali kuntratti; penali effettivi u disswaživi f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-elementi ta' hawn fuq.
243	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Mira	It-tnaqqis tal-proporzjon ta' kuntratti mogħtijin fuq il-bażi ta' offerent wieħed		% (Perċentwal)	26	25	Q4	2022	- Is-sehem tal-proċeduri ta' akkwist b'offerent wieħed għandu jitkejjel bħala perċentwal tal-proċeduri kollha ta' sejħiet għall-offerti għall-kuntratti pubbliċi magħluqin fl-2022 (inkluż taħt il-livell limitu- kif definit mid-dritt rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jistabbilixxi regoli armonizzati minimi

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										għal offerti li l-valur monetarju tagħhom jaqbeż ċertu ammont u li huma preżunti li huma ta' interess transfruntier.). Is-sehem ta' proċeduri ta' akkwist b'offerent wieħed għal kuntratti b'appoġġ mill-Unjoni u għal kuntratti ffinanzjati b'riżorsi nazzjonali separatament għandu jitnaqqas għal 25 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.
244	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Objettiv Intermedju	Il-metodoloġija tal-kontroll u tal-verifika tal-Aġenzija għall-Akkwist Pubbliku aġġornata	L-adozzjoni ta' tibdil fil-metodoloġija tal-Aġenzija għall-Akkwist Pubbliku u l-ewwel rapport dwar l-eżitu tal-kontrolli ppubblikat				Q1	2023	It-tibdil fil-metodoloġija ta' kontroll u ta' verifika tal-Aġenzija għall-Akkwist Pubbliku għandu: • iżid il-kontrolli *ex ante* mwettqin mill-Aġenzija għall-proċeduri ta' akkwist appoġġati mill-fondi tal-UE (inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza); • itejjeb il-metodoloġiji ta' valutazzjoni tar-riskju użati għall-għażla tal-proġetti għall-kontrolli; • jintroduċi mudell għar-rapportar dwar l-eżitu tal-kontrolli, filwaqt li jkopri s-sejbiet u l-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati mill-kuntratturi; u • jiddefinixxi u jintroduċi proċedura għar-rapportar u għall-pubblikazzjoni regolari tal-eżiti. • L-ewwel edizzjoni tar-rapport dwar l-eżitu tal-kontrolli fuq il-bażi tal-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										metodoloġija aġġornata għandha tiġi ppubblikata fl-2023, u tkopri s-sena 2022.
245	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Objettiv Intermedju	L-introduzzjoni ta' formoli elettroniċi standard ġodda għall-akkwist pubbliku	Formoli elettroniċi standard ġodda jsiru disponibbli u obbligatorji għall-użu				Q3	2023	Għandhom jiġu żviluppati u introdotti formoli elettroniċi standard ġodda għall-kuntratturi fis-sistema nazzjonali tal-akkwist elettroniku. Għal kuntratti b'ammonti ogħla mil-limiti fid-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, il-formoli elettroniċi għandhom ikunu bbażati fuq il-formoli elettroniċi standard tal-UE għall-akkwist pubbliku.
246	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Mira	It-tnaqqis tal-proporzjon ta' kuntratti mogħtijin fuq il-bażi ta' offerent wieħed		% (Perċentwal)	25	24	Q4	2023	Is-sehem tal-proċeduri ta' akkwist b'offerent wieħed għandu jitkejjel bħala perċentwal tal-proċeduri kollha ta' sejħiet għall-offerti għall-kuntratti pubbliċi magħluqin fl-2023 (Inkluż taħt il-livell limitu - kif definit mid-dritt rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jistabbilixxi regoli armonizzati minimi għal sejħiet għall-offerti li l-valur monetarju tagħhom jaqbeż ċertu ammont u li huma preżunti li huma ta' interess transfruntier.). Is-sehem ta' proċeduri ta' akkwist b'offerent wieħed għal kuntratti b'appoġġ mill-Unjoni u għal kuntratti ffinanzjati b'riżorsi nazzjonali separatament għandu jitnaqqas għal 24 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.
247	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Mira	It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel		% (Perċentwal)	29	18	Q4	2023	Is-sehem tal-proċeduri ta' akkwist innegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għandu jitkejjel bħala perċentwal tal-proċeduri kollha ta' sejħiet għall-offerti għall-kuntratti pubbliċi magħluqin fl-2023 (inkluż taħt il-livell limitu- kif definit mid-dritt rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jistabbilixxi regoli armonizzati minimi għal offerti li l-valur monetarju tagħhom jaqbeż ċertu ammont u li huma preżunti li huma ta' interess transfruntier.). Is-sehem ta' proċeduri ta' akkwist innegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għal kuntratti b'appoġġ mill-Unjoni u għal kuntratti ffinanzjati b'riżorsi nazzjonali separatament għandu jitnaqqas għal 18 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
248	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Mira	It-tnaqqis tal-proporzjon ta' kuntratti mogħtijin fuq il-bażi ta' offerent wieħed		% (Perċentwal)	24	23	Q4	2024	Is-sehem tal-proċeduri ta' akkwist b'offerent wieħed għandu jitkejjel bħala perċentwal tal-proċeduri kollha ta' sejħiet għall-offerti għall-kuntratti pubbliċi magħluqin fl-2024 (inkluż taħt il-livell limitu - kif definit mid-dritt rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jistabbilixxi regoli armonizzati minimi għal offerti li l-valur monetarju tagħhom jaqbeż ċertu ammont u li huma preżunti li huma ta' interess transfruntier). Is-sehem ta' proċeduri ta' akkwist b'offerent wieħed għal kuntratti b'appoġġ mill-Unjoni u għal kuntratti ffinanzjati b'riżorsi nazzjonali separatament għandu jitnaqqas għal 23 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.
249	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Mira	It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel		% (Perċentwal)	18	12	Q4	2024	Is-sehem tal-proċeduri ta' akkwist innegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għandu jitkejjel bħala perċentwal tal-proċeduri kollha ta' sejħiet għall-offerti għall-kuntratti pubbliċi magħluqin fl-2024 (inkluż taħt il-livell limitu- kif definit mid-dritt rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jistabbilixxi regoli armonizzati minimi għal offerti li l-valur monetarju tagħhom jaqbeż ċertu ammont u li huma preżunti li huma ta' interess transfruntier.). Is-sehem ta' proċeduri ta' akkwist innegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għal kuntratti b'appoġġ mill-Unjoni u għal kuntratti ffinanzjati b'riżorsi nazzjonali

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										separatament għandu jitnaqqas għal 12 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.
250	C10.R10: L-Akkwist Pubbliku	Mira	It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel		% (Perċentwal)	12	7	Q4	2025	Is-sehem tal-proċeduri ta' akkwist innegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għandu jitkejjel bħala perċentwal tal-proċeduri kollha ta' sejħiet għall-offerti għall-kuntratti pubbliċi magħluqin fl-2025 (inkluż taħt il-livell limitu- kif definit mid-dritt rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jistabbilixxi regoli armonizzati minimi għal offerti li l-valur monetarju tagħhom jaqbeż ċertu ammont u li huma preżunti li huma ta' interess transfruntier.). Is-sehem ta' proċeduri ta' akkwist innegozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għal kuntratti b'appoġġ mill-Unjoni u għal kuntratti ffinanzjati b'riżorsi nazzjonali separatament għandu jitnaqqas għal 7 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
251	C10.R11: Il-Bulgarija Intraprenditorjali	Objettiv Intermedju	L-introduzzjoni ta' proċedura u ta' rekwiżiti għall-ħruġ u għar-revoka ta' viża għall-imprendituri ta' negozji ġodda	Dispożizzjoni jiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-Ordinanza dwar il-proċedura u r-rekwiżiti għall-ħruġ u għar-revoka ta' viża għal negozju ġdid adottati mill-Kunsill tal-Ministri				Q3	2022	Il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta ordinanza sabiex jistabbilixxi l-proċedura u r-rekwiżiti għall-ħruġ u għar-revoka tal-viża għal negozju ġdid, li ġiet introdotta mill-Artikolu 24p tal-Liġi dwar iċ-Ċittadini Barranin. L-Ordinanza għandha tirregola l-istabbiliment ta' kunsill ta' esperti bħala korp konsultattiv għall-Ministru tal-Ekonomija sabiex jipprovdi opinjoni dwar il-proġetti ppreżentati, b'applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat għal proġett ta' teknoloġija avvanzata u/ jew innovattiv, imsejjaħ "Viża għal negozju ġdid", kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-ħruġ, għall-estensjoni u għar-revoka taċ-ċertifikat.
252	C10.R11: Il-Bulgarija Intraprenditorjali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Falliment Personali	tad-Dispożizzjoni jiet fil-Liġi dwar il-Falliment Personali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħha				Q3	2022	Il-Liġi dwar il-Falliment Personali għandha tintroduċi proċeduri ta' insolvenza ta' persuni fiżiċi, li għandhom jinkludu pjan ta' ripagament, ir-realizzazzjoni tal-assi, u proċeduri ta' insolvenza fin-nuqqas ta' introjtu u ta' proprjetà ta' persuni fiżiċi.

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
253	C10.R11: Il-Bulgarija Intraprenditorjali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' kapitolu ġdid fid-Dritt Kummerċjali għall-introduzzjoni ta' forma ġuridika ġdida ta' kumpanija kummerċjali	Dispożizzjoni jiet fid-Dritt Kummerċjali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q4	2022	L-emendi għandhom jintroduċu kapitolu fid-Dritt Kummerċjali għal forma ġuridika ġdida ta' kumpanija kummerċjali, li għandha tipprovdi għal strumenti aktar flessibbli għall-iżvilupp tan-negozju, inklużi kuntratti ta' akkwiżizzjoni, gruppi ta' opzjonijiet, self konvertibbli, drittijiet ta' "tag-along" u drittijiet ta' "drag-along", u kapital varjabbli.
254	C10.R11: Il-Bulgarija Intraprenditorjali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għad-Dritt Kummerċjali għall-ħolqien ta' qafas legali sabiex tinkiseb likwidazzjoni aċċellerata ta' persuni ġuridiċi	Dispożizzjoni jiet fid-Dritt Kummerċjali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi				Q3	2023	L-emendi għandhom jirriformaw il-kapitolu dwar il-likwidazzjoni tad-Dritt Kummerċjali bl-għan li tiġi ffaċilitata l-likwidazzjoni ta': - kumpaniji mingħajr attività riċenti; - kumpaniji mhux reġistrati għall-VAT; - kumpaniji li ma rreklutaw l-ebda impjegat. Il-faċilitazzjoni tal-proċess ta' likwidazzjoni għandha tinkiseb permezz ta' żewġ bidliet ewlenin: - it-tnaqqis tal-limiti ta' żmien tal-proċeduri; l-introduzzjoni ta' "punt uniku ta' servizz" fejn il-komunikazzjoni kollha għall-finijiet ta' likwidazzjoni tgħaddi mill-Aġenzija tar-Reġistru.
255	C10.R11: Il-Bulgarija Intraprenditorjali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Kodiċi tax-Xogħol li	Dispożizzjoni jiet fil-Kodiċi tax-Xogħol li jindikaw id-dħul fis-seħħ				Q4	2023	- Ir-riforma għandha temenda r-regoli dwar ix-xogħol mill-bogħod stabbiliti mill-Kodiċi tax-Xogħol sabiex tipprovdi għal aktar flessibbiltà, inklużi l-organizzazzjoni ta' kundizzjonijiet

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			jtejbu l-kundizzjonijiet regolatorji għax-xogħol mill-bogħod fil-Bulgarija	tal-emendi						tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, ir-rapportar tax-xogħol u l-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol.
256	C10.R12: Il-kunsill tal-analiżi ekonomika	Objettiv Intermedju	L-istituzzjonalizzazzjoni tal-Kunsill tal-Analiżi Ekonomika	Il-Kunsill tal-Analiżi Ekonomika u s-Segretarjat tiegħu stabbiliti u operazzjonali				Q3	2022	Il-Kunsill tal-Analiżi Ekonomika għandu jiġi stabbilit bħala korp konsultattiv u għandu jkun appoġġat minn segretarjat. Huwa mistenni jipprovdi lill-gvern Bulgaru b'għarfien espert ekonomiku akkademiku profond. L-output ewlieni tiegħu għandu jkun rapport annwali dwar l-istat tal-ekonomija Bulgara li jidentifika l-isfidi u r-riskji li taffaċċja u li jipproponi soluzzjonijiet għalihom.
257	C10.R12: Il-kunsill tal-analiżi ekonomika	Objettiv Intermedju	L-adozzjoni ta' rapport annwali dwar l-istat tal-ekonomija Bulgara	L-ewwel rapport annwali adottat mill-Kunsill tal-Analiżi Ekonomika				Q4	2023	Il-Kunsill tal-Analiżi Ekonomika għandu jadotta l-ewwel rapport annwali dwar l-istat tal-ekonomija Bulgara li jidentifika l-isfidi u r-riskji li taffaċċja u li jipproponi soluzzjonijiet għalihom.
258	C10.I1: It-tisħiħ, l-iżvilupp ulterjuri u l-bini tas-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata	Objettiv Intermedju	L-aġġornament tas-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati	Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati Mtejba u Operazzjonali				Q4	2023	Is-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati għandha tiġi aġġornata sabiex tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jikkomunikaw u jiskambjaw dokumenti elettroniċi mal-ġudikatura kompletament online. L-aġġornament għas-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata tal-Qrati għandu

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tal-Qrati									jinkludi: - modulu ġdid dwar l-allokazzjoni elettronika u d-diġitalizzazzjoni tal-ordni għal kawżi ta' pagament; - modulu ġdid dwar l-amministrazzjoni tal-proċeduri ta' medjazzjoni; - l-ikkummissjonar u l-konsenja tat-tagħmir tal-kompjuter neċessarju għall-qrati sabiex joperaw kompletament online - 3000 kompjuter personali desktop b'monitors u 2200 laptop; - il-bidu tal-operat ta' żewġ ċentri ewlenin ġodda tad-*data* u ta' ċentru wieħed ġdid tad-*data* tal-arkivji. L-aġġornament għandu jkun allinjat mal-prinċipji ta' "diġitali b'mod awtomatiku" u ta' "darba biss".
259	C10.I2: Id-diġitalizzazzjoni ta' proċessi ewlenin ta' litigazzjoni fil-ġustizzja amministrattiva	Mira	L-introduzzjoni ta' sistema elettronika ta' ċitazzjoni u ta' notifika		% (Perċentwal)	0	25	Q2	2023	Wara l-introduzzjoni ta' modulu mmirat lejn il-varar, l-awtomatizzazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza tal-proċess ta' notifika ta' ċitazzjonijiet elettroniċi fis-Sistema ta' Informazzjoni Maniġerjali Unika tal-Każijiet, 25 % taċ-ċitazzjonijiet kollha għandhom jitwasslu b'mod elettroniku.
260	C10.I2: Id-diġitalizzazzjoni ta' proċessi ewlenin ta' litigazzjoni	Objettiv Intermedju	Il-bidu tal-operat ta' modulu ta' informazzjoni li jippermetti s-sottomissjoni	Il-bidu tal-operat ta' modulu ta' informazzjoni li jippermetti s-				Q4	2024	Il-modulu l-ġdid ta' informazzjoni għandu jipprovdi aċċess mill-bogħod għas-servizzi elettroniċi liċ-ċittadini u lill-partijiet interessati. Għandu jippermetti liċ-ċittadini u lill-partijiet interessati jaċċessaw b'mod elettroniku l-materjali tal-kawża u

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	fil-ġustizzja amministrattiva		mill-bogħod u r-riċevuta b'mod diġitali ta' dokumenti elettroniċi f'kawżi tal-qorti mill-partijiet u mir-rappreżentant legali tagħhom	sottomissjoni mill-bogħod u r-riċevuta ta' dokumenti elettroniċi						jissottomettu d-dokumenti, inklużi dokumenti li jibdew proċedimenti legali, dokumenti relatati ma' proċedimenti legali diġà mibdijin, u dokumenti li ma jikkonċernawx proċedimenti legali.
261	C10.I2: Id-diġitalizzazzjoni ta' proċessi ewlenin ta' litigazzjoni fil-ġustizzja amministrattiva	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' modulu ta' informazzjoni għal seduti mill-bogħod u l-provvista tal-hardware neċessarju għas-seduti mill-bogħod	Il-bidu tal-operat ta' modulu ta' informazzjoni għas-seduti mill-bogħod u l-provvista tal-hardware meħtieġ għas-seduti mill-bogħod				Q4	2024	Il-modulu ta' informazzjoni għandu jippermetti l-possibbiltà li jsiru seduti mill-bogħod. Il-hardware neċessarju għandu jiġi pprovdut fit-28 qorti amministrattiva tal-pajjiż għal seduti tal-qorti mill-bogħod u għandha tkun bdiet titħaddem interfaċċa bbażata fuq l-internet għas-seduti mill-bogħod.
262	C10.I2: Id-diġitalizzazzjoni ta' proċessi ewlenin ta' litigazzjoni fil-ġustizzja amministrattiva	Objettiv Intermedju	Ix-xiri u l-varar ta' hardware għall-ħżin tad-*data* f'ċentru tad-*data* tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura	Il-hardware għall-ħżin tad-*data* operazzjonali				Q4	2025	Il-hardware għall-ħżin tad-*data* għandu jinxtara u jibda jitħaddem f'ċentru tad-*data* tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Il-hardware eżistenti għall-ħżin tad-*data* għandu jiġi ssostitwit u jitqiegħed f'modalità ta' backup.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
263	C10.I3: Trasformazzjoni tal-infrastruttura tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku	Objettiv Intermedju	It-titjib tal-infrastruttura tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ffinalizzat	L-infrastruttura tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku mtejba				Q4	2024	L-aġġornament tal-infrastruttura interna tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu jżid id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u s-sigurtà tal-iskambju tal-informazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku billi: - jippermetti skambju akbar ta' *data* interna f'forma elettronika fl-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku; - jippermetti li jsiru aċċess mill-bogħod u identifikazzjoni elettronika siguri; - jistabbilixxi l-iskambju awtomatiku ta' *data* elettronika ma' awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi fil-Bulgarija; - jintegra l-infrastruttura interna mal-Portal Uniku tal-Ġustizzja Elettronika; - iżid il-livell taċ-ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-*data*.
264	C10.I4: It-titjib tal-kwalità u tas-sostenibbiltà tas-servizzi tas-sigurtà	Mira	Sistemi intelliġenti ta' sorveljanza bil-video installati u li joperaw f'siti ta' infrastruttura urbana		Numru	0	18	Q2	2023	Sistemi mtejbin ta' sorveljanza bil-video b'funzjonalità ta' rikonoxximent tan-numru tal-vettura integrati u operazzjonali f'minimu ta' 18-il punt ta' konnessjoni fir-ring road ta' Sofija.
265	C10.I4: It-titjib tal-kwalità u tas-	Objettiv Intermedju	L-istabbiliment u t-tħaddim tas-Sistema	Il-hardware u s-software għall-aġġornamenti				Q4	2023	Is-sistema intelliġenti nazzjonali tas-sigurtà għandha tiġi stabbilita billi jiġu aġġornati s-Sistema Integrata Awtomatizzata tas-Sigurtà (IASS) u s-Sistema ta' Informazzjoni

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	sostenibbiltà tas-servizzi tas-sigurtà		Intelliġenti Nazzjonali tas-Sigurtà	tas-Sistema Integrata Awtomatizzata tas-Sigurtà u tas-Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika forniti u installati						Ġeografika (GIS) eżistenti fil-Ministeru għall-Intern. L-aġġornament tal-IASS huwa mistenni jippermetti konnessjonijiet bejn is-sistemi tas-sigurtà muniċipali u reġjonali kif ukoll ma' sistemi ta' informazzjoni awtomatizzati oħrajn, kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Ministeru għall-Intern, bħas-sistemi ta' muniċipalitajiet u ta' istituzzjonijiet tal-Istat, siti tal-infrastruttura kritika u siti ta' importanza nazzjonali, il-metro ta' Sofija, il-Ferroviji tal-Istat Bulgaru, istituzzjonijiet privati bi status sinifikanti-banek, sptarijiet, stadji. L-aġġornament għandu jinkludi, fost l-oħrajn: - it-titjib fis-Sistema IAS b'kapaċitajiet ta' analiżi tal-video u tad-*data* u l-integrazzjoni tad-*data* minn sistemi ta' informazzjoni awtomatizzati; it-titjib fil-pjattaforma GIS, inklużi funzjonalitajiet u komponenti analitiċi addizzjonali (inklużi mapep 3D bl-għoli tal-bini għall-analiżi spazjali), u l-integrazzjoni ta' *data* f'ħin reali minn aġenziji u minn istituzzjonijiet importanti oħrajn tal-Istat.
266	C10.I4: It-titjib tal-kwalità u tas-sostenibbiltà tas-servizzi	Mira	L-akkwist ta' karozzi tal-pulizija b'sistemi ta' sorveljanza bil-video		Numru	1300	1600	Q4	2024	- Ix-xiri u t-twassil ta' 300 vettura ġdida tal-pulizija tal-pattulja u tat-traffiku mgħammrin b'sistemi ta' sorveljanza bil-video. B'mod aktar speċifiku, tal-anqas 280 karozza u 20 vettura għal kull terren/off-road, mgħammrin

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tas-sigurtà		għall-prevenzjoni ta' mġiba u ta' prattiki korrotti							b'sorveljanza bil-video, huma mistennijin jinxtraw u jiġu kkonsenjati lid-direttorati reġjonali tal-Ministeru għall-Intern, inkluż id-Direttorat Metropolitan tal-Intern. Il-vetturi l-ġodda huma mistennijin jikkonformaw mal-istandards ambjentali aġġornati fl-UE fir-rigward tal-emissjonijiet dannużi ta' gass.
267	C10.I4: It-titjib tal-kwalità u tas-sostenibbiltà tas-servizzi tas-sigurtà	Mira	It-tagħmir tal-uffiċjali tal-pulizija b'kameras li jintlibsu		Numru	0	1146	Q4	2024	1146 uffiċjal tal-pulizija tal-pattulja għandhom ikunu mgħammrin b'kameras li jintlibsu.
268	C10.I5: L-appoġġ għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja	Mira	Il-bini tal-kapaċitajiet għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja		Numru	13	141	Q2	2024	Il-mira għandha tinkiseb bl-istabbiliment ta': - 15-il ċentru ta' medjazzjoni fil-qrati distrettwali, li flimkien mat-13-il ċentru ta' medjazzjoni diġà eżistenti fil-bqija tal-qrati distrettwali, se jiżguraw l-eżistenza ta' ċentru ta' medjazzjoni f'kull wieħed mit-28 distrett ġudizzjarju; 113-il diviżjoni territorjali tat-28 ċentru ta' medjazzjoni ġudizzjarja, li se jiżguraw l-eżistenza ta' diviżjoni territorjali f'kull qorti reġjonali.
269	C10.I5: L-appoġġ	Objettiv Intermedj	Taħriġ tal-imħallfin, tal-	Imħallfin, medjaturi u				Q2	2024	Għandu jingħata taħriġ għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja fiċ-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja	u	medjaturi u tal-koordinaturi tal-qrati u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja	koordinaturi tal-qrati mħarrġin; Kampanji ta' sensibilizzazzjoni ffinalizzati						ċentri ta' medjazzjoni fl-erba' qrati distrettwali pilota f'Sofija, f'Varna, f'Pazardzhik u f'Pernik, kif ġej: - żewġ sessjonijiet ta' taħriġ ta' ġurnata lill-imħallfin; - żewġ sessjonijiet ta' taħriġ ta' tlett ijiem lill-medjaturi; - żewġ sessjonijiet ta' taħriġ ta' jumejn lill-koordinaturi tal-qrati. Għandu jingħata taħriġ għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja fiċ-ċentri ta' medjazzjoni fl-24 qorti distrettwali li jifdal: - żewġ sessjonijiet ta' taħriġ ta' ġurnata lill-imħallfin; - żewġ sessjonijiet ta' taħriġ ta' jumejn lill-medjaturi; - erba' sessjonijiet ta' taħriġ ta' jumejn lill-koordinaturi tal-qrati. - Barra minn hekk, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar l-introduzzjoni ta' medjazzjoni obbligatorja għandhom jiġu ffinalizzati u jinkludu tal-anqas erba' konferenzi kif ukoll kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni fuq ir-radju, fuq it-televiżjoni u online.
270	C10.I6: L-appoġġ ta' fażi pilota għall-introduzzjoni	Objettiv Intermedju	It-twaqqif ta' sit web b'korsijiet u b'materjali online għat-	Sit web operazzjonali b'korsijiet u b'materjali online				Q2	2026	Għandu jinħoloq sit web b'korsijiet u b'materjali online għat-taħriġ online għall-esperti mis-settur privat. Il-korsijiet online għandhom jinqasmu f'żewġ tipi. Tip wieħed għandu jkun disponibbli għall-konsulenti u

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tal-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini		taħriġ online dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Bini (BIM) għall-esperti mis-settur privat	meħtieġa mill-esperti fis-settur privat sabiex jitgħallmu kif jimplimentaw il-BIM						għandu jiffoka fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fil-proċess tal-BIM. It-tieni tip ta' taħriġ għandu jindirizza l-ħtiġijiet tal-uffiċċji tad-disinn u tal-kumpaniji tal-kostruzzjoni u jiffoka fuq kif għandhom jintużaw is-software neċessarju u l-applikazzjonijiet prattiċi. Il-materjali huma mistennijin jissupplimentaw il-korsijiet online disponibbli.
271	C10.I6: L-appoġġ ta' fażi pilota għall-introduzzjoni tal-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini	Mira	L-għoti ta' stazzjonijiet tax-xogħol mgħammrin bis-sħiħ għall-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini u għat-taħriġ		Numru	0	300	Q2	2026	Total ta' 300 stazzjon tax-xogħol għandhom jiġu pprovduti bil-hardware u bis-software neċessarji għall-implimentazzjoni tal-BIM għall-amministrazzjoni muniċipali, reġjonali u tal-Istat wara sejħa għall-offerti kompetittiva għall-akkwist pubbliku. Għandu jingħata taħriġ speċjalizzat lill-esperti fl-amministrazzjoni tal-Istat li jittrattaw il-BIM. 300 espert minn 28 amministrazzjoni provinċjali, 28 muniċipalità kbira u 3 ministeri huma mistennijin jitħarrġu sabiex jaħdmu b'software ta' rieżami tal-BIM għall-proġetti u għall-pjanijiet.
272	C10.I6: L-appoġġ ta' fażi pilota għall-introduzzjoni tal-immudellar tal-informazzjon	Objettiv Intermedju	Jinħoloq u jibda jitħaddem modulu integrat għall-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini	Modulu tal-BIM li jiffunzjona u integrat għas-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata għall-Ġestjoni tat-Territorju,				Q2	2026	L-infrastruttura tal-IT u l-bażijiet ta' *data* għall-iskambju ta' *data* bejn il-fornituri u l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu stabbiliti u operazzjonali.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	i dwar il-bini		għas-Sistema ta' Informazzjoni Unifikata għall-Ġestjoni tat-Territorju, għat-Tfassil tal-Investiment u għall-Awtorizzazzjoni tal-Kostruzzjoni	għat-Tfassil tal-Investiment u għall-Awtorizzazzjoni tal-Kostruzzjoni, li jippermetti li l-proġetti jiġu sottomessi għall-mudelli BIM f'konformità mal-Mudell Nazzjonali għall-BIM						
273	C10.I7: Sistema ta' informazzjoni unifikata għall-ġestjoni tat-territorju, għat-tfassil tal-investiment u għall-permessi għall-kostruzzjoni	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' sistema ta' informazzjoni unika għall-ġestjoni tat-territorju, għat-tfassil tal-investiment u għall-awtorizzazzjoni tal-kostruzzjoni	Sistema ta' informazzjoni unika kompletament operazzjonali għall-ġestjoni tat-territorju, għat-tfassil tal-investiment u għall-awtorizzazzjoni tal-kostruzzjoni				Q2	2026	Għandha tibda titħaddem sistema ta' informazzjoni unifikata bħala pjattaforma għall-forniment ta' servizzi amministrattivi elettroniċi għall-ġestjoni tat-territorju u għall-permessi għall-bini.
274	C10.I8:	Objettiv	Il-bini u l-	Kapaċità				Q2	2024	L-istabbiliment ta' Ċentru tad-*Data* ġdid tal-

Nru Sek	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	Monitoraġġ, kontroll u ġestjoni tat-territorju permezz tat-titjib taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju (AMC)	Intermedju	espansjoni tal-kapaċità taċ-Ċentri tad-*Data* tal-Ministeru għall-Intern	estiża taċ-ċentri tad-*data* tal-Ministeru għall-Intern						Grad 4 fit-territorju ta' sit kbir tal-Ministeru għall-Intern f'Sofija u t-titjib tal-kapaċità tas-sit sekondarju qrib Sofija, Li għandu jospita l-infrastruttura u t-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-ħtiġijiet tal-Ministeru għall-Intern u ta' aġenziji oħrajn tal-gvern sabiex tiżdied is-sigurtà tas-sistemi użati għal skopijiet governattivi, inkluż il-gvern elettroniku.
275	C10.I8: Monitoraġġ, kontroll u ġestjoni tat-territorju permezz tat-titjib taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju (AMC)	Objettiv Intermedju	L-aġġornament taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju fil-Ministeru għall-Intern	Id-dħul fis-seħħ taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju aġġornat fil-Ministeru għall-Intern				Q2	2024	Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju fil-Ministeru għall-Intern għandu jiġi żviluppat bħala ċentru nazzjonali b'network għall-monitoraġġ, għall-analiżi, għat-tbassir u għall-forniment sussegwenti tal-informazzjoni primarja miksuba minn sensuri li jinsabu fl-ispazju, fl-ispazju tal-ajru u fis-superfiċje tad-dinja u deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' appoġġ f'każ ta' emerġenzi. Il-hardware taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Ajruspazju għandu jiġi aġġornat sabiex jippermetti l-possibbiltà li tiġi riċevuta *data* minn aktar satelliti u sensuri, kif ukoll minn sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord, u għandu jibda jitħaddem is-software għall-proċessar tad-*data* riċevuta.
276	C10.I9: Id-diġitalizzazzjoni tad-*data* fl-amministrazzjoni li fiha reġistri tal-	Mira	Id-diġitalizzazzjoni tad-*data* tar-reġistru u tar-rekords tal-istat ċivili		Numru ta' paġni diġitalizzati	0	30000000	Q4	2023	Id-diġitalizzazzjoni tad-*data* li tinsab fir-reġistri tal-Aġenzija tar-Reġistru u tal-Aġenzija għall-Ġeodesija, għall-Kartografija u għall-Katasti, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tar-rekords tal-istat ċivili miżmumin mill-amministrazzjonijiet muniċipali. Ir-rekords diġitalizzati għandhom jinkludu metadata fil-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	karti									qosor li tgħodd għall-mira.
277	C10.I9: Id-diġitalizzazzjoni tad-*data* fl-amministrazzjoni li fiha reġistri tal-karti	Mira	Id-diġitalizzazzjoni tad-*data* tar-reġistru u tar-rekords tal-istat ċivili		Numru ta' paġni diġitalizzati	30000000	86100000	Q4	2025	Id-diġitalizzazzjoni tad-*data* li tinsab fir-reġistri tal-Aġenzija tar-Reġistru u tal-Aġenzija għall-Ġeodesija, għall-Kartografija u għall-Katasti, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tar-rekords tal-istat ċivili miżmumin mill-amministrazzjonijiet muniċipali.
278	C10.I10: Sistema mtejba ta' ppjanar strateġiku	Mira	Sistema mtejba ta' ppjanar strateġiku		% (perċentwal) tad-dokumenti strateġiċi nazzjonali fis-sistema	6	100	Q4	2025	Is-sistema ta' monitoraġġ għandha tiġi aġġornata f'għodda ta' ppjanar strateġiku li timmonitorja l-implimentazzjoni tad-dokumenti strateġiċi kollha fil-livell ċentrali. L-aġġornament għandu jiżgura li d-dokumenti strateġiċi nazzjonali kollha jkunu jistgħu jittellgħu fis-sistema u li jkunu standardizzati f'termini ta' struttura, ta' rapportar u ta' indikaturi. Għandu jappoġġa wkoll l-allinjament tal-istrateġiji mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
279	C10.I11: L-iżgurar ta' ambjent ta' informazzjoni u amministrattiv adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza	Objettiv Intermedju	Il-forniment ta' sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema ta' informazzjoni				Q2	2022	Sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) għandha tkun fis-seħħ u operazzjonali qabel l-ewwel talba għall-pagament. Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-ilħuq tal-objettivi intermedji u tal-miri; (c) il-ġbir, il-ħżin u l-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d)(i) sa (iii) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
280	C10.I11: L-iżgurar ta' ambjent ta' informazzjoni u amministrattiv adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza	Mira	Aġġornament tal-videogwidi sabiex ikopru bis-sħiħ il-proċessi tan-negozju kollha tas-sistema ta' informazzjoni tal-RRP		Numru	0	36	Q2	2022	L-introduzzjoni ta' viżwalizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol fil-forma ta' videogwida sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-utenti. Minħabba l-adattament tas-Sistema ta' Informazzjoni Maniġerjali Unifikata għall-istrumenti strutturali tal-UE fil-Bulgarija (UMIS 2020) għall-fini tal-implimentazzjoni tal-RRP, kif ukoll l-uniċità tal-istrument il-ġdid, il-gwidi għandhom jitfasslu sabiex jindirizzaw l-RRP b'mod speċifiku: 36 videogwida huma mistennijin jiġu aġġornati, li huma mistennijin ikopru bis-sħiħ il-proċessi tan-negozju kollha possibbli li l-utenti jistgħu jiltaqgħu magħhom meta jimplimentaw l-RRP filwaqt li jaħdmu fis-sistema ta' informazzjoni.
281	C10.I11: L-iżgurar ta' ambjent ta' informazzjoni u amministrattiv adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-att li jistabbilixxi s-sistema ta' Ġestjoni u ta' Kontroll għall-RRP	L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-att (ordni tal-Ministru tal-Finanzi) li japprova s-Sistema ta' Ġestjoni u ta' Kontroll				Q2	2022	Is-Sistema ta' Ġestjoni u ta' Kontroll fil-kuntest tal-RRP għandha tiġi approvata qabel l-ewwel talba għall-ħlas, u għandha tinkludi: • il-ministeri/il-korpi responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli fuq l-implimentazzjoni tal-pjan (investimenti u riformi); l-ispeċifikazzjoni ta' miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, il-finanzjament doppju u l-kunflitt ta' interess u ta' arranġamenti għar-rapportar u għall-korrezzjoni ta' irregolaritajiet serji.
282	C10.I11: L-iżgurar ta' ambjent ta' informazzjoni u amministratti	Objettiv Intermedju	Analiżi approvata tal-ammont ta' xogħol għad-Direttorat tal-Fondi	Analiżi approvata tal-ammont ta' xogħol għad-Direttorat tal-Fondi				Q2	2022	• Għandha titwettaq analiżi tal-volum ta' xogħol għad-Direttorat tal-Fondi Nazzjonali, għall-Unità Ċentrali ta' Koordinazzjoni u għall-Aġenzija Eżekuttiva "Awditjar tal-Fondi tal-UE", filwaqt li jitqies il-piż li jinħoloq mill-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	v adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza		Nazzjonali u l-Unità Ċentrali ta' Koordinazzjoni, id-dħul fis-seħħ tal-emendi għar-regolamenti strutturali għall-Aġenzija Eżekuttiva "Awditjar tal-Fondi tal-UE" u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rispettivi	Nazzjonali u l-Unità Ċentrali ta' Koordinazzjoni, dispożizzjoni fl-emendi għar-regolamenti strutturali għall-Aġenzija Eżekuttiva "Awditjar tal-Fondi tal-UE" li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi, u li r-rakkomandazzjonijiet rispettivi ġew implimentati						implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-funzjonijiet u/jew ir-responsabbiltajiet emendati taż-żewġ korpi. L-analiżi għandha tipprovdi informazzjoni adegwata dwar il-ħtiġijiet tal-kapaċità amministrattiva u tiżviluppa sett ta' rakkomandazzjonijiet sabiex tindirizza l-kapaċità insuffiċjenti fejn ikun neċessarju billi tieħu r-riżorsi u l-kompiti disponibbli attwali bħala xenarju ta' referenza. Fuq il-bażi tal-analiżi u tar-rakkomandazzjonijiet, id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi neċessarji u dwar id-dħul fis-seħħ tal-emendi għar-regolamenti għaż-żewġ korpi għandhom isiru qabel l-ewwel talba għall-pagament.
283	C10.I11: L-iżgurar ta' ambjent ta' informazzjoni u amministrativ adegwat għall-implimentaz	Mira	Ir-riċevituri finali mħarrġin sabiex isaħħu l-kapaċità tal-akkwist tagħhom, inkluża dik tal-entitajiet kontraenti		Numru	0	800	Q4	2022	It-taħriġ li jirriżulta fiċ-ċertifikazzjoni huwa mistenni jindirizza d-dgħufijiet fl-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist. It-taħriġ għandu jagħti prijorità lill-persunal mill-muniċipalitajiet, mill-operaturi tal-baġit, u mill-kumpaniji tal-Istat jew ikkontrollati, b'mod partikolari dawk b'responsabbiltajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-RRP.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	zjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza									
284	C10.I11: L-iżgurar ta' ambjent ta' informazzjoni u amministrattiv adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza	Mira	Aġġornament tal-videogwidi sabiex ikopru bis-sħiħ il-proċessi tan-negozju kollha tas-sistema ta' informazzjoni tal-RRP		Numru	36	72	Q1	2023	Il-videogwidi maħluqin għas-sistema ta' Ġestjoni u ta' Kontroll tal-RRP għandhom jgħaddu minn ċerti modifiki sabiex jirriflettu l-funzjonalitajiet ġodda aġġornati u l-proċessi kummerċjali mtejbin ta' din is-sistema l-ġdida. Dawn l-aġġornamenti huma mistennijin jirriflettu kemm it-tibdil fil-proċessi tan-negozju kif ukoll/jew ir-rekwiżiti fil-prestazzjoni tal-utenti mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll u għandhom jirrappreżentaw viżwalment l-aktar żbalji komuni. F'dan ir-rigward, se jsiru 36 aġġornament addizzjonali tal-videomanwali għat-tħaddim tas-sistema.
285	C10.I11: L-iżgurar ta' ambjent ta' informazzjoni u amministrattiv adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza	Mira	Ir-riċevituri finali mħarrġin sabiex jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw l-RRP		Numru	0	350	Q4	2025	Taħriġ speċjali għar-riċevituri finali għall-monitoraġġ u għar-rapportar sabiex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki, jiġu diskussi kwistjonijiet u problemi prattiċi li jiġu affaċċjati fil-proċess ta' ġestjoni u ta' rapportar tal-attivitajiet skont l-RRF. It-taħriġ huwa mistenni jikkontribwixxi għal implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-miżuri tal-RRP u għall-ilħuq tal-objettivi intermedji u tal-miri. It-tim ta' taħriġ tad-Direttorat tal-Fondi Nazzjonali għandu jitħejja taħt il-proġett "Appoġġ tekniku ġenerali għall-implimentazzjoni tal-RRP tal-Bulgarija". Il-parti ewlenija tat-taħriġ għandha tingħata fil-perjodu 2023-2025.

K. KOMPONENT NRU 11: INKLUŻJONI SOĊJALI

Dan il-komponent tal-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jrawwem l-inklużjoni soċjali billi

- itejjeb il-protezzjoni soċjali u l-forniment ta' servizzi. Dan għandu jinkludi riforma tal-iskema ta' introjtu minimu, u l-iżvilupp ta' għodod ġodda għall-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali u għall-Aġenzija tal-Impjiegi;
- jirriforma l-provvista tal-kura fit-tul fil-Bulgarija, f'konformità mal-Linji Gwida Ewropej Komuni dwar it-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal dik ibbażata fil-komunità kif ukoll mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità permanenti għandhom jiġu appoġġati permezz tal-forniment ta' apparati ta' assistenza għall-promozzjoni tal-mobbiltà u tal-għajxien indipendenti tagħhom;
- jippromwovi l-ekonomija soċjali u tas-setturi kulturali u kreattivi. Dan għandu jinkiseb bil-kostruzzjoni ta' ċentri fokali għall-ekonomija soċjali u tas-solidarjetà billi jiġu pprovduti għodod ta' appoġġ għall-intrapriżi soċjali, billi jiġu stabbiliti skemi ta' għotjiet għas-setturi kulturali u kreattivi u billi jiġi ddiġitalizzat il-kontenut tal-mużewijiet, tal-libreriji u tal-arkivji.

Il-komponent jinkludi żewġ riformi u seba' investimenti u jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fis-CSRs, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-iskema ta' introjtu minimu (ir-rakkomandazzjonijiet speċifika għall-pajjiż 2 tal-2020 u 4 tal-2019), kif ukoll sabiex jitjieb l-aċċess għal servizzi soċjali u tal-impjiegi integrati (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 4 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C11.R1): Riforma tal-iskema ta' introjtu minimu

Ir-riforma tal-iskema ta' introjtu minimu għandha l-għan li ttejjeb l-adegwatezza u l-kopertura tal-iskema ta' introjtu minimu.

Ir-riforma għandha tkopri d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi ta' Appoġġ Soċjali u l-emendi għal-leġiżlazzjoni sekondarja sabiex: jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-aġġornament annwali awtomatiku tal-iskema ta' introjtu minimu bbażat fuq il-limitu tar-riskju ta' faqar u jiġu mmodifikati l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-iskema ta' introjtu minimu. Il-ħlas tal-introjtu minimu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-Istat Bulgaru.

Ir-riforma għandha temenda wkoll l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi, u tintroduċi d-definizzjoni ta' "ekonomikament inattivi" u sett ta' attivitajiet immirati lejn l-attivazzjoni ta' persuni ekonomikament inattivi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma Nru 2 (C11.R2): Riforma tas-servizzi soċjali

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb il-forniment ta' servizzi soċjali, inkluża l-kura fit-tul, fil-Bulgarija, f'konformità mal-Linji Gwida Ewropej Komuni dwar it-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità, mal-Istrateġija Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, u mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, b'mod partikolari l-prinċipji tal-libertà tal-għażla u tal-għajxien indipendenti.

Ir-riforma għandha tinkludi l-adozzjoni ta' Mappa Nazzjonali tas-Servizzi Soċjali, li għandha tiġi żviluppata fuq il-bażi ta' analiżi tal-offerta u tal-ħtiġijiet tas-servizzi soċjali fil-livell muniċipali u reġjonali.

Għandha tinkludi wkoll Ordinanza ġdida dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali, li għandha tiġi żviluppata mas-sħab soċjali rilevanti u għandha tkopri: l-istandards minimi ta' kwalità tal-faċilitajiet li jipprovdu servizzi soċjali; ir-rekwiżiti minimi għall-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet li jipprovdu servizzi soċjali; ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kwalifiki tal-persunal li jipprovdi servizzi soċjali; kif ukoll indikaturi għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni u tal-kwalità tal-forniment ta' servizzi soċjali. Għandha tiddetermina wkoll in-numru massimu ta' utenti għal kull faċilità li tipprovdi servizzi soċjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment Nru 1 (C11.I1): Il-modernizzazzjoni tal-kura fit-tul

L-investiment jikkomplementa r-riforma nru 2 "Riforma tas-servizzi soċjali" u l-objettiv tiegħu huwa li jirriforma l-istokk tal-bini tal-faċilitajiet fejn is-servizzi soċjali jiġu pprovduti lil persuni b'diżabilità u lil persuni akbar fl-età.

L-attivitajiet ta' kostruzzjoni u ta' rinnovazzjoni taħt dan l-investiment għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tal-analiżi tal-offerta u tal-ħtiġijiet tas-servizzi soċjali fil-livell muniċipali u reġjonali u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali. L-investiment għandu jinkludi:

- il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda li jipprovdu kura residenzjali, flimkien ma' faċilitajiet ġodda li jipprovdu kura matul il-jum, inklużi attivitajiet ta' konsulenza, ta' terapija u ta' riabilitazzjoni għal persuni b'diżabilità. Kull faċilità li tipprovdi kura matul il-jum għandha tinbena qrib faċilità li tipprovdi kura residenzjali. Il-faċilitajiet li jipprovdu kura residenzjali għandhom jipprovdu tal-anqas 2500 post ġdid;
- ir-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet eżistenti li jipprovdu kura residenzjali għall-persuni akbar fl-età sabiex jissodisfaw l-istandards ta' kwalità, skont l-Ordinanza dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali;
- rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika f'faċilitajiet eżistenti li jipprovdu servizzi soċjali, li jiksbu ffrankar medju tal-enerġija ta' mill-inqas 30 %.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 2 (C11.I2): Il-forniment ta' apparati ta' assistenza lil persuni b'diżabilità permanenti

Dan l-objettiv tal-investiment huwa li jtejjeb l-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità permanenti billi jippromwovi l-mobbiltà personali u l-aċċessibbiltà.

L-investiment jikkonsisti fil-forniment ta' apparati ta' assistenza, inklużi programmi ta' software, fuq il-bażi tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-benefiċjarji. Il-benefiċjarji

għandhom jitħarrġu wkoll sabiex jitgħallmu kif jużaw l-apparati ta' assistenza. Dan l-investiment għandu jilħaq lil tal-anqas 3300 persuna b'diżabilità permanenti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment Nru 3 (C11.I3): L-iżvilupp tal-ekonomija soċjali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jippromwovi l-ekonomija soċjali billi jipprovdi assistenza għall-iżvilupp ta' intrapriżi u ta' organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà.

L-investiment għandu jinkludi l-kostruzzjoni ta' ċentri fokali għall-ekonomija soċjali u solidali, li għandhom jappoġġaw lill-intrapriżi u lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u solidali billi jipprovdu attivitajiet ta' konsulenza u assistenza teknika, inkluż billi jassistu fid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju ta' dawk l-intrapriżi. Il-post taċ-ċentri ta' fokus għandu jiżgura li kull reġjun, kif identifikat mit-tieni livell tan-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-klassifikazzjoni tal-istatistika, għandu jiġi servut minn ċentru ta' fokus wieħed.

Barra minn hekk, l-investiment għandu jinkludi t-twaqqif ta' pjattaforma diġitali sabiex jiġu promossi l-prodotti u s-servizzi tal-intrapriżi u tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 4 (C11.I4): Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb il-forniment ta' servizzi tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali permezz tar-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet tagħha.

L-investiment għandu jinkludi rinnovazzjonijiet fil-faċilitajiet tal-Aġenzija u l-bini ta' ambjent aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità permezz tal-installazzjoni ta' apparati għat-tlugħ tat-taraġ.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment Nru 5 (C11.I5): Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Impjiegi

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdiedu l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-Aġenzija tal-Impjiegi billi jiġu żviluppati pjattaformi u sistemi elettroniċi ġodda u/jew billi jittejbu dawk eżistenti. L-investiment għandu jikkontribwixxi wkoll għal integrazzjoni ulterjuri tas-sistemi elettroniċi għall-impjiegi u għal servizzi oħrajn, inklużi s-servizzi soċjali

L-għodod il-ġodda u aġġornati għandhom irawmu tqabbil aktar effiċjenti ta' persuni li qed ifittxu impjieg ma' postijiet tax-xogħol vakanti, inkluż permezz tal-aġġornament ta' software sabiex jitwettqu stħarriġiet u permezz ta' sistemi mtejbin ta' ħżin tad-*data*.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment Nru 6 (C11.I6): L-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi

L-objettiv tal-investiment huwa li jappoġġa l-iżvilupp u l-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi fil-Bulgarija.

L-investiment għandu jinkludi:

- riforma tal-Fond Nazzjonali għall-Kultura mmirata lejn l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ trasparenti tal-attivitajiet tiegħu;
- skemi ta' għotjiet u programmi mmirati lejn il-promozzjoni internazzjonali tal-prodotti kulturali tal-Bulgarija, politiki kulturali f'muniċipalitajiet kbar u żgħar, l-iżvilupp ta' udjenza u l-aċċess għall-kultura, kif ukoll ħiliet diġitali, maniġerjali u intraprenditorjali għall-persuni li jaħdmu fis-setturi kulturali u kreattivi, li jinkludu s-settur pubbliku u dak privat.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 7 (C11.I7): Id-diġitalizzazzjoni tal-kollezzjonijiet tal-mużewijiet, tal-libreriji, u tal-arkivji

L-objettiv tal-investiment huwa li jiddiġitalizza l-kontenut tal-mużewijiet, tal-libreriji u tal-arkivji sabiex itejjeb l-aċċessibbiltà u jrawwem il-preservazzjoni.

L-investiment għandu jinkludi d-diġitalizzazzjoni tal-kontenut ta' mill-inqas 28 mużew, 10 libreriji, u arkivji tal-Istat, inklużi l-Arkivji Nazzjonali tal-Films tal-Bulgarija, it-Televiżjoni Nazzjonali Bulgara, ir-Radju Nazzjonali Bulgara, l-Aġenzija tal-Aħbarijiet tal-Bulgarija, u l-Fond Nazzjonali għall-Arkivji.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

K.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
286	C11.R1: Riforma tal-iskema ta' introjtu minimu	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Att dwar l-Assistenza Soċjali	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni sekondarja li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Assistenza Soċjali				Q1	2022	Sabiex jiżdiedu l-adegwatezza u l-kopertura tal-iskema ta' introjtu minimu, l-emendi għandhom jinkludu żieda gradwali tal-perċentwali użati għall-komputazzjoni tal-limitu tal-introjtu tal-iskema ta' introjtu minimu, l-Introjtu Minimu Differenzjat (DMI), kif ġej: - għall-2022: b'koeffiċjent medju ta' mill-inqas 1,10; - għall-2023: b'koeffiċjent ta' mill-inqas 1,365; - għall-2024: b'koeffiċjent ta' mill-inqas 1,224
287	C11.R1: Riforma tal-iskema ta' introjtu minimu	Objettiv Intermedju	Il-finalizzazzjoni ta' rapport dwar l-iskema ta' introjtu minimu	Rapport finali maħruġ mill-Ministeru tal-Politiki tax-Xogħol u Soċjali u ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru.				Q4	2022	L-analiżi għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza sabiex tespandi l-kopertura effettiva, ittejjeb l-immirar tal-iskema ta' introjtu minimu, tinċentiva d-dħul fid-dinja tal-impjiegi bi ħlas, ittejjeb il-miżuri ta' attivazzjoni marbuta permezz tal-PES u tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-individwi u għall-amministrazzjoni fil-proċeduri ta' applikazzjoni. L-analiżi għandha - tirrieżamina l-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' ħidma tal-iskema ta' introjtu minimu, inklużi l-kriterji tas-sjieda, ir-reġistrazzjoni tal-PES u r-rekwiżiti ta' ħidma tal-komunità, flimkien mal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' attivazzjoni; - tirrieżamina l-inċentivi għall-impjiegi, inkluż it-tnaqqis gradwali tal-benefiċċji għar-riċevituri tal-appoġġ għall-introjtu minimu li jsibu impjieg bi ħlas; - tanalizza l-piż amministrattiv tal-proċess u tqis dan fir-rakkomandazzjonijiet tagħha bil-ħsieb li jinkiseb tnaqqis sinifikanti; Għall-elementi ta' hawn fuq, l-analiżi għandha tipprovdi referenzi għall-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u għall-analiżi minn organizzazzjonijiet

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										internazzjonali b'għarfien espert rilevanti.
288	C11.R1: Riforma tal-iskema ta' introjtu minimu	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi ta' Appoġġ Soċjali, l-emendi għal-leġiżlazzjoni sekondarja u għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi ta' Appoġġ Soċjali, l-emendi għal-leġiżlazzjoni sekondarja u għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi				Q4	2023	Il-Kodiċi ta' Appoġġ Soċjali għandu jindirizza l-frammentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kurrenti fil-qasam tal-benefiċċji soċjali, tas-servizzi u tal-appoġġ billi jikkodifika l-leġiżlazzjoni rilevanti. Il-Kodiċi ta' Appoġġ Soċjali jew l-emendi għal-leġiżlazzjoni sekondarja għandhom jinkludu r-reviżjonijiet li ġejjin għall-iskema ta' introjtu minimu: - reviżjonijiet għall-kriterji ta' eliġibbiltà u tar-rekwiżiti tax-xogħol, inkluż it-tnaqqis tal-ħin meħtieġ ta' reġistrazzjoni fis-servizzi tal-impjiegi minn 6 xhur għal 3 xhur, u l-introduzzjoni ta' inċentivi għad-dħul fid-dinja tal-impjiegi bi ħlas, għall-espansjoni ta' kopertura effettiva u għat-titjib tal-immirar, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju ppubblikat tal-grupp ta' ħidma dwar l-iskema ta' introjtu minimu (l-objettiv intermedju nru 287) - L-introduzzjoni ta' aġġornamenti awtomatiċi tal-livell limitu tal-introjtu tal-iskema ta' introjtu minimu, billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' indiċjar annwali tal-Introjtu Minimu Differenzjat (DMI) għal-limitu tar-riskju ta' faqar, mill-1 ta' Jannar 2025. Għal kull grupp fil-mira tal-iskema, id-DMI għandu jiġi kkalkolat billi jiġi mmoltiplikat koeffiċjent speċifiku għall-grupp b'element ta' ankrar, li jissostitwixxi l-Introjtu Minimu Garantit (GMI), komuni għall-gruppi fil-mira kollha: o Għal kull grupp fil-mira, il-koeffiċjent speċifiku għall-grupp ma għandux ikun anqas mill-valur tiegħu għall-2021;

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										o L-element ta' ankrar għandu jkun ugwali għal tal-anqas 30 % tal-aktar limitu riċenti tal-AROP; o il-limitu tar-riskju ta' faqar użat għall-indiċjar għandu jiġi armonizzat mal-metodoloġija tal-EUROSTAT Barra minn hekk, l-emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi għandhom jinkludu: - id-definizzjoni legali ta' "ekonomikament inattivi"; - kapitolu ġdid li jiddefinixxi s-sett ta' attivitajiet immirati lejn l-attivazzjoni ta' "ekonomikament inattivi"
289	C11.R1: Riforma tal-iskema ta' introjtu minimu	Mira	Il-benefiċjarji tal-appoġġ għall-introjtu minimu ta' kull xahar		Numru	63518	116873	Q4	2024	In-numru ta' riċevituri, imkejjel bħala individwi, tal-appoġġ għall-introjtu minimu ta' kull xahar għandu jiżdied minn 63 518 fl-2020 għal 116 873 fl-2024.
290	C11.R2: Riforma tas-servizzi soċjali	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-Ordinanza dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali	Dispożizzjoni fl-ordinanza li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Ordinanza dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali				Q2	2022	L-Ordinanza dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali għandha tiddeskrivi l-istandards minimi tal-kwalità għall-forniment ta' servizzi soċjali. L-istandards minimi tal-kwalità għandhom ikopru: - ir-rekwiżiti arkitettoniċi ta' faċilitajiet ġodda li jipprovdu kura residenzjali, inkluż dwar in-numru massimu ta' utenti għal kull faċilità li tipprovdi servizzi soċjali u dwar in-numru massimu ta' utenti għal kull kamra tas-sodda. L-utenti għal kull kamra tas-sodda ma għandhomx ikunu aktar minn tnejn; - is-servizzi soċjali pprovduti mill-faċilitajiet ta' kura ta' matul il-jum li jakkumpanjaw il-faċilitajiet li jipprovdu kura residenzjali, inklużi l-attivitajiet ta' konsulenza u t-terapija pprovduta;

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										- ir-rekwiżiti għall-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti li jipprovdu kura residenzjali, inklużi djar tal-kura residenzjali għall-persuni akbar fl-età. Barra minn hekk, l-ordinanza għandha tkopri: - il-proċeduri għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-forniment ta' servizzi soċjali mill-entitajiet responsabbli; - l-istandards għall-kwalifiki u għall-iżvilupp professjonali tal-persunal li jipprovdi servizzi soċjali.
291	C11.R2: Riforma tas-servizzi soċjali	Objettiv Intermedju	Mappa Nazzjonali tas-Servizzi Soċjali	Il-Mappa Nazzjonali tas-Servizzi Soċjali adottata				Q4	2023	Il-Mappa Nazzjonali tas-Servizzi Soċjali għandu jkun fiha analiżi tal-offerta u tal-ħtiġijiet tas-servizzi soċjali fil-livell muniċipali u reġjonali. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-mappa għandha tkopri: - il-pakkett ta' servizzi soċjali fil-livell muniċipali u reġjonali ffinanzjat mill-baġit tal-Istat; - in-numru massimu ta' utenti tas-servizzi soċjali kollha li għalihom huwa pprovdut finanzjament mill-baġit tal-Istat.
292	C11.I1: Il-modernizzazzjoni tal-kura fit-tul	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għall-kostruzzjoni u għar-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet li jipprovdu servizzi soċjali	Il-kuntratti ffirmati				Q2	2024	L-għażla ta' kuntratturi għandha ssegwi proċeduri ta' akkwist pubbliku. Il-kuntratti għandhom ikopru: - ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal 250 faċilità li jipprovdu kura fit-tul, li 125 minnhom jipprovdu kura residenzjali u 125 jipprovdu kura matul il-jum. Kull faċilità li tipprovdi kura ta' matul il-jum għandha tikkomplementa l-forniment ta' servizzi ta' faċilità waħda li tipprovdi kura residenzjali, u għalhekk tinbena qrib tagħha; - ir-rinnovazzjonijiet ta' 82 dar tal-kura residenzjali għall-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										persuni akbar fl-età. Il-kostruzzjoni tal-faċilitajiet il-ġodda kif ukoll ir-rinnovazzjoni tad-djar tal-kura residenzjali għall-persuni akbar fl-età għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali u l-analiżi tal-offerta u tal-ħtiġijiet tas-servizzi soċjali fil-livell muniċipali u reġjonali, inkluż dwar il-postijiet, in-numru ta' utenti għal kull faċilità u n-numru ta' utenti li jaqsmu kamra tas-sodda (l-objettivi intermedji nri 290 u 291). Barra minn hekk, il-kuntratti għandhom ikopru wkoll ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika ta' 840 faċilità eżistenti li jipprovdu servizzi soċjali jew servizzi amministrattivi relatati mas-servizzi soċjali.
293	C11.I1: Il-modernizzazzjoni tal-kura fit-tul	Mira	Ir-rinnovazzjoni tad-djar tal-kura residenzjali għall-persuni akbar fl-età		Numru	0	82	Q4	2025	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 292), għandhom jiġu rrinnovati 82 dar tal-kura residenzjali eżistenti għall-persuni akbar fl-età.
294	C11.I1: Il-modernizzazzjoni tal-kura fit-tul	Mira	Faċilitajiet ġodda li jipprovdu servizzi soċjali għal persuni b'diżabilità		Numru	0	250	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 292), għandhom jinbnew 125 faċilità ġdida li jipprovdu kura residenzjali u 125 faċilità ġdida li jipprovdu kura matul il-jum lil persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonsenjat u installat it-tagħmir, inkluża l-għamara. Il-faċilitajiet li jipprovdu kura matul il-jum huma mistennija jipprovdu attivitajiet adegwati ta' kura ta' matul il-jum, ta' konsulenza, ta' terapija u ta' riabilitazzjoni, filwaqt li jippromwovu l-akkwist ta' ħiliet tal-għajxien indipendenti ta'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										persuni b'diżabilità li jirresjedu fil-faċilitajiet mibnijin ġodda li jipprovdu kura residenzjali.
295	C11.I1: Il-modernizzazzjoni tal-kura fit-tul	Mira	Ir-rinnovazzjoni għall-iffrankar tal-enerġija f'faċilitajiet eżistenti li jipprovdu servizzi soċjali		Numru	0	840	Q2	2026	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 292), ir-rinnovazzjonijiet għandhom jiġu ffinalizzati fi 840 faċilità eżistenti li jipprovdu servizzi soċjali jew servizzi amministrattivi relatati mas-servizzi soċjali. Ir-rinnovazzjonijiet għandhom jiksbu ffrankar medju tal-enerġija ta' 30%.
296	C11.I1: Il-modernizzazzjoni tal-kura fit-tul	Mira	Is-sehem ta' adulti li jirċievu appoġġ f'istituzzjonijiet speċjalizzati meta mqabblin ma' dawk li jirċievu appoġġ f'servizzi bbażati fil-komunità jew fid-dar		Numru	18,5	5	Q2	2026	L-indikatur għandu jkejjel il-proporzjon bejn in-numru ta' adulti li jirċievu appoġġ f'istituzzjonijiet speċjalizzati, jiġifieri istituzzjonijiet għall-adulti b'diżabilità u djar għall-persuni akbar fl-età, u n-numru ta' adulti li jirċievu appoġġ permezz ta' servizzi bbażati fil-komunità jew fid-dar. Barra minn hekk, in-numru ta' adulti li jirċievu appoġġ f'istituzzjonijiet speċjalizzati għandu jonqos matul il-perjodu 2021-2026.
297	C11.I2: Il-forniment ta' apparati ta' assistenza lil persuni b'diżabilità permanenti	Objettiv Intermedju	Metodoloġija għall-għażla ta' persuni b'diżabilità permanenti	L-adozzjoni mill-Ministeru tax-Xogħol u tal-Politika Soċjali				Q4	2022	Għandha tiġi adottata metodoloġija li tiddetermina l-proċedura tal-għażla sabiex jiġu assenjati apparati ta' assistenza lil persuni b'diżabilità permanenti. Il-metodoloġija għandha tinbena billi jitqiesu l-ħtiġijiet tas-saħħa u dawk speċifiċi kif ukoll il-karatteristiċi soċjodemografiċi tal-persuni b'diżabilità permanenti.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
298	C11.I2: Il-forniment ta' apparati ta' assistenza lil persuni b'diżabilità permanenti	Mira	Persuni b'diżabilità permanenti li jkunu rċivew apparati ta' assistenza		Numru	0	3300	Q2	2024	Il-persuni b'diżabilità permanenti għandhom jirċievu apparati ta' assistenza, bħal kompjuters portabbli tal-braille, siġġijiet tar-roti, u apparati għat-tlugħ tat-taraġ. Dan għandu jinkludi l-installazzjoni ta' apparati ta' assistenza u l-forniment ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-varar tagħhom. Il-benefiċjarji tal-apparati ta' assistenza għandhom jintgħażlu f'konformità mal-metodoloġija għall-għażla tal-persuni b'diżabilità permanenti (l-objettiv intermedju nru 297).
299	C11.I3: L-iżvilupp tal-ekonomija soċjali	Mira	Il-bini ta' 6 ċentri ta' fokus reġjonali u l-provvista tat-tagħmir għalihom		Numru	0	6	Q4	2022	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u/jew ta' rinnovazzjoni għandhom jiġu ffinalizzati għal 6 ċentri ta' fokus reġjonali. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonsenjat u installat it-tagħmir, inkluża l-għamara.
300	C11.I3: L-iżvilupp tal-ekonomija soċjali	Objettiv Intermedju	Pjattaforma diġitali għall-ekonomija soċjali	Pjattaforma żviluppata u disponibbli għall-pubbliku				Q2	2025	Il-pjattaforma diġitali għall-ekonomija soċjali għandha tiġi żviluppata u magħmula disponibbli għall-pubbliku. Għandha tippermetti lill-intrapriżi u lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà jippreżentaw l-attivitajiet u s-servizzi tagħhom lill-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz ta' modulu għall-kummerċ elettroniku.
301	C11.I3: L-iżvilupp tal-ekonomija soċjali	Mira	Intrapriżi soċjali li jirċievu tagħmir diġitali		Numru	0	100	Q4	2025	Sabiex tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju tagħhom, l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà għandhom jirċievu u jinstallaw tagħmir diġitali (eż. soluzzjonijiet ta' software u ta' hardware, intelliġenza artifiċjali, tagħmir ta' printers 3D, skeners 3D).
302	C11.I3: L-iżvilupp tal-ekonomija	Objettiv Intermedju	Rapport dwar l-attivitajiet imwettqin miċ-	Il-pubblikazzjoni ta' rapport li jiddeskrivi l-attivitajiet taċ-ċentri ta'				Q4	2025	Għandu jiġi ppubblikat rapport li jipprovdi analiżi tas-servizzi pprovduti miċ-ċentri ta' fokus lill-intrapriżi u lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà, inkluża l-provvista ta' konsultazzjonijiet, ta' taħriġ, kif ukoll ta'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	soċjali		ċentri ta' fokus	fokus						attivitajiet ta' promozzjoni. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar it-tipi ta' servizzi, in-numru ta' servizzi pprovduti għal kull tip ta' servizz u s-servizzi pprovduti minn kull ċentru ta' fokus.
303	C11.I4: Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali	Objettiv Intermedju	L-iffirmar tal-kuntratti għar-rinnovazzjonijiet u għar-rinnovazzjoni tal-uffiċċji tal-antenna tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali	Il-kuntratti ffirmati				Q4	2023	L-għażla ta' kuntratturi għandha ssegwi proċeduri ta' akkwist pubbliku. Il-kuntratti għandhom ikopru: - xogħlijiet ta' rinnovazzjoni; - il-provvista, il-konsenja u l-installazzjoni ta' apparati tat-tisħin, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u ta' apparati għat-tlugħ tat-taraġ.
304	C11.I4: Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali	Mira	Numru ta' unitajiet territorjali tal-Aġenzija għall-Assistenza Soċjali rinnovati		Numru	0	181	Q2	2024	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 303), l-unitajiet tal-Aġenzija għall-Assistenza Soċjali għandhom jiġu rrinnovati. Barra minn hekk, għandhom jiġu installati apparati effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-unitajiet tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali, li ppreżentaw ostakli fiżiċi għall-aċċess għal persuni b'diżabilità qabel ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, għandhom ikunu soġġetti wkoll għall-konsenja u għall-installazzjoni ta' apparati għat-tlugħ tat-taraġ għall-persuni b'diżabilità.
305	C11.I5: Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-	Objettiv Intermedju	L-iffirmar ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-IT	Il-kuntratti ffirmati				Q3	2023	L-għażla ta' kuntratturi għandha ssegwi proċeduri ta' akkwist pubbliku. Il-kuntratti għandhom ikopru: - l-aġġornament tas-sistema ta' informazzjoni ta' Bażi ta'

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	Impjiegi		u tas-servizzi elettroniċi tal-Aġenzija tal-Impjiegi							*Data* Nazzjonali li tappoġġa s-servizzi sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż il-forniment ta' taħriġ għall-persunal tal-Aġenzija tal-Impjiegi għall-varar tagħha. Il-pjattaforma għandha tkun integrata bis-sħiħ mas-sistemi diġitali ta' aġenziji oħrajn, inkluż tal-Aġenzija għall-Assistenza Soċjali; - l-iżvilupp tal-pjattaforma tal-laboratorji għat-tqabbil diġitali, li għandha taqbel mal-profili ta' dawk li qed ifittxu impjieg ma' taħriġ u/jew ma' postijiet tax-xogħol vakanti permezz ta' algoritmu dedikat; - l-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-kumpass professjonali, li għandha telenka t-taħriġ għax-xogħol u l-postijiet tax-xogħol vakanti skont il-professjoni u/jew ir-reġjun u magħmula disponibbli għall-popolazzjoni Bulgara; - l-iżvilupp ulterjuri tal-flussi tax-xogħol diġitalizzati tal-Aġenzija. Dawn il-flussi tax-xogħol għandhom jinkludu l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ dwar is-suq tax-xogħol u tas-servizzi tal-Aġenzija dwar is-sussidji għall-impjiegi, il-proċeduri ta' taħriġ u ta' reġistrazzjoni għall-persuni li jfittxu impjieg.
306	C11.I5: Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Impjiegi	Objettiv Intermedju	Faċilitajiet tal-IT tal-Aġenzija tal-Impjiegi	Il-pjattaformi elettroniċi u s-servizzi elettroniċi żviluppati u disponibbli				Q4	2024	Wara l-iffirmar tal-kuntratti (l-objettiv intermedju nru 305), il-pjattaformi elettroniċi u s-servizzi elettroniċi għandhom jiġu żviluppati u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-Aġenzija tal-Impjiegi u, fejn rilevanti, għall-pubbliku, inklużi: - is-sistema ta' informazzjoni ta' Baži ta' *Data* Nazzjonali; - il-pjattaforma tal-laboratorji għat-tqabbil diġitali; - l-applikazzjoni tal-kumpass professjonali; - is-servizzi elettroniċi li jirriżultaw mill-iżvilupp ulterjuri tad-diġitalizzazzjoni tal-flussi ta' ħidma tal-Aġenzija.
307	C11.I6: L-iżvilupp tas-setturi	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni sekondarja li tindika d-dħul fis-seħħ				Q1	2023	L-emendi huma mistennijin iżidu l-effiċjenza u t-trasparenza tan-nefqa pubblika fuq il-kultura u għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	kulturali u kreattivi		leġiżlattiv tal-Fond Nazzjonali għall-Kultura	tal-emendi għall-qafas leġiżlattiv tal-Fond Nazzjonali għall-Kultura						- reviżjoni tal-istruttura tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni tal-fond; - mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-fond Barra minn hekk, għandha tiġi ppubblikata sistema elettronika għall-ġestjoni tal-proċessi amministrattivi tal-Fond Nazzjonali għall-Kultura.
308	C11.I6: L-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi	Mira	Appoġġ għall-kooperazzjoni kulturali Ewropea		Numru	0	203	Q4	2025	L-intrapriżi u l-awtointraprendituri tas-setturi kulturali u kreattivi għandhom jiġu pprovduti b'appoġġ għall-għotjiet wara t-tnedija tal-iskemi ta' għotjiet tal-Fond Kulturali Nazzjonali "Appoġġ għall-Kooperazzjoni Kulturali Ewropea"; L-għan tal-iskemi ta' għotjiet huwa li jrawmu l-parteċipazzjoni tal-produzzjonijiet tal-Bulgarija f'festivals internazzjonali u f'koproduzzjonijiet Ewropej; L-iskema ta' għotja għandha tinkludi żewġ sejħiet miftuħin għall-proposti f'erba' sessjonijiet. L-ammont tal-għotja taħt l-ewwel sejħa għandu jkun ta' bejn BGN 100 000 u BGN 500 000, b'kofinanzjament ta' 10 % mill-benefiċjarji. L-ammont tal-għotja taħt it-tieni sejħa għandu jkun ta' bejn BGN 70 000 u BGN 142 000, b'kofinanzjament ta' 10 % mill-benefiċjarji. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu bi proċeduri kompetittivi bbażati fuq kriterji predefiniti.
309	C11.I6: L-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi	Mira	Appoġġ għad-distribuzzjoni tal-kontenut kulturali		Numru	0	416	Q4	2025	L-intrapriżi u l-awtointraprendituri tas-setturi kulturali u kreattivi għandhom jiġu pprovduti b'appoġġ għall-għotjiet wara t-tnedija tal-iskemi ta' għotjiet tal-Fond Kulturali Nazzjonali "Appoġġ għall-Iżvilupp u għall-Aċċess għall-Udjenza". L-għan tal-iskemi ta' għotja huwa li jrawmu d-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-kontenut kulturali madwar it-territorju kollu. Dan huwa mistenni jinkludi preżentazzjonijiet li jistgħu jsiru wiċċ imb wiċċ jew online.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Għandhom jitnedew żewġ sejħiet għal proposti taħt il-programm. L-ammont tal-għotja taħt l-ewwel sejħa għandu jkun ta' bejn BGN 20 000 u BGN 120 000, b'kofinanzjament ta' 10 % mill-benefiċjarji. L-ammont tal-għotja taħt it-tieni sejħa għandu jkun ta' bejn BGN 6 000 u BGN 16 000, b'kofinanzjament ta' 10 % mill-benefiċjarji. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu bi proċeduri kompetittivi bbażati fuq kriterji predefiniti.
310	C11.I6: L-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi	Mira	Appoġġ għall-politiki kulturali tal-muniċipalitajiet tal-Bulgarija		Numru	0	82	Q4	2025	Il-muniċipalitajiet tal-Bulgarija għandhom jiġu pprovduti b'appoġġ għall-għotjiet wara t-tnedija tal-iskemi ta' għotja tal-Fond Kulturali Nazzjonali "Ġenerazzjoni Ġdida ta' Politiki Kulturali Lokali". L-iskema ta' għotjiet għandha l-għan li tiffinanzja miżuri mmirati lejn is-setturi kulturali u kreattivi tal-muniċipalitajiet tal-Bulgarija. Għandhom jitnedew żewġ sejħiet għal proposti taħt il-programm. L-ewwel sejħa għandha tkun immirata lejn muniċipalitajiet kbar u l-ammont tal-għotja għandu jkun ta' bejn BGN 500 000 u BGN 2 000 000, b'kofinanzjament ta' 50 % mill-benefiċjarji. It-tieni sejħa għandha tkun immirata lejn muniċipalitajiet żgħar u l-ammont tal-għotja għandu jkun ta' bejn BGN 100 000 u BGN 200 000, b'kofinanzjament ta' 25 % mill-benefiċjarji. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu bi proċeduri kompetittivi bbażati fuq kriterji predefiniti.
311	C11.I6: L-iżvilupp tas-setturi kulturali u	Mira	Persuni li jaħdmu fis-settur kulturali u kreattiv li		Numru	0	600	Q1	2025	Il-persuni li jaħdmu fis-setturi kulturali u kreattivi, li jinkludu s-setturi pubbliċi u privati, għandhom ilestu taħriġ. Is-sessjonijiet ta' taħriġ għandhom ikopru suġġetti rilevanti għall-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi, bħall-ġestjoni kulturali, l-intraprenditorija kulturali, l-iżvilupp tal-udjenza u l-użu tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi għall-objettivi intermedji	Indikaturi kwantitattivi għall-mira			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	kreattivi		lestew taħriġ							għodod diġitali għal avvenimenti kulturali.
312	C11.I7: Id-diġitalizzazzjoni tal-kollezzjonijiet tal-mużewijiet, tal-libreriji, u tal-arkivji	Objettiv Intermedju	L-istabbiliment ta' metodoloġija u ta' standards uniformi għad-diġitalizzazzjoni tal-kontenut	Il-pubblikazzjoni tal-metodoloġija u tal-istandards uniformi għad-diġitalizzazzjoni tal-kontenut				Q2	2023	Il-metodoloġija uniformi għandha tkopri d-dežinjazzjoni ta' koordinaturi nazzjonali u l-kriterji għall-prijoritizzazzjoni tal-kontenut kif ukoll ta' standards uniformi u aġġornati applikabbli għall-kontenut li għandu jiġi ddiġitalizzat. L-istandards uniformi għandhom japplikaw għad-diġitalizzazzjoni tal-kontenut tal-mużewijiet, tal-libreriji u tal-arkivji.
313	C11.I7: Id-diġitalizzazzjoni tal-kollezzjonijiet tal-mużewijiet, tal-libreriji, u tal-arkivji	Objettiv Intermedju	Pjattaforma elettronika dwar il-wirt kulturali	Pjattaforma elettronika dwar il-wirt kulturali żviluppata u disponibbli għall-pubbliku				Q4	2024	Il-pjattaforma elettronika dwar il-wirt kulturali għandha tipprovdi aċċess online għall-kontenut diġitali tal-mużewijiet, tal-libreriji u tal-Arkivji tal-Istat u tiġi integrata mal-portal tal-Kultura Elettronika tal-Ministeru tal-Kultura.
314	C11.I7: Id-diġitalizzazzjoni tal-kollezzjonijiet tal-mużewijiet, tal-libreriji, u tal-arkivji	Mira	Il-kontenut diġitalizzat disponibbli pubblikament fuq il-pjattaforma elettronika		Numru	0	43	Q2	2026	Il-kontenut diġitali ta' mill-inqas 28 mużew, 10 libreriji, u arkivji tal-Istat, inklużi l-Arkivji Nazzjonali tal-Films tal-Bulgarija, it-Televiżjoni Nazzjonali Bulgara, u r-Radju Nazzjonali Bulgara, l-Aġenzija tal-Aħbarijiet tal-Bulgarija, u l-Fond Nazzjonali għall-Arkivji, għandhom jiġu ppubblikati u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni pubblika online fuq il-pjattaforma elettronika dwar il-wirt kulturali (l-objettiv intermedju nru 313).

L. KOMPONENT NRU 12: IL-KURA TAS-SAĦĦA

Dan il-komponent tal-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jtejjeb il-forniment u d-disponibbiltà ta' servizzi tas-saħħa madwar il-Bulgarija. Jinkludi sitt riformi u seba' investimenti.

Il-komponent jinkludi investimenti fis-settur tas-saħħa madwar it-territorju kollu, inkluża l-modernizzazzjoni ta' parti mill-isptarijiet u mill-faċilitajiet mediċi li jipprovdu kura pedjatrika, onkololoġika jew psikjatrika.

Il-komponent jinkludi wkoll il-kostruzzjoni ta' unitajiet tal-kura outpatient, l-istabbiliment ta' sistema ta' ambulanza tal-ajru, kif ukoll miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa, inkluża d-distribuzzjoni ġeografika żbilanċjata tagħhom.

It-titjib tal-innovazzjoni tas-saħħa elettronika u diġitali fil-kura tas-saħħa għandu jiġi appoġġat mit-tlestija tal-implimentazzjoni tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa u mill-iżvilupp ta' pjattaforma għad-dijanjostika medika.

Barra minn hekk, il-komponent jintroduċi strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni li jirfdu l-investimenti. L-istrateġiji u l-pjanijiet nazzjonali jkopru wkoll tħassib rilevanti addizzjonali, inkluża l-edukazzjoni dwar is-saħħa fl-iskejjel u t-tixjiħ f'saħħtu.

Il-komponent jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż sabiex jiġu mmobilizzati riżorsi finanzjarji adegwati bl-għan li jissaħħu r-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa, u tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-ħaddiema tas-saħħa (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 1 tal-2020), kif ukoll sabiex jittejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' professjonisti tas-saħħa (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż nru 4 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma Nru 1 (C12.R1): It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa

L-objettiv tar-riforma huwa li tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa għax-xokkijiet, kif ukoll li jiżdied l-aċċess tal-popolazzjoni għall-kura tas-saħħa ta' kwalità u f'waqtha billi tiġi pprovduta l-bażi strateġika tal-investimenti u tar-riformi futuri u jiġu identifikati l-azzjonijiet rilevanti.

Ir-riforma għandha tinkludi l-adozzjoni ta' numru ta' strateġiji u ta' pjanijiet, jiġifieri:

- l-Istrateġija Nazzjonali tas-Saħħa 2021-2030, li għandha timmira li tindirizza l-isfidi strutturali eżistenti tas-settur tas-saħħa, inkluż in-nuqqas ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa fit-territorju kollu, billi tistabbilixxi l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi fuq perjodu ta' 10 snin;
- l-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali taċ-Ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030, li għandhom jipprovdu rakkomandazzjonijiet sabiex

titrawwem l-integrazzjoni ta' servizzi psikjattriċi f'servizzi bbażati fil-komunità u f'servizzi riċevuti d-dar (deistituzzjonalizzazzjoni), kif ukoll sabiex jiġu indirizzati l-problemi ewlenin li taffaċċja s-sistema tal-kura psikjatra fil-pajjiż, inklużi tagħmir u faċilitajiet qodma wisq kif ukoll nuqqasijiet fil-persunal;

- l-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa tat-Tfal u tal-Adoloxxenti u għall-Kura Pedjatrika fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030, li għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet immirati sabiex jissaħħu s-servizzi tal-kura tas-saħħa għat-tfal u għall-adolexxenti, li jibdew mit-tqala;
- l-Istrateġija Nazzjonali għall-Kura Ġerjatrika u għat-Tixjiħ f'Saħħtu fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030. L-istrateġija għandha tippromwovi sett komprensiv ta' rakkomandazzjonijiet immirati lejn is-saħħa u l-benesseri tal-persuni akbar fl-età, filwaqt li jitqiesu x-xejriet demografiċi reġjonali u d-disponibbiltà tas-servizzi, inkluż l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u soċjali.

L-adozzjoni ta' dawn l-istrateġiji għandha tkun ikkomplementata mill-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni ta' akkumpanjament għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jibnu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġiji sabiex jiddeskrivu l-miżuri, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom.

Ir-riforma tinkludi wkoll l-adozzjoni ta' dawn:

- il-Mappa Nazzjonali dwar il-Ħtiġijiet fit-Tul tas-Settur tal-Kura tas-Saħħa fil-Bulgarija, li għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif tiġi promossa distribuzzjoni bbilanċjata tas-servizzi tal-kura tas-saħħa fil-Bulgarija, fuq il-bażi ta' analiżi li tkopri l-faċilitajiet tas-saħħa f'kull reġjun;
- il-Pjan Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Kanċer fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2027, li għandu jiddeskrivi miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-inċidenza u l-mortalità tal-kanċer, filwaqt li jimmiraw l-attivitajiet ta' skrinjar għad-detezzjoni bikrija tal-kanċer, kif ukoll it-terapiji għat-trattament tal-kanċer;
- il-Pjan Nazzjonali għar-Ristrutturar tal-Kura fl-Isptar fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2027, li għandu jiddeskrivi miżuri għar-ristrutturar u għall-ottimizzazzjoni tal-organizzazzjoni tas-settur tal-isptarijiet u għat-titjib tal-aċċess għas-servizzi tal-isptarijiet tal-kura tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

<u>Riforma Nru 2 (C12.R2): L-iżvilupp tas-saħħa elettronika u tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa</u>

L-objettiv tar-riforma huwa li trawwem l-iżvilupp tas-Saħħa elettronika.

Ir-riforma tinkludi l-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Elettronika u għad-Diġitalizzazzjoni tas-Sistema tas-Saħħa 2021-2030, li għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar id-diġitalizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-servizzi tas-saħħa sabiex jiżdiedu l-effiċjenza u l-kopertura tas-Saħħa elettronika fil-Bulgarija. Għandu jiġi adottat ukoll pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi l-miżuri għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija.

Ir-riforma tinkludi wkoll aġġornament tal-qafas legali fil-pajjiż fir-rigward tas-Saħħa elettronika, dwar: it-telemediċina, inklużi t-teledijanjostika u t-telemonitoraġġ; it-termini u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' riċetta u għall-iddispensar ta' prodotti

mediċinali; l-istabbiliment u ż-żamma tar-rekords elettroniċi tas-saħħa taċ-ċittadini; kif ukoll il-proċessi ta' ħidma tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (NHIS).

Barra minn hekk, ir-riforma għandha tiffinalizza l-implimentazzjoni tal-NHIS, u b'hekk tistabbilixxi ambjent diġitali uniku għall-ġbir u għall-iskambju ta' informazzjoni medika.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma Nru 3 (C12.R3): It-titjib tal-attraenza tal-professjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-promozzjoni ta' distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar it-territorju

L-objettiv tar-riforma huwa li tindirizza n-nuqqas ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa u d-distribuzzjoni mhux uniformi tagħhom madwar il-pajjiż.

Ir-riforma għandha tinkludi l-iżvilupp, l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' pakkett leġiżlattiv u ta' azzjonijiet oħrajn, li għandhom: jippermettu lill-professjonisti mediċi, b'mod partikolari lill-infermiera u l-qwiebel, jistabbilixxu l-prattika tagħhom stess; jipprevedu r-rimborż mis-Sistema Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa għas-servizzi pprovduti mill-professjonisti mediċi, b'mod partikolari l-infermiera u l-qwiebel, fil-prattiki tagħhom; iżidu n-numru ta' postijiet fl-universitajiet għall-ispeċjalizzazzjonijiet fl-infermerija; jippromwovu distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, inkluż permezz tal-għoti ta' inċentivi finanzjarji ffinanzjati mill-Baġit tal-Istat u mill-Fondi Strutturali Ewropej; u jtejbu r-rappreżentanza tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-proċess ta' negozjar regolari mal-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma Nru 4 (C12.R4): Qafas strateġiku u pjan ta' azzjoni sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-kura tas-saħħa primarja u outpatient

L-objettiv tar-riforma huwa li tipprovdi l-bażi għat-tisħiħ tal-għoti ta' kura tas-saħħa primarja u outpatient madwar it-territorju kollu billi jiġu adottati strateġija nazzjonali u pjan ta' azzjoni relatat.

Ir-riforma għandha tinkludi l-adozzjoni ta' Strateġija Nazzjonali għat-Titjib tal-Aċċessibbiltà u tal-Kapaċità tal-Kura Primarja mhux fl-Isptar u għall-Iżgurar ta' Distribuzzjoni Territorjali Bilanċjata tal-Kura Medika u tal-Kura tas-Saħħa fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2027 u l-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha. L-istrateġija għandha tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bilanċjata tal-kura tas-saħħa primarja u outpatient fil-Bulgarija, filwaqt li l-pjan ta' azzjoni għandu jiddeskrivi l-miżuri li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma Nru 5 (C12.R5): Appoġġ għall-forniment imtejjeb ta' attivitajiet ta' skrinjar preventiv

L-objettiv tar-riforma huwa li tappoġġa l-effettività tal-forniment tal-kura tas-saħħa billi jiġi żviluppat pjan għall-promozzjoni tal-attivitajiet ta' skrinjar tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u tal-mard fit-territorju kollu tal-Bulgarija.

Ir-riforma għandha tinkludi l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp ta' Skrinjar Qabel it-Twelid u Neonatali Komprensiv għall-Mard Soċjo-Sinifikanti 2021-2027, li għandu jsostni l-istabbiliment ta' ċentri ta' skrinjar fit-territorju kollu, inkluż ta' Ċentru Interdixxiplinari Nazzjonali, previst skont l-investiment nru 7 "L-iżvilupp tal-kura outpatient".

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma Nru 6 (C12.R6): Pjan għal edukazzjoni moderna dwar is-saħħa fl-iskejjel

L-objettiv tar-riforma huwa li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-mard li jista' jiġi evitat permezz tal-għoti ta' edukazzjoni dwar il-kura tas-saħħa fl-iskejjel.

Ir-riforma tikkonsisti fl-iżvilupp u fl-adozzjoni ta' Pjan għall-Edukazzjoni dwar is-Saħħa fl-Iskejjel Bulgari 2021-2027. Il-pjan għandu jispeċifika miżuri li jippromwovu stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa fost l-istudenti fl-oqsma tas-saħħa riproduttiva, tan-nutrizzjoni u tal-konsum dannuż tal-alkoħol u ta' sustanzi psikoattivi oħrajn.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment Nru 1 (C12.I1): Il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isptarijiet

L-investiment jikkomplementa r-riforma nru 1 "It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa". L-objettiv tiegħu huwa li jtejjeb il-forniment ta' kura pedjatrika u onkololoġika.

L-investiment għandu jinkludi l-forniment ta' tagħmir lill-isptarijiet li jipprovdu kura pedjatrika u onkololoġika, kif ukoll l-istabbiliment ta' Ċentru Nazzjonali għar-Radazzjoni ta' Terapija bil-Protoni, b'enfasi fuq it-trattament tat-tfal bil-kanċer.

Il-faċilitajiet eżistenti li jipprovdu kura pedjatrika u/jew onkololoġika li jirċievu tagħmir u l-ħtiġijiet ta' tagħmir ta' kull faċilità għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Mappa Nazzjonali dwar il-ħtiġijiet fit-Tul tas-Settur tal-Kura tas-Saħħa, kif ukoll kriterji rilevanti oħrajn, b'mod partikolari permessi maħruġin għat-twettiq ta' ċerti attivitajiet, bħar-radjoterapija, fejn rilevanti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 2 (C12.I2): Ċentri għad-dijanjożi ta' intervent u għat-trattament endovaskulari ta' mard ċerebrovaskulari

L-objettiv tal-investiment huwa li jsaħħaħ il-forniment ta' kura tas-saħħa għal mard ċerebrovaskulari.

L-investiment għandu jistabbilixxi ċentri speċjalizzati fl-isptarijiet. Iċ-ċentri għandhom ikunu mgħammrin għad-dijanjożi ta' intervent u għat-trattament ta' mard ċerebrovaskulari.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 3 (C12.I3): Il-modernizzazzjoni tal-kura psikjatra

L-investiment jikkomplementa r-riforma nru 1 "It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa" u b'mod partikolari "L-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali taċ-Ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030" u l-pjan ta' azzjoni relatat. L-

objettiv tal-investiment huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet għall-pazjenti li jinżammu l-isptar, u li jittejbu t-tagħmir u l-infrastrutturi skaduti ta' xi faċilitajiet li jipprovdu kura psikjatrika.

Il-miżura tikkonsisti fir-rinnovazzjoni u fil-provvista tat-tagħmir tal-faċilitajiet li jipprovdu kura psikjatrika. Il-faċilitajiet li għandhom jiġu rrinnovati u jirċievu tagħmir kif ukoll il-ħtiġijiet ta' tagħmir ta' kull waħda minn dawk il-faċilitajiet għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet tal-faċilitajiet li jipprovdu kura psikjatrika.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment Nru 4 (C12.I4): L-istabbiliment ta' sistema ta' ambulanza tal-ajru

L-objettiv tal-investiment huwa li tiġi stabbilita sistema ta' ambulanza tal-ajru. Dan jinkludi x-xiri ta' ħelikopters sabiex jipprovdu assistenza medika ta' emerġenza, meta jkun meħtieġ trasport immedjat u rapidu, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' siti operazzjonali b'hangars għall-ħelikopters.

Din is-sistema ta' ambulanza tal-ajru għandha tipprovdi għat-trasport ta' persuni affettwati minn sitwazzjoni ta' emerġenza, ta' persunal mediku kif ukoll ta' provvisti mediċi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 5 (C12.I5): Pjattaforma diġitali nazzjonali għad-dijanjostika medika

L-objettiv tal-investiment huwa li jtejjeb id-dijanjostika medika.

L-investiment għandu jistabbilixxi pjattaforma diġitali għad-dijanjostika medika, li għandha trawwem id-dijanjostika diġitali fost l-ispeċjalitajiet mediċi billi tippermetti l-proċessar tad-*data* permezz ta' algoritmi vvalidati għall-apprendiment awtomatiku. Il-pjattaforma għandha tkun disponibbli għall-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, li jinkludu sptarijiet, kliniki, laboratorji u unitajiet tal-outpatient, u li qegħdin joperaw fl-oqsma tal-onkoloġija, tar-radjoloġija dijanjostika, tad-dermatoloġija u tal-patoloġija u għandhom jiġu integrati fis-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (NHIS), u b'hekk jikkomplementaw ir-riforma nru 2 "L-iżvilupp tas-saħħa elettronika u tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa".

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment Nru 6 (C12.I6): It-titjib tas-sistema nazzjonali ta' komunikazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-112

L-objettiv tal-investiment huwa li jsaħħaħ ir-rispons ta' emerġenza.

L-investiment jikkonsisti fl-iżvilupp ulterjuri tal-funzjonalitajiet tas-Sistema Nazzjonali 112. Dan għandu jinkludi ċ-ċentralizzazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza f'sistema unika ta' emerġenza, il-pjattaforma NextGen 112, bl-għan li jissaħħaħ in-network ta' rispons ta' emerġenza tan-Numru Uniku Ewropew 112 fit-territorju tal-Bulgarija. Il-miżura tinkludi wkoll reviżjonijiet għar-regolament rilevanti, li għandhom jiddeskrivu l-proċeduri u l-funzjonijiet operazzjonali tal-pjattaforma NextGen 112.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

Investiment Nru 7 (C12.I7): L-iżvilupp tal-kura outpatient

L-investiment jikkomplementa r-Riforma Nru 3 "It-titjib tal-attraenza tal-professjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-promozzjoni ta' distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa fit-territorju kollu", ir-Riforma Nru 4 "Iż-żieda tad-disponibbiltà tal-kura preventiva u outpatient", u r-Riforma Nru 5 "It-titjib tal-provvista ta' attivitajiet ta' skrinjar preventiv". L-objettiv tiegħu huwa li titrawwem il-kura preventiva u outpatient.

Jikkonsisti fil-bini jew fir-rinnovazzjoni ta' mill-inqas 300 unità medika tal-outpatient f'żoni b'servizz insuffiċjenti fil-Bulgarija u fl-istabbiliment ta' Ċentru Interdixxiplinari Nazzjonali. L-unitajiet tal-outpatient għandhom ikunu mgħammrin u tal-anqas professjonist mediku wieħed għandu jistabbilixxi prattika fl-unitajiet, sabiex jipprovdi servizzi tal-kura tas-saħħa.

Il-postijiet tal-unitajiet għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-Mappa Nazzjonali dwar il-ħtiġijiet fit-Tul tas-Settur tal-Kura tas-Saħħa u ta' kriterji rilevanti oħrajn, inkluża l-ħtieġa li jiġu koperti ż-żoni b'servizz l-inqas moqdijin, b'enfasi fuq l-oqsma mingħajr aċċess għall-kura tas-saħħa fi ħdan distanza raġonevoli, kif identifikati bl-użu tad-*data* miċ-Ċensiment u mill-Ministeru tas-Saħħa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L.2. Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
315	C12.R1: It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa	Objettiv Intermedju	Strateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali taċ-Ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030 u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija	L-adozzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q2	2021	L-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali taċ-Ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030 għandha tistabbilixxi l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi fuq perjodu ta' għaxar snin u tipprovdi rakkomandazzjonijiet li jkopru: - l-integrazzjoni tal-kura psikjatrika fil-forniment ta' servizzi bbażati fil-komunità u fid-dar (deistituzzjonalizzazzjoni) għal persuni li jbatu minn mard mentali u minn disturbi tal-ikel; - nuqqas ta' persunal li jaħdem fil-qasam tas-saħħa mentali; - il-ħtiġijiet ta' rinnovazzjoni tal-faċilitajiet li jipprovdu kura psikjatrika. Il-pjan ta' azzjoni għandu jifformula miżuri u azzjonijiet, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija.
316	C12.R1: It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa	Objettiv Intermedju	Mappa Nazzjonali tal-Ħtiġijiet fit-Tul tas-Settur tal-Kura tas-Saħħa	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q3	2022	Il-Mappa Nazzjonali tal-Ħtiġijiet fit-Tul għas-Settur tal-Kura tas-Saħħa għandha tinkludi analiżi dwar il-ħtiġijiet tas-sistema tal-kura tas-saħħa fit-territorju kollu tal-Bulgarija. L-analiżi għandha tkopri: - id-disponibbiltà ta' kura fl-isptar u outpatient madwar it-territorju; - il-ħtieġa għal faċilitajiet ġodda tal-kura tas-saħħa, inklużi faċilitajiet tal-kura outpatient; - nuqqas ta' professjonisti mediċi; - il-ħtiġijiet ta' rinnovazzjoni u ta' tagħmir tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, inklużi l-faċilitajiet tal-kura outpatient; - informazzjoni rilevanti dwar il-muniċipalitajiet tal-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										Bulgarija inkluži l-karatteristiċi demografiċi tal-popolazzjoni; il-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa; kif ukoll ir-rati ta' morbidità u ta' mortalità. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-mappa għandha tipprovdi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tiġi promossa distribuzzjoni bilanċjata tas-servizzi tas-saħħa fil-Bulgarija.
317	C12.R1: It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa	Objettiv Intermedju	L-Istrateġija Nazzjonali tas-Saħħa 2021-2030 u l-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija	L-adozzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q3	2022	L-Istrateġija Nazzjonali tas-Saħħa 2021-2030 għandha tistabbilixxi l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi fuq perjodu ta' għaxar snin u tipprovdi rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali eżistenti tas-sistema tas-saħħa. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jindirizzaw: - żbilanċi reġjonali fil-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa; - l-allokazzjoni ta' servizzi bejn il-kura fl-isptar u outpatient, li jikkonċernaw il-prevenzjoni, l-attivitajiet ta' riabilitazzjoni, kif ukoll il-kura fit-tul; - l-iżvilupp ta' indikaturi tal-prestazzjoni sabiex jiġu evalwati l-provvista tas-servizz u l-ġestjoni tiegħu; - in-nuqqas u d-distribuzzjoni tal-professjonisti tas-saħħa fuq il-bażi tal-analiżi fil-Mappa Nazzjonali (l-objettiv intermedju nru 316). Il-pjan ta' azzjoni għandu jifformula miżuri u azzjonijiet, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija.
318	C12.R1: It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur	Objettiv Intermedju	Strateġija Nazzjonali għas-Saħħa tat-Tfal u tal-Adoloxxenti u għall-	L-adozzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni				Q4	2022	L-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa tat-Tfal u tal-Adoloxxenti u għall-Kura Pedjatrika fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030 għandha tistabbilixxi l-għanijiet u l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tal-kura tas-saħħa		Kura Pedjatrika fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030 u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija	mill-Kunsill tal-Ministri						prijoritajiet strateġiċi fuq perjodu ta' għaxar snin u tipprovdi rakkomandazzjonijiet li jkopru: - l-aċċessibbiltà tad-dijanjożi u tat-trattamenti mmirati lejn it-tfal u l-adolexxenti, inkluż tagħmir mediku pedjatriku speċjalizzat fil-faċilitajiet tas-saħħa; - inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' prevenzjoni, inkluż għall-ġenituri u fir-rigward tat-tqala; - il-kura reġjonali tal-patroċinju u l-provvista ta' servizzi tas-saħħa ta' konsulenza. Il-pjan ta' azzjoni għandu jifformula miżuri u azzjonijiet, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija.
319	C12.R1: It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa	Objettiv Intermedju	Pjan Nazzjonali għall-Ġlieda Kontra l-Kanċer fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2027	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q4	2022	Il-Pjan Nazzjonali għall-Ġlieda Kontra l-Kanċer fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2027 għandu jiddeskrivi miżuri sabiex jittejbu: - id-detezzjoni bikrija tal-kanċer permezz ta' attivitajiet ta' skrinjar; - id-disponibbiltà u l-akkuratezza tad-dijanjożi tal-kanċer; - l-aċċess għat-trattamenti u l-effettività tagħhom; - il-benesseri tal-pazjenti bil-kanċer u tas-superstiti tal-kanċer.
320	C12.R1: It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa	Objettiv Intermedju	Strateġija Nazzjonali għall-Kura Ġerjatrika u għat-Tixjiħ f'Saħħtu fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030 u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija	L-adozzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q1	2023	L-Istrateġija Nazzjonali għall-Kura Ġerjatrika u għat-Tixjiħ f'Saħħtu fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2030 għandha tistabbilixxi l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi matul perjodu ta' għaxar snin u tipprovdi rakkomandazzjonijiet li jkopru: - l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u soċjali għall-persuni akbar fl-età; - l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-persuni akbar fl-età; - attivitajiet li jippromwovu t-tixjiħ f'saħħtu u l-

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
										għajxien indipendenti tal-persuni akbar fl-età, inklużi offerti ta' assistenza u ta' konsulenza mmirati. Il-pjan ta' azzjoni għandu jifformula miżuri u azzjonijiet, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija.
321	C12.R2: L-iżvilupp tas-saħħa elettronika u tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas regolatorju tas-Saħħa elettronika	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-qafas regolatorju tas-Saħħa elettronika				Q4	2022	L-emendi għall-qafas regolatorju tas-Saħħa elettronika għandhom jiżviluppaw aktar aċċess għas-servizzi tas-Saħħa elettronika billi jintroduċu l-bażi ġuridika għal: - ir-riċetti u l-iddispensar online tal-prodotti mediċinali; - it-telemediċina, inklużi t-teledijanjostika u t-telemonitoraġġ; - ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni medika permezz ta' rekords elettroniċi tas-saħħa u l-manutenzjoni tagħhom. L-emendi għandhom jinkludu wkoll l-organizzazzjoni tal-proċessi ta' ħidma tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (NHIS).
322	C12.R2: L-iżvilupp tas-saħħa elettronika u tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa	Objettiv Intermedju	Aġġornament tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (NHIS)	Il-pubblikazzjoni tal-moduli aġġornati u ġodda fuq is-sit web tal-NHIS				Q2	2023	L-aġġornament tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (NHIS) għandu jespandi l-funzjonalitajiet tas-sistema billi jintegra fl-NHIS numru ta' servizzi amministrattivi u ta' reġistri operazzjonali, kif ukoll moduli addizzjonali li jkopru: - ir-rekords mediċi elettroniċi taċ-ċittadini; - il-moduli tar-riċetti elettroniċi u tar-riferimenti elettroniċi; - sistema għall-ġbir tad-*data* mill-isptarijiet.
323	C12.R3: It-titjib tal-attraenza tal-professjonijiet	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' ordinanza sabiex jiġi stabbilit il-Fond	Dispożizzjoni fl-ordinanza li tindika d-dħul				Q1	2023	L-ordinanza għandha tistabbilixxi formalment il-Fond Nazzjonali sabiex tippromwovi distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar il-pajjiż.

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tal-kura tas-saħħa u l-promozzjoni ta' distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar it-territorju		Nazzjonali għall-promozzjoni ta' distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar il-pajjiż	fis-seħħ tal-ordinanza li tistabbilixxi l-Fond Nazzjonali						L-ordinanza għandha: - tispeċifika li l-fond għandu jipprovdi introjtu addizzjonali ta' kull xahar għall-infermiera u għall-professjonisti mediċi li jaħdmu f'insedjamenti remoti; - tistabbilixxi l-metodoloġija sabiex jiġi kkalkolat l-introjtu addizzjonali ta' kull xahar għall-infermiera u għall-professjonisti mediċi li jaħdmu f'żoni remoti, li għandu jitħallas mill-baġit nazzjonali. Il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq numru ta' fatturi, inkluż l-introjtu medju jew medjan tal-infermiera u tal-professjonisti mediċi fil-pajjiż, il-lokalità fejn jinsab il-post tax-xogħol tal-professjonisti mediċi u l-kwalifika professjonali tal-professjonisti mediċi; - jispeċifika x-xahar u s-sena li fihom l-infermiera u l-professjonisti mediċi li jaħdmu f'żoni remoti għandhom jibdew ikunu intitolati għall-kumpens addizzjonali mill-fond. Dan ma għandux ikun aktar tard mill-01.04.2023
324	C12.R3: It-titjib tal-attraenza tal-professjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-promozzjoni ta' distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar it-territorju	Objettiv Intermedju	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għal-liġijiet u għal-leġiżlazzjoni sekondarja sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u tiġi promossa distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar il-	Dispożizzjonijiet fil-liġijiet li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-liġijiet u għal-leġiżlazzjoni sekondarja				Q1	2023	L-emendi għal-liġijiet u għar-regolamenti sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet għandhom jippromwovu distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar il-pajjiż u għandhom: - jintroduċu metodoloġija għad-determinazzjoni tan-numru ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa, speċjalment infermiera, meħtieġa fil-faċilitajiet differenti tal-kura tas-saħħa; - ineħħu t-tariffi universitarji għall-istudenti tal-mediċina billi jaġġornaw il-lista ta' kwalifiki

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			pajjiż kollu							professjonali protetti skont l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja; - itejbu r-remunerazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa billi jintroduċu standard ta' paga għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, billi jorbtu s-salarji tagħhom mal-livell ta' kwalifika tagħhom; - joffru boroż ta' studju ffinanzjati mill-Istat għat-taħriġ tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li jieħdu impenn sabiex jaħdmu f'qasam b'aċċess limitat għall-kura tas-saħħa; - jissimplifikaw il-proċess ta' approvazzjoni għall-istabbilimenti mediċi sabiex jipprovdu taħriġ għall-istudenti mediċi; - ikopru l-kostijiet tal-istudji għall-istudenti li jkunu kkonkludew kuntratti ma' impjegatur; - jintroduċu l-possibbiltà għall-infermiera u għal professjonisti mediċi oħrajn li jistabbilixxu l-prattika tagħhom stess; - jemendaw l-Att dwar l-Assigurazzjoni tas-Saħħa sabiex jinkludi l-organizzazzjoni professjonali tal-infermiera, tal-qwiebel u tal-professjonisti tas-saħħa assoċjati fil-proċess ta' negozjar regolari mal-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (NHIF); - jespandu l-pakkett ta' attivitajiet ta' kura outpatient ffinanzjati mill-NHIF sabiex jiġi żgurat li s-servizzi mediċi pprovduti minn professjonisti mediċi permezz tal-prattika privata tagħhom stess jiġu rrimborżati mill-NHIF.
325	C12.R3: It-titjib tal-attraenza	Mira	In-numru ta' postijiet għall-		Numru	770	850	Q2	2026	Għas-sena akkademika 2025-2026, l-universitajiet għandhom joffru tal-anqas 850 post fi

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
	tal-professjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-promozzjoni ta' distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar it-territorju		ispeċjalizzazzjonijiet tal-infermerija fl-universitajiet							speċjalizzazzjonijiet tal-infermerija meta mqabbla ma' 770 post offrut għas-sena akkademika 2021-2022. Iż-żieda fin-numru ta' postijiet offruti mill-universitajiet hija mistennija tiġi implimentata gradwalment matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u t-30 ta' Ġunju 2026.
326	C12.R4: Qafas strateġiku u pjan sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-kura primarja u outpatient	Objettiv Intermedju	Strateġija Nazzjonali għat-Titjib tal-Aċċessibbiltà u tal-Kapaċità tal-Kura Primarja mhux fl-Isptar u għall-Iżgurar ta' Distribuzzjoni Territorjali Bilanċjata tal-Kura Medika u tal-Kura tas-Saħħa fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2027 u l-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija	L-adozzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q1	2023	L-Istrateġija Nazzjonali għat-Titjib tal-Aċċessibbiltà u tal-Kapaċità tal-Kura Primarja mhux fl-Isptar u għall-Iżgurar ta' Distribuzzjoni Territorjali Bilanċjata tal-Kura Medika u tal-Kura tas-Saħħa fir-Repubblika tal-Bulgarija 2021-2027 għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet li jkopru: - id-disponibbiltà u l-aċċess għall-kura outpatient primarja; - is-servizzi mediċi li jistgħu jiġu pprovduti fil-kura outpatient; - żbilanċi reġjonali fil-forniment ta' kura tas-saħħa outpatient primarja. Il-pjan ta' azzjoni għandu jifformula miżuri u azzjonijiet, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija.
327	C12.R5: Appoġġ għall-forniment imtejjeb ta' attivitajiet ta' skrinjar preventiv	Objettiv Intermedju	Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Iskrinjar ta' Qabel it-Twelid u Neonatali Komprensiv u l-Iskrinjar ta' Mard Soċjo-Sinifikanti 2021-	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q1	2023	Il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Iskrinjar ta' Qabel it-Twelid u Neonatali Komprensiv u l-Iskrinjar ta' Mard Soċjo-Sinifikanti 2021-2027 għandu jiddefinixxi miżuri għal: - l-istabbiliment ta' Ċentru Interdixxiplinari Nazzjonali għall-Programmi ta' Skrinjar għal mard

Nru Sek	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Xenarju ta' referenza	Għan	Trimestru	Sena	
			2027							soċjalment sinifikanti; - l-iżvilupp ta' network ta' unitajiet tal-outpatient li jipprovdu attivitajiet ta' skrinjar fit-territorju kollu tal-Bulgarija.
328	C12.R6: Pjan għal edukazzjoni moderna dwar is-saħħa fl-iskejjel	Objettiv Intermedju	Pjan Nazzjonali għall-Edukazzjoni dwar is-Saħħa fl-Iskejjel Bulgari 2021-2027	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri				Q4	2022	Il-Pjan Nazzjonali għall-Edukazzjoni dwar is-Saħħa fl-Iskejjel Bulgari 2021-2027 għandu jispeċifika miżuri sabiex titrawwem l-edukazzjoni dwar is-saħħa fl-iskejjel, li jkopru suġġetti bħas-saħħa riproduttiva, in-nutrizzjoni u l-konsum dannuż tal-alkoħol u ta' sustanzi psikoattivi oħrajn.
